


# "Jien għallimtkom dak li tgħallimt jien"

(1 Kor 15,3)

Sussidju Pastorali għar-Randan

2013

# “Jien għallimtkom dak li tgħallimt jien”

## (1 Kor 15,3)

**Sussidju Pastorali għar-Randan**

**Segreterija Pastorali**
**Djoċesi ta’ Għawdex**
**2013**

# DAĦLA



Fl-ittra appostolika *Porta Fidei*, li biha nieda s-Sena tal-Fidi, il-Papa Benedittu XVI jurina kif l-esperjenza tal-fidi tagħna titlaq minn Ġesù u tiġi mgħoddija minn persuna għal oħra, minn ġenerazzjoni għal oħra matul iż-żmien: «Bil-ħila tal-fidi tagħhom l-Appostli ħallew kollox warajhom biex jimxu wara l-Imgħallem (ara *Mk* 10,28). Huma emmnu fil-kliem li bih ħabbar li s-Saltna t'Alla waslet u li twettqet fil-persuna tiegħu (ara *Lq* 11,20). Huma għexu lkoll flimkien ħaġa waħda mal-ħajja ta' Ġesù li kien **jgħaddilhom it-tagħlim tiegħu** u li ħallielhom regola ġdida ta' ħajja li biha wara mewtu kellhom jingħarfu bħala dixxipli (ara *Ġw* 13,34-35). Bil-ħila tal-fidi marru fid-dinja kollha, u **wasslu l-Evanġelju lil kull bniedem** (ara *Mk* 16,15) u, bla ebda biża' ta' xejn, **ħabbru** lil kulħadd il-ferħ tal-qawmien mill-mewt li tiegħu kienu **xhieda fidili**.» (n.13) Fil-bidu tas-Sena tal-Fidi, f'Ottubru li għadda, ġie ċċelebrat is-Sinodu tal-Isqfijiet bit-tema "L-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida għat-trażmissjoni tal-fidi Nisranija". L-evanġelizzazzjoni hi l-identità u l-missjoni tal-Knisja f'kull żmien u f'kull post.

F'rabta ma' din il-ġrajja, xtaqna li s-sussidju tar-Randan ikun strument żgħir f'din l-esperjenza kbira tal-Knisja li tittrażmetti l-fidi minn ġenerazzjoni għal oħra. It-titlu tas-sussidju – "Jien għallimtkom dak li tgħallimt jien" (1 Kor 15,3) – hu sinteżi tal-ħidma ta' San Pawl favur ix-xandir u t-trażmissjoni ħajja tal-Vanġelu. L-ikona ta' Kristu Mgħallem, bil-ktieb tal-Vanġelu f'idejh, trid turi li kull esperjenza tal-Knisja u fil-Knisja titlaq minn Kristu u tasal għandu. Il-ħidma tal-operaturi pastorali, speċjalment matul ir-Randan, tkompli twettaq b'mod ħaj l-esperjenza tat-"Tradizzjoni" fil-Knisja, jiġifieri tat-trażmissjoni tal-fidi minn ġenerazzjoni għal oħra.

Nixtieq nirringrazzja lill-kontributuri kollha li offew ħafna ħin u xogħol biex inġabar dan il-materjal. Nirringrazzja wkoll lil Francesco Pio Attard u Carm Cachia għad-disponibbiltà tagħhom biex jikkoreġu l-ortografija ta' diversi kontribuzzjonijiet. Minħabba nuqqas ta' żmien, ma rnexxilniex induru l-ortografija tal-artikli kollha. Ta' dan jiddispjaċina.

Nixtieq niddedika dan is-sussidju lill-Papa Benedittu XVI. Il-Mulej ikompli jieqaf miegħu u mal-Knisja, biex il-ġrajja tal-fidi li aħna nistqarru tkompli tgħaddi bla mittiefsa ħalli ssawwar dejjem dixxipli ġodda.

**Dun Giovanni Curmi**
*Segretarju Pastorali*

# THABBIRA TAR-RANDAN

## 1. MESSAĠĠ TAL-Q.T. BENEDITTU XVI GĦAR-RANDAN 2013

***Jekk nemmnu fl-imħabba, ngħixu l-imħabba***
***"Aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminnieha"* (1 Ġw 4:16)**

Għeżież ħuti,

Iċ-ċelebrazzjoni tar-Randan, fil-kuntest tas-Sena tal-Fidi, toffrilna okkażjoni prezzjuża biex nimmeditaw fuq ir-rabta bejn fidi u mħabba: bejn li nemmnu f'Alla, f'Alla ta' Ġesù Kristu, u l-imħabba, li hi l-frott ta' l-għemil ta' l-Ispirtu s-Santu u teħodna f'mixja ta' għotja lil Alla u lil xulxin.

**1. Il-fidi bħala tweġiba għall-imħabba ta' Alla**
Diġà fl-ewwel Enċiklika tiegħi qsamt xi riflessjonijiet biex nuri r-rabta qawwija li hemm bejn dawn iż-żewġ virtujiet teologali, il-fidi u l-imħabba. Tlaqt mill-istqarrija fundamentali ta' l-Appostlu Ġwanni: "Aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminnieha" (1 Ġw 4:16), biex fakkart li "bħala bidu għall-eżistenza Nisranija m'hemmx xi deċiżjoni etika jew xi idea għolja, iżda hemm il-laqgħa ma' ġrajja, ma' Persuna, li tagħti lill-ħajja orizzont ġdid u direzzjoni deċiżiva… Billi Alla kien li ħabbna l-ewwel (ara 1 Ġw 4:10), issa l-imħabba m'hix aktar 'kmandament' biss, iżda hija t-tweġiba għar-rigal ta' l-imħabba, li bih Alla joqrob lejna" (*Deus caritas est*, 1). Il-fidi hi dik l-adeżjoni personali – li tinkludi l-fakultajiet kollha tagħna – għar-rivelazzjoni ta' l-imħabba gratwita u "passjonali" li Alla għandu għalina, li tidher b'mod sħiħ f'Ġesù Kristu. Il-laqgħa ma' Alla Mħabba ssejjaħ lejh mhux biss lill-qalb, imma l-intellett ukoll: "L-għarfien ta' Alla ħaj huwa triq waħda lejn l-imħabba, u l-iva tar-rieda tagħna lir-rieda tiegħu tgħaqqad id-dehen, ir-rieda u l-għożża f'att ta' mħabba li jiġbor kollox fih. Iżda dan il-proċess jibqa' sejjer bla waqfien: l-imħabba qatt ma tintemm u tkun perfetta" (ibid., 17). Minn hawn ġejja għall-Insara kollha, u b'mod partikulari għall-"operaturi tal-karità", il-ħtieġa tal-fidi, ta' dik il-"laqgħa ma' Alla fi Kristu li tqajjem fihom l-imħabba u tiftaħ il-qalb tagħhom lejn l-oħrajn, biex hekk l-imħabba ma tkunx għalihom kmandament impost, biex ngħidu hekk, minn barra, iżda konsegwenza ħierġa mill-fidi li taħdem bl-imħabba" (ibid., 31a). In-Nisrani hu persuna mirbuħa mill-imħabba ta' Kristu u għalhekk, imqanqal minn din l-imħabba – *"caritas Christi urget nos"* (2 Kor 5:14) –, hu miftuħ b'mod profond u konkret għall-imħabba lejn il-proxxmu (ara ibid., 33). Din l-imġiba titnissel qabel xejn mill-għarfien li aħna maħbuba, maħfura, u saħansitra moqdija mill-Mulej, li jitbaxxa biex jaħsel riġeljn l-Appostli u joffri lilu nnifsu fuq is-salib ħalli jiġbed lill-bnedmin lejn l-imħabba ta' Alla.

"Il-fidi turina 'l Alla li ta 'l Ibnu għalina u jsaħħaħ fina ċ-ċertezza rebbieħa li dan huwa kollu kemm hu minnu: Alla huwa mħabba!… Il-fidi li tagħraf l-imħabba ta' Alla rrivelata sa fil-qalb ta' Ġesù minfuda fuq is-salib, tqanqal l-imħabba. L-imħabba hija dawl – u d-dawl waħdieni – li jdawwal mill-ġdid dinja mdallma u jagħti l-kuraġġ biex wieħed jgħix u jkompli jaħdem" (ibid., 39). Dan kollu jgħinna nifhmu kif l-imġiba prinċipali li tiddistingwi lill-Insara hi sewwa sew "l-imħabba mibnija fuq il-fidi u mfassla fuqha" (ibid., 7).

**2. L-imħabba bħala ħajja fil-fidi**
Il-ħajja Nisranija kollha hi tweġiba għall-imħabba ta' Alla. L-ewwel tweġiba hi appuntu l-fidi, fejn aħna nilqgħu b'mod sħiħ, mimlija għoġba u gratitudni, din l-inizjattiva divina li qatt qabel ma

deher bħalha, li timxi qabilna u ssejħilna. U l-"iva" tal-fidi timmarka l-bidu ta' storja kollha dawl ta' ħbiberija mal-Mulej, li timliena u tagħti sens sħiħ lill-eżistenza kollha tagħna. Imma Alla ma jikkuntentax ruħu b'li aħna nilqgħu l-imħabba gratwita tiegħu. Hu ma jillimitax ruħu għall-fatt li jħobbna, imma jrid jiġbidna lejh, jibdilna b'mod hekk profond li jwassalna biex ma' San Pawl ngħidu: Ngħix, imma mhux iżjed jien, imma jgħix fija Kristu (ara Gal 2:20).

Meta aħna nagħtu spazju lill-imħabba ta' Alla, insiru bħalu, nieħdu sehem mill-istess imħabbtu. Li ninfetħu għal imħabbtu jfisser li nħalluh jgħix fina u dan iwasallna biex inħobbu miegħu, fih u bħalu; hemm biss il-fidi tagħna tibda tassew "taħdem permezz ta' l-imħabba" (Gal 5:6) u hu jagħmel l-għamara tiegħu fina (ara 1 Ġw 4:12).

Il-fidi hi li nagħrfu l-verità u noqogħdu għaliha (ara 1 Tim 2:4); l-imħabba hi "li nimxu" fil-verità (ara Efes 4:15). Bil-fidi nidħlu fil-ħbiberija mal-Mulej; bl-imħabba nkunu ngħixu u nrawmu din il-ħbiberija (ara Ġw 15:14s). Il-fidi tgħinna nilqgħu l-kmandament tal-Mulej u Mgħallem tagħna; l-imħabba tagħtina l-ferħ li nistgħu nqiegħduh fil-prattika (ara Ġw 13:13-17). Fil-fidi aħna niġu mnissla bħala wlied Alla (ara Ġw 1:12s); l-imħabba tgħinna nipperseveraw konkretement f'dan l-istat ta' wlied Alla, biex nagħmlu l-frott ta' l-Ispirtu s-Santu (ara Gal 5:22). Il-fidi turina d-doni li Alla, fit-tjieba u l-ħniena tiegħu, jafdalna; l-imħabba tkattarhom iżjed (ara Mt 25:14-30).

**3. Ir-rabta indissolubbli bejn fidi u mħabba**

Fid-dawl ta' dak li għidna s'issa, joħroġ ċar li ma nistgħu qatt nifirdu jew, saħansitra, inqiegħdu kontra xulxin il-fidi u l-imħabba. Dawn iż-żewġ virtujiet teologali huma intimament magħquda, u kull kuntrast jew "djalettika" bejniethom huma qarrieqa. Minn naħa, fil-fatt, hi restrittiva wisq l-imġiba ta' min iqiegħed b'mod daqshekk qawwi l-aċċent fuq il-prijorità u n-natura deċiżiva tal-fidi, b'mod li jbaxxi u kważi jiddisprezza l-għemejjel konkreti ta' l-imħabba u jirriduċiha għal umanitarjaniżmu ġeneriku. Min-naħa l-oħra, imma, daqshekk ieħor ikun qed jirrestrinġi min isostni supremazija esaġerata ta' l-imħabba u ta' l-opri tagħha, u jaħseb li l-għemejjel jistgħu jieħdu post il-fidi. Biex ikun hemm ħajja spiritwali b'saħħitha, hu meħtieġ li nevitaw kemm il-fideiżmu u kemm l-attiviżmu moralista.

L-eżistenza Nisranija tikkonsisti f'li kontinwament nitilgħu fuq il-muntanja fejn niltaqgħu ma' Alla, biex imbagħad ninżlu mill-ġdid u nwasslu l-imħabba u l-qawwa li ġejjin minnu, b'mod li naqdu lil ħutna bl-istess imħabba ta' Alla. Fl-Iskrittura Mqaddsa naraw kif iż-żelu ta' l-Appostli għax-xandir tal-Vanġelu mqanqal mill-fidi hu strettament marbut ma' l-attenzjoni karitatevoli lejn is-servizz tal-foqra (ara Atti 6:1-4). Fil-Knisja, kontemplazzjoni u azzjoni, issimbolizzati sa ċertu punt mill-figuri evanġeliċi ta' l-aħwa Marija u Marta, għandhom jeżistu flimkien u jintegraw ruħhom f'xulxin (ara Lq 10:38-42). Il-prijorità tingħata dejjem lir-relazzjoni ma' Alla u l-vera kondiviżjoni evanġelika għandu jkollha għeruqha fil-fidi (ara *Katekeżi fl-Udjenza ġenerali* tal-25 ta' April 2012). Xi drabi, fil-fatt, teżisti t-tendenza li t-terminu "karità" nillimitawh għas-solidarjetà jew sempliċement għall-għajnuna umanitarja. Imma hu importanti niftakru li l-akbar opra ta' karità hi sewwa sew l-evanġelizzazzjoni, jew aħjar is-"servizz tal-Kelma". M'hemmx azzjoni ta' ġid ikbar, u għalhekk karitatevoli, li nistgħu nagħmlu mal-proxxmu tagħna minn dik li naqsmu miegħu l-ħobż tal-Kelma ta' Alla, nagħtuh sehem fil-Bxara t-Tajba tal-Vanġelu, nintroduċuh għal relazzjoni ma' Alla: l-evanġelizzazzjoni hi l-promozzjoni l-aktar għolja u sħiħa tal-persuna umana. Kif jikteb il-Qaddej ta' Alla l-Papa Pawlu VI fl-Enċiklika *Populorum progressio*, hi t-tħabbira ta' Kristu l-ewwel fattur ewlieni ta' l-iżvilupp (ara nru 16). Hija l-verità oriġinarja ta' l-imħabba ta' Alla għalina, megħjuxa u mħabbra, li lill-eżistenza tagħna tiftaħha biex tista' tilqa' din l-imħabba u tagħmel possibbli l-iżvilupp sħiħ ta' l-umanità u ta' kull bniedem (ara Enċ. *Caritas in veritate*, 8).

Fis-sustanza, kollox jitlaq mill-Imħabba u jwassal għall-Imħabba. L-imħabba li Alla tana b'xejn sirna nafuha permezz tat-tħabbira tal-Vanġelu. Jekk nilqgħuh bil-fidi, nirċievu dak l-ewwel kuntatt indispensabbli mad-divin li kapaċi jġagħilna "ninnamraw ma' l-Imħabba", biex imbagħad nistgħu ngħixu u nikbru f'din l-Imħabba u nwassluha bil-ferħ lill-oħrajn.
Rigward ir-rabta bejn fidi u għemejjel ta' karità, forsi din l-espressjoni mill-Ittra ta' San Pawl lill-Efesin tiġbor bl-aħjar mod il-korrelazzjoni bejniethom: "Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi; u dan mhux bis-saħħa tagħkom, imma b'don ta' Alla; mhux bl-opri, biex ħadd ma jiftaħar. Aħna ħolqien tiegħu, maħluqa fi Kristu Ġesù biex nagħmlu l-opri tajba li Alla ħejjielna minn qabel li għandna nagħmlu" (2:8-10). Hawn wieħed jifhem li l-inizjattiva salvifika kollha kemm hi ġejja minn Alla, mill-Grazzja tiegħu, mill-maħfra tiegħu milqugħa bil-fidi; imma din l-inizjattiva, mhux talli ma tillimitax il-libertà u r-responsabbiltà tagħna, imma talli tagħmilhom awtentiċi u torjentahom lejn l-għemejjel tal-karità. Dawn m'humiex prinċipalment frott ta' l-isforz uman, li bih nistgħu b'xi mod nitkabbru, imma ġejjin mill-fidi nfisha, inixxu mill-Grazzja li Alla joffri b'abbundanza. Fidi mingħajr għemil hi bħal siġra bla frott: dawn iż-żewġ virtujiet jitolbu lil xulxin b'mod reċiproku. Ir-Randan, bil-prattiki tradizzjonali tal-ħajja Nisranija, jistedinna propju biex inrawmu l-fidi permezz tas-smigħ aktar attent u fit-tul tal-Kelma ta' Alla u s-sehem tagħna fis-Sagramenti, u, fl-istess ħin, biex nikbru fil-karità, fl-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu, anki permezz ta' l-għajnuniet konkreti tas-sawm, tal-penitenza u tal-karità.

**4. Prijorità tal-fidi, primat ta' l-imħabba**
Bħal kull don ta' Alla, fidi u mħabba jwassluna t-tnejn għall-azzjoni ta' l-uniku u l-istess Spirtu s-Santu (ara 1 Kor 13), dak l-Ispirtu li jgħajjat fina "Abbà! Missier!" (Gal 4:6), u li jġagħilna ngħidu: "Ġesù hu l-Mulej!" (1 Kor 12:3) u *"Maranatha!"* (1 Kor 16:22; Apok 22:20).

Il-fidi, don u tweġiba, turina l-verità ta' Kristu bħala Mħabba inkarnata u misluba, li twaħħdet b'mod sħiħ u perfett mar-rieda tal-Missier u l-ħniena divina bla tmiem lejn il-proxxmu; il-fidi tiżra' fil-qalb u fil-moħħ il-konvinzjoni qawwija li din l-Imħabba hi l-unika realtà li tista' tirbaħ fuq il-ħażen u fuq il-mewt. Il-fidi tistedinna nħarsu lejn il-futur bil-virtù tat-tama, fl-istennija fiduċjuża li r-rebħa ta' l-imħabba ta' Kristu tasal għall-milja tagħha. Min-naħa tagħha, il-karità ddaħħalna fl-imħabba ta' Alla li wera ruħu fi Kristu, twassalna biex b'mod personali u eżistenzjali nitwaħħdu ma' l-għotja totali u bla limiti ta' Ġesù lill-Missier u lill-aħwa. L-Ispirtu s-Santu jonfoħ fina l-imħabba, u hekk jagħtina sehem mill-għotja ta' Ġesù nnifsu: filjali lejn il-Missier u fraterna lejn kull bniedem (ara Rum 5:5).
Ir-rabta li teżisti bejn dawn iż-żewġ virtujiet tixbah lil dik bejn iż-żewġ Sagramenti fundamentali tal-Knisja: il-Magħmudija u l-Ewkaristija. Il-Magħmudija (*sacramentum fidei*) tiġi qabel l-Ewkaristija (*sacramentum caritatis*), imma hi orjentata lejha, li tikkostitwixxi l-milja tal-mixja Nisranija. B'mod analogu, il-fidi tiġi qabel l-imħabba, imma tkun ġenwina biss jekk tiġi inkurunata minnha. Kollox jitlaq milli nilqgħu il-fidi b'umiltà ("li nagħrfu li aħna maħbubin minn Alla"), imma kollox irid jasal għall-verità ta' l-imħabba ("li nagħrfu nħobbu lil Alla u lill-proxxmu"), li tibqa' għal dejjem, bħala twettiq tal-virtujiet kollha (ara 1 Kor 13:13).

Għeżież ħuti, f'dan iż-żmien tar-Randan, meta qed nitħejjew biex niċċelebraw il-ġrajja tas-Salib u tal-Qawmien, meta l-Imħabba ta' Alla fdiet id-dinja u dawlet l-istorja, nawgura lilkom ilkoll li tgħixu dan iż-żmien prezzjuż billi terġgħu titħeġġu fil-fidi f'Ġesù Kristu, biex nistgħu nidħlu fl-istess ċirku tiegħu ta' mħabba lejn il-Missier u lejn kull wieħed u waħda mill-aħwa li magħhom niltaqgħu fil-ħajja tagħna. Għal dan ngħolli t-talba tiegħi quddiem Alla, waqt li fuq kull wieħed u waħda minnkom u fuq kull komunità nitlob il-Barka tal-Mulej!

**Mill-Vatikan, 15 ta' Ottubru 2012**
**BENEDICTUS PP. XVI**

# 2. KIF NGĦIXU R-RANDAN

**Dun Edward Xuereb**

X'inhu r-Randan?

- Ir-Randan hu perjodu speċjali fis-Sena Liturġika li fih il-poplu Nisrani jħejji ruħu biex jiċċelebra l-Misteru tal-Għid.
- Hu żmien tajjeb biex nieqfu ma' Marija u San Ġwann, id-dixxiplu l-maħbub, maġenb Kristu li fuq is-salib jikkonsma s-sagrifiċċju ta' ħajtu għall-bnedmin kollha (ara Ġw 19:25).
- "Għad iħarsu lejn dak li nifdu": hu żmien tajjeb biex inħarsu b'fiduċja lejn il-kustat minfud ta' Ġesù, li minnu ħarġu "demm u ilma" (Ġw 19:34).
- Ir-Randan għandu jkun għal kull Nisrani esperjenza mġedda tal-imħabba ta' Alla mogħtija lilna fi Kristu, imħabba li min-naħa tagħna kuljum irridu nagħtu mill-ġdid lill-proxxmu, l-aktar lil dawk li jsofru u li huma fil-bżonn. Hekk biss nistgħu nieħdu sehem b'mod sħiħ fil-ferħ tal-Għid.

Ir-Randan kellu, tul is-sekli u fid-diversi pajjiżi, modi differenti kif ġie ċċelebrat, u fi żmienna tilef mhux ftit mill-esiġenzi tiegħu, speċjalment f'dak li jmiss l-osservanza axxetika, li kienet karatteristika tiegħu, jiġifieri s-sawm, illum ridott għal jumejn biss, flimkien mal-astinenza. Imma, għall-grazzja ta' Alla, ma tilifx in-neċessità tiegħu, ladarba huwa veru illi l-ħajja Nisranija għandha bżonn:

- tal-ġabra,
- tas-silenzju,
- tal-meditazzjoni,
- tal-interjorità,
- tal-konverżjoni u tar-riforma kontinwa,
- tat-talb,
- tal-penitenza,
- tal-ġinnastika axxetika,
- tas-sens mistiku,
- u iżjed u iżjed ta' qawmien tal-kuxjenza Nisranija,
- tal-ħniena u tal-grazzja ta' Alla,
- tal-għaqda ħajja u ġeneratriċi mal-Misteri tal-Fidwa, jiġifieri mal-Passjoni u l-Qawmien ta' Kristu.

Il-ħajja reliġjuża hi xi ħaġa tant serja, hi diffiċli, hi meraviljuża, hi indispensabbli:

- ma nistgħux u ma għandniex ngħaddu mingħajrha;
- ma niksbuhiex jekk ma nitħabtux, mingħajr xi eżerċizzju akkurat u metodiku, mingħajr sforz ta' tiġdid ġewwieni, mingħajr rikors fil-mument deċiżiv għall-kuntatt sagramentali mal-azzjoni li tagħti l-ħajja ta' Alla l-Missier permezz ta' Kristu fl-Ispirtu s-Santu.

Se nisimgħu b'dan kollu fl-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan:

- nagħmlu attenzjoni,
- nieqfu għal mument mir-ritmu mgħaġġel tal-ħsibijiet profani,
- naħsbu ftit.

X'inhu s-sens liturġiku tar-Randan? X'post u x'tifsira għandu fil-liturġija? Ir-Randan hu:

- it-tiroċinju kbir tal-grazzja tal-Magħmudija u tal-Penitenza,
- ix-xita kbira għammiela tal-Kelma ta' Alla,
- il-meditazzjoni kbira li tħejjina għall-Għid.

F'ebda mument ieħor tas-sena l-ispiritwalità tal-Knisja ma hi:

- aktar għanja,
- aktar kommossa,
- aktar lirika,
- aktar attraenti,
- aktar benefika.

Għaliex erbgħin (40) jum?

- It-teoloġija u l-ispiritwalità tar-Randan iffurmaw ruħhom f'rabta mal-ġrajjiet tat-Testment il-Qadim u l-Ġdid. Fil-Bibbja n-numru erbgħin ifisser piena u afflizzjoni.
- Hu l-istess numru erbgħin li jfakkarna:
    - fil-jiem tad-dilluvju (ara Ġen 7:12);
    - fis-snin li Israel għadda fid-deżert (ara Dewt 8:2);
    - fil-jiem li għadda Mosè fis-sawm fuq is-Sinaj qabel ma stenna r-rivelazzjoni ta' Alla (ara Eż 24:12-17);
    - fil-jiem li għadda Elija jivvjaġġja fid-deżert biex jaħrab il-vendetta tar-reġina idolatra Ġeżabel u jiltaqa' mal-Mulej fuq il-Ħoreb (ara 1 Slat 19:1-8);
    - fl-erbgħin jum li Eżekjel kellu joqgħod fuq ġenbu tal-lemin biex ifisser il-kastig divin li kien ġej fuq il-belt ta' Ġerusalemm (ara Eżek 4:6);
    - fil-jiem ta' penitenza tan-nies ta' Ninwè;
    - fil-jiem ta' sawm ta' Ġesù fid-deżert, fejn fl-aħħar ġie ttentat mix-xitan (ara Mt 4,2).

Dan kollu għandu valur didattiku. Ir-Randan hu żmien:

- tal-qerda tal-ħażen, bħal fil-każ tan-nies tad-dilluvju;
- tal-prova u tal-grazzja, kif kien għal Israel;
- ta' talb li jiddisponi għal-laqgħa ma' Alla, kif kien għal Mosè u Elija;
- ta' penitenza u ta' tpattija qabel il-ġudizzju ta' Alla, bħall-erbgħin jum ta' sawm u penitenza li bihom in-nies ta' Ninwè berrdu r-rabja ta' Alla;
- tas-sawm, finalizzat biex nieklu l-veru ikel, li hu li nagħmlu r-rieda tal-Missier.

Liema huma t-temi l-kbar tar-Randan?

- L-**Għid**. La r-Randan hu tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-Misteru tal-Għid, it-tema ta' mewt u ħajja tikseb importanza ewlenija.
- It-tifkira jew it-tħejjija għall-**Magħmudija** (ara *Sacrosanctum concilium*, 109). Ir-Randan, fl-istruttura fundamentali tiegħu, ifforma ruħu madwar is-sagrament tal-Magħmudija amministrat lill-adulti waqt il-Velja tal-Għid. Hu okkażjoni biex insiru aktar konxji tal-Magħmudija tagħna.
- Il-**Penitenza** (ara SC 109). Hi tema żviluppata sa mill-bidu tar-Randan, Ras ir-Randan. Fir-Randan, il-Knisja, għarusa ta' Kristu li jsofri u jmut, tgħix aktar intensament l-aspett penitenzjali.

Liema huma l-opri tajba li l-Knisja tistedinna nagħmlu fir-Randan?

Ir-Randan jinvolvi impenn axxetiku, individwali u kollettiv, li l-forma tradizzjonali tiegħu hi magħmula:

- mit-talb: il-Quddiesa ta’ kuljum u speċjalment il-*Via Crucis*;
- mis-sawm: il-ġabra ta’ għemejjel ta’ mortifikazzjoni – ikel, kliem, divertiment. Il-mortifikazzjoni tagħmilna aktar disponibbli lejn il-proxxmu, tagħtina aktar ħin għall-volontarjat u aktar flus għall-karità;
- mill-elemożina: l-għajnuna lejn għajrna fil-bżonn.

**I. IT-TALB**

- Il-*Via Crucis* billi nimmeditaw il-Passjoni ta’ Kristu.
- L-adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat, ngħidu aħna għal siegħa nhar ta’ Ħamis, il-jum li fih Kristu waqqaf l-Ewkaristija.
- Eżami tal-kuxjenza dettaljat kull filgħaxija qabel norqdu, biex nistħarrġu jekk l-isforzi tagħna twettqux tajjeb u biex nitolbu lil Alla ħalli nkomplu miexja bil-fehmiet tajba tagħna.
- Marbuta ma’ dan hemm il-Qrar: is-sagrament tal-ħniena infinita ta’ Alla, li jixraq nirċevuh bi frott u b’regolarità akbar f’dan iż-żmien.

**II. IS-SAWM**

- Is-sawm u l-astinenza mil-laħam huma preskritti fl-Erbgħa tar-Rmied u fil-Ġimgħa l-Kbira.
- Mistiedna nagħmlu xi forma ta’ penitenza magħżula minn rajna kull nhar ta’ Ġimgħa.
- Ma niklux ċikkulata jew ħelu – ħaġa tajba mhux biss għat-tfal, imma wkoll għall-adulti!
- Ma nixorbux alkoħol u ma npejpux. Biex tagħti sens aktar lil dan is-sagrifiċċju, għax ma tagħtix il-flus imfaddla għal xi proġett ta’ karità?
- Ma tidħolx fuq il-*Facebook* jew ma tismax mużika tul il-ġurnata. Hu mod kif tagħmel silenzju u tpoġġi ruħek fl-ispirtu ta’ rtir tar-Randan u ssib aktar ħin biex titlob.

X’inhi l-importanza tas-sawm?
Illum is-sawm jidher li tilef xi ftit il-valur spiritwali tiegħu għax spiss hu ridott għal miżura terapewtika għall-kura tal-ġisem.
Is-sawm tagħna hu mezz, mhux fini: ma nsumux *for the sake* illi nsumu. Is-sawm, imma, għal min jemmen, għandu importanza kbira, hu għani b’ħafna tifsiriet u għanijiet:

- **Dimensjoni personali**:
  - Bis-sawm, nimitaw lil Kristu.
  - Inħossuna eqreb lejn dawk li huma bil-ġuħ u bil-għatx.
  - Nirbħu l-passjonijiet, nelevaw l-ispirtu, nirċievu l-forza.
  - Bis-sawm, in-Nisrani jifhem li jitqiegħed umilment taħt Alla, billi jafda fit-tjieba u l-ħniena tiegħu.
  - Is-sawm jgħin biex ikun hemm unità fil-bniedem, ġisem u ruħ, billi jevita d-dnub u jikber fl-intimità mal-Mulej.
  - Li tiċċaħħad mill-ikel materjali jiffaċilita d-dispożizzjoni ġewwenija biex tisma’ lil Kristu u titgħajjex bil-Kelma tiegħu tas-salvazzjoni.
  - Bis-sawm u t-talb, nipermettu lil Alla jiġi u jaqta’ l-għatx aktar profond li nsibu ġo fina: il-ġuħ u l-għatx għal Alla.
  - Is-sawm hu arma spiritwali biex niġġieldu kontra kull rabta diżordinata magħna nfusna.
  - Jgħin ukoll biex nikkontrollaw l-aptiti tan-natura mdgħajfa.
- **Dimensjoni soċjali**:
  - Is-sawm jgħinna nsiru konxji tal-qagħda li fiha qed jgħixu tant bnedmin ħutna.
  - Dak li nfaddlu meta nsumu, nistgħu nagħtuh għal opri ta’ karità.
  - Il-parroċċi huma mħeġġin biex jintensifikaw fir-Randan is-sawm personali u komunitarju, flimkien mas-smigħ tal-Kelma ta’ Alla, it-talb u l-elemożina.

### III. L-ELEMOŻINA

- Tagħmel volontarjat fil-parroċċa, fl-iskola…
- Tirriserva ħin biex titkellem kuljum ma' persuna waħidha jew f'diffikultà, li tiltaqa' magħha fit-triqat tal-ħajja tiegħek.
- Tieħu sehem fit-tħejjija għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa mal-parroċċa tiegħek. Il-Knisja għandha bżonn tal-ġenerożità tiegħek biex taqsam il-ferħ tal-Irxoxt ma' dawk li jieħdu sehem fil-funzjonijiet.

Il-Knisja tirrakkomanda b'mod partikolari li tul ir-Randan inwettqu l-opri tal-ħniena:

- li jmissu l-ġisem:
  1. itma' lil min hu bil-ġuħ,
  2. isqi lil min hu bil-għatx,
  3. libbes lill-għarwien,
  4. ilqa' l-barranin,
  5. żur il-morda,
  6. żur il-ħabsin,
  7. idfen il-mejtin.
- li jmissu r-ruħ:
  1. agħti parir tajjeb lid-dubjużi,
  2. għallem lil min ma jafx,
  3. widdeb il-midinbin,
  4. farraġ l-imnikktin,
  5. aħfer il-ħtijiet,
  6. ħu paċenzja b'min idejqek,
  7. itlob lil Alla għall-ħajjin u l-mejtin.

Dawn l-għemejjel "jesprimu l-konverżjoni fir-rapport magħna nfusna, fir-rapport ma' Alla u fir-rapport mal-oħrajn" (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1434).

Kif għandha ssir l-elemożina?

- Bil-moħbi, bla ma l-id ix-xellugija tkun taf dak li tagħmel il-leminija (ara Mt 6:3-4).
- Bla ma noffendu lil ħadd, bla ma nintwerew għall-vanaglorja, għax nafu li hemm aktar ferħ filli nagħtu milli filli nirċievu (ara Atti 20:35).
- Fis-silenzju, 'il bogħod mir-rifletturi tas-soċjetà medjatika.
- Ma nagħtux biss xi ħaġa materjali (flus, ikel…), imma nagħtu lilna nfusna: l-istima, ir-rispett, il-ħin, it-talenti tagħna (il-volontarjat).
- Noffru l-oġġett materjali bħala sinjal tal-għotja ikbar li nistgħu nagħtu lill-oħrajn: it-tħabbira u x-xhieda ta' Kristu.
- Dak li jagħti valur lill-elemożina hu l-imħabba (ara l-armla ta' Mk 12:42-44).

Nagħmlu l-elemożina biex:

- nagħtu glorja lil Alla,
- ngħinu lil dawk l-aktar fil-ħtieġa,
- naqsmu mal-oħrajn dak li nippossedu grazzi għall-providenza ta' Alla,
- nipprattikaw il-virtù tal-ġustizzja: qabel ma hi att ta' karità,
- nagħrfu lil Kristu nnifsu fil-foqra,
- nagħmlu eżerċizzju axxetiku magħna nfusna: biex ninħelsu mill-ġibda għall-ġid tal-art u biex nissaffew minn ġewwa,
- naffermaw il-prinċipju li aħna m'aħniex propjetarji imma amministraturi tal-ġid li nippossedu, mogħti lilna minn Alla,
- nagħmlu ġest ta' karità ekkleżjali li hu aktar minn filantropija,

- nersqu lejn Alla billi nersqu lejn l-oħrajn: strument ta' konverżjoni vera u ta' rikonċiljazzjoni ma' Alla u ma' ħutna,
- niksbu l-maħfra tad-dnubiet: "Il-karità tgħatti kotra ta' dnubiet" (1 Pt 4:8).

Ir-Randan:

- min jistudjah, isibu stupend,
- min jersaq lejh, isibu profond,
- min jesperimentah, isibu uman,
- min jgħixu, isibu divin.

**Biblijografija**

BENEDITTU XVI, *Messaġġ għar-Randan*, 2007 u 2009.
R. MARTINELLI, *La quaresima*,
f'http://www.sancarlo.pcn.net/argomenti_nuovo/pagina19_bis.html.
PAWLU VI, Udjenza Ġenerali, 3 ta' Marzu 1965.

# L-EWWEL TAQSIMA:
# TEOLOĠIJA BIBLIKA

## 3. IL-FIDI F'ĠESÙ RXOXT FL-ITTRI TA' SAN PAWL

**Dun Charles Buttigieg**

*"Ħa jkollkom fikom is-sentimenti ta' Kristu" (Filippin 2:5)*

### IL-BNIEDEM JAGĦRAF L-IMĦABBA T'ALLA

L-esperjenza tad-dawl ta' Kristu fit-triq ta' Damasku tbiddel totalment il-ħajja ta' San Pawl. Hi esperjenza li ssir għalih mogħdija, passaġġ, mill-bniedem il-qadim għal dak ġdid, mill-bniedem fil-jasar għal dak meħlus, mil-liġi qadima fariżajka għal dik ġdida tal-imħabba. Din il-laqgħa ta' San Pawl mal-Mulej hija l-ġrajja tal-konverżjoni u tal-magħmudija tiegħu fejn għalih Kristu isir kollox. Hija f'esperjenza simili għal din ta' San Pawl li l-bniedem jagħraf din l-imħabba ta' Alla għalih, li dehret fil-qofol tagħha fi Kristu. Huwa l-iskop tal-Evanġelju li xandar San Pawl, li jaqsam din l-Aħbar it-Tajba tal-Imħabba ta' Alla għall-bniedem u li jgħinu jirbaħ il-jasar tiegħu tad-dnub.

Din l-imħabba ta' Alla, jew, kif imfissra tajjeb minn San Pawl, 'il-Ġustizzja ta' Alla' (bil-Grieg: *dikaiosune Theou*) huwa ħsieb tassew importanti fil-kitbiet tiegħu, b'mod partikulari fl-Ittra lir-Rumani fejn l-espressjoni insibuha xejn inqas minn tmien darbiet f'1:17; 3:5, 21, 22, 25, 26; 10:3 (darbtejn). Fl-Antik Testment naraw din il-Ġustizzja ta' Alla murija permezz tal-Patt u l-Wegħdiet li Alla jagħmel mal-poplu tiegħu: "Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu, f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu" (Salm 98:2). Mela, din il-Ġustizzja ta' Alla, iktar minn xi idea ta' kundanna, trid turi l-fedeltà ta' Alla (bl-ebrajk: *sedeqa*) mal-wegħdiet li Huwa għamel lill-bniedem, għaliex Huwa saddiq, ġust, u l-ħniena Tiegħu tinfirex għas-salvazzjoni ta' kulħadd. Mela hija ġustizzja li biha Alla jiġġustifika, jiġifieri jsalva, lill-bniedem. Hija l-Ġuztizzja ta' Alla li turi l-Imħabba u l-Volontà Salvifika Tiegħu.

Permezz ta' din il-Ġustizzja ta' Alla, jingħata s-sliem u t-tama (ara Rum 5:1-11), il-ħelsien mill-mewt (ara Rum 5:12-21), il-ħelsien mid-dnub (ara Rum 6:1-23), il-ħelsien tal-ħolqien permezz tal-Ispirtu s-Santu (ara Rum 8:1-39) u s-salvazzjoni għal kulħadd: "Ma hemmx għażla bejn Lhudi u Grieg; Alla hu s-Sid ta' kulħadd u għani ma' dawk kollha li jsejħulu. Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva" (Rum 10:12-13).

### IN-NISRANI JILBES LIL KRISTU RXOXT

Din ir-risposta tal-bniedem għall-Imħabba ta' Alla, tlaqqa' u tgħaqqad (adeżjoni) lill-bniedem mal-Persuna ta' Ġesù Kristu. Din il-laqgħa ssir esperjenza ta' ħajja ġdida fi Kristu, eżattament l-esperjenza li għadda minnha San Pawl.

Din l-adeżjoni tan-Nisrani mal-persuna ta' Kristu hija espressa fl-ittri ta' San Pawl bil-frażijiet 'fi Kristu', jew 'fi Kristu Ġesù, jew 'f'Sidna Ġesù' jew 'fil-Mulej', frażijiet li huma tassew frekwenti f'San Pawl (151 darba), aktar milli fil-kitbiet l-oħra tal-Ġdid Testment. Ta' min isemmi li nsibu darba biss il-frażi 'f'Ġesù' f'Efesin 4:21. F'San Pawl qatt ma nsibu 'f'Ġesù Kristu', għalkemm ħafna huma r-riferimenti għal 'Ġesù Kristu'. Il-frażi 'fil-Mulej' tindika fuq kollox l-awtorità divina ta' Kristu li titlob min- Nisrani ubbidjenza u adeżjoni: "Fl-aħħar, ħuti, intom tgħallimtu minn

għandna kif għandkom timxu biex togħġbu lil Alla, kif tabilħaqq qegħdin iġġibu ruħkom; aħna f'Sidna Ġesù nitolbukom u nħeġġukom biex tagħmlu iżjed" (1 Tess 4:1, ara ukoll Filippin 1:14). Darbtejn San Pawl isejjaħ lill-komunità ta' Tessalonika 'f'Alla l-Missier u fil-Mulej Ġesù Kristu': "Pawlu u Silvanu u Timotju lill-Knisja ta' Tessalonika f'Alla l-Missier u Sidna Ġesù Kristu: grazzja likom u sliem" (1Tess 1:1 u 2 Tess 1:1).

Il-biblisti jimmarkaw dawn il-frażijiet bħala stqarrija tal-fidi u 'formula pawlina' per eċċellenza. Huma jirriflettu r-rabta tan-Nisrani mal-persuna ta' Ġesù Kristu u li l-pjan tas-salvazzjoni tal-Missier iseħħ permezz ta' Kristu. Il-prepożizzjoni Griega *'en'* għandha diversi tifsiriet bħal 'fi', 'bi', 'ma'', 'permezz' u tista' tindika għaqda jew strumentalità. Terz ta' dawn il-formuli pawlini bil-prepożizzjoni 'en', huma riferiment għall-pjan tas-salvazzjoni ta' Alla permezz ta' Ġesù: "Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla; għalhekk issa huma jkunu iġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù" (Rum 3:23-24). Terz ieħor jirriferu għall-mod ta' kif wieħed għandu jġib ruħu jew għall-kwalità li wieħed għandu jkollu (Filippin 4:4). Madwar erbgħin darba l-espressjonijiet huma applikati għas-sitwazzjoni tan-Nisrani f'rabta ma' Kristu u għas-salvazzjoni. Darbtejn huma bħala riferiment għan-natura ta' Kristu: "Fih hemm tgħammar il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem" (Kol 2:9).

Din l-adeżjoni tan-Nisrani ma' Kristu turi min-naħa l-oħra li Kristu jinsab tassew fin-Nisrani u fil-komunità: "Imma jien permezz tal-liġi mitt għal-liġi biex ngħix għal Alla: issallabt ma' Kristu. Ngħix, imma mhux jien, iżda jgħix fija Kristu" (Gal 2:19-20); "Jekk Kristu jgħammar fikom, il-ġisem hu mejjet minħabba fid-dnub, imma l-ispirtu hu ħajjitkom minħabba l-ġustizzja" (2 Kor 5:19); u "Intom ilqajtu lil Sidna Ġesù Kristu; għixu mela magħqudin miegħu; niżżlu għeruqkom fih, u ibnu l-ħajja tagħkom fuqu; issaħħu fil-fidi, kif tgħallimtu u imtlew bil-gratitudni" (Kol 2:6-7).

Fuq kollox dan il-ħsieb hu mfisser fit-teoloġija pawlina 'tal-ġisem ta' Kristu' (*to soma tou Christou*): "Bħalma aħna għandna ħafna membri f'ġisem wieħed, iżda mhux il-membri kollha għandhom l-istess xogħol, hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed minna membru tal-ieħor" (Rum 12:4-5). Dan narawh ukoll f'kuntesti Ewkaristiċi: "Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka mhuwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu mhuwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda" (1 Kor 10:16-17) u f'kuntesti ekkleżjoloġiċi: "Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr lil Alla" (Kol 3:15).

Imseħbin ma' Kristu permezz tal-Magħmudija u fil-ħajja Nisranija, aħna lkoll imsejħin sabiex nipparteċipaw miegħu fil-mewt u fil-qawmien tiegħu: "Kien imsallab minħabba d-dgħufija tiegħu, iżda issa jgħix bil-qawwa ta' Alla. U aħna wkoll dgħajfa fih, iżda għixu miegħu bil-qawwa ta' Alla għalikom" (2 Kor 13:4; ara ukoll Rum 6:1-11). Li jkun imsieħeb ma' Kristu jitlob fuq kollox min-Nisrani li jilbes is-sentimenti ta' Kristu li huma: "Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin, u jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddiehor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni." (Kol 3:12-14).

F'din il-parti nsemmu wkoll it-terminu Grieg *'huiothesia'* li huwa tradott bħala adozzjoni jew filjolanza: "Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu lil Kristu" (Gal 3:26-27); "Iżda meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied. U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu

f'qalbna jgħajjat: Abbà! Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben: u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla" (Gal 4:4-7). In-Nisrani, mela, jeħtieg jimxi wara Kristu u fuq il-passi tiegħu.

**IN-NISRANI MMARKAT BL-ISPIRTU TA' ALLA**

Din l-adeżjoni hija riflessa wkoll bil-frażi 'fl-Ispirtu': "Is-Saltna ta' Alla mhijiex ikel u xorb, imma hi ġustizzja, u sliem, u grazzja fl-Ispirtu s-Santu (*en pneumati agio*)" (Rum 14:17). In-Nisrani fi Kristu jsir il-bniedem fl-Ispirtu: "Issa intom m' intomx taħt il-ħakma tal-ġisem, imma tal-Ispirtu, ladarba hemm l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom" (Rum 8:9). Il-pnewmatoloġija pawlina narawha f'rabta mat-teoloġija tal-ġisem ta' Kristu: "Fih, il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej; fih, intom ukoll fl-Ispirtu, tinbnew flimkien f'dar fejn jgħammar Alla" (Ef 2:21-22); "Ma tafux li intom tempju ta'Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom? Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu. Għax qaddis hu t-tempju ta' Alla, li huwa intom" (1 Kor 3:16-17).

Huwa fi Kristu, li l-Missier jimmarkana bis-siġill tiegħu tal-Ispirtu s-Santu: "Hu li ssiġillana wkoll bis-siġill tiegħu, u tana b'rahan l-Ispirtu fi qlubna" (2 Kor 1:22; ara ukoll Ef 1:13; 4:30). Infatti, fl-imperi tal-qedem, lis-suldati kienu jimmarkawhom bis-siġill tal-kmandant tagħhom u l-ilsiera bis-siġill tas-sid tagħhom. It-terminoliġija pawlina l-iktar frekwenti għall-Ispirtu s-Santu hija: 'L-Ispirtu li kien imwiegħed' (Ef 1:13 u Gal 3:14); 'L-Ispirtu ta' adozzjoni' (Rum 8:15 u Gal 4:6); u 'L-Ispirtu ta' Alla' (Rum 8:9; 15:19; 1 Kor 6:11).

Fl-ittri tiegħu, San Pawl iħobb jitkellem dwar il-frott tal-Ispirtu ta' Alla: "Hemm imbagħad diversi doni (*charisma*), imma wieħed hu l-Ispirtu; hemm diversi ministeri (*diakonia*), imma l-istess wieħed hu l-Mulej; hemm diversi ħidmiet, imma l-istess Alla, li jaħdem kollox f'kulħadd. Lil wieħed tingħata r-rivelazzjoni tal-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd; lill-ieħor kliem il-għerf mill-istess Spirtu (*sofia*); lill-ieħor il-kelma tas-sapjenza mill-istess Spirtu (*gnosis*); lill-ieħor il-fidi mill-istess Spirtu (*pistis*); lill-ieħor id-don tal-fejqan mill-istess Spirtu (*iama*); lill-ieħor is-setgħa tal-mirakli (*dunamis*), lill-ieħor id-don tal-profezija (*profetia*); lill-ieħor id-don tal-għażla tal-ispirti (*diakrisis*); lill-ieħor diversi ilsna (*glossa*); lill-ieħor it-tifsir tal-ilsna (*ermeneia*). Dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed, li jqassam li kull wieħed kif jogħġbu" (1 Kor 12:4-11; ara ukoll 12:29-30; Rum 12:6-8 u Ef 4:11).

L-Ispirtu preżenti fil-ħajja ta' kull Nisrani, hu tassew preżenti wkoll fil-ħajja tal-Knisja u tal-komunità. Huwa tassew importanti għax: "Ħadd ma jista' jgħid: 'Ġesù hu l-Mulej' jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu" (1 Kor 12:3). "Permezz tal-Konfirmazzjoni, l-Insara, jigifieri dawk li ħadu l-unzjoni, huma mseħbin aktar fil-missjoni ta' Kristu u fil-milja tal-Ispirtu s-Santu li bih huma mimlija, biex il-ħajja kollha tagħhom ixxerred 'il-fwieħa ta' Kristu' (2 Kor 2:15)" (KKK 1294).

Nagħlqu din il-katekeżi bil-ħsibijiet profondi u ekumeniċi tal-Patrijarka tal-Knisja Griega Ortodossa ta' Antijokja, Ignazju IV Hazim: "Mingħajr l-Ispirtu, Alla huwa l-bogħod, Kristu jibqa' fil-passat, l-Evanġelju jibqa' aħbar tal-passat, il-Knisja tibqa' sempliċi organizzazzjoni u dominju, il-missjoni tibqa' propaganda ... imma fl-Ispirtu, il-ħolqien jieħu l-ħajja, Alla hu tassew fil-qrib, Kristu huwa tassew ħaj u preżenti, l-Evanġejlu tassew aħbar tajba għal-lum, il-Knisja u l-missjoni esperjenza tassew tal-Pentekoste fejn għandna komunità ħajja, li xxandar u li taqdi".

# 4. IL-QSIM TAL-ĦOBŻ – *IN FRACTIONE PANIS*

**Dun Charles Buttigieg**

*"Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm"* (Lq 24:29)

## IL-BIEB TAL-FIDI – PORTA FIDEI

Dan l-episodju taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws insibuh biss fil-Vanġelu ta' San Luqa fil-kapitlu 24.

### Il-Jum

Ninsabu l-Ħadd filgħaxija, "dakinhar stess", x'aktarx ftit sigħat qabel inżul ix-xemx. Kien mument li jirrifletti tassew il-moral taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws, moral li kien wieħed baxx ħafna, għax ir-Rabbi jew l-Imgħallem tagħhom Ġesù kien ġie msallab u maqtul b'mod umiljanti fuq salib fuq il-Golgota. Għalihom is-salib kien it-tmiem ta' kollox u għalhekk kull tama kienet spiċċat: "Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael; iżda issa, fuq kollox ġa għaddew tlitt ijiem minn dawn il-ġrajja!" (vers 21). Il-Ħadd huwa l-ewwel jum tal-ġimgħa wara dak tas-Sibt, il-jum tal-Għid, it-tielet jum fuq il-Ġimgħa l-Kbira, il-jum tal-qawmien ta' Kristu mill-mewt, il-jum li jimmarka r-rebħa tal-ħajja ta' dejjem fuq il-mewt, fuq kollox huwa t-tmien jum li ma jispiċċa qatt. Infatti d-dehriet ta' Kristu Rxoxt iseħħu kollha fil-jum tal-Ħadd, li għalina l-Insara huwa tassew Jum il-Mulej, 'Dies Domini'.

### Il-Post

Żewġ dixxipli kienu jinsabu fi vjaġġ minn Ġerusalemm lura lejn id-dar tagħhom, eżattament lejn ir-raħal ta' Għemmaws, li kien jinsab madwar sittin stadju jiġifieri xi seba' mili jew madwar 11-il kilometru bogħod mill-belt ta' Ġerusalemm. Kull stadju kien madwar 178 metru u għalhekk id-dixxipli kellhom mixja ta' madwar sagħtejn. Illum, permezz ta' skavi arkeoloġiċi, l-istudjużi tal-Bibbja jidentifikaw ir-raħal ta' Għemmaws bħala r-raħal ta' El Qubejbeh. It-triq minn Ġersualem (belt li tinsab fuq l-għolja Sijon madwar 750 metru fuq il-livell tal-baħar), mhijiex xi waħda dritta, imma tgħaddi minn diversi widien sa ma tieħdok għan-naħat ta' Nablus, lejn ix-xaqliba tal-Wied tal-Ġordan. Dawn in-naħat tal-Baħar il-Mejjet jinsabu madwar 400 metru taħt il-livell tal-baħar. Mela, fl-istess ħin, din it-triq tissimbolizza t-triq tan-niżla tal-fidi ta' dawn iż-żewġ dixxipli li kienu qatgħu qalbhom għal kollox.

### Il-Persunaġġi

Il-mixja tal-fidi mhijiex mixja ta' bniedem waħdu, imma hija mixja tal-komunità u fil-komunità: "tnejn minnhom" kif naraw fil-vers 13. Huwa ċert li wieħed mid-dixxipli jismu Klejopa. Ma għandniex l-isem tat-tieni dixxiplu. Xi biblisti jitkellmu dwar koppja, Klejopa u l-mara tiegħu, u għalhekk mixja ta' familja li tiskopri lil Kristu. Oħrajn jitkellmu dwar dixxiplu bl-isem ta' Xmun. Hu x'inhu, l-identità tat-tieni dixxiplu tibqa' waħda inċerta. Jista' jkun ukoll li San Luqa ried jinqeda b'dan id-dixxiplu anonimu biex jinvolvi wkoll lill-qarrejja f'dan l-episodju. Għalhekk, mela, it-tieni dixxiplu jista' jkun inti jew jien, aħna li lkoll ninsabu mexjin f'ħajjitna, f'din it-triq lejn Għemmaws fejn ninsabu wkoll forsi b'qalb maqtugħa. Imma l-Mulej żgur ser jakkompanjana u mhux ser iħallina waħedna.

### Il-Kontenut

Dan l-episodju ta' Għemmaws nistgħu naqsmuh f'żewġ partijiet. Għandna l-ewwel parti fejn Ġesù jirrivela lilu nnifsu lid-dixxipli permezz tal-Kelma ta' Alla fejn, biex niftehmu, jagħtihom l-ewwel lenti tan-nuċċali tal-fidi: "U beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kull ma kien

hemm fl-Iskrittura fuqu" (vers 27). It-tieni parti, jiġifieri t-tieni lenti tan-nuċċali, hi dik tal-Ewkaristija fejn Ġesù jingħata lid-dixxipli fil-qsim tal-ħobż: "U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom. Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom" (versi 30 u 31). Fl-oriġinal Grieg tal-Vangelu għandna 'sar inviżibbli' (bil-Grieg: *aphantos*) minflok 'għab' u għalhekk, minkejja li ma baqax jidher, Ġesù kien preżenti tassew u mhux telaq minn quddiemhom. Ġesù sar preżenti fil-ħobż, fil-preżenza Ewkaristika.

**Il-Messaġġ Attwali**

Waqt li x-xemx kienet nieżla, dehret fosthom ix-Xemx tal-Ġustizzja, Kristu Rxoxt: "Huma u jitħaddtu u jitkellmu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom" (vers 15). Il-verb 'mexa', li fl-oriġinal Grieg insibuh 51 darba f'Luqa, għandu aspett teoloġiku ferm importanti li jindika vjaġġ mill-mewt għall-ħajja, vjaġġ ta' fidi, il-mixja tal-pellegrin. Ġesù qatt ma jħalli lill-bniedem waħdu, imma tassew 'huwa miexi miegħu' (symporeuomai) biex ikun miegħu fid-diffikultajiet tal-ħajja għax Hu tassew l-Emmanuel, Alla magħna. Is-sens qawwi ta' ospitalità fil-kultura biblika narawh ukoll f'dawn id-dixxipli li jistiednu lil dan il-'barrani' biex jibqa' u jgħaddi l-lejl għall-kenn tad-dar tagħhom. Il-frazi qawwija "Ibqa' magħna" fil-vers 29, li fil-Grieg tinqara '*Meinon meth*' hemon', tfisser eżattament "ibqa' biex tgħix magħna" għaliex il-verb Grieg 'menein', li nsibuh 118-il darba fil-Ġdid Testment, ifisser mhux biss 'tibqa'', imma wkoll 'tgħix', 'toqgħod biex tgħix ma' xi ħadd': "Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija." (Ġw 15:4).

Fil-qsim tal-ħobż, iż-żewġ dixxipli jagħrfu lil Ġesù li sar preżenti quddiemhom fl-Ewkaristija u minkejja li kien bil-lejl, marru lura lejn Ġerusalem, mimlija kollha fidi u ħajja, ixandru li huma wkoll iltaqgħu mal-Irxoxt. Hekk ukoll tagħmel magħna l-Ewkaristija li tbiddel il-qalb tal-bniedem u toħloq fina ħajja ġdida għax "il-Mulej qam tassew". Il-mixja tad-dixxipli ta' Għemmaws hija, għalhekk, il-mixja tiegħek ma' Kristu fil-Knisja, fit-triq lejn Ġerusalemm tas-Sema.

**Biblijografija**

BOTTINI, G.C., *Introduzione all'opera di Luca. Aspetti teologici, Studium Biblicum Franciscanum. Analecta 35*, Jerusalem 1992.
ERNST, J., *Il Vangelo secondo Luca*, I-II, Brescia 1985.
FAUSTI, S., *Una comunità legge il vangelo di Luca*, Bologna 2001.
FITZMYER, J.A., *The Gospel According to Luke. Introduction, Translation, and Notes*, New York – London – Toronto – Sydney – Auckland 1985.
JOHNSON, L.K., *Gospel of Luke*, *Sacra Pagina 3*, Collegeville (MN) 1991.
POWELL, M.A., *What are they saying about Luke?*, New York, 1989.

# 5. IL-KNISJA ĠEMGĦA TA' FIDI



**Mons. Lawrenz Sciberras**

Il-Knisja waqqafha Ġesù fuq il-pedament tal-Appostli bħala komunità ta' fidi, tama u mħabba. Permezz tal-Appostli u s-suċċessuri leġittimi tagħhom, aħna nistgħu naslu sa għand Kristu. Il-Knisja bdiet tinbena – għalkemm b'mod imbiegħed ħafna – meta xi sajjieda mill-Galilija ltaqgħu ma' Ġesù, li, wara li ħares lejhom, ħabbhom u kellimhom. Wara dan, Ġesù stedinhom: "Ejjew warajja, u jien nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin" (Mk 1:17; Mt 4:19).

L-Appostli, għalhekk, imkebbsin mill-fidi f'Ġesù li sejħilhom, kemm bil-kelma tagħhom u kemm bix-xhieda tagħhom, wasslulna l-verità sħiħa tal-fidi fi Kristu Feddej. Il-missjoni ta' dawn it-Tnax għalhekk titqiegħed f'misteru ta' komunjoni, liema misteru jiġbor fih il-Poplu kollu ta' Alla. Dan isir f'waqtiet differenti, u li diġà nafu bihom u dwarhom sa mit-Testment il-Qadim.

**L-għan tas-sejħa**

Ġesù, sa mill-ewwel waqt tal-attività salvifika tiegħu, ta x'wieħed jifhem li ried jiġbor il-Poplu ta' Alla fil-fidi. Anki jekk il-predikazzjoni ta' Ġesù kienet immirata lejn il-konverżjoni personali, Ġesù ġie jiġbor poplu fil-fidi biex isaffih u jsalvah. Dan kien l-għan speċifiku tal-ġemgħa li hija l-Knisja. U din is-sejħa ta' Ġesù ma kenitx indirizzata biss lejn il-poplu l-magħżul, imma kellha tinfetaħ beraħ għall-popli l-oħra tad-dinja, mingħajr ebda eċċezzjoni ta' ħadd.

Wieħed mis-sinjali qawwija li kellu f'moħħu Ġesù biex jiġma' l-komunità kien it-twaqqif tal-kulleġġ tat-Tnax. Naqraw hekk fil-Vanġelu: "Tela' fuq l-għolja u sejjaħ lejh lil dawk li ried. Huma resqu lejh, u għażel tnax li semmiehom Appostli, biex jibqgħu miegħu u biex jibgħathom jipprietkaw, u jkollhom is-setgħa li jkeċċu x-xjaten. Għażel mela t-Tnax: Xmun, li tah ukoll l-isem ta' Pietru, Ġakbu ta' Żebedew, u Ġwanni ħu Ġakbu, li tahom ukoll l-isem ta' Boanerges, jiġifieri 'wlied ir-ragħad', u Indrì, u Filippu, u Bartilmew, u Mattew, u Tumas, u Ġakbu ta' Alfew, u Taddew, u Xmun il-Kangħani, u Ġuda l-Iskarjota, dak li ttradieh" (Mk 2:13-19; ara wkoll Mt 10:1-4; Lq 6:12-16).

Fil-kuntest tar-Rivelazzjoni, l-"għolja" jew muntanja huma dejjem il-post addattat tal-laqgħa ta' Alla mal-individwu, tad-divin mal-uman, fejn Alla jwassal il-messaġġi partikulari tiegħu. Huwa kollu għalhekk li fil-Bibbja niltaqgħu ma' numru mdaqqas ta' muntanji. Hekk il-Morija, is-Sinaj, il-Ħoreb, il-Garizim, il-Ħermon, il-Karmelu, il-Muħraka, it-Tabor, il-muntanja li minnha sar id-Diskors ta' Ġesù, il-Kalvarju, l-Għolja taż-Żebbuġ, u xejn anqas l-istess Ġerusalemm, li hija mibnija fuq għolja. Ġesù nieda din l-inizjattiva, li twassal messaġġ qawwi tal-għarfien u d-determinazzjoni tiegħu. Huwa sejjaħ it-Tnax biex ikunu miegħu wkoll, xhieda u ħabbara tal-ġrajja tas-Saltna ta' Alla.

Dwar dik li hija storiċità ta' din is-sejħa tat-Tnax, ma hemm ebda dubju: dan jista' faċilment jiġi ppruvat mhux biss mill-fatt ta' ħafna ġrajjiet li jinsġu ħajjet it-Tnax, imma wkoll għaliex fost it-Tnax kien hemm Ġuda t-traditur, persunaġġ li min jaf kemm ħoloq problemi jaħarqu lil dik il-komunità li kienet għadha qed titwieled.

In-numru tnax tal-Appostli b'mod dominanti qed jagħmel riferenza għat-tnax il-tribù ta' Israel tat-Testment il-Qadim. Hawn mela għandna l-bidu ta' komunità ġdida ta' fidi, li, imma, taf il-bidu tagħha fit-Testment il-Qadim. Fejn għall-aħħar ta' din it-taqsima, is-sistema tat-tnax il-tribù kienet qed tintesa waħda sew, l-għażla tat-Tnax li għamel Ġesù reġgħet kebbset it-tama ta' poplu ġdid; poplu, imma, li kellu jibni l-fidi sħiħa tiegħu fuqu. Hawn ta' min ifakkar x'jgħallem

Santu Wistin fir-rigward tar-rabta li hemm bejn iż-żewġ żminijiet: "It-Testment il-Ġdid ikun moħbi fil-Qadim, u l-Qadim isir magħruf fil-Ġdid".
Għalhekk, meta Ġesù għażel it-Tnax u daħħalhom f'għaqda ta' ħajja miegħu, kif ukoll jipparteċipaw fil-missjoni tiegħu, hu kien qed iħabbar is-Saltna bil-kliem u bl-opri (ara Mk 6:7-13; Mt 10:5-8; Lq 9:1-6). Ġesù kien qed jgħid bil-fatti li kien wasal iż-żmien definittiv li matulu kellu jitwettaq mill-ġdid il-poplu ta' Alla, il-poplu tat-tnax-il tribù; dan il-poplu ġdid li issa ser jibni l-Knisja fuq il-pedament tal-fidi f'Ġesù.

**L-importanza tat-Tnax**

It-Tnax, li ġew imsejħin minn oqsma differenti tal-ħajja, saru mbagħad sejħa qawwija lil Israel kollu biex dan jikkonverti u jinġabar issa taħt Patt ġdid, il-Knisja. Fl-Aħħar Ikla, qabel il-Passjoni, Ġesù fdalhom il-missjoni li jagħmlu hekk b'"tifkira" tiegħu. B'dan Ġesù ried juri li huwa xtaq ibiddel il-komunità kollha fih, biex hekk dawn ikunu sinjal u strument tal-għaqda eskatoloġika: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-Ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati" (Lq 22:14).

F'ċertu sens, għalhekk, nistgħu ngħidu li l-Aħħar Ċena hija sewwa sew dak l-att tat-twaqqif tal-Knisja. Dan għaliex fiha Ġesù ta lilu nnifsu u ħoloq komunità ġdida mibnija fuq il-fidi fih. Din l-għaqda ġdida ma kellhiex tibqa' miġbura bejn dawk l-erba' ħitan tal-għorfa ta' fuq (ara Atti 1:13) fejn kienu qegħdin, imma pjuttost toħroġ minn hemm ġew biex tixtered mad-dinja kollha. Għalhekk, kien ukoll f'din l-istess għorfa li Ġesù, wara l-Qawmien, deher u tahom l-Ispirtu s-Santu għall-maħfra tad-dnubiet (ara Ġw 20:23). Huwa għalhekk li s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni bosta jsejħulu "ir-rigal tal-Għid".

Hekk, mela, it-tnax-l Appostlu huma s-sinjal l-aktar li jidher tar-rieda ta' Ġesù għall-eżistenza u l-missjoni tal-Knisja tiegħu. Din hija garanzija oħra li bejn Kristu u l-Knisja ma hemm ebda kontrapożizzjoni: huma t-tnejn ma jinfirdux minn xulxin, minkejja d-dnubiet tal-bnedmin li jiffurmaw din il-Knisja. U huwa kollu hawn li tkompli toħroġ fil-beraħ il-fidi ħajja fil-Knisja u f'dawk li jmexxuha!

F'dan is-sens, ma jista' jeżisti bl-ebda mod fis-sustanza tiegħu dak is-slogan li xi ftit snin ilu deher ukoll fil-kitba: "Ma' Ġesù iva, mal-Knisja le!" (ara Benedittu XVI, *La Gioia della Fede*, Città del Vaticano, 2012). Ma jista' qatt ikollna tassew lil Ġesù mingħajr dik ir-realtà li huwa stess ħoloq, jiġifieri l-Knisja. Bejn l-Iben ta' Alla magħmul bniedem u l-Knisja tiegħu hemm kontinwità misterjuża, u bis-saħħa tagħha Kristu qiegħed preżenti llum fil-poplu tiegħu. Hawn trid tħaddem il-fidi.

Ġesù huwa ħaj fil-Knisja tiegħu, li l-fundament tagħha huma l-Appostli: "Għalhekk ma għadkomx aktar barranin u frustieri, imma intom ċittadini flimkien mal-qaddisin u n-nies tad-dar ta' Alla, mibnija lkoll fuq is-sisien tal-Appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla tax-xewka" (Efes 2:19-20). Ġesù huwa ħaj ukoll fis-suċċessuri leġittimi tal-Appostli. U din il-preżenza tiegħu fil-komunità, li fiha huwa jingħata lilna, hija raġuni ta' ferħ kbir għalina. Dan kollu, imma, jitlob minn kull individwu l-fidi sħiħa f'Ġesù, l-Iben ta' Alla li sar bniedem bħalna l-bnedmin.

**Is-sinjali tal-Knisja**

L-iskop tat-twaqqif tal-Knisja huwa li l-umanità kollha ssir xirka waħda li tweġġaħ bil-verità lil Alla. Dan huwa l-veru kult li jistenna minna Alla: "Alla hu Spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità" (Ġw 4:24). Din hija t-tifsira vera tal-kattoliċità, sinjal tanġibbli mibni fuq il-fidi vera. Din il-kattoliċità tal-Knisja għandha żewġ dimensjonijiet, waħda orizzontali u l-oħra vertikali.

Dik orizzontali tfisser il-miġemgħa universali tal-bnedmin, u din taħt kap u mexxej wieħed. Ġesù għal darba tnejn esprima din ix-xewqa. Fid-diskors tiegħu dwar ir-ragħaj it-tajjeb, Ġesù qal: "U jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed" (Ġw 10:16). U l-istess ħsieb jirritorna fl-Aħħar Ċena: "Biex ikunu ħaġa waħda bħalna" (Ġw 17:11).

Id-dimensjoni l-oħra, jiġifieri dik vertikali, tixħet il-ħarsa sħiħa tagħha lejn u fuq Alla. Il-bnedmin isiru ħaġa waħda miegħu, kemm-il darba jixħtu ħarsithom lejh u fuqu. Dan huwa l-ħsieb sħiħ u mimli tal-universalità tal-Knisja ta' Kristu. Ħadd mill-bnedmin ma huwa barrani għal dan kollu.

Fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli dan il-ħsieb dritt jibda jidher sew, meta kemm Pietru, wara nżul l-Ispirtu s-Santu (ara Atti 2), u kemm Pawlu, wara li ltaqa' ma' Ġesù fit-triq ta' Damasku (ara Atti 9), it-tnejn li huma dritt xeħtu ħarsithom fuq id-dinja kollha. Pietru, għalhekk, meta ddeċieda li jmur Ruma, iċ-ċentru tad-dinja ta' dak iż-żmien, kien jaf li qed jiġi mmexxi mit-tagħlim tal-profeti, u xejn anqas mill-fidi u t-talb ta' Israel. Il-poplu l-magħżul huwa ddestinat li jkun dawl għall-Ġentili. L-aħħar parti tas-Salm 22, li l-ewwel vers tiegħu jibda: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?", imbagħad tispiċċa hekk: "Jiftakru t-truf kollha tal-art, u jerġgħu lura lejn il-Mulej; u quddiemu jinxteħtu r-razez kollha tal-ġnus" (Salm 22:18). Mela kien meħtieġ li dak li ħabbar is-salm jibda jitwettaq tassew.

**Kattoliċità u universalità**

Il-kelma *kattoliċità* tiġbor fiha l-ħsieb ta' universalità. Dan ifisser li hemm ħafna, imma fl-istess waqt hemm fihom l-għaqda. Mill-mod kif San Pawl fil-kitbiet tiegħu jitkellem dwar l-universalità tal-Knisja, jidher li wieħed għandu jirbaħ lilu nnifsu u jibda jħares lejn Alla wieħed. San Irinew, Isqof ta' Lyons, wera r-rabta li teżisti bejn kattoliċità u għaqda. Huwa jikteb hekk: "Din id-duttrina u din il-fidi li l-Knisja tberraħha mad-dinja kollha, tieħu ħsiebha daqslikieku kienet familja waħda. Għandna fidi waħda, b'qalb waħda u ruħ waħda, l-istess predikazzjoni, tagħlim u tradizzjoni, daqslikieku kien hemm fomm wieħed biss. Skont il-pajjiż, huwa l-ilsien jew lingwa, iżda l-qawwa tat-Tradizzjoni hija waħda u l-istess. Il-Knejjes tal-Ġermanja ma għandhomx fidi jew tradizzjoni differenti; kif lanqas m'għandhom dawk ta' Spanja, tal-Gallja, tal-Eġittu, tal-Libja, u tal-Orjent. Hekk kif ix-xemx, ħolqien ta' Alla, hija waħda u identika fid-dinja kollha, hekk ukoll id-dawl tal-vera predikazzjoni jilma kullimkien u jdawwal il-bnedmin kollha li jridu jersqu għall-għarfien tal-verità" (*Ad hæreses* I,10,2).

**L-għaqda tal-fidi**

Din l-għaqda tan-nies fil-multipliċità tagħhom setgħet issir possibbli għaliex dan Alla wieħed tagħna, dan Alla tas-sema u tal-art, wera lilu nnifsu lilna. Dan seħħ tassew u fil-konkret fil-persuna ta' Ġesù Kristu, li wriena wiċċu u lilu nnifsu. Din verità dwar l-essenza tal-eżistenza tagħna, dwar il-ħajja u l-mewt tagħna, verità li dehret f'Alla u li għaqqditna u għamlitna aħwa. Kattoliċità u għaqda jmorru flimkien. Din l-għaqda fiha kontenut: il-*Fidi* li għaddewlna l-Appostli, il-Fidi li għadha tħaddan il-Knisja.

Sa issa wrejna kif il-kattoliċità tal-Knisja u l-għaqda jmorru flimkien. Il-fatt li dawn iż-żewġ dimensjonijiet isiru viżibbli għalina fil-persuna tal-Appostli qaddisa, ifisser ukoll li l-Knisja hija waħda Appostolika. Xi jfisser dan? Ġesù sejjaħ tnax, bħalma tnax kienu wlied Ġakobb! Ġesù għażilhom u għamilhom kapijiet (irjus) tal-poplu ta' Alla. Dan il-poplu issa sar wieħed universali, mela li jħaddan fih il-popli kollha tad-dinja.

San Mark jgħidilna li Ġesù sejjaħ 'l-Appostli "biex jibqgħu miegħu u biex jibgħathom jipprietkaw" (Mk 3:14). Donnu hawnhekk toħroġ kontradizzjoni. Aħna nirraġunaw li jew qegħdin miegħu, jew inkella ġew mibgħutin għal xi missjoni! Il-Papa San Girgor il-Kbir jgħinna ħafna biex inħottu din il-

kontradizzjoni (tal-inqas hekk tidher). Huwa jgħidilna li l-anġli huma dejjem mibgħutin u fl-istess waqt dejjem qegħdin quddiem Alla: "Kull fejn huma mibgħutin, kull fejn imorru, dejjem jimxu fil-ħdan ta' Alla" (*Omelija* 34, 13). Il-ktieb tal-Apokalissi jsejjaħ lill-isqfijiet "anġli" tal-Knejjes partikulari tagħhom. Mela l-Appostli, flimkien mas-suċċessuri tagħhom, għandhom dejjem joqogħdu mal-Mulej tagħhom, u kulfejn imorru, ikunu dejjem f'għaqda miegħu u jgħixu miegħu din il-komunjoni. Hawn taqbeż fuq quddiem nett il-fidi.

**Fidi Appostolika**

Il-Knisja hija wkoll Appostolika għaliex tistqarr il-fidi tal-Appostli u tagħmel ħiltha kollha biex tgħixha. Nota li tikkaratterizza t-Tnax li sejjaħ Ġesù hija l-uniċità. Din in-nota tiggarantixxi l-kontinwità fil-missjoni Appostolika. San Pietru fl-Ewwel Ittra tiegħu jikkwalifika, jew forsi aħjar, iqis lilu nnifsu "bħala presbiteru" (1 Pt 5:1) mal-presbiteri l-oħra. B'dan il-kliem, il-Kap tal-Knisja qed joħroġ fil-beraħ il-prinċipju tas-Suċċessjoni Appostolika. L-istess ministeru li Pietru nnifsu rċieva mingħand il-Mulej, issa qed jitkompla fil-Knisja grazzi għall-Ordinazzjoni Presbiterali.

Il-Kelma ta' Alla mhix biss kelma miktuba u daqshekk, iżda grazzi għal bosta xhieda li l-Mulej ta fis-sagrament tal-ministeru Appostoliku, tibqa' Kelma ħajja. Grazzi għall-għaqda u xejn anqas għall-appostoliċità, hemm marbut is-servizz Petrin, jiġifieri li l-fidi li għandna nafuha lil Pietru u issa lis-suċċessuri leġittimi tiegħu. Dan jgħaqqad b'mod viżibbli l-Knisja waħda. Permezz ta' dan kollu "aħna lkoll naslu biex insiru ħaġa waħda fil-fidi u fl-għarfien tal-Iben ta' Alla" (Efes 4:13).

**Waħda fil-qdusija**

Darba waħda Ġesù kien ħdejn Ċesarija ta' Filippi. Madwaru, kif għad hemm sal-ġurnata tal-lum, Ġesù ra l-blat żonqri ħafna, u minn taħt ix-xquq kien hemm ħiereġ ilma ċar u safi, ilma ġej minn fuq is-silġ li jinħall tal-muntanja Ħermon. Kien f'dan l-ambjent li Pietru għamel l-istqarrija ta' fidi: "Inti l-Kristu, l-Iben ta' Alla l-Ħaj" (Mt 16:16). U Ġesù kompla: "U fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi". Biss darb'oħra, dejjem Pietru, idur fuq Ġesù u jgħidlu: "Aħna emminna u nafu li inti l-Qaddis ta' Alla" (Ġw 6:69). U hawn joħroġ ir-raba' sinjal tal-Knisja: qaddisa fil-fidi, u qaddisa għaliex Qaddis huwa l-fundatur tagħha, mela Ġesù.

Waqt it-Talba tiegħu hekk imsejħa Saċerdotali (ara Ġw 17), Ġesù jgħid li "minħabba fihom nikkonsagra lili nnifsi" (Ġw 17:19). Permezz ta' dan il-kliem, Ġesù b'mod impliċitu ried ifisser il-missjoni u l-funzjoni vera tal-Qassis il-Kbir, jiġifieri tiegħu stess. Din il-missjoni ta' Ġesù bħala l-veru Qassis il-Kbir, ma wettaqhiex b'xi riti oħra, jiġifieri billi jidbaħ l-offerti tal-bhejjem, frott, ħobż u l-bqija, imma billi offra ġismu stess bħala vittma vera u xerred demmu kollu: "Jien imbagħad għidt: 'Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla'" (Lhud 10:7). Urieha bir-rieda sħiħa tiegħu: "Forsi l-kalċi li tani Missieri ma nixorbux?" (Ġw 18:11). Kienet ukoll waħda l-aktar umli: "Ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt" (Fil 2:8a). U xejn anqas erojka: "Obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib" (Fil 2:8b).

Fl-Ittra tiegħu lir-Rumani, Pawlu forsi huwa aktar ċar u preċiż dwar is-sagrifiċċju mdemmi ta' Kristu għalina biex jifdina: "Lilu Alla kkostitwieh vittma ta' espjazzjoni b'demmu permezz tal-fidi, biex b'hekk Alla issa juri l-ġustizzja tiegħu" (3:23-25).

Il-kliem "Qaddis ta' Alla" fit-Testment il-Qadim aktarx kien jirreferi għal Aron, li kellu l-missjoni li jkompli l-qdusija ta' Israel (ara Salm 105:16; Sir 45:6). L-istqarrija ta' Pietru favur Kristu, meta stqarru bħala l-Qaddis ta' Alla, saret fil-kuntest tad-diskors dwar l-Ewkaristija. Hawn Ġesù ħabbar il-jum il-kbir tar-Rikonċiljazzjoni permezz tal-offerta tiegħu stess: "Il-ħobż li jien nagħtikom huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja" (Ġw 6:51). Hekk, fil-kuntest ta' din l-istqarrija, hemm il-misteru saċerdotali ta' Ġesù, l-offerta sħiħa tiegħu għalina lkoll.

Il-Knisja mhix qaddisa fiha nfisha; fil-fatt fiha hemm il-midinbin. Biss hija tiġi kontinwament imqaddsa mill-imħabba li tnaddaf ta' Ġesù. Alla ma tkellimx dwar l-imħabba tiegħu lejna: Huwa ħabbna tassew, ħabbna sal-mewt ta' Ibnu l-waħdieni. Huwa propju minn hawn li jidher il-kobor tal-imħabba tiegħu miktub fil-qalb minfuda għalina fuq is-salib.

Għalhekk kull wieħed minna jista' jgħid ma' San Pawl: "Il-ħajja li ngħix fil-ġisem, qiegħed ngħixha fil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta ruħu għalija" (Gal 2:20).

Preċiżament f'dawn l-erba' sinjali tal-Knisja tidher u tikber il-fidi ta' kull min hu mgħammed fil-Knisja.

# 6. IL-TRAŻMISSJONI TAL-FIDI FIŻ-ŻMIEN APOSTOLIKU



**Mons. Anton Mizzi**

Meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu (Gal 4:4), il-Verb etern li ġie jgħammar fost il-bnedmin (Ġw 1:14), biex idawwalhom (Ġw 1:9) u jgħarrafhom bil-misteru etern tal-pjan divin (Ef 1:9) u jġib fi tmiem l-opra tas-salvazzjoni afdata lilu mill-Missier (Ġw 5:34). Dak li qabel kien ħafna drabi u b'ħafna manjieri mwassal lill-bnedmin bil-kelma mingħand Alla permezz tal-profeti, issa kellimna permezz ta' Ibnu, Ġesù Kristu (Lh 1:1-2). Bil-preżenza tal-persuna tiegħu hu wettaq il-missjoni mħabbra mill-istorja ta' Iżrael, l-aktar mill-profeti u fil-Kotba Mqaddsa, u b'hekk ħejja "*matul is-sekli t-triq għall-Evanġelju*" (DV 3).

**Ġesu jtemm ir-rivelazzjoni**

Il-Konċilju Vat. II jafferma li "*dan l-Evanġelju kien qabel imwiegħed mill-profeti u wara ntemm u xxandar minn Kristu nnifsu*" (DV 7). Ġesù Kristu bil-kelma u l-għemil tiegħu, imsieħba bis-sinjali u bil-mirakli, u l-aktar bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet, iwassal għat-temma r-rivelazzjoni bħala medjatur uniku u suprem (DV 4). L-evanġelisti kollha jaqblu li Ġesù nnifsu, bħala l-Iben mibgħut tal-Missier, hu l-Vanġelu ta' Alla, il-qofol tar-rivelazzjoni mħabbra fil-Kotba Mqaddsa, u li fih hi kompletata u ssib il-perfezzjoni.

Difatti l-evanġelista Mark, l-ewwel fost is-Sinottiċi, jibda r-rakkont tal-Vanġelu tiegħu billi jgħaqqad "*il-bidu tal-Evanġelju ta' Ġesù Kristu*" ma' dak li nsibu fil-Kotba Mqaddsa "*bħalma hu miktub fil-ktieb ta' Isaija l-profeta*" (Mk 1:1-2). F'Mattew insibu ħafna riferimenti skritturistiċi, partikularment mill-profeti, li mhux biss jgħinuna nħarsu b'mod l-aktar profond lejn il-figura ta' Ġesù l-Messija mwiegħed (ara Mt 1:22; 2:15,17,23; 4:14; 8:17; 12:17; 13:35; 21:4), imma li "*dan kollu ġara biex isseħħ il-kitba tal-profeti*" (Mt 26:56) fil-persuna u l-istorja ta' Ġesù. Anke Luqa juri lil Ġesù fil-bidu tal-ministeru tiegħu f'Nażaret li, filwaqt hu nnifsu qed jaqra l-Iskrittura, qed iwettaqha bis-saħħa tal-preżenza tiegħu: "*Din il-kitba seħħet illum, intom u tisimgħu*" (Lq 4: 21). Dak kollu li jgħid u jagħmel għandu dejjem it-tifsira tiegħu fid-dawl tal-Iskrittura: "*U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu*" (Lq 24:27; ara v. 44-45).

Fl-aħħar nett Ġwanni juri, fi kliem id-dixxipli, ir-rabta bejn Ġesù u dak li kien imħabbar dwaru: "*Sibna lil dak li fuqu kitbu Mosè fil-Liġi, u l-profeti fil-kotba tagħhom*" (Ġw 1:45). Anzi Ġesù stess itenni matul il-ministeru tiegħu x-xhieda li l-istess Skrittura tagħti dwaru: "*Intom tistudjaw l-Iskrittura, għax taħsbu li fiha hemm il-ħajja ta' dejjem; din tagħti xhieda għalija*" (Ġw 5:39); u jkompli: "*Għax kieku kontu temmnu lil Mosè kontu temmnu lili wkoll, għax Mosè fuqi kiteb*" (Ġw 5:46).

Mela Ġesù hu l-milja tar-rivelazzjoni mħabbra fl-Iskrittura. Din l-istess fehma evanġelika mbagħad insibuha wkoll fl-ittri Pawlini u fil-kitbiet l-oħra tat-Testment il-Ġdid.

***Il-predikazzjoni u l-opra ta' Ġesù***

Il-predikazzjoni ta' Ġesù kienet tagħmel enfasi dwar il-preżent imma b'ħarsa lejn il-futur. Il-messaġġ inizjali tiegħu kien li s-saltna ta' Alla hi fil-qrib (Mk 1:15; Mt 4:17). F'dan il-kuntest Ġesù kompla l-ministeru tiegħu bil-predikazzjoni u għemejjel radikali biex juri l-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem. Minkejja d-dnub tal-bniedem, Alla xorta jurih it-tjubija tiegħu permezz tal-maħfra u l-fejqan. Joffrilu wkoll is-salvazzjoni biex ma jaqax taħt il-qilla ta' Alla. Il-bniedem għandu jħossu li hu maħbub minn Alla u jagħrfu bħala Missier kollu mħabba u ħniena (ara l-parabboli f'Lq 15). Iżda Ġesù jistieden ukoll lill-bniedem għall-imħabba radikali lejn Alla permezz tal-fidi u l-ubbidjenza lejh. Difatti Ġesù kien jinsisti dwar il-fidi meta wettaq maħfriet (Mt 9:2; Mk 2:5; Lq 5:20) jew mirakli (Mk 10:52; Lq 8:48, 50; 18:42; Mt 9:22, 28; 15:28), u faħħar ukoll

stqarrijiet ta’ fidi (Mt 16:16-17). Din l-imħabba għandha tintwera wkoll lejn il-bnedmin l-oħra, bil-ħniena u mogħdrija (Lq 10:30-37), u saħansitra li wieħed jagħti ħajtu għall-oħrajn (Ġw 15:13).

Din l-imħabba radikali lejn Alla u lejn il-proxxmu li Ġesù ppreżenta, ma kienitx xi ħaġa ġdida għal kollox, imma ried juri l-profondità awtentika fl-iskop u fil-ħsieb tal-patt, li hu u l-poplu Lhudi kienu rċevew mit-tradizzjoni. Għal Ġesù, li tħobb lil Alla u lil għajrek huma l-qofol tal-Liġi u tal-Profeti (Mt 22:40; Mk 12:28-34). Hu kien iħares lejn il-Liġi u l-Profeti (u s-Salmi: ara Lq 24:44-45) bħala l-Iskrittura Mqaddsa (Lq 4:16-21; 24:27; ukoll 16:29) u kien iqisha bħala qaddisa u awtoritativa. Għalkemm l-Iskrittura Mqaddsa kellha pożizzjoni unika għal Ġesù, iżda hu kien iħoss li għandu jerġa’ jinterpretaha. Din l-attitudni ta’ Ġesù lejn l-Iskrittura ma kienitx li jwaqqagħha imma li jwassalha fil-milja tagħha (Mt 5:17), jiġifieri jerġa’ jinterpretaha. Fl-interpretazzjoni tiegħu hu qed juri l-milja u dak li hu ġdid fiha, jiġifieri t-tifsira awtentika u aħħarija tagħha, imma wkoll li tgħix skont l-ispirtu tagħha (ara l-eżempji li nsibu f’Mt 5:12-48). Id-dixxiplu ta’ Ġesù hu mogħti d-don biex jifhem aħjar fil-profondità l-Iskrittura (Lq 24:45). Mela dak li mbagħad Ġesù ippropona fil-qafas tal-patt il-ġdid (Lq 22:20; 1Kor 11:25) kien anke f’linja ta’ sens qawwi ta’ fedeltà lejn it-tradizzjoni.

Minbarra l-predikazzjoni ta’ Ġesù, inħarsu wkoll lejn l-għemejjel tiegħu, partikularment il-mirakli tiegħu. Il-bxara t-tajba ta’ salvazzjoni hija manifestata wkoll bl-għemejjel konkreti ta’ fejqan. Ir-rivelazzjoni f’dawn l-azzjonijiet għandhom rabta anke mal-kliem tal-profeti. Ġesù mill-bidu wera l-kontenut tal-ħidma tiegħu mħabbra mill-profeta Isaija, li jwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, il-ħelsien lill-imjassrin, id-dawl mill-ġdid lill-għomja, il-ħelsien lill-maħqurin u s-sena tal-grazzja tal-Mulej (Lq 4:18-19; ara Is 61:1-2). Anke quddiem il-messaġġiera ta’ Ġwanni l-Battista li ġew jistaqsuh, Ġesù fejjaq ħafna nies mill-mard u mit-tbatijiet tagħhom. Dawn huma sinjali li jirrivelaw l-identità ta’ Ġesù kif imħabbar mill-profeti. “*Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta’ dak li rajtu u smajtu; kif l-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-lebbrużi jfiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u kif il-bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar*” (Lq 7:21-22). Hawnhekk fil-kliem ta’ Ġesù nifhmu s-sens sħiħ tal-għemejjel tiegħu meta dawn is-sinjali mwettqa narawhom f’relazzjoni mal-profeziji mħabbra, partikularment f’Isaija (ara Is 26:19; 29:18; 35:5,6; 42:18; 61:1).

Fl-aħħar nett irridu nħarsu lejn il-qofol tal-opra ta’ Ġesù: il-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu. Hu tkellem kemm-il darba dwar dan il-mument drammatiku imma glorjuż fil-ħajja pubblika tiegħu. Nistgħu nsemmu t-tliet tħabbiriet tal-mewt u tal-qawmien li jikkaratterizzaw it-tieni parti tal-Vanġelu ta’ Mark (Mk 8:31; 9:31; 10:33-34; paral. Mt u Lq). F’dawn it-tliet tħabbiriet Ġesù jitkellem dwaru stess bit-titlu ta’ Bin il-bniedem, li f’Dan 7:13 insibuh bħala “*iben ta’ bniedem*” f’dehra glorjuża. Ġesù bħala Bin il-bniedem jara li s-siegħa tiegħu wasslet biex ikun igglorifikat (Ġw 12:23). Imma Ġesù jara wkoll il-mewt tiegħu mħabbra mill-profeti: hu bħala Bin il-bniedem fid-dawl tal-Qaddej tal-Mulej sofferenti li jerfa’ fuqu l-mard tagħna (Is 53:12-53:12), kif insibu fir-rakkont tat-Trasfigurazzjoni (Lq 9:31; Mk 9:11-13; Mt 17:12). Hu l-Messija li jbati u li jqum għall-glorja skont l-Iskrittura (Lq 24:26-27,45-46: Sl 22; Is 53, Hos 6:2). Ġesù jċanfar lid-dixxipli ta’ Għemmaws għax kienu tqal biex jemmnu din il-ġrajja kollha tiegħu (Lq 24:25).

### It-trażmissjoni tal-fidi fil-Knisja Apostolika

S’issa rajna li l-ġrajja ta’ Ġesù kienet imħabbra fl-Iskrittura u mwettqa fih. Imiss naraw kif din il-ġrajja tkompli tkun trażmessa fil-Knisja tal-bidu.

### *It-trażmissjoni tal-fidi skont id-‘Dei Verbum’*

Nibdew minn dak li jitkellem dwarha l-Konċilju Vatikan II fil-kostituzzjoni dommatika ‘Dei Verbum’ fit-tieni kapitlu. Jibda biex jgħid li Alla bir-rieda sħiħa tiegħu “*iddispona biex dak kollu li huwa kien irrivela għas-salvazzjoni tal-ġnus kollha jibqa’ dejjem sħiħ u jitwassal minn nisel għal nisel*”. Hawn qed juri mill-ewwel l-universalità temporali u spazjali tar-rivelazzjoni.

Il-kostituzzjoni tkompli titkellem dwar il-moviment kontinwu tat-trażmissjoni tar-rivelazzjoni. L-ewwel issemmi t-trażmissjoni vertikali, minn Kristu u l-Ispirtu s-Santu għall-Appostli. "*Għalhekk Kristu l-Mulej, li fih tintemm ir-rivelazzjoni kollha… ordna lill-Appostli li jippridkaw lil kulħadd l-Evanġelju… L-Appostli temmew bil-fedeltà l-kmand ta' Kristu. Bix-xandir tal-fomm, bl-eżempju u bl-istituzzjonijiet huma għaddew kemm dak li kienu rċevew minn fomm Kristu, mill-ħajja li għaddew miegħu u minn dak li kien għamel, kemm dak li kienu tgħallmu mill-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu. Il-kmand ta' Kristu ntemm ukoll minn dawk l-Appostli u n-nies ta' madwarhom li, bl-ispirazzjoni tal-istess Spirtu s-Santu, xandru bil-kitba l-aħbar tas-salvazzjoni*". Hawn jafferma li l-Appostli qdew fedelment il-kmand ta' Kristu. L-Appostli, bħala xhieda okulari, irċevew mingħand Kristu l-messaġġ tas-salvazzjoni u kien Kristu stess li ordna lill-Appostli biex jipprietkawh kullimkien u dan għamluh b'żewġ manjieri. L-ewwel nett din il-predikazzjoni saret mhux biss bil-kelma imma anke bl-eżempji, bl-imġiba tagħhom, bid-drawwiet, bl-istituzzjonijiet u bir-riti. Dan għamluh kemm minn dak li tgħallmu u rċevew mingħand Kristu kif ukoll minn dak li ispirahom l-Ispirtu s-Santu dwar li dak li qal u għamel Ġesù. Ninnotaw li x-xhieda apostolika kienet aktar komprensiva, fis-sens li ma kienitx limitata għall-predikazzjoni orali biss. It-tieni mod kif il-kmand ta' Kristu ġie mwettaq kien permezz tal-kitba li saret mill-Appostli u mid-dixxipli tagħhom taħt l-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu. Minn dan joħroġ li r-rivelazzjoni kienet trażmessa b'żewġ modi: bit-tradizzjoni u bl-Iskrittura, it-tnejn ispirati u t-tnejn meqjuma u meqjusa bl-istess mod mill-Knisja (DV 9).

Imbagħad issemmi t-trażmissjoni orizzontali, mill-Appostli lill-Knisja permezz tas-suċċessuri tagħhom, jiġifieri l-Isqfijiet, matul iż-żmien. "*L-Appostli, mbagħad, biex l-Evanġelju jinżamm dejjem sħiħ u ħaj fil-Knisja, ħallew bħala suċċessuri tagħhom lill-Isqfijiet billi fdawlhom il-post tagħhom ta' għalliema*" (DV 7). B'hekk il-predikazzjoni apostolika hija assikurata li titkompla minn dawk li ġew wara l-Appostli b'fedeltà sħiħa għall-messaġġ oriġinali u fl-istess waqt tkun attwata kontinwament. Dan ifisser li l-wirt imqaddes tal-fidi (1Tim 6:20; 2Tim1:12-14) li jinsab fit-Tradizzjoni u fl-Iskrittura Mqaddsa ġiet afdat mill-Appostli lill-milja kollha tal-Knisja. L-Insara tal-bidu kienu mwissija mill-Appostli biex iżommu fit-tradizzjonijiet li tgħallmu sew bil-kelma jew bil-kitba (ara 2Tes 2:15) u fil-fidi li ngħatat darba għal dejjem (ara Ġuda 3). Huma bħala l-poplu ta' Alla magħqud, li jġorr ir-rivelazzjoni, hemm preżenti dak kollu li l-Knisja tgħallem u temmen. Il-Knisja tkompli tittrażmetti t-tradizzjoni li tiġbor fiha t-tagħlim apostoliku, il-ħajja u l-organizzazzjoni tal-Knisja, kif ukoll il-kult marbut mall-attività liturġika u sagramentali, jiġifieri "*kull ma jservi għall-ħajja qaddisa tal-poplu ta' Alla u għat-tkattir tal-fidi*" (DV 8).

***It-trażmissjoni tal-fidi***

Naraw issa fil-kitbiet tat-Testment il-Ġdid b'liema mod din it-trażmissjoni tal-fidi fil-Knisja tal-bidu ġiet imwettqa mill-Appostli u minn dawk li kienu jaħdmu magħhom. Nistgħu nsemmu diversi ħwejjeġ: il-predikazzjoni, it-tagħlim, id-drawwiet fil-ħajja ta' dawk li jemmnu fil-Knisja, il-kult kif espress fit-talb u fir-riti liturġiċi u taċ-ċelebrazzjonijiet, partikularment tas-sagramenti, u l-istituzzjonijiet fi ħdan il-Knisja. Dawn l-elementi kollha flimkien isawru t-tradizzjoni sħiħa tal-fidi Nisranija fi ħdan il-Knisja. Fl-ewwel sommarju li nsibu fl-Atti tal-Appostli hi deskritta l-qagħda tal-ħajja tal-Knisja tal-bidu: "*U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-Appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb*" (At 2:42). Mela għandna t-tagħlim (il-fidi apostolika), il-ħajja u l-kult bħala tradizzjoni sħiħa tal-fidi Nisranija fi ħdan il-Knisja primittiva li tkompli tiġi trażmessa fost il-membri tagħha u lil dawk ġodda li jidħlu fiha.

***Il-predikazzjoni tal-fidi***

Fil-Knisja tal-bidu kien hemm il-predikazzjoni tal-fidi. Il-verb '*kērussō*' ifisser tħabbar, tipproklama, ixxandar ('*kērugma*' hi n-nom li jfisser il-proklamazzjoni mwassla mill-ħabbar jew mill-messaġġier, filwaqt li '*kēruks*' tindika wieħed li jħabbar, ixandar, i.e. il-ħabbar, ix-xandar). Tintuża wkoll il-kelma tipprietka (preach; il-predikazzjoni), li fil-lingwaġġ tagħna llum donnha

tindika wkoll diskors ieħor sagru (bħal eżortazzjoni, twissija, omelija, katekeżi jew appell, li lkoll jeħtieġu tħejjija minn qabel) 'il hinn mill-proklamazzjoni ta' aħbar ġdida lil min qed jisma'.

Hawn irridu ngħidu li din l-attività tal-proklamazzjoni jew predikazzjoni tista' tkun deskritta minn espressjonijiet oħra: bħal tgħallem, tevanġelizza (il-bxara t-tajba, l-Evanġelju: ara Gal 1:6-9) – li hi kważi sinonima magħha (kif ukoll in-nomi rispettivi tagħhom: '*kērugma*' - proklamazzjoni u vanġelu) jew il-'kelma' ('*logos*'). Din tal-aħħar għandha f'xi każi s-sens tal-messaġġ Kristjan, il-bxara t-tajba: hekk l-Appostli u dawk li kienu jaħdmu magħhom kienu jxandru jew jipprietkaw din l-kelma "*ta' Alla*" (At 4:31; 6:2; 13:5; 18:11), "*tal-Mulej*" (At 15:35) jew "*tas-salib*" (1Kor 1:18), li lkoll jirreferu għat-tħabbir jew għall-predikazzjoni tal-messaġġ Kristjan. Insibu wkoll il-"*kelma*" użata mingħajr kwalifikazzjoni u li sempliċement qed tirreferi għall-messaġġ Kristjan. Hekk meta Luqa fl-opra tiegħu jitkellem minn "*ministri*" tal-kelma (Lq 1:2) u minn dawk li qegħdin jaqdu il-"*ministeru*" tal-kelma (At 6:4): hawnhekk għandha s-sens tekniku tagħha b'riferiment għall-vanġelu Kristjan.

Li tipproklama hi kelma karatteristika tat-Testment il-Ġdid, li permezz tagħha jitwassal il-messaġġ Kristjan, il-vanġelu. Dawk li kienu jipprietkaw kienu ħabbara li jxandru fil-pubbliku dak li kienu mibgħuta għalih. Dan jagħmluh mhux f'isimhom imma bl-awtorità ta' min jibgħathom (Rum 10:15), u għalhekk jipprietkaw mhux lilhom infushom imma lil Ġesù l-Mulej (2Kor 4:5). It-Tnax-il appostlu kienu mibgħuta minn Kristu jxandru l-evanġelju (Mk 16:15). Fil-Knisja tal-bidu, ħafna oħrajn li jaħdmu magħhom kienu mibugħtin jipprietkaw; xejn inqas Pawlu li jiddeskrivi lilu nnfisu bħala "*xandar u appostlu*" (1Tim 2:7; ara 2Tim 1:11 li żżid "*mgħallem*"). Bix-xandir tal-kelma tal-fidi (Rum 10:9) huma komplew inisslu l-fidi f'dawk li semgħuhom. "*Il-fidi, mela, tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu*" (Rum 10:17; ara v.14-15).

Mela l-proklamazzjoni hi indirizzata lejn ir-realtà preżenti ta' dawk li qegħdin jisimgħu u l-għan tagħha hu li tinbena l-fidi (1Kor 2:4-5). F'dan ir-rigward nistgħu nsemmu diversi sitwazzjonijiet. Id-diskorsi fl-Atti huma bħala proklamazzjoni għall-fidi (ara At 2:14-40; 3:12-26; 10:28-43; 13:16-41; 17:22-31) u juru l-kontenut tal-predikazzjoni f'uħud mill-knejjes tal-bidu. Il-vanġelu li xandar Pawlu fost il-ġnus għandu l-qofol tal-kontenut tiegħu mibni fuq il-mewt, id-difna imma wkoll fuq il-qawmien u d-dehriet ta' Kristu (1Kor 15:1-2), inkella l-proklamazzjoni u l-fidi Kristjana tkun fiergħa (1Kor 15:14). L-ittra lil-Lhud hi msejħa mill-awtur bħala "*kliem ta' twissija*" (Lh 13:22) fl-istil ta' prietka li tiffoka fuq il-persuna ta' Ġesù, li hu l-għajn ta' kull fidi. Fil-qosor, il-proklamazzjoni fil-Knisja tal-bidu kienet strument ewlieni fit-tixrid u t-trażmissjoni tal-fidi Kristjana.

### *It-tagħlim tal-fidi*

Minbarra l-predikazzjoni (jew proklamazzjoni), fil-Knisja tal-bidu hemm ukoll it-tagħlim. L-Insara tal-bidu kienu "*jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-appostli*" (At 2:42). Ġesù kien ta' spiss imsejjaħ mgħallem (Mt 8:19; Lq 7:40: '*didaskalos*', li jikkorrispondi għat-titlu Lhudi ta' Rabbi: Ġw 1:38; 3:2). Fi żmien l-appostli nsibu l-uffiċċju tal-imgħallem (At 13:1; 1Kor 12:28-29; Ef 4:11; 2Tim 1:11; Ġak 3:1) u l-ħidma tiegħu kienet li jgħallem ('*dikaskō*': 1Tim 4:11; 6:2). Insibu każijiet fejn li tgħallem hi magħquda ma' li xxandar ('*kērussō*': Mt 4:23; 9:35; 11:1) jew bil-maqlub (At 28:31). Hemm min jiddistingwi bejn dawn it-tnejn b'dan il-mod: li tipprietka hija l-proklamazzjoni jew ix-xandir tal-vanġelu, bħala l-ewwel preżentazzjoni tiegħu lil dawk li għadhom ma jemmnux, filwaqt li min jgħallem qed jispjega lil min diġà jemmen dak li ġie mxandar. Jidher li l-Knisja tal-bidu kienet tiddistingwi bejniethom it-tnejn. Għalhekk fit-tagħlim kienet issir istruzzjoni fl-Iskrittura, jiġifieri spjegazzjoni tal-Antik Testment fuq dak li kien imxandar, imbagħad imwessa' biex tindika dimostrazzjoni mibnija fuq l-Iskrittura biex turi li Ġesù hu l-Messija, kif ukoll istruzzjoni dwar dak li kien jgħallem Ġesù nnifsu (ara Mt 28:19). Hu probabbli ħafna li f'idejhom kellhom ġabriet imsejħa 'Testimonia' jew 'florilegium', li kienu jikkonsistu f'testi messjaniċi mill-Antik Testment biex jintużaw fit-tagħlim u f'diskussjonijiet.

Fit-Testment il-Ġdid għandha żewġ termini mill-istess għerq ta' '*dikaskō*' li jindikaw ix-xogħol tal-imgħallem, jiġifieri t-tagħlim: '*didaskalia*' u '*didachē*'. L-ewwel terminu nsibuh fis-Settanta, l-Antik Testment fil-verżjoni Griega, filwaqt li l-ieħor insibuh fiha darba biss. Ma jidhirx li hemm xi għażla bejniethom fit-Testment il-Ġdid.

Il-kelma '*didaskalia*' għandha s-sens attiv u tfisser l-azzjoni li tgħallem, istruzzjoni. Hekk fehem Pawlu b'din il-kelma (Rum 12:7; 15:4: "*Kull ma nkiteb fl-Iskrittura fl-imgħoddi, nkiteb għat-tagħlim tagħna*"; 2Tim 3:16: "*L-Iskrittura…tiswa biex wieħed jgħallem*"). Fis-sens passiv turi dak li hu mgħallem bħala tagħlim, duttrina. Dan it-tagħlim (duttrina) jista' jkun f'kuntrast mal-preċetti tal-bnedmin (Mt 15:9: "*Jgħallmu duttrina* (*tagħlim*) *li mhijiex għajr preċetti tal-bniedem*"; Mk 7:7; Kol 2:22 ilkoll isegwu Is 29:13 u qegħdin fil-plural: "duttrini") jew inkella ma jkunx tajjeb (Ef 4:14; 1Tim 4: "*tagħlim tax-xjaten*"). Fl-ittri Pastorali donnu hemm preferenza għal din il-kelma, u fil-każi kollha minbarra darba tirreferi għat-tagħlim apostoliku sħiħ fil-knisja b'enfasi li għandu jiġi mwassal fedelment (Tit 2:10; 1Tim1:10; 4:6,16; 6:1,3; 2Tim 4:3). Dawn it-tradizzjonijiet apostoliċi meqjusa bħala duttrina sħiħa, għandhom ikomplu jkunu miżmuma u mfissra anke wara t-tmiem tal-uffiċċju apostoliku.

Il-terminu l-ieħor '*didachē*' għandha l-istess tifsir. Fis-sens attiv jindika t-tagħlim bħala attività, istruzzjoni. Din it-tifsira dinamika tidher fl-attività ta' Ġesù li jgħallem (Mk 4:2) u ta' oħrajn li jgħallmu fil-komunità tal-Insara (1Kor 14:6; 2Tim 4:2: "*xandar il-kelma…wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim*"). Is-sens passiv jindika t-tagħlim li hu mgħallem. Fil-Vanġeli l-kelma tirreferi għat-tagħlim ta' Ġesù (Ġw 7:16) jew tal-Fariżej u s-Sadduċej (Mt 16:12). Fl-Atti nsibuha erba' darbiet u tirreferi għat-tagħlim tal-appostli dwar il-Mulej (tal-Appostli: At 2:42; 5:28; ta' Pawlu: 13:12: il-prokonslu emmen u baqa' mistgħaġeb "*bit-tagħlim tal-Mulej*"; 17:19). Pawlu jitkellem minn dan it-tagħlim (Rum 16:17), u f'diskussjoni jipparagunah ma' doni oħra bħal rivelazzjoni, tifsira u d-don tal-ilsna, li lkoll għandhom iservu għall-edifikazzjoni (1Kor 14:26): anke jekk dan l-aħħar don iqiegħdu f'kuntrast magħhom u ma' oħrajn, fosthom il-profezija (1Kor 14:6). Dan it-tagħlim jiddeskrivih bħala "*kwalità ta' tagħlim li ngħatalkom biex timxu fuqu*" (Rum 6:17), għax it-twemmin Nisrani hu sod biżżejjed biex ikun mgħoddi u mħaddan mill-bnedmin f'ħajjithom. Iżda hemm ukoll tagħlim żbaljat li jqarraq (Lh 13:9; Apok 2:14). Ninnotaw li dawn iż-żewġ termini li semmejna nsibuhom flimkien b'riferiment għat-tagħlim Kristjan mgħallem fil-knisja: "*li jżomm sħiħ mal-kelma ta' min jemminha skont it-tagħlim* ('*didachē*'), *biex ikun jista' jwissi skont it-tagħlim sħiħ*" ('*didaskalia*': Tit 1:9).

Ftit għandna tagħrif kif il-Kristjaneżmu kien mgħallem fil-Knisja tal-bidu. Minn dak li nsibu fl-Atti dwar Pawlu, hu kien jiffrekwenta s-sinagogi mbagħad ikompli fid-djar ta' dawk li jemmnu (ara At 18:4-7; 19:8-9). Il-kontenut tal-messaġġ apostoliku kien "*li jgħallmu u jxandru li Ġesù hu l-Messija*" (At 5:42) jew "*il-kelma ta' Mulej*" (At 15:35) u "l-*ħwejjeġ fuq Ġesù*" (At 18:25). Anzi Pawlu jafferma li kullimkien f'kull Knisja kien jgħallem billi jfakkar "*fl-imġiba tiegħi fi Kristu*" (1Kor 4:17). Meta l-Kristjaneżmu kompla jikber inħasset il-ħtieġa ta' aktar mgħallmin li jgħallmu, biex it-tagħlim Kristjan, mibni "*skont il-verità li hi f'Ġesù*" (Ef 4:21) ikun assimilat aktar fil-ħajja tal-Insara.

### *Il-fidi trażmessa bit-talb u bil-kult*

Mal-predikazzjoni u t-tagħlim hemm imbagħad it-talb u l-kult li għen fit-trażmissjoni tal-fidi fi żmien l-Appostli. Dan kien mill-bidu tal-ħajja tal-Knisja "*jżommu sħiħ… fil-qsim tal-ħobż u fit-talb*" (At 2:42).

Ġesù kien jitlob personalment u jsejjaħ lil Alla bħala Missier u Abbà, kif turi t-tradizzjoni evanġelika kollha (insemmu biss xi eżempji: Mk 1:35-38; Mt 11:25-27; Lq 22:39-46; Ġw 17:4-11). Hu għallem ukoll lid-dixxipli jitolbu (Mt 6:9-13; Lq 11:1-4). Ġesù kien imur fis-sinagoga u fit-tempju u ċertament kien jaf bit-talb u r-riti wżati fihom. Meta Ġesù għamel l-ikla tal-Għid mad-dixxipli għamel it-talb u r-riti mitluba miċ-ċelebrazzjoni, iżda b'elementi ġodda (Mt26:17; Lq

22:14s; Ġw 13:21-30), u wara l-ikla kantaw is-salmi (Mt 26:30: dawn kienu Sl 115-118 imsejħa 'Hallel').

Din it-tradizzjoni li l-Appostli bdew ma' Ġesù komplewha wara l-qawmien. Qabel l-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuqhom huma "*ilkoll qalb waħda kienu jitolbu*" flimkien ma' oħrajn (At 1:14). Il-Knisja tal-bidu, li twieldet f'kuntest marbut tant qrib mal-ambjent Lhudi, kienet konxja mill-modi ta' talb individwali jew komunitarju u liturġiku. Kienu jużaw forom ta' talb tal-Ġudajiżmu, imma issa ttrasformati biex jesprimu t-twemmin tagħhom f'Ġesù li miet imsallab iżda rxoxtat (At 2:23-24; 3:15-16; 13:29-30) u mxandar bħala Mulej u Messija (At 2:36; 5:42), li bih inkunu salvi (At 4:12).

Flimkien mal-ministeru tal-kelma, l-Appostli kienu mehdija wkoll fit-talb (At 6:4). Għall-ewwel l-Appostli baqgħu jmorru jitolbu fit-tempju (At 3:1) u kienu jgħallmu hemm ukoll (At 5:21,42). Imma kienu jiltaqgħu wkoll fi djar tal-Insara biex jgħallmu dwar Ġesù (At 5:42). L-ewwel Insara kienu anke jinġabru fihom biex jitolbu flimkien (At 12:5,12). Is-sinagogi baqgħu jiġu ffrekwentati wkoll mill-Insara għat-talb u l-liturġija. Difatti Pawlu kien jippersegwita lill-Insara fis-sinagogi (At 9:2; 26:11), u wara hu u sħabu, l-aktar matul il-vjaġġi, baqgħu jiffrekwentaw is-sinagogi u waqt il-liturġija tagħhom kienu jieħdu l-okkażjoni biex ixandru l-kelma tal-vanġelu (At 9:20; 13:5,14; 14:1; 17:2,10,17; 18:4, 26 - Apollo; 19:8). L-istess għamel fejn minflok sinagoga kien hemm biss dar tat-talb (At 16:13). Meta l-Insara ma baqgħux milqugħin fis-sinagogi, huma fittew postijiet oħra, spiss fi djar tal-Insara meqjusin bħala dar knisja (Rum 16:5,11; Film 2).

Il-ħajja ta' dawk li kienu jemmnu kompliet titqawwa filli jħossuhom "*qalb waħda u ruħ waħda*" (At 4:32). Din il-fidi kienet murija fil-qima lejn Alla, li tinkludi t-talb ('*leitourgeō*': tfisser tagħti servizz pubbliku jew isservi f'xi uffiċċju – pubbliku, u din il-kelma fit-Testment il-Ġdid hi wżata esklussivament għal servizz reliġjuż u ritwali; hawn il-bniedem reliġjuż jaqdi jew iservi lil Alla, tqim: At 13:2). Mat-talb kien isir ukoll is-sawm (At 13:2-3). Hu fi spirtu ta' talb li kien isir it-tqegħid tal-idejn biex tingħata l-missjoni għas-servizz tal-Knisja u għat-tixrid tal-vanġelu (At 6:6; 13:3). Fil-Knisja tal-bidu kien hemm kemm talb individwali u kemm dak komunitarju. L-Insara kienu jinġabru biex jitolbu (1Kor 14:23,26s) jew jiċċelebraw l-Ewkaristija (At 20:7 – qsim tal-ħobż; 1Kor 11:18,19,33 – Ikla tal-Mulej; forsi wkoll 1Kor 5:4). Fost il-komunitajiet Insara Pawlini, dawk f'Korintu jidher li kienu jgawdu minn ħafna doni spiritwali u kellhom diversi forom ta' talb kariżmatiku (1Kor 12-14). Pawlu jinsisti biex it-talb isir bl-ispirtu u bil-moħħ (1Kor 14:15) ħalli kollox iservi għall-edifikazzjoni u l-bini tal-Knisja (1Kor 14:5,12,26), u min ma jemminx jasal biex jadura lil Alla (1Kor 14:25). Permezz tal-Ispirtu mogħti minn Ġesù, l-Insara jsejħu lil Alla, Missier ('Abbà': Gal 4:6; Rum 8:15), bl-istess forma li biha Ġesù kien isejjaħ lil Alla. Mingħajr l-Ispirtu, in-Nisrani ma jistax jistqarr it-twemmin tiegħu li "*Ġesù hu l-Mulej*" (1Kor 14:3). Il-ħajja tal-fidi fost l-Insara tikber bit-talb li jinkludi s-salmi, innijiet u għana spiritwali (Kol 3:16; 1Kor 14,15,26; Ef 5:19), u fuq kollox ir-radd il-ħajr lil Alla (Kol 3:15-17). Forsi hu mertu ta' Pawlu li kien minn tal-ewwel li daħħal dan ir-radd il-ħajr f'ħafna mill-ittri tiegħu, li kkaratterizza l-bidu u t-tmien tagħhom.

Il-ħajja ta' dawk li jemmnu kienet imqawwija wkoll fil-karità u fl-għajnuna li kienu lesti joffru fil-ħtiġijiet tal-oħrajn (At 5:32s; 11:29-30). Aktar 'il quddiem Pawlu jinsisti mal-komunitajiet tiegħu (minn fost il-pagani) fuq din l-għajnuna, partikularment lejn l-ewwel Insara (minn fost il-Lhud ta' Ġerusalemm, dawk li emmnu fil-bidu: ara Ġw 4:22; Rum 9:4-5). Dan fuq l-eżempju ta' Kristu nnifsu (2Kor 8:9), u jwassal biex "*inissel kotra ta' radd il-ħajr lil Alla*" (2Kor 9:12; Gal 2:10; 2Kor 8-9). Min jirċievi xi ġid spiritwali jħossu fid-dmir li jkun ta' servizz b'għajnuna (*leitourgeō*') bi ħwejjeġ materjali lejn min ikun qasam miegħu dak il-ġid spiritwali (Rum 15:25-28; 12:13).

Il-Lhud kienu jiltaqgħu kull nhar ta' Sibt fis-sinagogi tagħhom biex jagħmlu l-liturġija tagħhom. Is-servizz kien jikkonsisti f'talb, qari mill-Iskrittura, jiġifieri mil-Liġi (Torah) u l-Profeti, imbagħad issir bħal omelija li kienet tikkonsisti f'"*kelmtejn ta' tħeġġeġ*" lil dawk miġbura (At 13:15; Lq 4:16-21) u wara jsiru talbiet (tmintax-il talba ta' barkiet u interċessjonijiet) u jispiċċaw

b'barka. Waqt it-talbiet in-nies kienu joqogħdu bilwieqfa u b'idejhom miftuħin u jirrispondu 'Ammen' għat-talbiet u l-barka. Din il-prassi tas-servizz sinagogali baqgħet issir fost l-Insara wkoll meta huma ma baqgħux imorru fis-sinagoga. Nistgħu nqabblu ma' dak li kien isir fit-tieni seklu, madwar is-sena 165 A.D., fejn għandna d-deskrizzjoni ta' San Ġustinu f' '*Apologia*' 1,67 dwar iċ-ċelebrazzjoni fil-laqgħat tal-Insara: qari mill-memorji tal-Appostli (il-vanġeli) u mill-profeti, imbagħad issir omelija u fl-aħħar kien hemm it-talb. Din l-istruttura kważi għadha tiddomina l-ewwel part tal-quddiesa bbażata fuq il-forma tas-servizz sinagogali. Jidher li l-Insara tal-bidu kien jiltaqgħu għal-laqgħat tagħhom biex jiċċelebraw il-qsim tal-ħobż, jiġifieri l-Ewkaristija (At 20:7; 2:42), fl-ewwel jum tal-ġimgħa minflok is-Sibt tal-Lhud (At 20:7; ara Mt 28:1: "*Meta għadda s-Sibt, maż-żerniq tal-ewwel jum tal-ġimgħa*", jiġifieri l-Ħadd filgħodu kmieni meta Ġesù qam mill-mewt). Il-Lhud kienu jqisu l-ġurnata minn filgħaxija sa filgħaxija. Għalhekk l-ewwel Insara kienu jiltaqgħu fil-lejl ta' bejn is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd filgħodu, jum li jfakkar il-qawmien ta' Ġesù mill-mewt.

Fil-komunitajiet Pawlini kienet tinżamm l-Ikla tal-Mulej (1Kor 10:14-22; 11:17-34) u kienu jsegwu dak li Ġesù għamel fl-Aħħar Ikla fil-kuntest ta' Ikla tal-Għid tal-Lhud, imma b'interpretazzjoni ġdida. Waqt iċ-ċelebrazzjoni kienu jbierku l-ħobż, jaqsmuh u jieklu minnu. Dan il-ħobż kien ażżmu kif kienu jużaw il-Lhud fil-festa tal-Għid tagħhom. Aktar qabel f'din l-ittra, Pawlu jitkellem minn "*ħobż bla ħmira*", fejn qed jirreferi għal din id-drawwa tal-Lhud meta kienu jneħħu l-ħmira mid-dar għall-festa tal-Għid (1Kor 5:8). Imbagħad kienu jbierku l-kalċi u jixorbu minnu bħala x-xorb tal-Mulej. Din iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija kienet ikkunsidrata bħala kruċjali għat-twemmin u fil-ħajja tal-komunitajiet Insara. Meqjusa bħala ikla b'tifkira (1Kor 11:24-25: '*anamnēsis*', li qed iġġedded, terġa' tagħmel preżenti u mhux sempliċement qed tfakkar xi ħaġa tal-passat) ta' dak li għamel Ġesù, li fiha n-Nisrani jiekol u jixrob "*il-ġisem u d-demm tal-Mulej*" (1Kor 11:27; 10:21) li jġibu għaqda ('*koinonia*') ma' Kristu, u permezz tiegħu l-Insara bejniethom flimkien ("*aħna ġisem wieħed*": 1Kor 10:16-17) biex jiffurmaw "*ġisem wieħed fi Kristu*" (Rum 12:5), jiġifieri l-Knisja, li hi "*l-ġisem ta' Kristu*" (1Kor 12:27; Kol 1:24). Dan it-twemmin dwar Kristu u l-Knisja, l-Insara tal-bidu kienu jgħixuh u jiċċelebrawh bħala parti mill-istess ħajja tal-Knisja, u fl-istess waqt hi tkompli tgħallmu u tiċċelebrah.

***It-tradizzjoni tal-fidi fil-Knisja primittiva***

Jekk it-tradizzjoni tal-fidi kienet imħaddna u mmexxija 'l quddiem fil-Knisja primittiva, dan il-proċess diġà għandu preċedent fl-Iskrittura u fit-tagħlim rabbiniku. It-tradizzjoni hi mmexxija 'l quddiem kemm oralment (ara Sl 78:1-8) kif ukoll bil-kitba, bħal fil-każ tal-Kotba Mqaddsa tal-Antik Testment. Hekk ġara wkoll fit-tradizzjoni rabbinika li kienet tgħaddi oralment u kien biss madwar is-sena 200 A.D. li t-tagħlim rabbiniku beda jitniżżel fil-kitba (il-bidu fil-*Mishnah*). Kontemporanju ma' din it-tradizzjoni fil-bidu tal-era tat-Testment il-Ġdid, għandha wkoll it-tradizzjoni Kristjana distinta minn dik Ġudajka, mgħoddija fi ħdan il-Knisja Apostolika fl-ewwel żminijiet tagħha. Il-Knisja kienet titħabat biex ixxerred u ġġib 'il quddiem fost il-Lhud tal-Palestina u tad-diaspora kif ukoll fost il-ġnus pagani t-tradizzjoni tat-twemmin Kristjan, li l-kontenut fil-qofol tiegħu kien jikkonsisti fil-ħajja, fit-tagħlim, fil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù u t-tifsira u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-ħajja tal-Insara. Iżda fit-Testment il-Ġdid il-kunċett tat-tradizzjoni kien l-ewwel użat għat-tagħlim rabbiniku mgħoddi oralment.

Naraw l-ewwel it-termini tekniċi marbutin mat-tradizzjoni, meħudin mill-Ġudajiżmu u li kienu wżati fit-Testment il-Ġdid. In-nom hu indikat bil-kelma '*paradosis*', li tirreferi għal xi ħaġa mgħoddija (il-'handing down', over), għalhekk tfisser l-ewwel nett tradiment, arrest, qbid – sens li ma nsibuhx fit-Testment il-Ġdid; u t-tieni tfisser tradizzjoni ta' tagħlim, liġijiet, rakkonti u oħrajn kemm f'sens attiv, imma fit-Testment il-Ġdid insibuha biss f'sens passiv, jiġifieri għal dak li hu mgħoddi. Dan jingħad għat-tradizzjoni tal-Iskribi u l-Fariżej fid-diskussjonijiet ta' Ġesù magħhom bħala "*tradizzjonijiet ta' missirijietna*" li kienu aċċettati mill-Fariżej, iżda miċħuda mis-

Sadduċej. (Mt 15:2-3; Mk 7: 3-13; ara Pirqe Aboth). Pawlu jitkellem ukoll minn dawn it-tradizzjonijiet (Gal 1:14) u anke minn tradizzjonijiet *tal-bnedmin*" (Kol 2:8).

Imbagħad hemm iż-żewġ verbi konnessi mal-materjal tradizzjonali. Il-verb '*paralambanō*' ifisser tieħu, tieħu miegħek (persuna: Mt 1:20; Mk5:36); ukoll tirċievi (saltna: Lh 12:28; ministeru: Kol 4:17), tirċievi jew tilqa' (xi wirt spiritwali bħal ċerimonji li wieħed jirċievi bi tradizzjoni; 1Kor 15:3; Gal 1:9), jew rigward persuni (Ġw 1:11) inkella riġward tagħlim u predikazzjoni (jikkorrespondi għat-terminu rabbiniku '*qibbel*'; 1Kor 15:1; Fil 4:9). Il-verb l-ieħor hu '*paradidōmi*' bis-sens ġenerali li tagħti (Mt 25:20); tagħti persuna (fil-kustodja ta' xi ħadd), terħi f'idejn xi ħadd (Mt 10:19); tirrikkmanda (At 15:40); ukoll fis-sens li tgħaddi, tittrażmetti jew tgħallem tradizzjoni orali jew miktuba (jikkorrespondi għat-terminu rabbiniku '*masar*'; Mk 7:13; At 16:4).

L-Insara tal-bidu, l-aktar dawk ta' oriġni Lhudija, kienu jgħożżu drawwiet u tradizzjonijiet ġejjin mill-Antik Testment u mill-Ġudajiżmu u kienu jikkunsidrawhom bħala parti mill-ħajja tagħhom kif kienu trabbew fihom. It-twemmin Kristjan li huma kienu jħaddnu beda jsir ukoll oġġett tat-tradizzjoni espress fi drawwiet, prattiċi, tagħlim, innijiet jew formuli liturġiċi, uħud minnhom ta' oriġni Kristjana. Iżda xi drawwiet li kienu miżmuma bħala tradizzjoni mill-komunità Ġudajka ġew imwarrba mill-Insara tal-bidu għax ma kellhomx aktar valur għat-twemmin tagħhom jew għax saħansitra ma kienux għandhom kompatibbli mal-ħsieb Kristjan. Hekk, per eżempju, it-tradizzjonijiet tal-antenati li għandhom x'jaqsmu mal-purifikazzjoni li kienu aktar "*tradizzjoni tal-bnedmin*" li magħhom kienu tant attakkati l-Fariżej u l-Iskribi – u dan a skapitu tal-kmandamenti ta' Alla (Mk 7: 3-13; Mt 15:2-3). L-istess ħsieb għandu Pawlu f'dan ir-rigward, fil-konfront tal-ereżija f'Kolossi (Kol 2:8). L-istess ngħidu anke għal dawk it-tradizzjonijiet li kienu jżommu l-ftuħ tal-Knisja lejn il-Ġentili jew għal konvivenza bejn l-Insara kemm ta' oriġni Lhudija u dawk ta' oriġni pagana. Dan ir-rifjut kien diġà mibdi minn Ġesù.

Iżda tagħlim jew drawwiet li oriġinaw mil-Liġi u l-Profeti ma ġewx imwarrba, imma huma mwassla "*għall-milja tagħhom*" (Mt 5:17). Ghalhekk dawk it-tradizzjonijiet jew drawwiet li ġew ippurifikati saru parti mit-tradizzjoni Kristjana (ara l-eżempji f'Mt 5:21-48). L-istess ngħidu għall-festi tal-Lhud, partikularment dawk tal-Għid u tal-Pentekoste li kellhom oriġni fl-Antik Testment (Eż 12:1-51; Lev 23:15-22; Dewt 16:1-12). Imma issa fil-Knisja apostolika, fil-kuntest tat-twemmin Kristjan, huma mġedda u għandhom tifsira differenti u ġdida speċifikament marbuta mal-ġrajjiet Kristjani.

Fil-ftuħ tal-opra tiegħu l-evanġelista Luqa jitkellem propju mill-bidu ta' din it-tradizzjoni apostolika tat-twemmin Kristjan li tikkonsisti mill-"*ġrajja li seħħew fostna, kif għaddewhom* ('*paradidōmi*') *lilna dawk li sa mill-bidu rawhom b'għajnejhom stess u saru ministri tal-kelma*" (jiġifieri tal-vanġelu Kristjan: Lq 1:1-2). It-tradizzjoni bikrija ta' dan it-twemmin fil-Knisja tal-bidu hu muri b'mod ċar minn Pawlu. Hu jagħtiha importanza kbira partikularment fl-ewwel ittra lill-Korintin. Fiha jitkellem minn żewġ temi tradizzjonali li huma kruċjali għall-fidi Kristjana, iżda illuminanti ferm dwar il-kontenut u t-trażmissjoni tat-tradizzjoni apostolika.

Pawlu jibda biex ifaħħar lill-Korintin għaliex "*żżommu t-tradizzjonijiet* ('*paradosis*') *li jien għaddejtilkom* ('*paredōka*': 1Kor 11:2). Jidher li probabilment qed jirreferi għat-tagħlim li hu għallimhom b'mod ġenerali. Imma mbagħad ikompli jittratta minn problemi u abbużi li kienu jeżistu f'din il-komunità. L-ewwel wieħed miż-żewġ testi jitkellem mir-rakkont tal-istituzzjoni tal-Ewkaristija. "*Jien irċevejt* ('*parelabon*') *mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt* ('*paredōka*') *lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù…*" (1Kor 11:23). Għandna t-termini tekniċi tal-lingwaġġ tat-tradizzjoni. Hu jkompli bir-rakkont tal-istituzzjoni li fih itenni l-patt ġdid inawgurat bid-demm ta' Kristu bejn Alla u l-bniedem li jieħu post il-patt ta' żmien Mosè (Eż 24:8). Pawlu u l-evanġelisti l-oħra ma jsemmux fir-rakkonti tagħhom il-ħaruf tal-Għid li s-soltu jieklu fl-ikla (1Kor 11:23-25; Mt 26:17-29; Mk 14:12-25; Lq 22:7-30; ara wkoll Ġw 13:1-30). Fil-ħsieb ta' Ġesù u kif hu qal lill-appostli, huma kienu se jieklu f'Għid li fih l-Għid tal-Lhud kien biss tip. Issa f'dan iż-żmien tal-patt il-ġdid hemm is-sagrifiċċju permezz tal-Ħaruf tal-Għid li hu Kristu (1Kor 5:7). Li tixrob mid-demm,

xi ħaġa projbita għal-Lhud skond il-liġi Możajka, ifisser li qed tieħu sehem fil-ħajja tal-vittma li xerrdet demmha. Issa li tiekol il-Ġisem u tixrob mid-Demm ta' Kristu, ifisser li jkollok il-ħajja ta' dejjem (Ġw 6:54-58). Fuq ordni ta' Ġesù nnifsu, l-Insara qed iġeddu t-tifkira (*'anamnēsis'*) ta' dan is-sagrifiċċju għall-maħfra tad-dnubiet, kif juru r-rakkonti li għandhom bixra reċitattiva u għalhekk tradizzjonali. Dan ir-rit daħal bħala tradizzjoni fil-Knisja sa mill-bidu tas-snin 30 A.D. u li Pawlu probabilment irċieva f'Antijokja madwar is-sena 40 A.D., imbagħad wara għaddieh lill-Korintin matul it-tieni vjaġġ missjunarju fil-bidu tas-snin 50 A.D. Pawlu hawn kien qed iwissi dwar xi abbużi li kienu qed isiru waqt il-laqgħat tagħhom li jmorru kontra l-għaqda (*'koinonia'*) meta jiltaqgħu biex jiċċelebraw l-Ewkaristija (1Kor 11:18-22, 26-34). Hu jagħmel dan billi jappella għat-tradizzjoni liturġika tal-Ikla tal-Mulej li hu stess kien għaddielhom u għandhom ikunu fidili lejha. Mela l-Ewkaristija kienet tradizzjonalment iċċelebrata b'mod kontinwu fost l-Insara tal-bidu u dan fi twemmin sħiħ għall-kliem ta' Kristu.

It-tieni test tradizzjonali jiġbor fih sommarju tal-vanġelu (1Kor 15:1-11). Hawn Pawlu jitkellem fit-tul dwar il-qawmien ta' Kristu (1Kor 15), peress li kien hemm x'uħud li kienu jiċħdu l-qawmien tal-mejtin (1Kor 15:12). Għalhekk kien jeħtieġlu li l-ewwel jitkellem dwar il-qawmien ta' Kristu li kien parti essenzjali fil-predikazzjoni tiegħu u fil-Knisja primittiva. Mill-ġdid jibda biex jappella għat-tradizzjoni u ifakkarhom *"fl-Evanġelju li xandartilkom u* (*'kai'*) *li intom ilqajtu* (*'parelabete'* - irċevejtu) *u li fih qegħdin iżżommu sħiħ, u li bih tkunu salvi, kemm-il darba iżżommuh kif xandarthulkom, jekk ma emmintux għal xejn. Qabel xejn jien għallimtkom* (*'paredōka'* - għaddejt) *dak li tgħallimt* (*'parelabon'* – irċevejt) *jien ukoll…"* (1Kor 15:1-3a). Ninnotaw il-vokabularju tal-predikazzjoni: ixxandar (*'euaggelizo -mai'*: ixxandar, tħabbar), l-Evanġelju (*'euaggelion'*: Evanġelju, bxara t-tajba), temmen (*'pisteuō'*), issalva. Dan is-sommarju jagħlaq b'elementi simili: *"Dan aħna xandarna* (*'kērussō'* – verb tax-xandir konness ma' *'euaggelion'*) *u dan emmintu intom"* (1Kor 15:12). Nosservaw ukoll il-proċess tal-predikazzjoni tal-vanġelu indikat kull darba bil-konġunzjoni *"u"* (*'kai'*): l-ewwel ixandar, imbagħad jilqgħu, ikomplu jżommu sħiħ u dan iġib is-salvazzjoni. Din is-salvazzjoni hi miftuħa bil-fidi inizjali li xandrilhom (is-sens tal-verb 'temmen' hawnhekk jindika passat inċipjenti, jiġifieri meta bdew jemmnu, meta għamlu l-att ta' fidi; ara Rum 13:11) imma kemm-il darba din ikomplu jżommuha, altrimenti jkunu emmnu għalxejn. Fl-aħħar nett din il-predikazzjoni hi tradizzjonali, indikata bil-kliem tal-*'paradosis'*, jiġifieri l-fidi li tkompli tgħaddi fost l-Insara.

Imbagħad ikompli jikkwota l-kredu tradizzjonali f'erba' dikjarazzjonijiet sommarji, kull waħda tibda bil-konġunzjoni *'hoti'* ("li"): *"li Kristu miet minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura u li difnuh u li qam mill-imwiet fit-tielet jum, skont l-Iskrittura, u li deher li Kefa, u mbagħad lit-Tnax"* (1Kor 15:3b-5). Dawn il-formoli kristoloġiċi għandhom karattru ta' stqarrija li hu indikat bl-użu tal-konġunzjoni *"li"* (wara verb ta' kelma jew ħsieb). Hi stqarrija tradizzjonali b'formoli fissi li kienet tingħadd f'kuntest liturġiku. Pawlu qed jappella għat-tradizzjoni biex jikkonfuta għidut li jiċħdu l-qawmien mill-imwiet. Fit-tagħlim li hu għadda lill-Korintin fil-bidu, żgur li kienet tinkludi l-qawmien ta' Kristu għaliex din kienet parti mill-proklamazzjoni Kristjana primittiva kif jidher fid-diskorsi kerigmatiċi (ara At 2:22-24; 3:15; 4:10).

F'din l-istqarrija tradizzjonali dwar il-mewt, id-difna u l-qawmien ta' Ġesù, Pawlu jara fiha l-ġrajja ta' Kristu. Fil-viżjoni tiegħu dwar l-effetti ta' din il-ġrajja, hu jidentifika lin-Nisrani bħallikieku jgħaddi minn kull fażi tal-ġrajja salvifika ta' Kristu. Hu jgħid: *"Ma tafux li tgħammidna fil-mewt tiegħu? Ndfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida. Jekk aħna sirna ħaġa waħda miegħu f'mewt tixbah li tiegħu, hekk ningħaqdu miegħu fil-qawmien tiegħu mill-mewt"* (Rum 6:3-5). Bil-magħmudija n-Nisrani hu identifikat mal-mewt, difna u l-qawmien ta' Kristu – u x'aktarx għalhekk qed jalludi għar-rit tal-magħmudija li kien isir bl-immersjoni. Min jitgħammed kien jogħdos bħallikieku ndifen fl-ilma, bħalma Kristu kien midfun fil-qabar. In-Nisrani jmut għad-dnub, imma issa bil-fidi jqum, u mnaddaf u mqaddes (1Kor 6:11), jaqsam ma' Kristu l-ħajja l-ġdida (Kol 2:12-13). Din il-magħmudija, li Ġesù kien ħalla

fil-missjoni li hu ta lill-appostli qabel it-tluq tiegħu (Mt 28:19), kienet offruta lil dawk li semgħu lil Pietru jipprietka wara l-ewwel diskors kerigmatiku f'Ġerusalemm (At 2:38). Dakinhar tgħammdu madwar tlitt elef ruħ (At 2:41), u dan baqa' jkun il-mod ta' dawk li riedu jidħlu fil-Knisja (At 8:12-13, 38; 9:18; 10:48; 16:15,34; 18:8; 19:5).

***Tħaddin tat-tradizzjoni Kristjana***

It-tradizzjoni Kristjana għandha diversi forom ta' espressjoni. Minbarra l-predikazzjoni u t-tagħlim, insibu tradizzjonijiet Kristjani, fosthom bħal akklamazjonijiet liturġiċi (1Kor 12:3; Fil 2:11), stqarrijiet (1Kor 15:3-5; Rum 1:3-4; 3:24-25), innijiet (Fil 2:6-11) u fit-tagħlim parenetiku li nsibu fih elementi ta' materjal kateketiku Kristjan primittiv (Gal 5:1-6:10; Kol 3:1-4:6). Minbarra dawn, Pawlu jafferma li hu u oħrajn għarfu ħwejjeġ oħra li huma ħadu mill-Ispirtu ta' Alla u li ħabbruhom bi kliem li tgħallmuh mhux bl-għerf tal-bnedmin imma mill-Ispirtu (1Kor 2:12-13).

Pawlu jinsisti mal-Insara biex jimxu mat-tradizzjoni Kristjana trażmessa mal-medda tas-snin. Huma għandhom jimxu skont it-tagħlim li huma rċevew mingħandu "*permezz ta' Sidna Ġesù*" ħalli jogħġbu li Alla (1Tes 4:1-2). Imsejħin permezz tal-Evanġelju, huma għandhom iżommu sħiħ fit-tradizzjonijiet "*li intom tgħallimtu sew bil-kelma sew bl-ittra tagħna*" (2Tes 2:15). L-Evanġelju li hu ħabbar mhuwiex ġej mill-bnedmin, imma kien irċevieh u tgħallmu għax "*kien irrivelat lili minn Ġesù Kristu*" (Gal 1:11-12).

Iżda hemm x'uħud li ma jimxux skont it-tradizzjoni li rċevew (2Tes 3:6) jew qegħdin jinqatgħu mil-laqgħat (Lh 10:25). Jeħtieġ għalhekk li jissaħħu fil-fidi kif tgħallmu, biex ma jkunux imqarrqin bi kliem qarrieq u fieragħ mibni fuq tradizjonijiet tal-bnedmin, imma skont dawk ta' Kristu (Kol 2:7-8). Biex wieħed iżomm fit-tradizzjoni Kristjana jeħtieġ il-fidi "*li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin*" (Ġud 3). Inkella jekk jerġgħu lura "*mill-kmandament imqaddes li ngħata lilhom*" kien ikun aħjar għalihom li qatt ma għarfuha (2Pt 2:21; ara t-twissija f'Lh 10:26-31). "*Iżda aħna m'aħniex minn dawk li jerġgħu lura, biex nintilfu; aħna minn dawk tal-fidi biex insalvaw*" (Lh 10:39).

# IT-TIENI TAQSIMA:
# GĦAJNUNA GĦAT-TALB PERSONALI JEW FI GRUPP

## 1. MEDITAZZJONIJIET FUQ IL-QARI TAL-ĦDUD TAR-RANDAN (Sena Ċ)

**Kontributuri:**
**Sorijiet Klarissi, Anawim, Pauline Grech, Antonia Sciberras, Nancy Grech, Anna Refalo, Dun Joseph Sultana, Tereżina Camilleri, Dorienne Portelli, Marlene Cauchi**

### 1. L-Ewwel Ħadd

#### i. Qari 1: Dewt 26,4-10

Il-poplu l-magħżul kellu kull raġuni sabiex ikun grat lejn Alla li ħarġu mill-istat ta' skjavitù kif kien fl-Eġittu u għamlu poplu, u poġġieh f'art tnixxi ħalib u għasel. Alla għamilhom Poplu Magħżul, nies ħielsa minn kull oppressjoni, u ħielsa biex ikunu jistgħu jaqdu u jservu lil Alla. Kull ma talabhom Alla kien li, sena wara sena, huma jibqgħu jiftakru fit-tjieba tiegħu billi joffrulu ftit mill-frott tal-art li hu kien tahom. Kemm għandha tkun akbar il-gratitudni tagħna lejn dan Alla li m'għamilniex biss poplu magħżul imma saħansitra wlied adottivi tiegħu permezz ta' Ġesù Kristu! Hu ma wegħidniex biss biċċa art fejn ngħixu din il-ħajja qasira tagħna, imma s-Saltna Tiegħu li tibqa għall-eternità. Waqt li bagħat lil Mosè l-qaddej tiegħu biex jeħles lill-Iżraelin mill-Eġittu, għalina Hu bagħat lil Ibnu stess biex jeħles lilna mill-iskjavitù tax-xitan u tad-dnub. Dan Ibnu ħa fuqu n-natura tagħna biex ikun jista' jsofri bħalna u f'isimna, u jgħollina 'l fuq biex insiru wlied adottivi ta' Alla l-Missier Etern. Bħall-poplu ta' Alla fl-Antik Testment, aħna wkoll qegħdin niġu msejħa biex niftakru dak li għamel magħna Alla. Kull quddiesa li nieħdu sehem fiha hija tifkira ta' dak kollu li Ġesù sofra għalina, imma r-Randan b'mod speċjali huwa żmien li fih il-Knisja tgħinna niskopru aktar u nidħlu aktar fil-profond tas-sofferenzi u tal-mewt tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu.

F'dan l-ewwel Ħadd tar-Randan huwa tajjeb li wieħed jiftakar li l-antenati tagħna kienu minn Aram, jiġġerrew minn post għal ieħor, 'il bogħod minn Alla li huwa mħabba – qabel ma' ġie Kristu fid-dinja biex jagħti sens il-ħajja umana. Kieku ma ġiex Ġesù fid-dinja, kieku aħna wkoll, bħal ħafna li għadhom ma għarfux lil Alla, għadna niġġerrew 'minn post għal ieħor' fid-deżert tal-ħajja, mingħajr ma nafu minn fejn ġejna jew fejn sejrin. Issa, permezz ta' Kristu, l-Iben ta' Alla, aħna nafu li aħna wlied Alla, iddestinati li ngħixu ħajja eterna, u niġu megħjuna f'dan bir-rigali u bl-għajnuniet li ħallielna Kristu fil-Knisja tiegħu. Aħna, min-naħa tagħna, ma rridux ninsew li aħna msejħa biex nagħmlu l-parti tagħna wkoll bħalma għamel u għadu jagħmel Alla. Min-naħa tagħna aħna għandna nirringrazzjaw lil Alla billi f'dan ir-Randan imqaddes niftakru aktar spiss u b'aktar profondità dak kollu li għamel Ġesù għalina. Dan nistgħu nagħmluh permezz ta' xi penitenzi li m'għandhomx għalfejn ikunu eżaġerati. Il-qoffa tal-frott tal-Iżraelin kienet żgħira meta mqabbla ma' dak kollu li Alla għamel għalihom u ma' dak li kienet tagħtihom l-art. Jekk b'dawk il-penitenzi żgħar aħna jirnexxielna niftakru f'dak li għamel Alla għalina, u li għadu jagħmel, allura dawn jistgħu jkunu s-sinjali tal-gratitudni tagħna lejh li Hu Mħabba.

### ii. Qari 2: Rum 10,8-13

Aħna l-Insara nafu li l-mewt u l-qawmien mill-mewt ta’ Kristu l-Mulej fetħulna l-bibien tas-salvazzjoni. Din hija l-bażi tal-fidi tagħna u l-pedament sod li fuqu hi mibnija t-tama tagħna. Imma aħna nafu wkoll li rridu nagħmlu l-parti tagħna jekk irridu ngawdu minn dak kollu li toffrilna din it-tama. Jekk irridu naslu sa wara l-bibien tas-salvazzjoni aħna jeħtiġilna nimxu fit-triq li turina il-liġi Nisranija. Aħna għandna l-bżonn li niġu mfakkra kull tant żmien fuq dak li jrid minna l-Mulej, għax kif kulħadd jaf, id-dinja għandha ħafna modi kif tfixkilna milli nimxu din it-triq lejn is-salvazzjoni. Jekk hemm xi ħaġa li kull bniedem li għandu moħħ jaf, imma li jipprova jneħħi mill-ħsibijiet tiegħu, hi li xi darba ser ikollu jmut, u li din hija ċertezza. Huwa veru li m’għandniex inħallu dan il-ħsieb iħawdilna u jfixklilna l-eżistenza tagħna imma l-bniedem għaqli huwa dak li kuljum iħares lejn il-kuxjenza tiegħu biex jara jekk hux ippreparat għall-mewt jew le. Żmien ir-Randan huwa żmien tajjeb biex wieħed jagħmel dan l-eżami tal-kuxjenza.

Matul dawn il-ġimgħat tar-Randan, il-Knisja tħeġġiġna sabiex nippreparaw għall-Ġimgħa Mqaddsa u għall-Għid billi nippruvaw nagħmlu sforz akbar biex nimitaw il-Mulej Alla tagħna fis-sofferenzi tiegħu għalina, sabiex inkunu nistgħu nqumu miegħu meta jagħlqilna ż-żmien tal-ħajja tagħna f’din id-dinja. Aħna nqumu miegħu għall-ħajja eterna jekk immutu fil-grazzja u fil-ħbiberija tiegħu. Garanzija waħda għandna li nagħmlu mewta tajba fil-grazzja u l-ħbiberija tiegħu: li nagħmlu ħilitna kollha biex ngħixu ta’ veri Nsara. Aħna lkoll xi darba jew oħra smajnieh dan il-kliem, imma xi wħud minna mhumiex ser jisimgħuh sena oħra għax ma jibqgħux magħna, u l-ħajja eterna tagħhom tiddependi fuq dan. Għax ‘kull min isejjaħ isem il-Mulej’, mhux bil-kliem biss imma bil-fatti, ‘isalva’.

### iii. Vanġelu: Lq 4,1-13

***4:1: Ġesù mimli bl-Ispirtu s-Santu, reġa’ lura mill-Ġordan u l-Ispirtu ħadu fid-deżert.***

Meta Ġesù mar fid-deżert, huwa daħal fl-istorja tas-salvazzjoni tal-poplu tiegħu – il-poplu l-magħżul – storja li bdiet bil-ħarġa mill-Eġittu, bl-erbgħin sena jiġru fid-deżert fejn fil-qalba ta’ dawn l-erbgħin sena insibu l-erbgħin jum li Mosè għamel fuq il-muntanja wiċċ imb wiċċ ma’ Alla. Kienu ġranet ta’ sawm, ’il bogħod min-nies u mill-familja tiegħu, fis-solitudni tal-isħab. Minn dawn l-erbgħin jum ħarġet tgelgel il-funtana tar-rivelazzjoni: l-għaxar kmandamenti. Insibu wkoll l-erbgħin ġurnata fil-ħajja tal-profeta Elija li, ppersegwitat mir-re Aħab, telaq lejn id-deżert, u wara vjaġġ ta’ erbgħin jum spiċċa eżattament f’dak il-post fejn kellu l-bidu tiegħu l-patt bejn Alla u l-poplu Lhudi. F’dak il-post Elija sema’ l-vuċi ta’ Alla u b’hekk setgħet tibda paġna ġdida oħra fl-istorja tas-salvazzjoni. Ġesù daħal f’din l-istorja, fit-tentazzjonijiet tal-poplu tiegħu, u bħal Mosè offra lilu nnifsu bħala vittma għas-salvazzjoni tal-poplu Lhudi. Ġesù daħal fid-deżert biex ikun ittentat, biex jaqsam fit-tentazzjonijiet tal-poplu tiegħu u tad-dinja kollha; biex jieħu fuqu l-miżerja tagħna u biex jirbaħ lill-għadu u b’hekk, permezz tas-salib, fetħilna t-triq li tieħu lejn il-vera art imwiegħda – ħaġa li kienet miċħuda lil Mosè.

***4:3: U x-xitan qallu: “Jekk inti Bin Alla għid lil din il-ġebla ssir ħobż”***

Hawnhekk Ġesù qiegħed jiġi sfidat mix-xitan biex jagħti prova ta’ dak li kien qiegħed jgħid li hu. Din l-isfida hija tema rikorrenti fil-ħajja pubblika ta’ Ġesù, u nsibuha saħansitra fl-aħħar mumenti ta’ ħajtu meta, minn taħt is-salib, dawk li bagħtuh għall-mewt bdew jiddieħku bih u jgħidulu: *“salva lilek innifsek jekk int l-Iben ta’ Alla, u inżel minn fuq is-salib!” (Mt 27:40*). Imma Ġesù la biddel il-ġebla f’ħobż u wisq anqas niżel minn fuq is-salib. Però fil-ħajja pubblika tiegħu nsibu episodju fejn Ġesù għamel eżattament dak li rrifjuta li jagħmel għax-xitan, u li nistgħu naqrawh fid-dawl ta’ din it-tentazzjoni: il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż. Għaliex Ġesù f’dak il-każ għamel dak li qabel rrifjuta bħala tentazzjoni? Dan għaliex il-folla tan-nies li nġabret kienet telqet kollox biex

tiġi wara Ġesù u tisma' l-kelma tiegħu; dawn kienu nies li kellhom qalbhom miftuħa għal Alla u għal xulxin; għalhekk kienu lesti biex jirċievu l-ħobż b'dispożizzjoni tajba. Il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż għandu tliet aspetti importanti: 1) Huwa ppreċedut mit-tfittxija għal Alla, għall-kelma tiegħu, għal dak it-tagħlim li jpoġġi l-ħajja fid-direzzjoni t-tajba; 2) huwa Alla li qiegħed jiġi mitlub il-ħobż; 3) in-nies kellhom ir-rieda, id-disponibbiltà li jaqsmu ma' xulxin. Dan huwa element importanti biex seta' jseħħ il-miraklu. Ġesù ma kienx indifferenti mill-ġuħ tan-nies imma hu wriena l-prijoritajiet li għandu jkun hemm fil-qalb tal-bniedem sabiex kulħadd ikun jista' jkollu x'jiekol u ma jibqa' ħadd bil-ġuħ. Meta l-bniedem jirrikonoxxi l-fatt li ma jistax jgħix bil-ħobż biss, imma li l-ewwel u qabel kollox għandu jgħix bl-ubbidjenza lejn Alla, allura hemm tkun tista' tiġi żviluppata dik il-kapaċità li biha jkun jista' jipprovdi ikel għal kulħadd. Is-smigħ tal-kelma ta' Alla jsir għixien ma' Alla li jwassal mill-fidi għall-imħabba.

***4:5-7: Mbagħad ix-xitan ħadu fil-għoli u wrieh is-saltniet tad-dinja kollha f'daqqa. Qallu x-xitan: "Nagħtik is-setgħa fuq dawn kollha, bil-glorja tagħhom ukoll, għax hija ngħatat lili, u jiena nagħtiha lil min irrid. Jekk tinxteħet quddiemi tagħtini qima, kollha tiegħek tkun".***

F'dan il-każ ukoll hemm episodju ieħor fil-ħajja ta' Ġesù li nistgħu naqrawh fid-dawl ta' din it-tieni tentazzjoni. San Mattew (28:16-18) jgħid li: *"il-ħdax-il dixxiplu telqu lejn il-Galilija u marru fuq il-muntanja fejn kien ordnalhom Ġesù. Kif rawh, inxteħtu quddiemu, għalkemm xi wħud iddubitaw. Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: 'Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art....'"*. Il-Mulej, hawn fuq din il-muntanja, qed jgħid li issa għandu s-setgħa mhux fl-art biss, kif offrilu x-xitan f'din it-tieni tentazzjoni, imma fis-sema wkoll. Mingħajr is-setgħa mis-sema, il-poter waħdu tal-art huwa ambigwu u fraġli. Dan il-poter isir tajjeb meta jissottometti ruħu għall-ġudizzju tas-sema – ta' Alla – u jista' jiġi afdat biss meta jkollu l-barka ta' Alla. Ġesù seta' jgħid dan għax qabel kellu jitla' fil-għoli, fuq muntanja oħra – dik tal-Golgota –, fejn miet imdendel ma' salib, mgħajjar min-nies u miċħud mill-appostli. Is-saltna ta' Alla hija differenti minn dik tad-dinja li x-xitan poġġa quddiemu. Dawk is-saltniet li wrieh, kif nafu mill-istorja, kollha ġew fit-tmiem tagħhom. Mhux hekk is-saltna ta' Alla. Il-glorja tal-Mulej, l-umiltà, is-sagrifiċċju tiegħu u l-glorja ta' mħabbtu – dawn għadhom ma għaddewx, u qatt mhuma ser jgħaddu. Is-saltna ta' Alla tikber permezz tax-xandir umli ta' dawk li jaċċettaw li jsiru d-dixxipli tiegħu, li huma mgħammda f'isem it-Trinità Qaddisa u li jgħixu skont il-kmandamenti tiegħu.

***4:9-11: Mbagħad ix-xitan ħadu Ġerusalem, qiegħdu fuq il-quċċata tat-Tempju u qallu: 'Jekk inti Bin Alla, inxteħet minn hawn għal isfel, għax hemm miktub li: 'lill-anġli tiegħu jordnalhom biex jieħdu ħsiebek sewwa', u 'fuq idejhom jerfgħuk ħalli ma' taħbatx riġlek ma' xi ġebla'.***

F'din it-tentazzjoni naraw lix-xitan jippoża bħala espert tal-Iskrittura. Nistgħu ngħidu li d-diskursata kollha bejn Ġesù u x-xitan hija bejn żewġ esperti tal-Bibbja dwar kif wieħed jinterpreta l-Iskrittura li, fl-aħħar mill-aħħar, mhi xejn ħlief diskussjoni fuq min hu Alla. Kif jista' jkun li dak li wera ruħu li kien mingħajr poter ta' din id-dinja, ikun l-Iben ta' Alla l-ħaj? Il-punt kruċjali jurihulna Ġesù stess bir-risposta li jagħtih, meħudha mill-ktieb tad-Dewteronomju (6:16): *'La ġġarrbux lill-Mulej Alla tagħkom bħalma ġarrabtuh f'Massa'*. Din ir-risposta tirreferi għall-istorja ta' kif Iżrael, meta kien jiġġerra fid-deżert, kien kważi miet bil-għatx, u rribella kontra Mosè u Aron, u, permezz tagħhom, kontra Alla. Alla kellu jagħtihom il-prova li kien verament Alla billi jipprovdilhom dak li kellhom bżonn. Hawn niltaqgħu ma' dik l-arroganza li biha l-bniedem jagħmel lil Alla 'oġġett' li jista' jiġi ttestjat biex jara jekk jisgħtax jużah jew le. Imma b'din it-tip ta' arroganza l-bniedem mhux kapaċi jsib lil Alla għax din l-arroganza diġà timplika fiha nnifisha l-fatt li l-bniedem qed jiċħad lil Alla bħala Alla billi poġġa lilu nnifsu 'l fuq minnu. Din l-arroganza tiċħad id-dimensjoni kollha tal-imħabba ta' Alla u tafda biss f'dak li tista tara u tmiss. Meta wieħed ikollu din it-tip ta' arroganza ikun għamel lilu nnifsu alla, u b'dan il-mod ikun qed ibaxxi u jwaqqa' lil Alla, lid-dinja u lilu nnifsu. Imma aħna, minn fuq din il-quċċata tat-Tempju, nistgħu nħarsu 'l bogħod u naraw is-Salib. Ġesù ma nxteħitx minn fuq il- quċċata tat-tempju, ma

ttentax lil Alla; imma permezz tas-Salib huwa nxteħet f'dak l-abbiss tal-mewt, fil-lejl tal-abbandun, u fid-deżolazzjoni ta' min m'għandux min jiddifendih. Permezz tas-Salib huwa għamel din il-qabża bħala att ta' fidi fl-imħabba ta' Alla għall-bnedmin. Huwa kien jaf li meta ser jagħmel *din* il-qabża, kien ser jispiċċa f'idejn il-Missier. B'dan il-mod Ġesù jurina li, permezz tal-imħabba li biha Alla għamel u sawwar id-dinja, il-bniedem jista' jiddependi fuq Alla anke meta jispiċċa waħdu u m'għandu 'l ħadd min iħobbu u jgħinu. Dan jgħidulna Alla stess permezz tas-Salm li kkwota l-istess xitan: *"La tħabbeb miegħi jiena neħilsu, la għaraf ismi jiena nħarsu. Hu jsejjaħli, u jiena nwieġbu, miegħu inkun fid-dwejjaq tiegħu, neħilsu u nerfagħlu ġieħu; u b'għomor twil nimlieh, nurih is-salvazzjoni tiegħi."*

## 2. It-Tieni Ħadd

### i. Qari 1: Ġen 15,5-12.17-18

**Il-Fidi u d-dalma tar-ruħ**

F'din is-sena tal-Fidi l-qari tal-lum ikompli jgħinna biex niskopru l-aspetti varji ta' din il-virtù teologali. Fl-ewwel qari nsibu lil Abraham li esperjenza kriżi li tefgħetu fid-dalma tal-fidi. Abraham daħal fi kriżi meta Alla wiegħdu li ser ikollu nisel daqs il-kwiekeb tas-sema – dan meta hu kien xiħ u bla tfal; iżda hu qagħad fuq il-kelma t'Alla u emmen. Għamel kif ordnalu u għalhekk Alla għamel patt miegħu. Kien bil-lejl – il-lejl tal-kriżi u l-lejl tal-patt. Abraham żamm sħiħ ma' dan il-patt u baqa' miexi fil-fidi.

### ii. Qari 2: Fil 3,17-4,1

**Żommu sħiħ fil-Mulej**

Il-bniedem tal-fidi kapaċi jħares lil hemm minn dak li jara, iħoss u jisma', jgħarbel kollox u jistenna bil-ħerqa li jseħħ il-Patt. Il-ħarsa tiegħu qiegħda fuq Ġesù u qalbu tistrieħ fil-wegħdiet li għamlilna – li hu għad ibiddel il-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu. Bħal Abraham, ngħożżu l-wegħdiet li għamlilna Ġesù u nimxu t-triq tal-fidi tagħna.

### iii. Vanġelu: Lq 9,28b-36

**Il-Fidi ta' Ġesù f'mument ta' kriżi**

Ġesù kien jaf b'ċertezza li kellu jgħaddi mill-passjoni, il-mewt u l-qawmien. Kien jaf li ħafna mill-kapijiet reliġjużi u dawk ċivili kienu qegħdin ifittxuh għall-mewt. Ġesù kellu żewġ għażliet: jew jirtira jew iwettaq ir-rieda tal-Missier. Ġesù b'determinazzjoni għażel ir-rieda tal-Missier, u biex ikun jista' jwettaq dak li l-Missier ried minnu, tela' fuq il-muntanja jitlob biex ikollu dik il-qawwa ħalli jkun jista' jiffaċċja passjoni hekk ħarxa. Bħalma Alla lil Abraham għoddlu l-fidi tiegħu b'ġustizzja, il-Missier ikkonferma lil Ġesù bhala ibnu l-maħtur li fih seħħet il-milja tal-wegħdiet.

Id-dixxipli wkoll għaddew mil-lejl tal-fidi waqt li kienu jitolbu ma' Ġesù fuq il-muntanja, meta beżgħu kekk kif daħlu fi sħaba li għattiethom. Iżda l-kliem tal-Missier reġgħa poġġiehom fid-direzzjoni t-tajba.

## 3. It-Tielet Ħadd

### i. Qari 1: Eż 3,1-8a.13-15

IS-SEJĦA TA' MOSÈ: MISSJONI F'ISEM IL-MULEJ
**Kurżità u sejħa**

*Il-Muntanja Ħoreb*
Isem ieħor għall-Muntanja Sinaj
Ħoreb = art mitluqa
Alla ma jitkellimx ma' Mosè f'ambjent li minnu nnifsu huwa reliġjuż. Eż. minn ġo xi tempju

*Mosè*
Fi vjaġġ ta' rutina mhux bil-ħsieb li jiltaqa' ma' Alla.

*Għollieq jaqbad*
Teofanija = dehra ta' Alla
Il-kelma għal 'għollieqa' (*seneh*) taqbel mal-kelma 'Sinaj'.
Mosè jħares lejn l-għollieq minħabba il-kurżità (Alla juża l-kurżità umana għall-finijiet tiegħu.
Il-kurżita' twassal għas-sejħa).

*Id-dehra ta' Alla fin-nar tantiċipa*
Id-dehra ta' Alla lil Mosè fin-nar fis-Sinaj (Eż 19:18, Dewt 4:12).
Alla jimxi qabel il-poplu tiegħu fid-deżert f'kolonna tan-nar (Eż 13:21, Numri 14:14, Dewt 1:33).

*Karatteristiċi ta' teofanija: Alla juża n-natura biex iwassal messaġġ li mhux naturali*
Teofanija tgħaqqad il-qdusija, il-passjoni, il-misteru (in-nar) mal-affarijiet ta' kuljum (l-għollieq).
Alla jinżel biex jidħol f'konversazzjoni magħna.

*Art qaddisa*
L-art issir qaddisa minħabba d-dehra ta' Alla.
Mosè kkmandat biex jimxi fuq drawwa antika ta' rispett u jneħħi l-qorq (Ġożwè 5:13-15).
Mosè jibża' jħares lejn l-għollieq *wara* li Alla jitkellem.

*Alla juri lilu nnifsu bħala 'Alla ta' missirijietek'*
Jgħaqqad l-fidi mal-familja.
Juri l-kontinwità bejn Mosè u l-antenati tiegħu.

*Is-sejħa*
Tagħti *pattern* lis-sejħiet kollha ta' Alla, minn Gidgħon sa Iżaija, minn Ġeremija sa Eżekjel.
Is-sejħa ta' Alla għall-qadi hija regolarment milqugħa b'nuqqas ta' entużjażmu.

*Jiena u Mosè*
Jiena wkoll ma nixtieqx li nxandar il-verità.
Jiena wkoll nixtieq li x-xogħol jagħmlu xi ħadd ieħor minfloki.
Imma Alla lili jrid li nwettaq il-missjoni partikulari tiegħi u l-biċċa xogħol tiegħi jiena biss nista' nagħmilha.

<u>Talba</u>
O Alla li tista' kollox,
li tikkontrolla l-univers,
imma li ma timmanipula lil ħadd,
donator tal-ħelsien
f'Ibnek Ġesù l-Ħellies.
Inti Mulej,
li jiena bħal Mosè nilqa' u nadura,
indokra fuq kull moviment tiegħi,
mhux biex tibqa' tiftakar fi dnubieti,
imma biex tħarisni bħala Missier f'kull pass ġdid li nitgħallem.
Għinni, Missier, ħalli nkun kurjuż biex dejjem insir naf ir-rieda tiegħek għalija.
Agħmel li għajnejja jkunu dejjem miftuħa għal qdusitek,
widnejja dejjem lesti għal kull kelma tiegħek,
qalbi miftuħa beraħ biex tirċievi mħabbtek u mħeġġa biex tobdik. Ammen.

**ii. Qari 2: 1 Kor 10,1-6.10-12**

F'din is-silta San Pawl jieħu ġrajja tal-Antik Testment biex biha jgħallem u jwissi lill-Insara tal-belt ta' Korintu. Mhux biżżejjed għall-Insara li laqgħu r-rigal tal-fidi u tal-Magħmudija; jeħtieġ li bla waqfien ikomplu jagħtu s-sehem tagħhom għall-grazzja ta' Alla.

Il-konverżjoni hija deċiżjoni serja u urġenti. Il-bniedem hu msejjaħ biex kull mument jagħmel għażliet jew favur Alla jew kontra l-Kelma tiegħu. Dan jitlob attenzjoni u responsabbiltà. San Pawl iwissina: "Min jaħseb li hu wieqaf, iqis li ma jaqax" (1Kor 10,12). Il-mument tat-tentazzjoni fil-ħajja tal-bniedem hu l-waqt fejn iridu jagħmel għażliet.

L-ewwel, il-bniedem irid ikun dejjem lest u armat għat-tentazzjoni: "Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-Xitan qisu ljun jgħajjat, idur u jfittex 'il min jibla. Iqfulu, sħaħ fil-fidi. Intom tafu li ħutkom, mxerrdin fid-dinja, qegħdin jaqsmu magħkom l-istess tbatijiet tagħkom" (1Piet 5,8-9). Għandna nagħmlu kuraġġ li, bl-għajnuna ta' Alla, bħalma oħrajn rebħu, hekk aħna wkoll jirnexxilna.

It-tieni, il-bniedem irid jirreżisti lix-xitan u joqgħod għar-rieda ta' Alla. Hekk jgħidilna San Ġakbu: "Mela oqogħdu għar-rieda ta' Alla. Ieqfu lix-xitan, u hu jaħrab minnkom." (Ġak 5,7) Jekk ikollna xewqa vera li nwettqu r-rieda ta' Alla, allura nirbħulu lix-xitan… għax Alla hu magħna.

It-tielet, nipproteġġu lilna nfusna b'armatura ta' Alla u bil-fidi fil-ġlieda tagħna kontra l-ħażen: "Mill-bqija, twettqu fil-Mulej u ssaħħu bil-qawwa tiegħu. Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilħu tieqfu għat-tnassis tax-Xitan." (Ef 6,10-11) San Pawl ikompli jwissina biex nitolbu u nishru u nżommu sħaħ fl-Evanġelju biex ikollna l-qawwa biex nieqfu lill-ħażen.

Ir-raba', niftakru li Alla hu magħna: "Intom ġejjin minn Alla, uliedi, u ġa għelibtuhom, għax dak li hemm jgħammar fikom hu akbar minn dak li hemm fid-dinja." (1 Ġw 4,4) Kemm hu sabiħ dan il-ħsieb ta' San Ġwann: Alla jgħammar fikom... din hi l-Magħmudija tagħna… it-Trinità Qaddisa hi fina biex ikollna l-qawwa li nirbħu d-dlamijiet tal-ħazen!

Qegħdin fis-Sena tal-Fidi: ejjew, kollna fiduċja f'Alla, nemmnu li Alla jagħtina l-qawwa biex nirbħu l-ħażen. Il-qaddis San Ġorġ Preca jgħidilna: "Alla qatt ma jippermetti lil xi ħadd ikun imġarrab 'il fuq mill-forzi tiegħu, u huwa dejjem pront biex imidd idejh għall-għajnuna ta' kull

min isejjaħlu. Forsi xi ħadd jgħabbi l-bagħal tiegħu b'toqol iktar milli dan ikun jiflaħ? Kull bniedem li jaqa' fit-tentazzjoni għandu jilmaħ fih is-suppervja tiegħu biss, għax Alla jsostni l-persuni umli li ma jafdawx fil-ħila tagħhom u li jitolbu bil-fidi." (Is-Sena Tas-Sinjur 6/1)

### iii. Vanġelu: Lq 13,1-9

Din iż-żewġ siltiet tal-Vanġelu huma uniċi għal San Luqa. Il-qari jibda b'riferiment għal ġrajja vjolenti u mdemmija li kienet seħħet taħt il-qilla ta' Pilatu, u wkoll riferiment għal ġrajja oħra traġika. Dawk li marru ħdejn Ġesù jagħtuh l-informazzjoni, kellhom interess wieħed: jaraw x'kienet il-ħtija ta' dawk li mietu. Skont il-loġika tagħhom, ġaladarba dawn ġarrbu mewt vjolenti jew traġika, allura kienu qed iħallsu għal xi dnub kbir li kienu wettqu. Lingwaġġ ta' tpattija, kif nirraġuna xi drabi jien, imma li nista' nattribwih ukoll lil Alla, bħallikieku Alla jaġixxi bħali! It-tweġiba ta' Ġesù tmur għall-għerq ta' kull ħażen/dnub: jeħtieġ li l-qalb tal-bniedem tinbidel. M'iniex se nikkontrolla l-ġrajjiet tan-natura, imma nista' nikkontrolla l-qalb tiegħi. Flok nipponta subgħajja lejn id-dnub ta' ħaddieħor, Ġesù jistedinni nifli l-qalb tiegħi u nara fejn hemm ħtieġa ta' bidla. Il-ġrajjiet ta' kull jum huma stedina biex naħseb u naġixxi... ħalli ntejjeb lili nnifsi... biex intejjeb id-dinja.

Il-parabbola tas-siġra tat-tin għandha rabta mas-silta ta' qabilha. Hawnhekk ukoll tinħass l-urġenza tal-bidla f'ħajti. Hi bidla jew konverżjoni fis-sens li mhux biss irrid inneħħi xi ħaġa ħażina, imma fuq kollox li nagħmel xi ħaġa tajba, li nagħmel il-frott. Il-ħajja tiegħi ma tikkonsistix biss filli nneħħi, filli nevita, filli nwarrab dak li jista' jfixkilni, imma li nipproduċi, li nimxi 'l quddiem. Il-parabbola turini li Alla qisu jtawwal iż-żmien biex jagħtini ċans ninbidel, biex nagħmel il-frott. Imma dan mhux għal dejjem. Xi darba jew oħra l-ġudizzju fuq ħajti, fuqi nnifsi jrid iseħħ. Ma nistax nibqa' fl-istess post, imma rrid inkompli miexja.

Minn banda nilmaħ l-imħabba u l-ħniena ta' Alla li jimxi miegħi bil-pass tiegħi, ħafna drabi bil-mod, u jaċċetta d-dgħufija fil-mixja tiegħi. Imma fl-istess waqt iħeġġiġni u jimbuttani biex nimxi 'l quddiem. Id-dgħufija hi xkiel, imma m'għandha qatt issir skuża jew ġustifikazzjoni biex jien nibqa' sterili u bla frott.

## 4. Ir-Raba'Ħadd

### i. Qari 1: Ġoż 5,9a.10-12

Il-poplu l-magħżul kien għadu kemm qasam il-Ġordan u kien jinsab fuq l-għatba tal-Art Imwiegħda. Is-slaten tal-Amurin u tal-Kangħanin "qalbhom inħallet u tmewtu" x'ħin raw l-għeġubijiet li l-Mulej kien għamel mal-poplu l-magħżul. Il-poplu li kien ilu jiġġerra fid-deżert għal erbgħin sena; issa sab il-mistrieħ tiegħu. U f'dan il-mument il-Mulej ordna li l-irġiel kollha tal-poplu jiġu ċirkonċiżi. Minn dawk li kienu ħarġu mill-Eġittu ma kien baqa' ħadd ħaj u fid-deżert ma kienitx issir iċ-ċirkonċiżjoni. Għalhekk, issa l-Mulej ordna li jsir dan ir-rit bħala sinjal ta' purifikazzjoni u tiġdid tal-patt.

Imbgħad f'Gilgal il-poplu kollu ċċelebra l-Għid kif kien għamel sewwasew qabel telaq mill-art tal-Eġittu. Issa l-poplu ċċelebra l-Għid għall-ewwel darba fl-Art Imwiegħda. U l-għada l-poplu kiel mill-frott tal-art, "ħobż ażżmu u qamħ inkaljat". U minn dak il-mument il-manna waqfet. Il-poplu l-magħżul kien ġie f'daru.

Aħna wkoll il-magħżulin, il-maħbubin tal-Mulej qegħdin f'mixja, pellegrinaġġ sabiex naslu fid-dar tal-Missier. Aħna wkoll jeħtieġ li nindmu u nitnaddfu mill-ħażen tagħna (nagħmlu "ċirkonċiżjoni") sabiex inkunu nistgħu nersqu safja għand il-Missier. Biex iseħħ dan irridu nemmnu fit-tjieba u l-ħniena infinita tiegħu. Huwa bl-opra tiegħu li aħna nistgħu nissejħu wliedu, u huwa bil-grazzja tiegħu li aħna nistgħu nersqu lejh. Mingħandna huwa jitlob biss qalb safja u sinċiera, qalb umli li tagħraf id-dgħufija tagħha; imma fuq kollox tagħraf il-kobor tal-ħniena tiegħu.

### ii. Qari 2: 2 Kor 5,17-21

F'dan iż-żmien tar-Randan, li b'mod partikolari Alla qiegħed jistedinni biex nirrikonċilja ruħi miegħu, biex insir ħaġa waħda miegħu, huwa żmien ta' tħejjija għal din ir-rikonċiljazzjoni u m'għandix naħlih fix-xejn. Napprezza illi ġejt mogħtija dan iż-żmien, ġejt mistiedna biex ningħaqad miegħu, inkun tiegħu, inkun fih u hu jkun fija. Jistedinni biex nerġa' nibda mill-ġdid: Alla li jinsa l-ħtijiet tiegħi kollha.

Bl-istess mod jiena ħa nilqa' lil dik il-persuna li għandi xi differenzi magħha; ħa nagħraf fejn jiena żbaljajt; ħa nagħraf in-nuqqasijiet tiegħi u ħa naħfer in-nuqqasijiet tal-persuna l-oħra, l-istess kif il-Missier, fil-parabbola tal-Iben il-Ħali, kien kuljum jistenna lil ibnu jiġi lura, u meta jirritona jgħannqu miegħu u jagħmillu festa, qisu qatt ma kien xejn.

Jiena rrid, Mulej, nibqa' miegħek, anke f'dawk il-mumenti dgħajfa tiegħi, bid-difetti kollha tiegħi, fil-mumenti diffiċli, għaliex jiena naf illi kull meta nafda fik, nagħraf ix-xejn tiegħi, u nagħraf li dan għandi x'noffrilek, inti dejjem miegħi. Għinni, għaliex ma' nistax nasal waħdi.

### iii. Vanġelu: Lq 15,1-3.11-32

**Il-fariżej kif ukoll il-kittieba kienu jgemgmu...**
Ġesù jgħid il-parabbola lil dawk li kienu jaħsbu li huma aħjar minn ħaddieħor u skandalizzaw ruħhom mill-atteġġjament ta' Ġesù lejn dawk meqjusa bħala midinbin. L-iskop tal-parabbola huwa doppju: turi l-ħniena ta' Alla lejn l-iben iż-żgħir, iżda wkoll l-ebusija tal-qalb tal-kbir li jaħseb li hu aħjar minn ħuh. F'kelma waħda... Kulħadd għandu bżonn li jikkonverti.

**Kellu żewġ ulied...**
F'dawn iż-żewġ ulied hemm rappreżentati l-kategoriji tal-bnedmin skont il-ġudizzju tal-kittieba u l-fariżej... tajbin u ħżiena. Imma għal Allah sempliċiment ulied mingħajr distinzjoni.

L-iben iż-żgħir li jieħu l-ġid ta' missieru huwa xbieha tal-bniedem li jrid igawdi d-doni li Alla tah, iżda mingħajr ma jkollu x'jaqsam ma' Alla. Kull ġid u kull tjieba hija ġejja minn Alla… id-dnub huwa meta aħna dan il-ġid kollu npoġġuh quddiem Alla u nużawh mhux skont ir-rieda tiegħu imma skont il-fehma u l-aptiti tagħna.

**Fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir...**
Iżda malajr jiġri li mingħajr Alla kollox jitlef is-sens tiegħu, u l-bniedem jiġi fil-falliment. Mingħajr Alla kollox isir bla valur, anke l-istess ħajja li tant nixtiequ ngawdu u ngħixu. Dan il-ġuħ huwa sentiment profond tan-nuqqas ta' sens li jħoss il-bniedem li jitbiegħed minn Alla. Fil-kultura ta' żmienna, il-frott tal-Ateiżmu (ngħix bla Alla) huwa n-Nikiliżmu (xejn m'għandu sens).

**Beda jħoss ruħu fil-bżonn...**
Dan il-vojt huwa providenzjali, jista' jerġa' jqajjem fil-bniedem ix-xewqa għal Alla. Imma jista' jkun ukoll li l-bniedem jipprova jimla' dan il-vojt b'dak li ma jistax jagħtih is-sodisfazzjon… mod żbaljat kif il-bniedem jagħti sens lil ħajtu. L-iben li jirgħa l-qżieqeż u jipprova jixba' bil-ħarrub huwa xbieha tal-bniedem li jipprova minn kollox biex jaljena ruħu, jinsa, itaffi l-vojt ta' Alla b'ħafna ħwejjeġ li fil-verità jkomplu jkabbru din il-miżerja.

**Ħa nqum u mmur għand missieri...**
Hija d-deċiżjoni tal-konverżjoni lejn Alla, meta l-bniedem jinduna bil-falliment tiegħu. Il-kriżi fil-ħajja tal-bniedem tista' tkun mument fejn jinduna u japprezza mill-ġdid lill-Missier.

Fix-xena tar-ritorn tal-Iben, Luqa jagħtina kwadru tar-relazzjoni bejn Alla u l-midneb. L-iben iħoss li ma jixraqlux ikun f'dar missieru u jmur jitkarrab li jkun milqugħ bħala qaddej. Imma l-missier lanqas iħallih ilissen il-kelma li ma jdaħħlux ġo daru bħala iben. Din hija xbieha ta' Alla li jħobb lill-bniedem mhux għal xi merti tiegħu, mhux għax huwa tajjeb jew għax jistħoqqlu l-imħabba tiegħu, imma Alla jħobb lill-bniedem sempliċiment għax huwa iben. Alla ma jħarisx lejn id-dnub, ma jiġġudikax lill-midneb, imma jilqgħu, jara fih iben, u għalhekk jiġġustifikah.

**Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu...**
Alla jilqa' lill-midneb, imma mhux biss; jagħtih mill ġdid id-dinjità ta' iben. Dik id-dinjità li l-bniedem tilef bid-dnub Alla jroddielu lura, anzi b'mod akbar minn qabel. Issa l-miżerja tad-dnub hija passat; issa hemm l-imħabba tal-Missier li tħaddan lill-midneb u tagħmlu bniedem ġdid. B'dan il-mod, il-bniedem issa huwa distakkat mid-dnub tiegħu. Din il-libsa hija sinjal tal-bniedem il-ġdid (Kristu) li aħna mistednin biex nilbsu, minflok il-bniedem il-qadim (Adam). Issa l-bniedem jista' jieħu sehem f'din il-festa (Ewkaristija) għax issa jinsab fid-dar.

**... ibnu l-kbir kien fl-għalqa. Huwa u rieġa' lura…**
L-iben il-kbir huwa xbieha ta' Iżrael jew inkella l-bniedem reliġjuż li bl-isforzi tiegħu jipprova li jkun mogħġub minn Alla, li jwettaq dak li jrid minnu.

**Hu nkorla u ma riedx jidħol ġewwa...**
Imma fil-verità anke dan l-iben li jgħix ma' missieru huwa mbiegħed minnu fil-ħsieb tiegħu. Il-kbir jiskandalizza ruħu quddiem l-imħabba ta' Alla lejn ħuh, għax fil-verità huwa dejjem iġġudikah, qiesu bħala agħar minnu, xi ħadd ta' min jistmellu. Ma setax jifhem lil missieru, anzi,

l-missier jidher inġust f'għajnejh. Hija mentalità legalista tal-bniedem reliġjuż... Alla jħobbni għax jien tajjeb, għax jien jistħoqqli aktar minn ħaddieħor… u din hija xbieha falza ta' Alla.

**Ili dawn is-snin kollha naqdik…**

Dan l-iben ma jħossux verament iben, imma sempliċi qaddej ta' missieru. Dak li jagħmel, jagħmlu għax jippretendi xi ħaġa lura u mhux jagħmlu biex iwieġeb għall-imħabba ta' missieru. Hija l-mentalità tad-dmir li, għalkemm mħix ħażina, imma ttellifna mill-ferħ li ngħixu f'għaqda ma' Alla; hija l-mentalità meta r-relazzjoni tiegħi ma' Alla ngħixha bħala piż.

Il-verità profonda li toħroġ minn dan il-vanġelu hija li anke l-iben il-kbir, u mhux biss iż-żgħir, għandu bżonn jikkonverti.

**Biex nitolb u nirrifletti…**

- *Ma' liema iben nista' nqabbel ruħi?*
- *Idħol fl-esperjenża tad-dnub tiegħek, ta' kemm ġagħlek tbati, ta' kemm ħallielek vojt f'ħajtek...*
- *Biex nipprova nimla l-vojt li xi drabi nħoss f'ħajti? B'Alla ... jew bl-idoli?*
- *Qatt għamilt esperjenza tal-imħabba u l-maħfra ta' Alla, mogħtija lili b'xejn bla ma jistħoqqli?*
- *Lest/a li niġġudika lill-oħrajn… lil dawk li jien inqisħom midinbin?*
- *Kif qed ngħix ir-relazzjoni tiegħi ma' Alla? Bħala relazzjoni ta' iben/bint ma' missieru/missierha li timlieni bil-*ferħ…jew bħala relazzjoni ta' skjav mas-sid li jidhirli li hija piż għalija?

## 5. Il-Ħames Ħadd

### i. Qari 1: Is 43,16-21

*'Arawni, sejjer nagħmel ħaġa ġdida: feġġet issa; għadkom ma ttendejtux?'*

Il-profeta Iżaija jitlob lill-poplu eżiljat sabiex iħares 'il quddiem. Alla, għall-poplu, huwa dak li għamel ħwejjeġ kbar. Kienet l-id setgħana tiegħu li ħarġet il-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu u mexxietu fid-deżert, fejn ra t-tmiem tal-Eġizzjani fil-Baħar l-Aħmar, sad-dħul tiegħu fl-Art Imwiegħda. Imma Alla mhuwiex dak tal-imgħoddi biss, imma huwa Alla tal-preżent. Għalhekk il-profeta jistieden lill-poplu, mill-ġdid fl-eżilju, sabiex jittama f'dan Alla, ikompli jpoġġi l-fiduċja tiegħu fih, għax hu Alla li se jagħmel 'ħaġa ġdida': 'se niftaħ triq fix-xagħri, xmajjar fid-deżert'.

Kemm hu minnu dan! Din is-silta ta' tama, titlob fidi min-Nisrani tal-lum. Il-Lhud kellhom bżonn il-ħelsien mill-jasar, il-providenza, il-protezzjoni, it-tama u l-unità lura lejn arthom. U int u jien, x'inhu relevanti għalina llum?... Tbatija mit-tifrik fil-familja? Tfal u adolexxenti 'orfni'? Tbatija ekonomika? Telfa ta' xi ħadd għażiż? Mard? Biża'? Qtiegħ il-qalb? Nuqqas ta' valuri?

It-tbatija, il-provi u t-taħbit li ngħaddu minnhom, kemm individwalment kif ukoll kollettivament, jistgħu jnaqqsu t-tama tagħna għall-futur. Iżaija l-profeta jfakkarna li l-ħidma ta' Alla hija kontinwa. Bil-fidi, Alla hu preżenti u relevanti għalina daqskemm kien għal missirijietna.

### ii. Qari 2: Fil 3,8-14

Fit-tielet kapitlu tal-Ittra lill-Filippin, San Pawl, imqanqal minn imħabba taħraq għal Kristu, jitkellem mill-esperjenza personali tiegħu ta' qdusija vera bħala "il-maħtuf" ta' Kristu. Min jaqra din is-silta barra mill-kuntest jew b'mod ħafif, isibha diffiċli jew ma jirnexxielux jixtarr u jomgħod fil-fond il-qawwa tagħha. Nimmaġina li għal Pawlu dan kien mument deċiżiv u sinjifikattiv fil-mixja tiegħu wara Kristu.

Nistqarr li hekk kif bdejt nimmedita din is-silta tqanqlu fija emozzjonijiet ambivalenti, kuntrarji għal xulxin. Inħoloq fija kunflitt interjuri: minn naħa l-meravilja lejn it-telqa ta' Pawlu f'riglejn Kristu, u min-naħa l-oħra d-diffikultà sabiex nikkunsidra "kollox" bħala "knis" ħdejn l-iskopeta tiegħu. Tgerfixt! Ma ridtx jew ma xtaqtx nidħol f'kuntatt ma' dak li kien qed iħoss Pawlu! Ma flaħtux.

Imxejt pass ieħor u aċċettajt li nifhem lil Pawlu mil-lenti distakkata tiegħi. Kif jista' Pawlu, b'konvinzjoni hekk qawwija, jiċħad kull ħaġa li toffri d-dinja sabiex jikseb il-milja tiegħu filli jimxi wara Kristu Ġesù? Probabbilment kont qed nassolutizza l-kliem li qed jintuża: Pawlu għandu terminoloġija feroċi! Is-silta hija mimlija verbi ta' azzjoni qawwija li jġagħluni nimmaġinah bħala raġel goff: "nagħraf", "nitlef", "nirbaħ" "ninsab fih" u "inross biex naħtaf". Kollha huma espressjoni ta' ġenn ta' mħabba li kien qed jesperjenza Pawlu. Nibtu f'qalbi elementi ta' ribelljoni, rabja u għira għal Pawlu li wasal f'dan l-istat ta' intimità ma' Kristu. Pawlu, il-bniedem imġarrab minn diversi esperjenzi tal-ħajja, jixxennaq sabiex ikun kollu kemm hu ta' Kristu, għalkemm jammetti li baqagħlu x'jaqdef. Possibbli li Pawlu ddistakka ruħu darba għal dejjem min-natura umana tiegħu u ngħaqad mal-forza divina? Xi jfisser "il-kollox" għal Pawlu? Li niċħad kollox hija esperjenza dinamika, jigifieri li tagħmel parti minn proċess u tieħu forma u xorta skont il-fażijiet differenti tal-ħajja. Mhijiex akkwist ta' darba u dejjiemi, imma kumbattiment kontinwu fil-ħajja tan-Nisrani li b'qalbu jixxennaq li jkun ma' u ta' Kristu. Però dan ma jfissirx li

ngħix f'iżolament u mmaqdar lid-dinja li ngħix fiha! Huwa propju għalhekk li nemmen li s-silta trid tinqara fil-kuntest tal-esperjenza tal-"mument preżenti" għal Pawlu.

Għaddejt imbagħad minn perjodu ta' irvell interjuri proprju – għax irrid/nixtieq inżomm aspetti minn ħajti fir-riedni tiegħi u għax nagħti valur lill-umanità –, għal mument ta' kalma interjuri. Nemmen li din hija s-sejħa għal proċess ta' konverzjoni. Bdejt ukoll nifhem li jien u San Pawl qegħdin fi stadji differenti tal-ħajja u din ir-rivelazzjoni tatni aktar serenità. Fhimt aktar li "nqis kollox bħala knis" ma jfissirx li nitlaq kollox u kull relazzjoni li għandi imma tħeġġiġa f'waqtha sabiex nagħmel minn Kristu dejjem aktar iċ-ċentru tal-jien tiegħi. Hija sejħa sabiex nagħti prijoritù lilu, nagħtih aktar spazju f'qalbi u ma nħallix lil qalbi timtela' b'inkwiet li l-għerq tiegħu jkun is-sodisfazzjon egoistiku tal-jien tiegħi. Għaldaqstant, mimlija bih, jien nitgħallem inħobb b'mod aktar diżinteressat, mingħajr ma nistenna li nirċievi xejn lura. Ix-xrara tal-imħabba jkun hu. Dan huwa l-proċess tal-kisba tal-libertà interjuri.

Nintebaħ aktar, wara l-esperjenza personali tiegħi, li dan il-proċess ma jistax jiġi 'sfurzat' fuq il-persuna. Hija l-gradwalità tal-esperjenza tal-ħajja li tieħu ż-żmien neċessarju sabiex il-bniedem jidħol f'din l-intimità ma' Kristu, dejjem jekk irid u jekk ikun lest jagħti mill-ħin tiegħu sabiex jiltaqa' ma' Kristu. L-esperjenzi tal-ħajja jistgħu jwassluni sabiex nerġa' nħossni mfixkla u dan jesprimi kemm ir-relazzjoni ma' Kristu hija ħajja.

F'din it-taqtigħa ta' mħabba profonda nsib ruħi nitlob u nkanta salm li jesprimi x-xewqa għall-esperjenza divina: "Bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxigħat tal-ilma, hekk tixxennaq ruħi għalik, o Alla." (Salm 41)

**iii. Vanġelu: Ġw 8,1-11**

Ġesù kien qed jgħallem meta kien interrott mill-għalliema tal-liġi u l-Fariżej. Ma nafux x'kien qed jgħallem, imam żgur li hu, li hu l-Imhabba, kien qed jipprietka l-imħabba. Meta ġew l-għalliema u l-Fariżej allura, sfidawh biex jaraw kif ħa jipprattika dak li kien qed jgħallem.

Interessanti r-risposta ta' Ġesù! Bla ħafna kliem, wera x'inhi s-sustanza tat-tagħlim tiegħu. Is-Saltna ta' Alla mhix dwar il-kundanna, imma dwar il-ħelsien mid-dnub permezz tal-imħabba. Ġesù ma qalx li ma sarx dnub, imma li d-dnub jingħeleb permezz tal-imhabba u mhux bil-kundanna!

U aħna, kif nirreaġixxu għad-dnub tagħna? Jirnexxielna naċċettaw li aħna wkoll adulteri xi kultant, u li għandna bżonn il-maħfra, mhux biss ta' Alla imma anke ta' ħutna? Kapaċi nitolbu skuża? Kapaċi naħfru lilna nfusna meta niżbaljaw?

L-iżball tal-għalliema tal-liġi u l-Fariżej kien li m'aċċettawx li setgħu jiżbaljaw, u allura ma rawx lilhom infushom bħala bżonnjużi tal-imħabba u l-ħniena ta' Alla u ta' ħuthom. Kif allura setgħu qatt jaħfru lill-adultera?

L-akbar lezzjoni li jagħtina Ġesù hi stedina biex nirriflettu fuq kemm irċivejna mħabba u ħniena, b'xejn, mingħand Alla. Jalla anke aħna, bħall-adultera, nesperjenzaw kemm aħna maħbubin u maħfura minn Kristu! Jalla nħossu li bħall-adultera ġejna salvati minn Kristu! Hekk biss nistgħu aħna wkoll inkomplu l-missjoni tiegħu ta' salvazzjoni tal-bnedmin!

# IT-TIELET TAQSIMA:
# GĦAJNUNA GĦALL-KATEKEŻI

## 2. AĦNA NXANDRU 'L KRISTU MSALLAB

***Siltiet mill-ktieb "Noi predichiamo Cristo Crocifisso" (Milano,* Ancora*, 1994)***
***ta' Raniero Cantalemessa OFMCap.* Traduzzjoni għall-Malti ta' Dun Geoffrey G. Attard**

### Kap 1 - Kull ilsien jistqarr Ġesù Kristu hu l-Mulej!

Fil-ġurnata tal-*Yom Kippur*, l-eqdes ġurnata tas-sena għal-Lhud, il-jum l-aktar għażiż, il-qassis il-kbir li jerfa' d-demm tas-sagrifiċċju jgħaddi minn ġol-purtiera tat-tempju u jidħol fil-Qaddis tal-Qaddisin u hemmhekk, waħdu fil-preżenza tal-Aktar Għoli, jippronunzja l-isem il-qaddis. Dan kien l-isem rivelat lil Mose fis-siġra taqbad. Kienet tikkonsisti f'erba' ittri u kienet hekk qaddisa din il-kelma li qatt ma setgħet tkun pronunzjata. Meta kienet tinqara l-Iskrittura flok il-kelma proprja kienu jippronunzjaw il-frażi '*Adonai'*. Din tfisser Mulej. Jiena wkoll hawnhekk m'iniex se nsemmieha biex nirrispetta t-tradizzjoni tal-Lhud li għalihom il-Knisja titlob nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Meta kienet pronunzjata fil-Qaddis tal-Qaddisin, saret rabta bejn is-sema u l-art; għamlet lil Alla preżenti u kienet isservi ta' maħfra għad-dnubiet tan-nazzjon.

L-Insara wkoll għandhom il-*Yom Kippur* tagħhom, il-ġurnata tal-maħfra u din hija l-ġurnata li niċċelebraw fil-Ġimgħa l-Kbira. Il-milja kienet proklamata fit-tieni qari ta' dan il-jum li ttieħdet mill-Epistola tal-Lhud "Mela meta aħna għandna l-qassis il-kbir li hu tassew kbir, qassis li daħal fis-smewwiet, Ġesù Bin Alla ħa nżommu sħiħa l-fidi tagħna u nistqarruha" (Lhud 4,14). L-istess Ittra tgħidilna li Kristu "daħal darba għal dejjem fis-Santwarju mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġiela imma bis-saħħa ta' demmu stess u hekk kiseb fidwa għal dejjem" (Lhud 9,12). Illum, waqt li niċċelebraw dan il-jum tal-maħfra, niftakruj fil-maħfra mhux ta' dnub wieħed imma "id-dnubiet tad-dinja kollha" (1 Ġw 2,2). Biex iseħħ dan jiġi proklamat Isem wieħed. Niftakru fil-kliem ta' San Pawl li jitkantaw qabel l-Evanġelju: "Kristu obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet u żejnu bl-isem li hu fuq kull isem" L-appostlu wkoll juża l-kelma *Adonai* bil-Grieg *Kyrios, Dominus* fil-Latin u *Lord* fl-Ingliż. Imbagħad il-qari jkompli: "Alla għollieh sas-smewwiet u żejnu bl-isem li hu fuq kull isem..." (Fil 2,8-11). Bil-kelma 'Mulej" hu jrid ifisser l-isem proprju tal-Mulej. Il-Missier ta lil Kristu, anke bħala bniedem, l-istess isem tiegħu u l-istess awtorità (Mt 28,18). Din hija l-verità li tinsab fil-proklamazzjoni: "Ġesù Kristu huwa l-Mulej. Ġesù Kristu huwa l-"Jiena jien dak li jien", il-Ħaj.

Mhuwiex biss San Pawl li jipproklama l-verità. Fl-evanġelju ta' Ġwanni Ġesù jgħid "Meta terfgħu 'il fuq Bin il-Bniedem, mbagħad tgħarfu li Jiena Hu" (Ġw 8,28). U mbagħad jerġa' jgħid: "Jekk intom ma temmnux li Jiena Hu, tmutu fi dnubietkom""(Ġw 8,24). Il-maħfra tad-dnubiet isseħħ f''smu. Meta s-suldati marru fejn Ġesù staqsiehom: "'il min qed tfittxu?" Ġesù qalilhom ukoll "Jiena Hu" u huma waqgħu tgħidilna l-Iskrittura (Ġw 18,4-6). Għaliex waqgħu ma' l-art? Għax kien lissen l-isem qaddis, *Ego eimi*, Jiena Hu u għal waqt wieħed dan l-isem kien ħieles biex jirrivela l-awtorità tiegħu. Għal Ġwanni l-evanġelista wkoll dan l-isem divin huwa marbut mal-ubbidjenza ta' Ġesù sal-mewt: "Meta terfgħu 'il fuq lil Bin il-Bniedem, tagħrfu li Jiena Hu u li minn rajja ma nagħmel xejn imma li nitkellem skond ma għallimni l-Missier" (Ġw 8;28). Ġesù mhuwiex Mulej kontra l-Missier jew fil-post tal-Missier, imma "fil-glorja tal-Missier Alla".

*                    *                    *

Din hija l-fidi li l-Knisja wirtet mingħand l-appostli u li qaddset il-bidu tagħha u għamlitha entità ta' adorazzjoni u hekk il-qima tal-adorazzjoni saret l-arti tagħha. Fuq ix-xbieha ta' Kristu Pantakrator fil-mużajċi u l-ikoni l-antiki hemm tlett ittri Griegi, *O ON*, Hu li Hu. Aħna ninsabu hawn sabiex nerġgħu nagħtu l-ħajja lil din il-fidi, anke jekk hemm bżonn minn ġol-ġebel. Fl-ewwel sekli tal-Knisja, fil-ġimgħa ta' wara l-Magħmudija, kienu jiġu rivelati l-veritajiet tal-fidi Nisranija u mogħtija u afdati lin-neofiti. Qabel dan kien hemmm id-*disciplina arcani* u għalhekk kienu jinħbew. Imma mbagħad ma' kull ġurnata li kienet tgħaddi dawn il-veritajiet kienu jibdew jingħadu; il-magħmudija, l-Ewkaristija, il-Missierna u s-simboliżmi tagħhom u hekk ħadu l-isem ta' "katekeżi mistagoġika". Kienet esperjenza unika, il-kobor tal-veritajiet Kristjani jiġu rivelati quddiem għajnejhom bil-mod. Tertulljanu stqarr li l-konvertiti "kienu jistgħaġbu bir-rivelazzjoni ta' dawn il-veritajiet" (*Apologeticum* 39,9).

Illum dan kollu nbidel imma l-liturġija toffri xorta waħda okkażjonijiet biex terġa' tqajjem dawn il-mumenti. Il-liturġija solenni tal-Ġimgħa l-Kbira hija waħda minnhom. Jeħtieġ li f'din il-ġurnata nikkonċentraw dwar dan għax il-Knisja għandha xi ħaġa x'tirrivela u tagħtina l-istess kif kienet tagħmel mal-imgħammdin il-ġodda. Għandha l-ħakma ta' Kristu li trid tgħaddieha lilna. Għandha sigriet kbir x'tagħtina li Kristu huwa l-Mulej u li kull irkobba għandha tmil u kull ilsien għandu jistqarr quddiemu u kull irkobba titbaxxa quddiemu (Iż 45,23). Fir-Rabta l-Qadima jingħad li Alla "bagħat kelma kontra Ġakobb u waqgħet fuq Iżrael" (Iż 9,7). Il-kelmiet "Kristu hu l-Mulej" jaqgħu fuq din il-kongregazzjoni u jsiru realta' ħajja fil-qalba tal-Knisja Kattolika. Jgħaddu minn fostna bħal torċa mixgħula qalb il-vittmi mħejjija minn Abraham għas-sagrifiċċju tal-patt (Ġen 15,17).

"Mulej" huwa l-isem divin li jinteressana. Alla kien "Alla" u "Missier" qabel l-eżistenza tad-dinja, l-anġli u l-bniedem imma kien għadu mhux "Mulej". Sar Mulej, *Dominus* f'dak il-mument li fih inħalqet il-kreatura u kellu dominju fuqha. Fit-Trinità ma hemmx 'sidien' kif m'hemmx qaddejja, u t-tlett persuni huma ugwali. F'ċertu sens aħna nagħmlu lil Alla "Mulej"!

Id-dominju ta' Alla, riġettat mid-dnub, kien stabilit mill-ġdid minn Kristu, Adam il-ġdid. Fi Kristu Alla sar Mulej mill-ġdid bi dritt akbar, mela mhux bil-ħolqien biss, imma anke bil-fidwa. Alla jirrenja mill-ġdid mis-salib! *Regnavit a ligno Deus.* "Kristu għalhekk miet u rxoxta biex ikun Sid kemm tal-ħajjin u kemm tal-mejtin" (Rum 14,9).

* * * * * * * * *

Id-*dimensjoni oġġettiv* tal-kelmiet "Ġesù hu l-Mulej" jinsab fil-fatt li hu jagħmel l-istorja preżenti. Hija din il-konklużjoni ta' żewġ ġrajjiet fundamentali; Ġesù miet għal dnubietna; hu qam għall-ġustifikazzjoni tagħna, mela Ġesù huwa Mulej! Il-ġrajjiet li wasslu għal dan, biex ngħidu hekk, isiru realta' meta nistqarru l-fidi. ""Għax jekk inti tistqarr b'dommok Ġesù hu l-Mulej u temmen b'qalbek li Alla qajjmu mill-imwiet inti ssalva" (Rum 10,9).

Aħna nistgħu nipparteċipaw fil-ġrajjiet tas-salvazzjoni f'żewġ modi fundamentali, permezz tas-sagramenti u permezz tal-Kelma. Hawnhekk nifhem il-kelma fl-aqwa tagħha, il-*kerygma.* Il-Kristjaneżmu huwa għani fl-eżempji u l-mudelli tal-esperjenzi tad-divin. L-ispiritwalità ortodossa tinfasizza fuq l-esperjenza ta' Alla permezz tal-'misteri' permezz tat-talb tal-qalb. L-ispiritwalità oċċidentali tagħfas l-aktar fuq l-esperjenza ta' Alla fil-kontemplazzjoni, meta r-ruħ tingħaqad fiha nnifisha u l-moħħ jogħla 'l fuq mill-ħwejjeġ tad-dinja. Hemm fil-fatt diversi "vjaġġi tar-ruħ lejn Alla". Imma l-Kelma ta' Alla tirrivela mod li huwa straordinarju li la hija riservata għall-ftit privileġġjati u lanqas hija miftuħa għal kull min hu ta' rieda tajba. Ma tirikjedix stadji ta' kontemplazzjoni imma ġrajjiet ta' salvazzjoni; hija frott is-silenzju u s-smigħ, u din hija t-triq tal-kerygma: Kristu miet! Kristu qam! Kristu hu l-Mulej!"

Forsi l-ewwel Insara esperjenzaw xi ħaġa simili meta stqarrew: *Marantha* waqt l-adorazzjoni. Din kellha żewġ tifsiriet jiddependu fuqha. Setgħet tfisser jew "Ejja Mulej" jew "Il-

Mulej ġie”. Setgħet tfisser xewqa għar-ritorn ta’ Kristu jew tweġiba ferreġija għall-manifestazzjoni tiegħu fil-kongregazzjoni fit-talb.

Il-għarfien tal-qawmien ta’ Kristu u l-preżenza tiegħu hija speċi ta’ dawl ġewwieni li jista’ jipprovoka bidla kompleta tal-qalb. Treġġa’ lura dak li ġara meta Kristu mqajjem deher lid-dixxipli. Darba waħda wara l-Għid l-appostli kienu qed jistadu qrib il-Baħar tal-Galilija meta raġel fuq ix-xtajta tkellem magħhom. Kollox kien jidher normali; imma mbagħad id-dixxiplu l-maħbuba stqarr: “Dan il-Mulej” u kollox inbidel.

Nistgħu naraw l-għala San Pawl jistqarr “Ġesù hu l-Mulej” meta jkun imdawwal mill-Ispirtu (1 Kor 12,3). L-istess kif il-ħobż fuq l-altar isir il-ġisem ħaj ta’ Kristu bil-qawwa tal-Ispirtu li jinżel fuqu, hekk il-kelmiet huma “ħajja u qawwija” bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li hemm fihom. Nistgħu nkunu disposti għal din il-grazzja imma ma nistgħux nikkawżawha. F’dan il-mument dak li seħħ f’qalb Ġwanni l-appostlu l-maħbub, jista’ jseħħ fil-qalb tagħna lkoll; xi ħadd jista’ “jagħraf il-Mulej”.

*         *         *         *         *         *         *         *         *

Hemm ukoll *dimensjoni suġġettiva* fil-kelmiet “Ġesù hu l-Mulej” tiddependi fuq il-persuni li tgħidhom. Nistagħġeb kif id-demonji fl-evanġelji qatt ma taw dan it-titlu lil Ġesù. Huma jgħidu: “Inti l-Iben ta’ Alla” jew “Inti l-Qaddis ta’ Alla” (Mt 4,3; Mk 3,11; 5,7; Lq 4,41), imma qatt ma jgħidu: “Inti l-Mulej!” Ir-raġuni l-aktar plawsibbli għal dan kollu jidher fil-fatt li jekk jgħidu “Inti l-Iben ta’ Alla” jkunu qed jagħrfu fatt diġà mogħti u magħruf li ma jiddependix minnhom u li huma ma jistgħux jibdlu. Huma jafu li Ġesù hu l-Iben ta’ Alla. (Xi teologi llum ma jafuhx dan, imma d-demonji jafuh.) Imma li tgħid: “Inti l-Mulej” huwa xi ħaġa differenti. Ifisser li tagħrfu bħala tali u toqgħod għall-ħakma tiegħu. Kieku d-demonji kellhom jagħmlu dan, kieku jerġgħu jinbidlu f’anġli tajbin u jaraw id-dawl.

Dawn il-kelmiet jaqsmu żewġ dinjiet. Li tgħid “Ġesù hu l-Mulej!” ifisser li tidħol ħieles fid-dominju tiegħu. Qisek qed tgħid “Ġesù Kristu hu l-Mulej tiegħi, ir-raġuni tal-eżistenza tiegħi. Jien ngħix għalih u mhux aktar għalija nnifsi”. San Pawl kiteb lir-Rumani; “Għax ħadd minna ma jgħix għalih innifsu u ħadd ma jmut għalih innifsu. Jekk ngħixu, ngħixu għall-Mulej, jekk immutu, immutu għall-Mulej” (Rum 14,7-8). L-akbar kontradizzjoni, dik bejn il-mewt u l-ħajja huma dejjem preżenti fil-bniedem u qatt ma ntrebħet. Imma issa l-kontradizzjoni radikali m’għadhiex bejn il-mewt u l-ħajja imma bejn li tgħix “Għall-Mulej” u tgħix għalik innifsek. Li tgħix għalik innifsek huwa l-isem ġdid mogħti lill-mewt.

Wara l-Għid il-proklama “Ġesù hu l-Mulej” issostitwiet il-proklama ta’ Kristu storiku, “Is-Saltna ta’ Alla ġiet”. Qabel ma kienu pjanati u qabel ma nkitbu l-evanġelji, il-ġrajja kienet diġà ġriet li “Ġesù qam. Huwa l-Messija u l-Mulej!” Hawn beda kollox. Bħal żerriegħa, din l-aħbar kien fiha l-awtorità kollha tat-tagħlim tal-Vanġelu u minn din iż-żerriegħa twieldet is-siġra majestuża tat-tagħlim u t-teoloġija kollha tal-Knisja. Imma kif jiġri liż-żerriegħa naturali, din baqgħet moħbija taħt il-pjanti li produċiet. Għalina l-*kerygma* hija l-verità tal-fidi tat-tagħlim u l-predikazzjoni. M’għadhiex tfisser l-oriġini tal-fidi.

L-ewwel reazzjoni tiegħi għat-test tal-Iskrittura huwa dejjem biex nara x’eku ħalliet fit-tradizzjoni, jiġifieri fil-missirijiet tal-Knisja. Fil-Liturġija.. fil-qaddisin. Soltu jiġuni ħafna ħsibijiet f’moħħi imma bil-kelmiet “Ġesù hu l-Mulej!” Kelli nammetti li ma hemm ebda riferenza għaliha fit-tradizzjoni. Fis-seklu tlieta wara Kristu t-tifsira tal-kelma ‘Mulej’ kienet diġà ntilfet. Kien titlu proprju għal dawk li kienu għadhom qaddejja imma mhux ‘ħbieb’. Kienet tikkorrispondi ma’ stat ta’ biża’ (Oriġene, *Commentary on the Gospel of John*, 1, 29). Imma fil-fatt tfisser ħafna differenti.

Għal soċjeta’ bħal tagħna jeħtieġ inreġġgħu lura s-sens tal-messaġġ Nisrani. Meħtieġ li naqilgħu minn taħt il-ħamrija “ix-xabla tal-Ispirtu”, l-messaġġ passjonanti tal-Mulej Ġesù. Silta magħrufa li tikkonċerna l-kavallieri tal-magħrufa *tavola rotonda* tal-leġġendarju Re Arturu tgħid

li kulħadd infixel għax ħadd ma baqa' jistaqsi l-mistoqsija importanti; *Where is the holy Grail?* Imma kulħadd itenni kliem ġdid u l-ġdid jiddomina. Xi ħaġa simili qed isseħħ fejn jidħol l-isem "Ġesù hu l-Mulej". Xejn mhu jiġri fejn qed jinstemgħu dawn il-kelmiet daqslikieku huma komuni imma fejn hemm il-proklamazzjoni tagħhom "fl-Ispirtu" hemm il-ferħ u riżultat qawwi. Xejn mhu daqshekk familjari magħna daqs il-kelma "Mulej". Hija parti minn kull talba liturġika. Imma altru tgħid "Il-Mulej Ġesù Kristu", u altru tgħid "Ġesù Kristu hu l-Mulej" Għal sekli sħaħ il-proklamazzjoni "Ġesù hu l-Mulej" f'Filippin 2;11 kellha traduzzjoni żbaljata. Fil-fatt is-sens ta' dan il-passaġġ famuż mhuwiex 'Il-Mulej Ġesù Kristu fil-glorja ta' Alla l-Missier" kif tgħid il-Vulgata imma "Ġesù Kristu huwa l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier".

* * * * * * * * *

Mhux biżżejjed lanqas li wieħed jipproklama verbalment, bil-kliem biss li Ġesù Kristu hu l-Mulej; meħtieġ li kull 'irkobba tmil'. Dawn mhumiex żewġ affarijiet separati. Kull min jipprokalma li Ġesù huwa l-Mulej għandu jmejjel irkobbtejh waqt li jtenni dan il-kliem. Jeħtieġ jaċċetta bil-qalb din ir-realta'. Jeħtieġ li jbaxxi l-intelliġenza tiegħu għall-ubbidjenza tal-fidi. Hija kwistjoni ta' rinunzja tal-poter u s-sigurta' li tiġi mill-għerf u mill-abilità li niċċaħdu mid-dinja inkredula li ngħixu fiha sabiex noqogħdu għall-fidi. Inkella jiġrilna bħal dawk li dejjem "lesti biex jitgħallmu imma qatt ma jseħħilhom jaslu biex jagħrfu l-verità" (2 Tim 3,7). *Warajha* u *minbarra* l-*kerygma* nistgħu nagħtu r-raġunijiet u l-wirjiet li rridu, imma ma nkunux *fiha.* Id-dawl tax-xemx jinsab fix-xemx u kif tillumina kollox, daqshekk ieħor ma tistax tkun illuminata fiha nnifisha. Wieħed irid ikun għami biex ma jarahiex.

Jeħtieġ naċċettaw id-'dgħufija' u l-'bluha' tal-*kerygma* – u dan ifisser li naċċettaw id-dgħufijiet tagħna, it-telfiet tagħna, l-umiljazzjonijiet; biex nħallu l-qawwa u l-għerf ta' Alla jirbħu. San Pawl jgħid; "Aħna... ma nissarawx bl-armi tad-dinja; l-armi tagħna għall-ġlied mhumiex tad-dinja iżda għandhom il-qawwa ta' Alla biex iġarrfu l-fortizzi. Aħna nwaqqgħu kull raġunament u kull kburija li tqum kontra l-għarfien ta' Alla u njassru kull ħsieb għall-ubbidjenza lil Kristu" (2 Kor 10,4-5). Fi kliem ieħor, jeħtieġ nibqgħu fuq is-salib għax minn hawn toħroġ il-qawwa t'Alla.

Jeħtieġ noqogħdu attenti li ma nistħux mill-kerygma; għax hemm din it-tentazzjoni. Anke Pawlu ħassha u qal; "Jiena ma nistħix mill-Kelma t'Alla!" (Rum 1,16). It-tentazzjoni hija aktar qawwija llum. Kultant nistagħġbu x'sens fih li titkellem dwar Kristu Rxoxt li hu Mulej meta naraw tant problemi reali li jeqirdu l-bniedm; ġuħ, inġustizzja, gwerra. Il-bniedem jieħu ħafna aktar gost jisma' lil min jitkellem dwaru, sabiħ jew ikrah, aktar milli dwar Alla. Fi żmien Pawlu biċċa mid-dinja kienet tfittex il-mirakli u l-biċċa l-oħra l-għerf. Illum ftit ifittxu l-ġustizzja u ftit ifittxu l-libertà. Imma aħna nippridkaw lil Kristu u lil dan imsallab u rxuxtat (1 Kor 1,23), għax aħna konvinti li Ġesù Kristu jiġbor fih il-ġustizzja vera u l-ħelsien tassew.

* * * * * * * * *

Fil-katekeżi mistagoġika, il-misteri kienu rivelati bil-kelma u bir-rit. L-imgħammdin friski kienu jisimgħu l-misteri u jattendu r-riti, speċjalment l-Ewkaristija li qatt ma kienu raw qabel. L-istess jiġri fis-servizz tal-Ġimgħa l-Kbira meta l-misteru tas-sinjorija u l-ħakma ta' Kristu tingħata lilna. Wara l-liturġija tal-Kelma r-rit ikompli. Jinkixef bil-mod is-salib u kull irkobba tmil quddiemu. Il-velu vjola jitneħħa sakemm jiddomina s-salib. "Anke llum" jgħidilna Pawlu, hu u jitkellem min-nies tiegħu "kull meta jaqraw il-liġi ta' Mose hemm velu fuq qalbhom u dan il-velu jitneħħa meta jerġgħu lura lejn il-Mulej" (2 Kor 3,15-16). Sfortunatament l-għajnejn ta' ħafna Insara huma wkoll mgħottija b'dan il-velu u jitneħħa biss, meta "jerġgħu lura għand il-Mulej", meta jiskopru li Kristu hu l-Mulej.

Illum il-Ġimgħa l-Kbira meta s-salib għeri jitgħolla quddiemna, ejjew inħarsu lejh. Dan huwa Ġesù li nipproklamaw bħala Mulej u mhux wieħed differenti. Huwa l-mument li fih lil dan

Ġesù nsejħulu Mulej u Sultan. Ġesù aċċetta li jissejjaħ Sultan fit-tagħjir; għalhekk seww li ninżlu għarkobbtejna quddiemu, l-istess kif oħrajn qabilna diġà għmlu dan. “Is-suldati ħaduh magħhom ġewwa fil-palazz, jiġifieri l-Pretorju u sejjħu r-riġment kollu. Libbsuh ilbies aħmar skur u qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa mix-xewk. U bdew isellmulu: ‘Is-sliem għalik sultan tal-Lhud!’ U qabdu jagħtuh b’qasba fuq rasu, jobżqulu fuqu u jilwu rkubbtejhom quddiemu biex jagħtuh qima. Mbagħad wara li għaddewh biż-żuffjett, neżżgħulu l-ilbies aħmar u xeddulu ħwejġu” (Mk 15,16-19). Tajjeb li nifhmu dak li qegħdin nagħmlu sabiex nidħlu fl-azzjoni b’sens profond ta’ adorazzjoni u gratitudni, għall-prezz li ħallas li hu hekk għoli. Waqt li kien ħaj hu rċieva ġenuflessjonijiet ta’ ħażen u tagħjir; ejjew mela ma nżidulux magħhom aħna bl-indifferenza u s-superfiċjalità tagħna. Meta kien qed imut fuq is-salib hu seta’ jisma’ l-eku tal-kelma “sultan” mwaħħla fuq rasu bħal setneza. Issa li jinsab fuq il-lemin tal-Missier u preżenti fostna fl-Ispirtu tiegħu, ejjew inħalluh jara fuq għarkobbtejna quddiemu. Ejjew inħalluh jisma’ l-għajta ta’ ferħ ħeirġa minn qlub il-mifdija; Ġesù Kristu huwa Mulej għall-glorja t’Alla l-Missier!.

# Kap 2 - Alla hekk ħabb id-dinja

Ir-rakkonti tal-Passjoni speċjalment fis-Sinottiċi, hekk niexfa minn ħsibijiet teoloġIċI, jeħduna lura għall-ewwel żminijiet tal-Knisja. Biex nużaw il-lingwaġġ modern tal-"*form criticism*", dawn kienu l-ewwel sezzjonijiet tal-Evanġelji li ġew 'iffurmati' fit-tradizzjoni orali u ħew ċirkolati qalb l-Insara. F'din il-fażi, il-fatti huma predominanti; kollox jista' jinġabar f'żewġ aspetti ewlenin; il-mewt u l-qawmien. Imma dan l-istadju jgħaddi malajr. Dawk li kienu jemmnu bdew jistaqsu l-għala tal-Passjoni. Għalfejn bata Ġesù? U t-tweġiba kienet 'għal dnubietna'. Hekk il-fidi tal-Għid bdiet bil-kliem qawwi ta' Pawlu; " "Ġesù li kien mogħti għall-mewt għal dnubietna u mqajjem għall-ġustifikazzjoni tagħna" (Rum 4,25). Mela hawnhekk għandna ż-żewġ fatturi tal-mewt u l-qawmien; u s-sens tagħhom għalina; għal dnubietna u għall-ġustifikazzjoni tagħna. It-tweġiba kienet tidher sħiħa; l-istorja u l-fidi fl-aħħar iffurmaw misteru wieħed tal-Għid.

Imma l-għerqa tal-mistoqsija ma ntlaħaqx. Il-mistoqsija reġgħet nibtet mod ieħor;għalfejn miet għal dnubietna? It-tweġiba qisha dawl li jilma f'wiċċ il-fidi tal-Knisja, "għax ħabbna!" "Kristu ħabb lilna u ta lilu nnifsu għalina" (Ef 5,2). Hu "ħabbni u ta lilu nnifsu għalija" (Gal 2,20); "Kristu ħabb il-Knisja u ta lilu nnifsu għalija" (Ef 5,25). San Ġwann l-Evanġelista, l-aħħar wieħed li kiteb l-Evanġelju, jagħti data għal din ir-rivelazzjoni bħala waħda li tmur lura għal meta Kristu kien fid-dinja: "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din; li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu. Intom ħbiebi jekk tagħmlu dak li jiena nikkmandakom" (Ġw 15,13-14).

It-tweġiba għall-mistoqsija "għaliex" tal-passjoni ta' Kristu hija finali u ma tħallix wisa' għal aktar mistoqsijiet. Hu ħabbna għax ħabbna, dak kollox! Fil-fatt ma teżistix il-mistoqsija 'għaliex' għall-imħabba ta' Alla. Huwa don, rigal liberu. Hija mħabba li ma tfittixx lilha nnifisha imma tagħti biss: "U hawn qegħda l-imħabba, mhux għax aħna ħabbejna lil Alla imma għax ħabbna hu u tana lil Ibnu l-waħdieni biex ikun ta' tpattija għal dnubietna" (1 Ġw 4,10.19).

Ġesù bata u miet għax ried hu, frott l-imħabba. Mhux bi żball jew b'kumbinazzjoni jew inkella riżultat taċ-ċirkustanzi tal-istorja u tal-kors taż-żmien, kontra r-rieda tiegħu. Jekk xi ħadd jgħid hekk ikun qed Iġib fix-xejn l-Evanġelju, ikun qed inħħi r-ruħ tal-Evanġelju. Għax l-Evanġelju mhu xejn aktar mill-aħbar it-tajba ta' Alla fi Kristu Ġesù. Il-Bibbja kollha anzi hija l-aħbar tal-imħabba inkomprensibbli ta' Alla lejn il-bnedmin. Kieku kliem l-Iskrittura kellhom jieħdu r-ruħ u jibdew jitlaħħmu u jitkellmu, kieku l-vuċi tkun aqwa mill-mewġ kollu tal-ibħhra u l-għajta tkun waħda; "Alla jħobbok!"

* * * * * * * * *

L-imħabba ta' Alla lejn il-bnedmin għandha l-għeruq tagħha fl-eternità. "Hu għażilna fi Kristu qabel ma kienet id-dinja" jgħidilna Pawlu fl-Efesin (1,4). Imma din l-imħabba kienet manifestata fiż-żmien, f'sensiela ta' sinjali attwali li jiffurmaw l-istorja tas-salvazzjoni. Fi żminijiet il-qedem, Alla tkellem ta' sikwit mal-missirijiet dwarl-imħabba tiegħu (Lhud 1,1). Tkellem meta ħalaqna, għax x'inhu l-ħolqien jekk mhux att ta' mħabba kbira, l-ewwel att tal-imħabba t'Alla lejn l-umanità? Aktar tard tkellem mal-profeti għax fir-realta' biblika l-profeti mhuma xejn għajr messaġġiera tal-imħabba t'Alla, "ħbieb il-Għarus". Anke t-theddid tagħhom huma difiża ta' mħabbet Alla lejn il-poplu tiegħu. Fil-profeti, Alla jxebbah l-imħabba tiegħu ma' dik ta' omm (Iż 45,15) u ma' dik ta' missier (Ħosgħea 11,4), u anke għal dik ta' għarus (Iż 62,5). Alla nnifsu jiġbor l-imġiba tiegħu kollha lejn Iżrael meta jgħid: "Jiena ħabbejtek b'imħabba ta' dejjem" (Ġer 31,3). Hija frażi ġdida għal kull tip ta' filosofija jew reliġjon, li nilmħuha fuq ix-xofftejn ta' divinità! L-"Alla tal-filosfi" huwa Alla li jrid ikun maħbub u mhux Alla li jħobb u li jħobb l-ewwel wieħed.

Imma ma kienx biżżejjed għal Alla li jurina mħabba 'permezz tal-profeti'. Fi żmienna, f'dan l-aħħar żmien, "hu kellimna permezz ta' Ibnu". (Lhud 1,2). Issa hawnhekk għandna differenza kbira, mxebbħa ma' dik ta' qabel: Ġesù ma jitkellimx biss dwar l-imħabba ta' Alla kif għamlu l-profeti; huwa Hu din l-imħabba ta' Alla. Għax "Alla huwa mħabba" u Ġesù huwa Alla.

* * * * * * * * *

F'Ġesù Alla ma jitkellimx minn distanza, pemezz ta' intermedjarji, imma mill-qrib, f'persuna. Jitkellem minn kundizzjoni umana, wara li kien bata t-tbatija tal-bnedmin. L-imħabba ta' Alla saret laħam, u ġiet tgħammar fostna! Anke fi żminijiet tal-qedem, kien hemm min qara lil Ġwanni 1,14 b'dan it-ton. Ġesù ħabbna b'qalb li hija fl-istess waqt divina u uman, b'mod perfettament uman, anke jekk il-miżura tal-imħabba hija divina. Hu ħabbna b'imħabba li hija qawwija u tarja, ġentili u kostanti. Kif Iħobb lid-dixxipli, kif Iħobb lit-tfal, kif Iħobb lill-foqra u l-morda, kif Iħobb lill-midnbin, kollha huma mħabba waħda u tal-għaġeb! Waqt li jħobb il-bnedmin, hu jgħinhom jikbru, u jirrestawralhom mill-ġdid id-dinjità u t-tama. Dawk kollha li jersqu lejn Ġesù b' qalb sempliċi joħorġu minn ħdejn mibdula!

L-imħabba tiegu tinbidel fi ħbiberija: "Ma nsejħilkomx aktar qaddejja imma ħbieb" (Ġw 15,15). Imma ma jieqafx hawn: hu anke jasal sal-punt li jidentifika lilu nnifsu mal-umanità biex l-analoġiji umani, dik ta' omm, ta' missier jew għarus ma jibqgħux waħidhom biżżejjed: "Ibqgħu fija" jgħidilna "Kif jien jibqa' fikom".

Finalment, għandna t-test l-aktar sublimi tal-imħabba: "Hu li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar" (Ġw 13,1). Mela ħabb sal-punt tal-estrem tal-imħabba. Żewġ ħwejjeġ jirrivelaw lil dak li tassew Iħobb u b'hekk tittrijonfa l-imħabba. L-ewwel waħda tikkonsisti f'li wieħed jagħmel il-ġid lil dak li jkun qed Iħobb, it-tieni billi jbati għalih. Din hija r-raġuni għala Ġesù biex jurina mħabbtu jfittex li jixxejjen hu u dan jagħmlu billi jikseb għalih tbatija infinita. B'din it-tbatija tiegħu, Alla jikkonvinċi lill-bnedmin li tassew Iħobbhom b'imħabba tal-għaġeb u jiġbed lejh anke lil dawk li l-aktar jinsabu 'l bogħod minnu (N.Cabasilas, *Vita in Cristo*, VI, 2). Ġesù jirrepeti lilna dak li qal lil waħda qaddisa; "L-imħabba tiegħi għalikom ma kenitx ċajta" (Il-Venerabbli Angela minn Foligno).

Jekk irridu nkunu nafu kemm ħabbna Alla, għandna mod ċert ta' kif; inħarsu lejn kemm bata. Mhux biss fil-ġisem tiegħu imma l-aktar fir-ruħ tiegħu. Għax il-passjoni vera ta' Kristu hija dik li ma narawx, dik li fil-Ġetsemani waslitu biex jistqarr: "Inħossni mnikket għall-mewt" (Mk 14;34). Ġesù miet f'qalbu qabel ma miet fiżikament. Kif nistgħu qatt nifhmu liema tbatija għadda minnha Ġesù meta "sar dnub" għalina hu li kien mingħajr dnub, l-istess divinità! Il-liturġija tal-Ġimgħa l-Kbira tpoġġi fuq fomm Kristu l-kelmiet tal-Lamentazzjonijiet: "Dak kollu li jgħaddi minn din it-triq, ħares lejh; hemm xi tbatija bħal din li għaddej minnha?"

Kien f'dan l-istadju li nkitbu l-kelmiet ta' Ġwanni 3,16 *Deus dilexit mundum* – Alla hekk ħabb id-dinja. Fil-bidu tal-evanġelju tiegħu Ġwanni jikteb: "Aħna rajna l-glorja tiegħu!" (Ġw 1;14). Jekk nistaqsu lill-evanġelista: Fejn rajtha din il-glorja? Hu jwieġeb: Jien rajt il-glorja tiegħu f'riġlejn is-salib. Għax il-glorja ta' Alla tinsab fil-fatt li hu ħeba l-glorja tiegħu għalina billi ħabbna. Din hija l-akbar glorja li Alla għandu barra minnu, li ħabbna. Hija l-glorja 'il barra mit-Trinità, akbar mill-fatt li ħalaqna u li ħalaq il-ħolqien kollu. Issa li jinsab fuq lemin il-Missier, id-dehra tiegħu, il-ġisem tiegħu m'għadux dak mortali. L-Apokalissi jgħidilna li Ġesù żamm ħaġa waħda minn dak ta' qabel; il-pjagi, is-sinjali tal-Passjoni tiegħu. Ta' dawn huwa kburi għax huma s-sinjali tal-imħabba tiegħu lejn il-bnedmin.

Mill-għoli tas-salib, Ġesù għandu raġun jirrepeti anke llum: "O poplu tiegħi, xi stajt għamilt għalik aktar minn dak li għamilt? Weġibni!"

* * * * * * * * *

Xi ħadd jista' jgħid: Veru li Ġesù ħabbna meta kien fid-dinja, imma llum ukoll? Issa li minn din l-imħabba fadal biss tifkira?" Id-dixxipli ta' Emmaws qalu: "Tlett ijiem diġà għaddew..." u aħna għandna t-tentazzjoni li ngħidu: "Elfejn sena diġà għaddew". Imma Ġesù kien ħdejhom, kien miexi magħhom. Bħalma nkunu żbaljati jekk nirraġunaw bħalhom, daqshekk ieħor din l-imħabba t'Alla "issawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum 5,5). U din hija t-

tieni verità kbira li għandna niċċelebraw: l-Ispirtu s-Santu mogħti għalina. L-ilma tal-kustat ta' Kristu flimkien mad-demm, simbolu tal-Ispirtu s-Santu. "B'hekk nafu li aħna ngħammru fih u Hu fina, għax tana sehem mill-Ispirtu tiegħu" (1 Ġw 4,13). Niftakru fil-frażi ta';Ġwanni li tiġbor kollox. Tiffser din li Ġesù ħallielna rigal kbir, imħabba sħiħa għax "ħa l-ħajja fl-Ispirtu" (1 Piet 3,18).

* * * * * * * * *

Dak li għandi kemm iddeskrivejt hija r-rivelazzjoni oġġettiva tal-imħabba t'Alla fl-istorja. Ejjew issa naħsbu ftit fuqna nfusna. X'jeħtieġ li nagħmlu wara li nkunu smajna sa fejn tasal l-imħabba ta' Alla għalina? Hemm ħafna tweġibiet possibli u waħda minnhom hija li nirritornaw lura din l-imħabba, inwieġbu għaliha! Innu qadim tal-Knisja jgħid hekk: Kif nistgħu ma nħobbux lil xi ħadd li ħabbna daqshekk? *Sic nos amantem quis non redamaret*. Hemm hemm xi ħaġa oħra li rridu nagħmlu qabel.

Tweġiba oħra possibli hija li nħobbu kif Alla ħabbna diġà! Jewwilla Ġwanni l-Evanġelista ma jgħdilniex li Alla ħabbna u kif ħabbna Hu rridu "nħobbu lil xulxin" (1 Ġw 4,11). Imma anke qabel dan hemm xi ħaġa oħra. L-ewwel nett irridu nemmnu fl-imħabba ta' Alla. "U aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminnieha". (1 Ġw 4,16). Mhijiex fidi bħala xi entità ntelletwali. Hija wisq Iżjed, hija fidi nkredula. Hija fidi li anke waqt li wieħed ikun jemmen, wieħed ma jkunx jista' jikkonvinċi lilu nnifsu minn dak li jkun qed jemmen. Kif qatt jista' jkun li Alla li tant kien sew fl-eternità jippreferi li jinżel u jbati minħabba fina? Kif qatt jista' jkun veru dan? "Hu ħabbni u tar uħu għalija" tgħidilna l-Knisja bikrija.

X'għaġeb tal-fidi! Imma aħna tassew nemmnu f'din l-imħabba kbira? Le, aħna ma nemmnux tassew. Għax jekk aħna tassew nemmnu, kollox jinbidel quddiemna. Anke llum nistgħu nkunu fil-Ġenna miegħu. Għax il-Ġenna hija nifirħu f'Alla. Frażi extra-kanonikali, jiġifieri li ma tinsabx fil-Bibbja tpoġġi fuq fomm Kristu dan il-kliem: "Min jistagħġeb jemmen". U din hija r-realizzazzjoni ta' dawn il-kelmiet. Kull min ma jkollux kliem x'jgħid quddiem din l-imħabba, jidħol mill-ewwel fis-Saltna ta' Alla!

Imma kif ġa għidt, aħna mhux tassew nemmnu f'din l-imħabba t'Alla. Hemm wisq nuqqas ta' fidi, u ta' fedeltà. Kull min iweġġa' darba jibqa' jibża' jħobb u jerġa' jħobb għax ikun jaf minn liema tbatija għadda. U għalhekk in-numru ta' dawk li ma jħobbux jibqa' jikber. Il-ħajja u d-dinja jerġgħu lura għal Żmien is-Silġ, *the Ice Age.* Id-dinja tibqa' kif jgħid Dante "dik is-sodda tal-fjuri li tagħmilna daqstant feroċi" (*Paradiso XXII,* 151).

Mela fuq livell personali n-nuqqas ta' kapaċità tagħna tkun tittentana: Veru li l-imħabba t'Alla kbira imma mhux għalija. Kif jista' jkun li Alla jħobb lil xi ħadd hekk infidil bħali. Jien miniex kapaċi!" Imma ejjew nisimgħu kliem il-Mulej: "..jekk il-kuxjenza ċċanfarna għax Alla hu aqwa mill-kuxjenza tagħna u hu jaf kollox" (1 Ġw 3,19).

* * * * * * * * *

Id-dinja teħtieġ li temmen fl-imħabba t'Alla. Jeħtieġ mela nibdew mill-ġdid nipproklamaw l-Evanġelju ta' Alla fi Kristu Ġesù. Inkella nkunu "dawl moħbi". Inkunu qegħdin immorru fid-dinja bla ma nagħtuha dak li trid. Hemm ħafna nies fid-dinja li mhumiex Insara u li jippridkaw il-ġustizzja u r-rispett uman imma ħadd fost il-ħassieba u l-filosfi u r-reliġjonijiet l-oħra ma hu qed jippriedka l-imħabba ta' dan Alla li ħabb Hu qabel kulħadd. Anke l-kawħa tal-foqra u l-oppressi hija kawża mitlufa kemm-il darba mhux mibnija fuq l-imħabba ta' Alla lejhom.

Kliem u sentimenti mhumiex biżżejjed. Bħal Ġesù jeħtieġ li nkunu lesti nbatu għal dawn; "Mulej aħfrilhom...". Ġesù dawn il-kelmiet stqarrhom fuq is-salib u mbagħad ħalliehom għalina. U dawn il-kelmiet ma kenux maħsuba biss biex jaħfru l-għedewwa li kellu Ġesù fi żmienu imma anke għan-nies ta' żmienna, l-għedewwa kontemporanji ta' Kristu u l-Knisja tiegħu. Il-

Kristjaneżmu huwa r-reliġjon tal-maħfra tal-għedewwa! Jeħtieġ li l-bniedem jagħraf l-imħabba t'Alla mxerrda f'qalbu mill-Ispirtu s-Santu. Jeħtieġ nimitaw lil dawk ħutna li mbuttati mill-Ispirtu ħafru lil dawk li sqewhom il-ħall u l-morr tal-ħajja. Dawn jemmnu tassew fl-imħabba! Dawn huma tassew xhieda mill-aqwa tal-imħabba ta' Kristu u kapaċi jibdlu d-dinja.

Hekk biss nista' nwieġeb għall-għajta ta' Iżaija: "Farrġu, farrġu l-poplu tiegħi, jgħid Alla tagħkom. Kellmu lil qalb Ġerusalemm u għidulha li ntemm il-jasar tagħha, tħallset ħżunitha, ħadet mingħand il-Mulej darbtejn għal dnubietha kollha" (Iż 40,1-2). Jiena wkoll pruvajt 'nitkellem ma' qalb Ġerusalemm" jiġifieri mal-Knisja biex infakkarha fil-possessjoni preżżjuża li għandha, fil-wirt kbir tagħha, l-imħabba eterna tal-Għarus glorjuż tagħha. Issa dan qed jitkellem bi kliem Għanjet l-Għanjiet:

"Maħbuba tiegħi, qum, ejja sabiħa tiegħi.
Għax ara għaddiet ix-xitwa, spiċċat ix-xita, marret.
Fuq l-art ġa deher il-ward
Iż-żmien ta' l-għana wasal.
Fuq artna nstama' leħen il-gamiem" (Għanja ta' l-Għanjiet 2,10-12).

Fil-jum imbierek tal-mewt ta' Kristu, nifs ta' hena jimla d-dinja.

# Kap 3 - Intom qtiltu lil Ġesù ta' Nazaret

Fil-ġurnata tal-Pentekoste, Pietru kien mal-ħdan l-appostlu u kellem lill-poplu. Dak li qal nistgħu niġbruh f'dan il-kliem; "Lil dan Ġesù, intom sallabtuh..imma Alla qajmu mill-imwiet " (Atti 2,23).

Nixtieq li dan il-kliem jerġa' jgħix fostna u jinfed lil qlubna kif nifed il-qlub ta' dawk li kienu qed jisimgħu lill-appostlu. It-tlett elef li Pietru ndirizza zgur li ma kenux kollha preżenti fuq il-Kalvarju huma u jsammruh bl-imsiemer. Forsi lanqas kienu preżenti fil-Pretorju ta' Pilatu jgħajtu; Sallbu, sallbu! Mela kif qatluh lil Ġesù? Għax huma kienu jagħmlu parti mill-poplu li qatlu. Għax huma ma semgħux mill-bxara ta' Kristu meta qal; "Is-Saltna t'Alla waslet, indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba!" Forsi billi meta kien għaddej Ġesù biex jissallab, huma għalqu l-ħwienet tagħhom biex ma jdejjaqhomx.

Aħna nafuhom dawn il-ħwejjeġ imma xorta waħda nħossuna komdi. Naħsbu li dan kollu m'għandux jinteressana. Jikkonċerna biss lil dawk li għexu fil-Palestina fi żmien Ġesù. Aħna bħas-sultan David li hu u jisma' l-profeta Natan jirrakkonta fuq id-dnub li sar fil-belt, fl-aħħar irrabja u qal; "Il-bniedem li għamel dan ħaqqu jmut" (2 Sam 12,5). Wara t-tieni gwerra dinjija qamet kwistjoni dwar min kien ħati għall-mewt ta' Kristu. Dan seħħ l-aktar minħabba l-olokawst. Nibtu ħafna kotba u studji dwar dan il-qasam. Il-konsegwenzi tat-tweġibiet kienu ħafna l-aktar minħabba li l-Insara kienu qed jitħabbtu favur il-ħelsien. Il-kwistjoni tal-mewt ta' Kristu saret storika u għalhekk newtrali. Għalhekk tinteressana indirettament minħabba l-konsegwenzi tagħha llum imma direttament ma tinteressaniex għax aħna ma naħtux. Madankollu zgur li aħna ma nagħmlux mal-akkużati imma ma' l-akkużaturi. Ħafna jitfħgu l-ħtija fuq l-amminstrazzjoni reliġjuża ta' dak iż-żmien, jiġifieri fuq il-Lhud; oħrajn fuq il-qawwa politika, mela r-Rumani. B'hekk lil Ġesù jagħmluh marti tal-libertà ; oħrajn iwaħħlu fit-tnejn. Qisu ġuri li fih kulħadd itenni kliem Pilatu; "Jien m'inix ħati ta' dan id-demm" (Mt 27,24).

Imma x'wieġbu lil David il-profeta Natan. Hu qallu; "Inti dak il-bniedem" Alla jtenni l-istess kelmiet lilna aħna u nippruvaw insibu min hu l-ħati għall-qtil ta' Ġesù. Inti kont mas-suldati meta sawtuh, inti kont mal-folla hi u tgħajjat: 'Sallbu', inti kont ma' Pietru meta ċaħdu, inti kont ma' Ġuda meta ttradieh, inti kont magħhom meta nisġulu l-kuruna tax-xewk, inti bżaqtlu f'wiċċu! Li huwa ċert hu li "Ġesù ħa l-mewt għal dnubietna!" (Rum 4,25). Il-profeta Iżaija antiċipa din il-verità bl-aktar mod drammatiku:

"Iżda hu refa' fuqu l-mard tagħna,  
tgħabba bin-niket tagħna.  
Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat,  
mitluq minn Alla u miġjub fix-xejn.  
Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna  
misħuq minħabba fi ħżunitna.  
Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu  
u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna" (Iż 53,4-5).

Aħna lkoll akkużati t'a mewtu għax aħna lkoll dnibna u tkun gidba li niċħdu dan. Imma mhijiex l-istess ħaġa li tgħidl "Ġesù miet għal dnubietna" u li tgħid "Aħna qtilna lil Ġesù? L-Ittra lil-Lhud tgħid għal dawk li jidinbu wara l-Magħmudija li huma "bl-istess imġieba tagħhom jerġgħu jsallbu lill-Iben ta' Alla u jwaqqgħuh għat-tmaqdir" (Lhud 6,6).

"Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom u qalu lil Pietru u lill-appostli l-oħra: 'Laħwa x'għandna nagħmlu aħna?'" (Atti 2,37). Biża' kbir waqa' fuqhom u ġejja fuqna wkoll issa jekk m'aħniex tal-ġebel. Kif nistgħu ma nibżgħux x'ħin naħsbu dwar il-fatt li Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lill-Ibnu l-waħdieni u aħna bħala radd il-ħajr qtilnieh! Aħna qtilna l-ħajja.

Huwa meħtieġ li nesperjenzaw din il-kriżi ġewwenija, il-biża' li nsiru Insara maturi u mhux biss nibqgħu Insara fl-embriju, nistennew id-dawl. Sakemm ma ngħaddux mill-esperjenza li nħossuna mitlufin, li nħossuna kważi mogħtija għall-mewt ma nistgħux nifhmu xi jfisser li tkun

salvat minn Kristu l-Mulej u d-demm tiegħu; ma tkunx taf biżżejjed xi jfisser li tgħid Kristu salvani. Ma nistgħux nifhmu għal kollox x'bata Ġesù. Tkun ipokreżija jekk ngħidu li nafu kemm bata għax dak li huwa konvint li kien hu li ġagħal lil Kristu jbati, jista' forsi jifhem it-tbatija tiegħu. Ġesù jista' jgħidilna dak li qal lin-nisa twajba: "Tibkux lili, ibku lilkom u lil dnubietkom!" (Lq 23,28).

* * * * * * * * *

Hemm żewġ soluzzjonijiet possibli għal kriżi bħal din; dik ta' Ġuda meta beka u qal; "Dnibt għax ittradejt demm bla ħtija" u qatel lilu nnifsu (Mt 27,4) jew Pietru meta beka "biki ta' qsim il-qalb" (Mt 26;75) Ġesù jista' biss jgħidilna: Indmu!

Imma xi tfisser tindem? Kif isseħħ fir-realta'? Ifisser li wieħed jgħaddi mill-istadju tal-imputazzjoni (*imputation*) għal dak tal-istqarrija (*confession*) tad-dnub; mill-istadju li fih tisma' lil xi ħadd jgħidlek "Inti qtilt lil Ġesù ta' Nazaret" għall-istat li fih tistqarr; "Iva, jiena qtiltu lil Ġesù ta' Nazaret". Dan ma jseħħx bil-qawwa tagħna imma b'dik tal-Ispirtu s-Santu (Ġw 16,8) Hija xi ħaġa mirakoluża. Meta wieħed jgħaddi minn din l-esperjenza jkun qed jgħaddi minn esperjenza tal-kxif li jwassal għal ħajja ġdida.

L-istqarrija tad-dnub tagħti tassew il-ħelsien. Huwa "Alla li jaħfer id-dnubiet" (Mi 7,18). Meta l-bniedem jissimpatizza ma' Alla kontra tiegħu nnifsu l-bniedem ikun qed jistieden lil Alla biex jagħmel l-istess: li jżomm mal-bniedem kontra l-ġustizzja tiegħu stess. Dan jagħmlu frott il-ħniena u mhux frott il-bżonn. Alla fil-fatt irid ikun ħanin mal-bniedem imma ma jistax iħenn għall-bniedem jekk il-bniedem ma jiċħadx dnubu. L-aktar diffiċli hu li wieħed ikollu qalb umli. L-omnipotenza tiegħu mhijiex biżżejjed. Għandu bżonn tat-tweġiba tagħna. Għalhekk hija ħniena li għandha bżonn tat-tweġiba tagħna;

"Dan jgħid il-Mulej:  
Is-smewwiet it-tron tiegħi  
l-art mirfes riġlejja!  
X'dar tistgħu tibnuli?  
Fejn hu l-post tal-mistrieħ tiegħi?  
Dawn kollha jdejja għamluhom,  
dawn kollha tiegħi...  
Imma fuq dan jien nixħet ħarsti;  
fuq l-imsejken u n-niedem f'qalbu,  
u fuq min jitriegħed għal kelmti" (Iż 66,1-2).

L-isfortuna tagħna hi li aħna qatt ma naċċettaw id-dnub tagħna b'qalbna kollha. Ngħidu; "Jien x'għamilt ħażin?" Imma issa ismagħni ftit jien u nkellem lil qalbi. Jewwilla ma tistax tarah dnubek? Id-dnub tiegħek hu li ma tagħrafx dnubek; li taħseb li għandek kollox sew. Dan kien id-dnub li wassal lil Ġesù għas-salib għax tkelem ċar mal-Fariżej.

Li wieħed iħoss li kollox huwa sewwa jfisser li ma jistax jifhem aktar is-salib ta' Kristu. Tħoss li int u d-dinja kollha intom vittmi ta' tbatija mhux proporzjonata, hekk kbira li Alla m'għandux jippermettieha. Kieku mqar għal darba nifhmu kliem il-Bibbja: "għax mhux minn qalbu jgħakkes, jew iweġġa' qalb il-bniedem" (Lam 3,33). Naqraw ukoll lil Ħosgħea; "Daret għalija qalbi, tqanqlet bil-bosta ħnienti" (Ħos 11,8). Ir-reazzjoni tagħna tkun ferm differenti. Nistgħu ngħajtu; "Aħfrilna Missier jekk wassalniek biex iġġib ruħek hekk ma' ibnek. Aħfrilna jekk issa nħabbtuk biex issalvana għax int bħal kull missier, anzi aktar, tridilna 'ħwejjeġ tajba'. Aħfrilna jekk inwassluk biex ma tkunx tista' tagħti lid-dinja l-ferħ li int tixtieq tagħtiha".

Meta kont tifel, darba m'obdejtx lil missieri billi mxejt ħafif fejn ma kellix. Biċċa ħġieġ daħlet f'riġli. Kien fi żmien il-gwerra u missieri daħal f'riskju biex jeħodni għand it-tabib. Waqt li t-tabib beda joħroġli l-ħġieġa u jdawwar il-ferita biċ-ċaruta missieri ħares banda oħra. X'iben

kont inkun kieku x'ħin irritornajt lura d-dar kont ngħidlu li ma kienx iħobbni! U dan huwa preċiż dak li għamilna lil Alla.

Mela l-verità hija xi ħaġa oħra. Aħna nġiegħlu lil Alla jbati u mhux hu lilna. Imma aħna tant bdilnieha din il-verità li nistaqsu; "Fejn hu Alla? Għax jippermetti dan?" Huwa veru li Alla seta' jsalvana mingħajr is-salib, imma din kienet tkun xi ħaġa differenti u jaf ukoll li aħna għad inħossuna mistħija għax ġejna salvati mingħajr ma ikkolaborajna miegħu fil-ferħ tagħna.

Kulħadd dineb xi darba (Rum 3,23) għalhekk Pietru qal: "Indmu" L-indiema hija l-kelma tas-salvazzjoni *par excellence*. L-Apokalissi fih seba' ittri lil seba' knejjes fl-Asja Minuri (Apok 1,4). Kull waħda tispiċċa hekk; "Min għandu widnejnbiex jisma', ħa jisma' x'jgħid l-Ispirtu lill-knejjes" Mela l-kelma *metanoeson* li tfisser 'indem, ikkonverti' hija fil-qalba ta' kull ittra. Dak li għandu widna biex jisma' x'jgħid l-Ispirtu jaf li hemm moħbija fil-qawwa tagħha l-kelma; Indmu!

Fid-9 ta' Ottubru 1963 il-lejl ta' qabel ma d-diga tal-Vajont waqgħet fil-Friuli fl-Italja, instemgħu xi ħsejjes imma ħadd ma ta każ. Imbagħad ftit tas-sigħat wara seħħet dik il-ħsara kollha. Xi ħaġa simili qed isseħħ illum. Id-dinja mimlija inġustizzja u tbatija qed tfaqqa'. Hemm riħa ta' ħruq fl-arja. Kieku Ġwanni l-Għammiedi kien ħaj fi żmienna hu jgħajjat; "Il-mannara ġa tressqet ma' għonq is-siġra. Indmu" (Mt 3,8-10).

Anke dawk li ma jemmnux jafu b'dan imma jġibu ruħhom b'mod ieħor. Ħafna nazzjonijiet qed jinvestu fi proġetti li jħarsu l-pajjiż. Aħna wkoll li nemmnu qed infittxu 'arka ta' Noe' ġdida u din hija l-indiema tad-dnubiet. Ħadd ma jista' jbeżża' lil min għandu qalbu marbuta ma' Alla li huwa l-blata samma. Ngħannu mas-salmista:

"Kenn u qawwa hu Alla għalina
għajnuna kbira sibnieh fid-dwejjaq.
Għalhekk ma nibżgħux jekk l-art titriegħed,
jew jiġġarrfu l-muntanji f'nofs ta' baħar" (Salm 46,1-2).

Inħoss li nista' nirrepeti fil-fidi dawn il-kelmiet; "Inti ma għandekx lanqas nofs il-qawwa biex tagħmilli l-ħsara; għax jien irrid inkun dispost biex inweġġa'" (Shakespeare). Għax 'għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' dak li jqawwini' (Fil 4,13). Hu qalilna: 'Agħmlu l-qalb; jiena rbaħtha d-dinja" (Ġw 16,33).

*  *  *  *  *  *  *  *  *

Issa ġejjin għal vers ieħor sabiħ tal-priedka ta' Pietru; "Imma Alla qajjmu". Meta qajjem lil Kristu mill-mewt, Alla biddel l-akbar dnub tagħna fil-ħniena kbira tiegħu. Irridu nidħlu sew fil-qalba tad-dnub tagħna biex nifirħu bl-ispirtu tal-Għid. Jeħtieġ li ntenni; Jien qtilt lil Ġesù ta' Nazaret'. B'hekk nitwieldu mil-ġdid "għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet" (1 Piet 1,3). Qisu l-każ ta' meta raġel joqtol raġel ieħor u jkunx jista' jieħu r-ruħ meta jisma' li dak ir-raġel ma mietx imma għadu ħaj. Mhux biss hekk imma jrid jiltaqa' ma' dak li xtaq joqtlu u jagħmel ħbieb miegħu.

Id-dnub fih innifsu m'għandux ibeżżgħana għax aħna ma nerfgħuhx waħidna. Hu "li qam biex jiġġustifikana" (Rum 4;25), ħa fuqu dnubietna u tana l-ġustizzja. Bniedem li nidem niżsel fl-infern ma' Ġesù u "tgħammed fil-mewt tiegħu" (Rum 6,3). U issa Ġesù bħal qed itellgħu miegħu hekk kif joħroġ mill-qabar. 'Imma Alla għani fil-ħniena tiegħu bis-saħħa tal-imħabba kbira tiegħu meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu" (Ef 2,4-5).

Forsi int taħseb li dan il-kliem mhux għalik għax għadek ma ndimx minn dnubietek u fraħt fuqhom. La taqtax qalbek għax dan huwa d-don ta' Alla u hu biss jista' jagħtih minn mument għall-ieħor. L-importanti li wieħed jippersevera hu jitlob dan id-don lil Alla. Jeħtieġ li nħallu lilna nfusna nitwieldu mill-ġdid għal ħajja ġdida.

Ħares ftit madwarek u għid; Dawn kollha ħuti. Ħares lejn il-membri tal-komunità tiegħek, tal-familja tiegħek, lejn ħutek kollha. Dawn kollha twieldu fil-qalb minfuda ta' Kristu, qalb minfuda bi dnubietna.

Issa huwa Kristu Rxoxt li qed jitkellem magħna. Dan il-kliem mimli bil-fidi u bl-entużjażmu u kien jintuża f'servizz liturġiku fis-seba' knejjes tal-Asja Minuri, fil-bidu tal-Knisja;

Jien qridt il-mewt u rbaħt fuq l-għadu
Jien erfajt il-bniedem lejn l-ogħla smewwiet
Ejjew mela bnedmin li tinsabu fid-dnub.
Irċievu l-maħfra tad-dnubiet.
Għax jiena l-qawmien u l-Għid tas-salvazzjoni tagħkom
Jiena l-ħarufa mogħtija għalikom
Jiena l-ħelsien
Jiena l-ħajja,
Jiena s-salvazzjoni
Jiena s-Sultan.
Jien nurikom il-Missier.
(Melito ta' Sardis, *Dwar l-Għid,* 102-3)

# Kap 4 - Mgħammdin fil-mewt tiegħu

X'inhu s-sinjifikat ta' dan ir-rit li qegħdin niċċelebraw? Għalfejn inġbarna hawnhekk illejla? It-tweġiba l-aktar ovvja hija biex niċċelebraw il-mewt tal-Mulej! Imma dan mhuwiex biżżejjed. Santu Wistin jgħid li l-"l-Għid mhuwiex biss anniversarju imma misteru" (*sacramentum*). Issa biex niċċelebraw il-misteru mhux biżżejjed inħarsu lejn il-ġrajja kif seħħet fil-passar imma rridu nipparteċipaw fiha daqsli kieku qed isseħħ issa (Santu Wistin, *Epistola* 55,1:2) Mela l-liturġija tat-Tridu tal-Għid mhijiex sinjifikati biss mill-aspett storiku jew morali (kommemorazzjoni ta' ġrajjiet u eżortazzjoni) imma għandu wkoll l-aspett mistiku. Xi ħaġa trid isseħħ. Ma nistgħux nibqgħu fuq barra. Ma nistgħux nibqgħu spettaturi jew semmiegħa. Irridu nidħlu ġewwa, daqsli kieku aħna 'atturi' u nieħdu sehem.

Għalhekk inġbarna sabiex "nagħmlu azzjoni" u mhux biss "inreġġgħu lura mill-imgħoddi". Dak li għandna nagħmlu hu li nitgħammdu fil-mewt ta' Kristu! Ejjew nisimgħu kliem Pawlu: "Ma tafux li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu Ġesù tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-Magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida" (Rum 6,3-4).

Imma forsi nistaqsu; jewwilla dan kollu ma seħħx fil-jum tal-magħmudija tagħna? X'irridu nagħmlu li mhux diġà għamilnieh? It-tweġiba hija iva u le fl-istess waqt. Jekk li titgħammed ifisser li 'tindifen ma' Kristu fil-mewt" mela l-magħmudija tagħna għadha mhix konkluża. Fir-rit tal-magħmudija hemm formula aktar qasira li tissejjaħ *in articulo mortis* jiġifieri fil-periklu tal-mewt. Meta dan il-periklu jkun għadda t-trabi jittieħdu l-knisja biex ikomplu s-sagrament. Aħna l-Insara kważi kollha ġejna mgħammda *in articulo mortis*. Aħna tgħammidna b'ħeffa matul l-ewwel jiem ta' ħajjitna minħabba l-biża' tal-mewt. Dan kien iseħħ anke fl-era appostolika. Imma meta nsiru adulti rridu nkomplu dan is-sagrament. Kif sa nkompluh? Billi nwettqu kliem Ġesù: " Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu. Min jemmen u jitgħammed isalva, Iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat" (Mk 16,15-16).

Minjemmen jitgħammed; żewġ affarijiet li jidhru dejjem flimkien fl-Evanġelji u fit-Testment il-Ġdid speċjalment fejn jissemma l-bidu tas-salvazzjoni u dawn huma l-fidi u l-magħmudija (Ġw 1,12; Atti 16,30-33 u Gal 3,26-27). Il-Magħmudija hija 's-siġill divin fuq il-fidi ta' min jemmen' (SanBażilju).

Mela hija kwistjoni ta' tip speċjali ta' fidi li tinvolvi l-persuna kollha; fidi u konverżjoni ma' xulxin; "Indmu u emmnu fil-bxara t-tajba" (Mk 1,15) jew anke ta' fidi u ndiema: "Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom" (Atti 2,38).

Fl-ewwel knisja l-Insara waslu għall-Magħmudija permezz tal-proċess tal-konverżjoni li jinkludi l-ħajja kollha. Is-simboli użati f'dan ir-rit kienu sinjali viżibbli tal-firda bejn il-ħajja l-qadima u l-bidu ta' dik ġdida. Il-katekumenu kien jinża' kollox biex jidħol fl-ilma; għal mument ikun mingħajr ilma, bla nifs, mejjet għad-dinja daqslikieku huwa midfun. Imbagħad joħroġ għad-dawl tad-dinja. Imma issa għalih d-dawl u d-dinja mhumiex l-itess aktar; hemm dawl ġdid u dinja ġdida. Twieled mill-ilma u l-ispirtu.

Huwa possibli nirrepetu l-esperjenza qawwija f'din is-sitwazzjoni preżenti? Iva huwa possibli. Hija r-rieda ta' Alla li dan iseħħ. Ta' l-anqas għal darba waħda biss matul il-ħajja tan-Nisrani. "Nar ġejt inqiegħed fuq l-art u kemm nixtieq li diġà qabad! Iżda hemm magħmudija li biha għandi nitgħammed u x'diqa għandi sa ma dan iseħħ!" (Lq 12,49-50) Ġesù kien qed jaħseb fuq il-mewt tiegħu meta qal dawn il-kelmiet għax il-magħmudija f'ċertu sens tindika l-mewt tiegħu (Mk 10;38) Bil-mewt tiegħu fuq is-salib, Ġesù bħal qisu jġib in-nar fid-dinja u mill-kustat tiegħu joħroġ l-ministeru tal-magħmudija ġdida. Din tibqa' miftuħa sa l-aħħar taż-żmien għax Ġesù "kien mogħti l-mewt fil-ġisem imma ħaj fl-Ispirtu" (1 Piet 3,18) Fil-fatt in-nar huwa l-Ispirtu li sa "jkun dejjem magħna" (Ġw 14,16) Inroddu ħajr lill-Ispirtu għax fih dak li jikkonċerna lil Kristu huwa rilevanti għalija *hic et nunc* hawnhekk u issa.

Li titgħammed fil-mewt ta’ Kristu jfisser li tidħol fis-siġra li taqbad bla ma tinħaraq; tidħol fl-agunija. Agunija għax titlob purifikazzjoni, ariditа̀, slaleb. Hija imma preludju għat-twelid u mhux għall-mewt; hija t-tbatija ta’ waħda li tiled. Li titgħammed fil-mewt ta’ Kristu jfisser li tidħol fil-qalb tiegħu u tipparteċipa fid-drama tal-imħabba u t-tbatija ta’ Alla. Li titgħammed fil-mewt ta’ Kristu mhijiex xi ħaġa li tiddeskrivieha imma li tgħixha. Min jesperjenza dan jitwieled f’persuna ġdida u jkun lest biex jaqdi s-Saltna t’Alla fi stil ġdid.

* * * * * * * * *

Ejjew issa nagħtu forma konkreta lil dan kollu. Xi jfisser li titgħammed fil-mewt ta’ Kristu? Pawlu jkompli: “Hu li miet miet darba għal dejjem għad-dnub u issali qiegħed jgħix, qiegħed jgħix għal Alla. Hekk ukoll intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, Iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù” (Rum 6,10-11).

Li titgħammed fil-mewt ta’ Kristu jfisser li tmut għad-dnub u tgħix għal Alla. Li tmut għad-dnub; li tieqaf tidneb (1 Piet 4,1) jfisser deċIżjoni qawwija li hija irrevokabbli, għax id-dnub xi ftit jew wisq nibqgħu dejjem marbutin miegħu.

L-iskop u l-għan aħħari mhuwiex il-mewt imma l-ħajja: hija imma ħajja ġdida, qawmien, ferħ, esperjenza li ma titfissirx tal-imħabba ta’ Alla. Dan jiġi min-naħa ta’ Alla. Irridu nħalluh lil Alla jagħmel il-parti tiegħu, għax il-fedeltà tiegħu hija wieqfa aktar mis-smewwiet infushom. Aħna rridu nagħmlu l-parti tagħna, mela mmutu għad-dnub; inħallu warajna l-istat tar-rabta mad-dnub. Inħallu lil Babilonja warajna. Babilonja jgħidilna Santu Wistin fil-*Belt ta’ Alla* hija l-belt li nbniet fuq l-imħabba egoista u li tmiss mar-rabja ta’ Alla; hija l-belt ta’ Satana. Babilonja hija mela l-gidba; “Oħorġu minnha poplu tiegħi, biex ma jkollkomx x’taqsmu magħha fi dnubietha u biex mill-kastigi tagħha ma teħdux sehem” (Apok 18,4) Mhix kwistjoni li tħalli belt jew solidarjeta mal-bnedmin imma hija kwistjoni li tħalli warajk sitwazzjoni morali, u mhux post. Mhijiex ħarba mid-dinja imma ħarba mid-dnub.

Li tmut għad-dnub jfisser tidħol fil-ġudizzju ta’ Alla. Alla jħares fuq id-dinja u jagħmilha ta’ mħallef fuqha. Il-ġudizzju tiegħu huwa linja ta’ demarkazzjoni bejn il-ħażin u t-tajjeb, bejn id-dawl u l-ħażin. Il-ġudizzju tiegħu ma jinbidilx maż-żmien. Li tikkonverti jfisser tkisser il-ħajt tal-gidba u tmur man-naħa tal-verità u dan ifisser man-naħa ta’ Alla. Id-deċIżjoni ssir meta l-bniedem jgħid mas-salmista;

“Ikollok ħniena minni O Alla fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti. Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi; naddafni mid-dnub tiegħi. Għax jien nagħrafhom ħtijieti; id-dnub tiegħi dejjem quddiemi” (Salm 51,3.4) Fi kliem ieħor ikun qed jgħid; “Jien naċċetta l-ġudizzju tiegħek, O Alla, għax huwa sewwa u xieraq, ta’ ferħ u ta’ salvazzjoni”.

Mal-miġja ta’ Kristu l-ġudizzju ta’ Alla jsir viżibbli, donnu bħal tieħul-ġisem u ssir storja; huwa s-salib ta’ Kristu! Qabel il-mewt tiegħu naqraw: “Il-ġudizzju ta’ din id-dinja qed isir issa. Issa sa jitkeċċa l-prinċep ta’ din id-dinja” (Ġw 12,31).

Is-salib huwa l-‘le’ qawwija ta’ Alla għad-dnub. Qisha s-siġra tal-ħajja fil-qalba tat-triq tal-belt (Apok 22,2) Issa din is-siġra tinsab fil-qalba tal-Knisja u tad-dinja u ħadd ma jista’ jaqlagħha mill-ġdid jew jissostitwixxieha għal prinċipji oħra. Illum bħal fi żmien Pawlu l-”Griegi” mela l-iskulari, il-filosfi u t-teologi qed ifittxu l-għerf: il-”Lhud” mela d-devoti u l-fidili qed ifittxu wkoll sinjali u għeliem, effiċjenza u riżultati bħal dejjem; imma l-Knisja tkompli tfittex li tippriedka lil Kristu msallab, il-qawwa ta’ Alla u l-għerf ta’ Alla (1 Kor 1,22-23).

* * * * * * * * *

Fil-11 ta’ Novembru 1215 il-Papa Innoċenzu III fetaħ il-Konċilju Lateran erbgħa b’diskors memorabbli. Hu beda bil-kelmiet ta’ Kristu: “Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati” (Lq 22,15) L-Għid jispjega l-Papa jfisser il-mogħdija. U Ġesù jrid jagħmel mogħdija triplika llum; mogħdija korporali, mogħdija spiritwali u mogħdija eterna. Il-

mogħdija korporali kienet għall-papa l-mogħdija lejn Ġerusalemm sabiex jakkwista mill-ġdid is-Sepulkru Mqaddes; il-mogħdija spiritwali kienet mill-vizzju għall-virtù, mid-dnub għall-grazzja u għalhekk tiġdid morali tal-Knisja; il-mogħdija eterna kienet il-mewt, l-aħħar mogħdija għal għand il-Missier. Il-Papa imma l-aktar li nsista kien fuq il-mogħdija spiritwali speċjalment il-qdusija tal-kleru, l-istess bħal fil-każ tar-raġel liebes il-ħarir li kellu bagalja tal-kitba jġorrha miegħu u li minnu jitkellem Eżekjel (Eżek 9,1) Dan biex jimmarka t-*tau* penitenzjali fuq l-irjus ta' dawk li bħalu jibku fuq id-dnubiet li tikkommetti d-dinja.

Qatt ma kellu x-xorti jirrealizza din il-ħolma għax miet ftit snin wara u hekk għamel il-mogħdija eterna għal Ġerusalemm tas-sema. Imma kif tgħid it-tradizzjoni, fil-Bażilika Laterana fejn għamel id-diskors il-Papa Innoċenz III, kien hemm moħbi fil-folla l-fqajjar Franġisku ta' Assisi! Zgur li din ix-xewqa Franġisku laħaq għamilha tiegħu. Hu ppriedka l-penitenza u s-sawm u tassew immarka t-*tau* fuq l-imħuħ ta' dawk li kkonvertew għal Kristu. It-*tau* li hija s-sinjal profetiku tas-salib ta' Kristu saret is-siġill tiegħu. Hu kien jiffirma l-ittri tiegħu biha u kien iridha minquxa fuq Iċ-ċella ta' kull raheb li kien tiegħu u kif stqarr il-kbir Bonaventura wara mewtu, "Hu kien mogħti l-missjoni mis-sema biex isejjaħ il-bnedmin sabiex iqaxxru rashom u jissiġillaw fuq irjushom it-*tau* li hija s-salib penitenzjali" (*Vita Major* 2) Din kienet il-"kruċjata" magħżula minn Franġisku; is-sinjal tas-salib mhux fuq il-ħwejjeġ jew l-armi tal-ġlied kontra l-'infidili' imma fuq il-qlub li kellhombħala missjoni l-qerda ta' infidili oħra; dawk qalb il-poplu t'Alla nnifsu. Hu rċieva din il-missjoni "mis-sema" jgħidilna San Bonaventura imma rċevieha wkoll mill-Knisja u speċjalment mill-Papa. Ried ikun strument umli għas-servizz tal-Knisja u l-ġerarkija tagħha sabiex ikompli t-tiġdid tar-raba' konċilju Lateran sa fi żmienna. Issa li ċċelebrajna t-tminn ċentenarju minn twelidu, nitolbu lil Alla jagħti l-knisja tiegħu nies oħra bħal Franġisku sabiex jimplimentaw t-tiġdid mibdi minn konċilju ieħor, din id-darba l-Konċilju Vatikan II, għaż-żminijiet tal-lum.

# Kap 5 - Mislub fid-dgħufija, Kristu jgħix fil-qawwa t'Alla

Fil-Bibbja flimkien mar-rivelazzjoni tal-qawwa t'Alla hemm ir-rivelazzjoni sigrieta li tissejjaħ ir-rivelazzjoni tad-dgħufija ta' Alla. Id-dgħufija ta' Alla hija marbuta ma' dak li l-Iskrittura Mqaddsa ssejjaħ "il-ħniena ta' Alla" (Ġer 31,30; Lq 1,78) Din tagħmlu bħal imponenti quddiem il-bniedem midneb. In-nies "jerġgħu lura". "Kif jien sa mwarrbek minni Efrajm? Iżrael sa nerħik? Kif! Jien sa nwarrbek bħal Adma, nagħmlek bħal Sebojim? Daret għalija qalbi, tqanqlet bil-bosta ħnienti " (Ħos 11,8) Donnu biex jiskuża ruħi għal dgħufitu Alla jgħid: " Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha u ma tħennx għal bin ġufha? Mqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt!" (Iż 49,15) Fil-fatt din l-imħabba hija fuq kollox dik tal-omm. Din toħroġ mill-qalba tal-ġisem tal-omm, fil-qalba nett fejn it-tarbija titnissel u tintiseġ. It-tarbija hija parti minnha u hi qatt ma tħallih jekk mhux bi tbatija kbira.

Id-dgħufija ta' Alla hija mela kkawżata mill-imħabba tiegħu għall-bniedem. Xi tbatija kbira meta wieħed joqgħod b'idejn fuq żaqqu waqt li jara lil xi ħadd għażiż għalih jeqred lilu nnifsu! Il-ġenituri ta' wieħed drogat jafu xi tfisser meta ġurnata b'ġurnata jkunu mġagħlin jaraw lil binhom jew binthom teqred lilha nnifisha bil-mod. Imma Alla li jista' kollox ma jista' jagħmel xi ħaġa? Ċertament li jista' imma jekk jindaħal ikun qed itellef il-libertà tal-bniedem. Alla jista' biss jissuġerixxi, jgħid xi ħaġa, jagħti parir, jitkellem... bħalma għamel permezz tal-profeti.

Madankollu l-qjies tat-tbatija ta' Alla kien moħbi sakemm tfaċċa Ibnu Ġesù Kristu u l-passjoni tiegħu. Il-passjoni ta' Kristu hija sempliċiment il-manifestazzjoni storika u inviżibbli tad-dgħufija ta' Alla. San Pawl jgħid li Kristu kien "imsallab minħabba d-dgħufija tiegħu" (2 Kor 13,4). Il-bniedem bħal rebaħ fuq Alla, id-dnub joħroġ rebbieħ u jittirojonfa quddiem is-salib ta' Kristu. Id-dawl jitgħatta bid-dlam. Imma biss għal waqt wieħed: Kristu kien imsallab fid-dgħufija tiegħu, imma l-appostlu jkompli: "Issa jgħix bil-qawwa ta' Alla". U lill-knisja jgħidilha: "Jien kont mejjet u ara jien issa ħaj għal dejjem ta' dejjem u għandi jinsabu l-imfietaħ tal-Mewt u ta' Post il-Mejtin" (Apok 1,18) Tassew, "id-dgħufija ta' Alla hija aqwa mill-bnedmin" (1 Kor 1,25). Is-salib sar il-qawwa, l-għerf u r-rebħa ta' Alla. Alla rebaħ issa mhux billi ċaħad id-dgħufija imma billi ħaddanha miegħu fl-estrem tagħha. Hu rrifjuta li jiġġieled lill-għadu bl-istess arma: "meta għajruh ma weġibx bit-tagħjir, meta bata ma qagħadx jhedded imma ħAlla f'idejn l-Imħallef ġust" (1 Piet 2,23) It-tweġiba għar-rieda tal-bniedem li jġib fix-xejn lil Alla ma kenitx li jeqred il-bniedem imma li jsalvah: "Daqs kemm jien ħaj ma nitgħaxxaqx bil-mewt tal-midneb imma bir-reġgħa lura tiegħu minn triqtu biex jgħix" (Eżekjel 33,11). Talba tal-Knisja tgħidilna li Alla jimmanifesta l-omnipotenza tiegħu fil-ħniena u l-maħfra (*parcendo et miserando*) Bħala tweġiba għall-għajta "Sallbu" hu għajjat "Missier aħfrilhom!" (Lq 23,34).

Ma hemmx kliem li jista' jitqabbel ma' dan. Dawn il-kelmiet "Missier aħfrilhom" fihom il-qawwa u l-qdusija ta' Alla: huma kelmiet li ħadd ma jista' jrażżan għax intqalu meta l-ħażen kien fil-qofol tal-quċċata tiegħu. "Nbelgħet il-mewt fir-rebħa. Fejn hi ja mewt in-niggieża tiegħek? Fejn hi ja mewt ir-rebħa tiegħek?" (1 Kor 15,54-55). Dawn il-kelmiet "Missier aħfrilhom" huma bħal kelmmiet sagramentali. Jesprimu s-sens u l-għan tal-passjoni; li hija r-rikonċiljazzjoni tad-dinja ma' Alla; u jakkawżawha fl-istess waqt. *Significando causant* kif kien jingħad għat-teoloġija tas-sagramenti.

Din ir-rikonċiljazzjoni bdiet immedjatament mas-salib hekk kif sallbuh. Jien konvint li dawk li qatlu lil Kristu salvaw u li għad niltaqgħu magħhoom fis-sema. Huma għad jagħtu xhieda għall-eternità ta' sa fejn kapaċi tasal it-tjieba tal-Mulej. "Mulej, aħfrilhom!" u l-Missier li zgur dejjem jisma' t-talba ta' Ibnu (Ġw 11,42), sema' wkoll f'dan il-mument tal-mewt, din it-talba. Wara dawn u wara l-ħelliel jiġi ċ-ċenturjun (Mk 15;39) u mbagħad il-folla li kkonvertiet f'jum il-Pentekoste. Din il-purċissjoni tkompli sejra sa fi żmienna sakemm tħaddan lilna lkoll. "Wara t-tbatija tiegħu għad jara d-dawl, jixba' bit-tagħrif tiegħu. Il-Ġust jiġġustifika lill-qaddej tiegħu quddiem il-kotra..għalhekk nagħtih il-kotra b'sehmu" (Iżaija 53,11,12). Għax hu ħa fuqu d-dnubiet tagħna u stqarr; Missier aħfrilhom. Hu ġġustifika lil ħafna.

Aħna għandna dehra mgħawwġa tal-fidwa, u dan joħloq problemi ta' fidi. Naħsbu forsi li kienet biċċa negozju; Ġesù medjatur bejn Alla u l-bniedem jħallas lill-Missier il-prezz tal-fidwa b'demmu ul-Missier joħroġ 'sodisfatt'u jaħfer il-bnedmin dnubiethom. Imma din hija viżjoni umana u parzjali ħafna. Anke fuq livell uman, pjan bħal dan ma jitwemminx! Il-verità hi li t-tbatija tal-Iben tiġi l-ewwel u qabel kollox u dan hu hekk prezzjuż f'għajnejn il-Missier li hu mbagħad jagħmel possibbli dan id-don lill-Iben billi jagħti ħafna aħwa u jsir "l-ewwel wieħed fost ħafna aħwa" (Rum 8,29) "Itlobni u l-ġnus nagħtik b'wirtek, u truf l-art bi priża tiegħek" (Salm 2,8).

Mela aktar huwa l-Missier li qed irodd dejn lill-Iben u mhux kontra. U dan ħasslu b'miżura jew qjies infinit, għax ħadd minna ma jista' jimmaġina l-glorja u l-ferħ li l-Missier radd lil Ibnu fil-qawmien.

* * * * * * * * *

Waqt li jikkummenta fuq il-Missierna, poeta Nisrani jpoġġi fuq fomm Alla dawn il-kelmiet li qishom ta' veru meta napplikawhom lit-talba ta' Ġesù fuq is-salib;

> Kif id-dehra ta' vapur tintilef fuq l-orizzont
> Imma din tibda f'ċertu punt u dan il-punt jersaq dejjem lejja.
> Dan il-vapur huwa Ibni mgħobbi bi dnubiet id-dinja.
> U l-punt huwa l-kelmiet; Missier aħfrilhom!
> Hu kien jaf sew x'kien qed jagħmel dak il-jum, Ibni li jħobbhom,
> Meta poġġa din il-barriera bejnu u bejni
> Missier aħfrilhom!
> Dawn il-kelmiet,
> Bħal raġel li jitfa' mant fuq spallejh
> Hekk kien quddiemi.
> Hu poġġa fuq spallejh
> Dnubiet id-dinja.
> U issa wara l-mant, il-midneb jinħeba minni.
> Huma nġabru bħal f'biża' u min jista' jlumhom?
> Bħal għasafar imwerwra nġabru wara wieħed qalbieni.
> U joffruli dan il-punt.
> U b'hekk jinfdu r-riħ tar-rabja tiegħi
> U joħorġ rebbieħa fuq it-tempesta qalila ta' ġustizjieti.
> U żiffet ir-rabja tiegħi ma tħallix traċċa ta' dawn il-ġwienaħ żellieqa.
> Għax hawnhekk; "Missier aħfrilhom" huwa dak li jippreżentaw
> U biss minn hawn nista' Jien nirċevihom.
> (Charles Peguy, *The Mystery of the Holy Innocents*)

Forsi l-mixja ta' dak il-'vapur' tinsab qrib tagħna dan l-Għid. Ej'ma nibqgħux barra. Ejjew nitħaddnu fid-dirgħajn ta' Alla. Ejjew inkunu parti minn din il-purċissjoni tal-mifdija tal-Ħaruf. San Pawl jgħid: "Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu" (2 Kor 5,20). Alla bata għalina, individwalment u hu lest li jerġa' jagħmel dan jekk ikun meħtieġ. Għaliex tweġġa' lil Alla billi tgħidlu li ma tinteressax ruħek? Jekk int ma tinteressax ruħek f'Alla imma Alla jinteressa ruħu fik! Hekk li wasal biex miet għalik. Ħaddan kompassjoni lejh, ħobbu. Bħall-iben il-ħali ħejji f'qalbek dak li trid tgħidlu u ersaq lejh hu u jistenniek.

* * * * * * * * *

Aħna nafu għala ħafna ma jridux jersqu lejn Alla. In-nies jgħidu li hawn wisq tbatija inġusta. Rikonċiljazzjoni m'Alla tkun tfisser rikonċiljazzjoni mal-inġustizzja, nuqqas ta' aċċettazzjoni tat-tbatija tal-innoċenti, u aħna ma nistgħux naċċettaw dan! Ma tistax temmen f'Alla li jippermetti l-innoċenti jbatu (Albert Camus); it-tbatija tagħhom hija "il-blata tal-atejiżmu" (Georg Buchner).

Din hija tassew biċċa qerq terribli! Dawn l-innoċenti issa qegħdin ikantaw: "Inti jistħoqqlok tieħu l-ktieb u tiftaħ is-siġili tiegħu, għax int kont maqtul u b'demmek ksibt għal Alla bnedmin minn kull tribu u lsien, minn kull poplu u ħens" (Apok 5,9). Huma jinsabu mexjin wara l-Mulej waqt li aħna ninsabu fuq din il-blata mnikkta. Veru li hawn ħafna tbatija innoċenti fid-dinja ħafna aktar milli nistgħu nimmaġinaw imma din ħafna drabi ma tħallix lil min ibatieha bogħod minn Alla. Aktar huma dawk li jikbtu jew jiddiskutu komdi f'darhom li jpittru lil dawn in-nies li qed ibatu bħala bogħod minn Alla. Dawn l-innoċenti flimkien mal-eluf ta' trabi li jmutu fil-ġuf t'ommhom huma 'massa' waħda mal-innoċenti t'Alla. Mgħammda jew le, huma parti mill-knisja moħbija li bdiet qabel Abel il-ġust u li tħaddan abke lill-vittmi tad-dnub fid-dinja; l-*Ecclesia ab Abel*. Tbatijiethom hija magħmudijiethom fid-demm. Bħall-innoċenti qaddisa li nfakkruhom wara l-Milied jistqarru lil Kristu mhux bi kliemhom imma b'mewthom. Huma melħ il-art. Bħalma l-mewt ta' Kristu kienet l-akbar dnub tal-bniedem u xorta salvat l-umanità, hekk tbatijiet dawn l-vittmi tal-ġuħ, l-inġustizzja u l-vjolenza hija l-akbar dnub tal-bniedem illum u jikkontribwixxi għas-salvazzjoni. Ma nistgħux ngħidu li din hija tbatija moħlija. Forsi naħsbu hekk għax m'għadniex nemmnu fil-ħlas divin u etern tal-ġust fil-fedeltà ta' Alla. Mhijiex l-impossibilità tal-ispjegazzjoni tat-tbatija li tikkawża n-nuqqas ta' fidi imma n-nuqqas ta' fidi li qed tagħmel impossibli l-ispjega tat-tbatija.

*       *       *       *       *       *       *       *       *

F'ġurnata bħal din tal-Ġimgħa l-Kbira, Alla jgħid lill-mexxejja tal-merħla tiegħu; Aħfer bħalma ħfirt; Jien maħfer f'qalbi, għax ninsab imtaqqal bil-miżerja tal-poplu tiegħi. M'għandniex intennu din il-formula tal-maħfra b'xofftejna. Tajjeb li tkun f'qalbna wkoll. Tajjeb li nilbsu l-kompassjoni tassew. Ma hemm ebda dnub hekk terribli u kiefer. Għid lil ħuk: Iva, imma l-kompassjoni t'Alla hija wisq ikbar." Jeħtieġ li tkun bħall-missier tal-parabbola li joħroġ biex jiltaqa' ma' ibnu ujitfa' dirgħajh it-tnejn miegħu. Jalla d-dinja tħoss ħafna aktar il-ħniena u l-kompassjoni tad-dinja milli l-ġudizzju tagħha. La tagħtux penitenza li l-midneb niedem ma jkunx lest għaliha: agħmlu intom stess penitenza għalih u tkunu bħal Ibni. Jien nħobb lil dawn l-ulied li tbiegħdu u fiż-żmien naghtihom wisa' biex jagħmlu bidla u tpattija għal dnubiethom. Ħobbu lill-poplu tiegħi li jien inħobb!

Lil dawk li qed ibatu fil-ġisem u fir-ruħ, il-morda, l-anzjani, il-batuti, dawk li jħossuhom bla użu u forsi jgħiru għal ħuthom tad-dinja, jien ngħidilhom bl-umiltà; Araw kif ġab ruħu Alla! Kienhemm żmien fil-ħolqien meta Alla ħadem bil-qawwa u l-ferħ; tkellem u kollox sar; ordna u eżista kollox. Imma meta ried jagħmel xi ħaġa aqwa, waqaf jaħdem u beda jbati; ivvinta l-qerda tiegħu stess u hekk fdiena. Għax anke f'Alla u mhux fil-bniedem biss, "il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef" (2 Kor 12,8-9). Int tinsab ħadd ma' ħadd ma' Alla, wiċċek ma' wiċċ Alla. Jekk tbatijiet hija kawżata minn oħrajn, għid ma' Ġesù; "Aħfrilhom" u l-Missier jagħtik il-"ħlas" ta' dak ħuk għall-ħajja ta' dejjem.

Lilkom ilkoll intennilkom l-aħbar it-tajba tal-lum; Kristu miet fid-dgħufija imma jgħix fil-qawwa ta' Alla!

# 3. EŻERĊIZZI TAR-RANDAN GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

**Dun Mikiel Galea**

***(Dan is-sussidju huwa mibni fuq ħames siltiet qosra meħudin mill-messaġġ tal-Papa Benedittu XVI għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ ta' din is-sena fil-Brażil.)***

## 1. L-ewwel meditazzjoni:

"Oggi non pochi giovani dubitano profondamente che la vita sia un bene e non vedono chiarezza nel loro cammino... La luce della fede illumina questa oscurità, ci fa comprendere che ogni esistenza ha un valore inestimabile, perché frutto dell'amore di Dio."

### X'HEMM ISBAĦ MILL-ĦAJJA?!

**Esperjenza:** Jane, mara Ingliża, li llum għandha madwar erbgħin sena, tirrakkonta esperjenza diffiċli li għaddiet minnha meta kienet għadha żagħżugħa. Tgħid Jane:

"Kelli għoxrin sena u ħadt grazzja ma' raġel miżżewweġ li, kif qalli, ma kienx sejjer sewwa mal-mara tiegħu. Fil-fatt, kienu qegħdin jaħsbu biex jiddivorzjaw. Bdejna noħorġu flimkien bil-ħsieb li xi darba niżżewġu. Jien qatt ma ridt sess qabel iż-żwieġ, imma hu kkonvinċieni nagħmel dak li ma ridtx għax qalli: 'Jekk int toħroġ tqila, ikolli raġuni oħra biex nikseb divorzju u hekk inkunu nistgħu niżżewġu.' Ta' belha li kont, smajt minnu u ma domtx ma ħrigt tqila. Imma x'ġara? Ftit tal-ġranet wara, dar-raġel li ħabbejt telaqni u reġa' rranġa ma' martu. B'disperament kbir fuqi tlaqt mid-dar u mort ngħix f'lukanda. Il-ħsieb tiegħi kien li nsolvi l-problemi kollha billi nagħmel suwiċidju. Ma kienx għad baqagħli għal xiex ngħix, lanqas għat-tarbija li kelli fil-ġuf. Immut jien u tmut hi wkoll. Però jgħidu li kulħadd għandu anġlu kustodju, u naħseb li veru għax leħen intern beda jgħidli: 'Jane, fittex għajnuna; iddumx, fittex għajnuna!'

Mort sibt saċerdot li kien jieħu ħsieb il-ħtiġijiet spiritwali tal-istudenti meta kont għadni l-*college*. Father John laqagħni b'idejh miftuħa, semagħni, kellimni bil-ħlewwa u aċċertani li jgħinni għax qalli: 'Ħajtek u ħajjet it-tarbija mhumiex tiegħek. Silifhomlok Alla. Il-ħajja sabiħa, il-ħajja qaddisa!' Father John sabli familja li laqgħetni ġo darha sakemm twieldet it-tarbija. Sabli wkoll familja li adottatha, rabbietha u edukatha. Baqa' jserraħli moħħi li binti kienet maħbuba ħafna u dan kien biżżejjed għalija. Illum jiena miżżewġa u għandi l-familja tiegħi. Żgura li Alla ħafirli talli ksirt is-sitt kmandament 'la tiżnix' u ppremjani talli ħarist il-ħames kmandament 'la toqtolx'!"

1. **Kumment qasir dwar din l-esperjenza:** Father John, li ndaħal b'ruħu u ġismu fl-istorja ta' Jane, qed jgħidilna bil-fatti li l-ħajja tal-bniedem **għandha valur li ma jitkejjilx.** Hu għamel kull ma seta' biex isalva lil Jane milli tneħħi ħajjitha u salva wkoll ħajjet it-tarbija li Jane kellha fil-ġuf. Li ma kienx għalih, illum Jane mhix magħna tgawdi l-ħajja u l-familja tagħha. Li ma kienx għalih, mhemmx bniedma oħra (ma nafux min hi għax baqgħet anonima għal Jane) **tagħti s-sehem tagħha fid-dinja**. Din tal-aħħar importanti għax kull bniedem li jitwieled, anki jekk dgħajjef, Alla jibagħtu fid-dinja biex jagħmel xi ħaġa, għandu missjoni xi jwettaq, għandu vokazzjoni.

<u>F'wieħed mill-films ta' Federico Fellini</u>, *"La Strada"*, tfajla mhix normali għall-aħħar, imdejqa b'xortiha, iddur lejn il-buffu tas-*circus* u tgħidlu: "X'qiegħda nagħmel fid-dinja? Jiena ma

niswa għal xejn!" Il-buffu tas-*circus*, li jaf ikun serju wkoll, jaqbad ġebla mill-art u jgħidilha: "Qiegħda taraha din il-ġebla? La teżisti, żgur tiswa għal xi ħaġa. Aħseb u ara int!" Il-buffu ġieli jigdeb (ikun imdejjaq u jilbes il-maskra tal-ferħ għax irid idaħħaq in-nies ; dak xogħlu) imma hawnhekk mhux giddieb: qed jgħid il-verità. Din xena minn film, storja x'aktarx ivvintata minn xi *script writer*. Iżda issa ħa nirrakkuntalkom fatt veru, jixhdu Monsinjur Azzopardi, is-saċerdot Malti li bena d-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Mela jgħid dan is-saċerdot: "Wieħed mill-anġli (hekk kien isejħilhom lil dawn it-tfal bi bżonnijiet speċjali) marad serjament u ħadnieh l-isptar biex nippruvaw insalvawh. F'mument minnhom, wieħed mit-tobba li kienu qegħdin jagħmlulu dak li kellu bżonn, dar fuq *nurse* u staqsieha: Issa Alla, dat-tifel x'ħalqu jagħmel? In-*nurse* kienet pronta ħasditu b'risposta li tagħmel ħafna sens. Qaltlu: Naħseb ħalqu biex jien u int nitgħallmu nħobbuh!" Konklużjoni tiegħi: persuna li ġiet fid-dinja u, għax dgħajfa fiżikament u mentalment mhi kapaċi tagħmel xejn, forsi lanqas taf li qiegħda tgħix, xorta qiegħda taqdi missjoni jekk, ngħidu aħna, missierha, ommha, ħutha, nies oħrajn jitgħallmu jħobbuha. Li titgħallem tħobb mhix ċajta!

**2. Il-ħajja hija dejjem sabiħa:** Lill-Papa Ġwanni XXIII darba staqsewh: "Santità, xi tfisser għalik il-ħajja?" Dal-Papa, illum beatu, weġibhom: "Il-ħajja hija perijodu ta' żmien, jista' jkun twil jew qasir, imma dejjem limitat, li matulu nippruvaw nagħmlu l-ġid. Ma nistax ngħix ħajti ta' għażżien jew ta' paralizzat, imma ta' bniedem bieżel u mimli ħeġġa. Kull ġurnata hija rigal tal-Mulej, allura l-ġranet kollha huma sbieħ. Ftit jimporta x'nagħmlu fil-ħajja, nagħmlux ħwejjeġ kbar jew ħwejjeġ żgħar, nagħmlux ħwejjeġ li jidhru jew ħwejjeġ li ma jidhrux. L-importanti hu li nagħmluhom bl-imħabba. Ġesù Kristu li miet u qam mill-mewt jagħti sens u tifsira lill-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna!" Jekk nemmnu u ngħixu fil-prattika dan li qal Papa Ġwanni XXIII, naslu biex nikkonvinċu ruħna li l-**ħajja hija dejjem sabiħa**, imma forsi fl-età tagħkom, għadkom ma ġarrabtux esperjenzi biżżejjed biex taslu tgħidu: "Iva, veru, il-ħajja hija dejjem sabiħa!"

Ġegħlitni naħseb dan fuqkom <u>talba ta' wieħed żagħżugħ</u> li jistaqsi lil Alla u jgħidlu: "Mulej, x'inhi dil-ħajja li qed ngħix? Kultant ferħan, kultant imdejjaq. Kultant inħossni qed ngħix, kultant inħossni sempliċement qed neżisti. X'inhi l-ħajja? Minn fejn ġejt? Fejn se nispiċċa? Għaliex il-mard? Għaliex l-inġustizzji? Għaliex it-tbatija? Għaliex il-mewt? Mulej, għaliex ma nistax inkun dejjem moħħi mistrieħ? Għaliex ma nistax inkun dejjem ferħan? Mulej, irrid nifhem!" <u>Ċertu Leo Buscaglia</u> jgħid hekk dwar il-ħajja: "Il-ħajja tahielna Alla... f'kaxxa kbira mgewżra u ssiġillata b'żigarella sabiħa... Nistennew li fiha se nsibu ferħ, paċi, kuntentizza u abbundanza ta' mħabba. Imma barra dan, f'din il-kaxxa msejħa 'ħajja' nsibu wkoll tbatija, qtigħ ta' qalb u solitudni. Trid togħdos fiha sew u ġġarrab dan kollu biex tkun tista' tgħid li taf tassew x'inhi l-ħajja. Aħna nitgħallmu minn dak li nbatu daqskemm minn dak li jferraħna."

**3. Il-valur tal-ħajja**: X'hemm isbaħ mill-ħajja?! Ġwanni Pawlu II ħallielna miktub li l-ħajja tal-bniedem hija dejjem don mill-isbaħ tat-tjubija t'Alla, anki jekk dgħajfa jew batuta. *(ara Familiaris Consortio, 30)* Ħa nispjegaw ftit din il-verità li ħallielna Ġwanni Pawlu II.

<u>Il-ħajja tal-bniedem hija dejjem don mill-isbaħ tat-tjubija t'Alla</u>. Ħa nieħu l-każ tiegħi li qed inkellimkom u tistgħu tapplikawh għalikom. Mela snin ilu, ġuvni u tfajla ltaqgħu flimkien, ħadu grazzja ma' xulxin, amministraw lil xulxin is-Sagrament taż-Żwieġ, saru ġisem wieħed u minn din l-għaqda ta' bejniethom tnissilt jien. Dakinhar, Alla kien preżenti u nefaħ fija n-nifs tal-ħajja, tani wkoll possibiltajiet biex 'il quddiem inkun nista' naħseb, nirraġuna, niddeċiedi, inħobb... Nistgħu ngħidu li l-mument tat-tnissil huwa mument sagru u qaddis. Il-ġenituri tiegħi għadhom ma jafux li jien tnissilt u bdejt il-mixja tal-ħajja, imma Alla jaf. Il-ġenituri tiegħi damu disa' xhur jistennew biex jaraw wiċċi u biex iddeċidew lil min nixbah. Alla diġà rani u jaf lil min nixbah. Hu ddeċieda li jagħmilni nixbaħ lilu. Sibt <u>talba miktuba minn waħda tfajla</u> li biha

tirringrazzja lil Alla għad-don tal-ħajja. Tgħid hekk din it-**talba**: "Mulej, m'għażiltx jien li niġi fid-dinja. Dsatax-il sena ilu tnisslet ċellula, frott l-imħabba, u f'diċ-ċellula kien hemm jien. F'din iċ-ċellula kien hemm miktub il-fatt li jiena mara, il-kulur t'għajnejja, il-kulur ta' xagħri, il-karattru tiegħi b'ħafna kwalitajiet sbieħ u anki b'ħafna difetti. Mulej, dakinhar, Int kont preżenti u, b'imħabba kbira, infaħt fija r-ruħ li llum qiegħda tirraġuna miegħek, li llum qiegħda tiftakar fl-għeġubijiet ta' mħabbtek, li llum qiegħda tipprova tħobbok. Mulej, irroddlok ħajr ta' dan kollu!"

Anke jekk dgħajfa u batuta. Diffiċli tifhem il-valur ta' ħajja dgħajfa, marida u batuta. Imma rridu nżommu f'moħħna li l-valur tal-ħajja ta' bniedem ma jiddependix mis-saħħa fiżika u mentali tiegħu, ma jiddependix minn kemm kapaċitajiet għandu, minn kemm kapaċi jipproduċi... imma minn veritajiet oħra li rridu n-nuċċali tal-fidi biex nikkonvinċu ruħna minnhom. Ħa nsemmi xi ftit minnhom. Kull wieħed minnkom, kull waħda minnkom, japplikahom għalih jew tapplikahom għaliha.

**a)** Int kont fil-ħsieb t'Alla sa minn dejjem. "Qabel ma sawwartek fil-ġuf, jien għaraftek..." *(Ġeremija 1, 5)*

**b)** Alla ħalqek xbieha tiegħu. "U qal Alla: 'Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna... U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu, fuq xbihet Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom." *(Ġenesi 1, 26.27)*

**c)** Alla bagħtek fid-dinja biex tagħmel xi ħaġa, b'missjoni, b'vokazzjoni. "Il-Mulej mill-ġuf sejjaħli, mill-ġewwieni t'ommi ftakar f'ismi." *(Isaija 49, 1)* Fil-kultura Lhudija, l-isem għandu x'jaqsam mal-missjoni li wieħed ikun se jwettaq.

**d)** Int prezzjuż/prezzjuża f'għajnejn Alla. "La tibżax... jien sejjaħtlek b'ismek, inti tiegħi... int għażiż f'għajnejja, kollok ġieħ u jien ħabbejtek... Naqqaxtek fuq il-pala ta' jdejja." *(Isaija 43, 1.4; 49,16)*

**e)** Int kont mifdi/mifdija bid-demm ta' Kristu. "Kunu afu li intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa li ħadtu mingħand missirijietkom, mhux b'xi ħaġa li tintemm, bħalma hi l-fidda jew id-deheb, imma bid-demm għażiż ta' Kristu..." *(1 Pietru, 1, 18.19)*

Ħa nsemmilkom **żewġ persuni** li, għalkemm dgħajfin f'saħħithom, kellhom ir-rieda li jgħixu u minkejja d-diffikultajiet tagħhom, għamlu xi ħaġa sabiħa b'ħajjithom. L-ewwel waħda hija **Helen Keller**. Kienet is-sena 1819. F'Alabama twieldet tarbija f'saħħitha, iżda ta' 19-il xahar dit-tifla żgħira laqqtet marda serja li ħallietha għamja, truxa u bil-kemm kapaċi titkellem. Helen Keller kienet din it-tifla li mardet serjament, imma bl-għajnuna ta' ċerta Anne Sullivan, irnexxielha tirbaħ dawn id-diżabiltajiet tagħha... għalkemm b'ħafna tbatija, studjat bħal ħaddieħor, iggradwat bħala *teacher*, kitbet diversi kotba u għaddiet ħajjitha kollha taħdem b'riżq l-għomja u l-persuni b'diżabilità. Dawn huma xi sentenzi magħrufin tagħha: "Jien nagħmilha ma' nies għajnejhom mimlijin dawl, iżda sfortunatament, mhuma kapaċi jaraw xejn lil hinn minn dak li qegħdin jaraw ... Aħjar tgħaddi ħajtek tbaħħar fl-għama, bħalma qiegħda nagħmel jien, milli tikkuntenta ruħek biss bil-fatt li kapaċi tara..."

It-tieni waħda hija **Rosanna Benzi**, Taljana li twieldet fl-10 ta' Mejju tal-1948. Kienet għadha se tagħlaq erbatax-il sena... il-marda tal-polio ħakmitha b'mod sever ħafna tant li biex tieħu n-nifs u tkompli tgħix kellha tgħaddi l-bqija ta' ħajjitha magħluqa ġo pulmun tal-azzar, b'kollox 29 sena, għax mietet fl-4 ta' Frar 1991. Lil wieħed ġurnalista li mar jintervistaha fl-isptar San Martino ta' Genova, Rosanna Benzi qaltlu: "Ma nistax nifhem għaliex irrid ngħaddi ħajti kollha hawnhekk, liebsa l-azzar. Imma nifhem li anki f'din is-sitwazzjoni, ma nistax naħli l-ħajja li

tani Alla. S'issa dejjem ippruvajt nirrifletti, nistudja, nitlob u anki nagħmel il-ġid lill-oħrajn. Nista' ngħid li minkejja t-tbatijiet tiegħi, ninsab kuntenta. Kultant inħoss ċerta paċi li ma titfissirx bil-kliem."

4. **Kultura tal-mewt**: Il-ħajja umana **m'għandhiex prezz**, allura la tista' tinbiegħ u lanqas tinxtara bħalma kien isir dari; qed nirreferi għan-negozju tal-ilsiera ... Però jekk ngħid li qiegħda **torħos**, ma naħsibx li nkun qiegħed niżbalja. Dieħla fostna dik li qegħdin isejħulha **"kultura tal-mewt"**.

Insemmi pereżempju l-miljuni ta' aborti li jsiru fis-sena. <u>Mela f'Jum l-Omm tas-sena l-oħra</u>, fis-Santwarju Ta' Pinu sar għall-ewwel darba **t-tberik tat-trabi fil-ġuf**. Inġabru madwar 60 jew 70 omm għal din iċ-ċelebrazzjoni. L-Isqof tagħna ma setax ikun preżenti u għalhekk bagħat messaġġ li nqara mis-saċerdot li ċċelebra l-quddiesa. L-Isqof ħa spunt mill-ġrajja taż-żjara ta' Marija lill-qariba tagħha Eliżabetta, li nsibu fil-Vanġelu ta' San Luqa. Jgħidilna San Luqa: "Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha..." (1, 41) L-Isqof qalilna: dak il-moviment fil-ġuf ta' Eliżabetta jikkonferma li dak li hemm fil-ġuf ta' omm tqila mhux massa ta' laħam, imma bniedem, u allura jixraqlu kull rispett sa mit-tnissil tiegħu. Il-Konċilju Vatikan II jgħidilna: "L-abort hu delitt l-aktar gravi." Għaliex "delitt l-aktar gravi"? Għaliex tarbija fil-ġuf tal-omm ma tistax tiddefendi ruħha. Fejn hu legalizzat l-abort, iż-żmien bejn it-tnissil u t-twelid huwa żmien li ma joffri ebda garanzija għat-tarbija.

Insemmi l-użu tad-droga li xi ħadd sejħilha "vjaġġ lejn il-mewt". Fl-ittra pastorali li bagħtulna l-Isqfijiet u li nqrat ftit ilu fil-knejjes tagħna fl-okkażjoni tal-elezzjoni ġenerali, naqraw fost l-oħrajn: "Għandu jsir kull sforz biex tkompli tissaħħaħ il-ġlieda kontra s-suq qerriedi tad-droga li tant drabi jipprova jaqbad liż-żgħażagħ tagħna fin-nassa kiefra tiegħu."

Insemmi l-vjolenza li dieħla ġmielha f'pajjiżna. Nista' nsemmi wkoll is-sewqan esaġerat li jwassal għal inċidenti tat-traffiku, ħafna minnhom fatali.

Ma rridx nispiċċa bin-negattiv, għax intom ġejtu hawnhekk il-lejla, u nittama li tkomplu tiġu fil-ġranet l-oħra, biex tisimgħu aħbar ta' ferħ, kelma sabiħa, kelma ta' kuraġġ. Ħa nagħlaq b'dak li tgħid il-**Beata Madre Tereża** dwar il-ħajja:

Il-ħajja hija *chance* - aħtafha.
Il-ħajja hi sbuħija - ammiraha.
Il-ħajja hi ħolma - agħmilha realtà.
Il-ħajja hi sfida - affrontaha.
Il-ħajja hi dmir - wettqu.
Il-ħajja hija logħba - ilgħabha.
Il-ħajja hi prezzjuża - ħu ħsiebha.
Il-ħajja hija għana - għożżha.
Il-ħajja hija mħabba - gawdiha.
Il-ħajja hi misteru - ikxfu.
Il-ħajja hi wegħda - kompliha.
Il-ħajja hi niket - għelbu.
Il-ħajja hija innu - kantah.
Il-ħajja hija ġlieda - idħol għaliha.
Il-ħajja hija traġedja - tibżax minnha.
Il-ħajja hija avventura - irriskjaha.
Il-ħajja hi tgawdija - immeritaha.
Il-ħajja hi l-ħajja - iddefendiha.

## 2. It-tieni meditazzjoni:

"Cari amici, volgete gli occhi e guardate intorno a voi: tanti giovani hanno perduto il senso della loro esistenza. Andate! Cristo ha bisogno anche di voi. Lasciate coinvolgere del suo amore, siate strumenti di questo amore immenso, perché giunga a tutti, specialmente ai lontani."

### ĠESÙ GĦANDU BŻONNKOM BIEX IXXANDRU DIL-VERITÀ LIL SĦABKOM!

**Esperjenza:** F'Settembru tas-sena l-oħra, quddiem is-Santwarju tal-Madonna tad-Divin Amore ġewwa Ruma, ġiet ibbeatifikata Chiara Luce Badano, tfajla Taljana li mietet ta' tmintax-il sena kawża ta' *cancer* aggressiv li mermrilha għadamha kollu.

Min kienet Chiara Luce Badano? Chiara twieldet fir-raħal żgħir ta' Sassello f'Ottubru tal-1971. Kienet l-uniku wild tal-familja Badano. Il-ġenituri tagħha damu jistennewha ħdax-il sena. Għalhekk, meta twieldet, ħassew li Alla berikom tassew! Sa mill-*kindergarten* Chiara kienet iġġemma' flus biex tibgħathom lill-missjunarji fl-Afrika u fis-snin tal-iskola elementari ġieli tat il-*lunch* tagħha lil xi ħadd minn sħabha, inqas ixxurtjat minnha. Bdiet tikber ; allura, bħal żgħażagħ ta' mparha, kellha l-*hobbies* tagħha: tisma' l-mużika *pop*, tiżfen, tkanta, tilgħab it-*tennis*, tgħum... F'kelma waħda kienet tfajla tħobb il-ħajja u ppruvat tgawdiha.

Ta' sittax-il sena, bħala membru tal-Moviment tal-*Focolari* (imwaqqaf minn Chiara Lubich) Chiara bdiet tieħu l-ħajja spiritwali tagħha iktar bis-serjetà. Kien żmien li fih ħassitha qiegħda tiltaqa' ma' Ġesù Abbandunat u xtaqitu jkun l-għarus tagħha. Fis-sajf tal-1988, hija u tilgħab it-*tennis*, ħasset weġgħa kbira fi spallitha. L-uġigħ baqa' jżid u t-tobba skoprew li Chiara kellha *cancer* terminali rari u kien se jikkawżalha ħafna tbatija. Meta tawha l-aħbar ħażina tad-destin tagħha, għamlet daqs għoxrin minuta fis-silenzju, imbagħad aċċettat dak li ġralha u dak li kien ġej fuqha minn idejn Alla. Lil Alla bdiet tgħidlu: "Mulej, dak li trid int, irridu jien ukoll!" Irrifjutat li tieħu l-morfina, avolja kienet tkun muġugħa ħafna, għax qalet: "Irrid nibqa' konxja biex noffri t-tbatija tiegħi lil Ġesù, irrid inkun magħquda miegħu qed imut fuq is-salib." Minkejja l-kalvarju li kienet għaddejja minnu, wiċċha kien jixhed ċerta paċi tal-qalb u ħafna serenità. Il-Kardinal Saldarini li mar iżurha l-isptar staqsieha: "Chiara, għandek għajnejn jiddu bil-ferħ! X'inhu s-sigriet ta' dan il-ferħ?" Chiara weġbitu: "Nipprova nħobb lil Ġesù kemm nista'!" Antonio Delogu, wieħed mit-tobba li kienu jikkurawha wasal biex qal: "Bit-tbissima tagħha u b'għajnejha mimlijin dawl, kienet il-ħin kollu twasslilna messaġġ importanti: il-mewt ma teżistix. Teżisti biss il-ħajja!" Membru tal-Moviment, qal: "Konna mmorru nżuruha biex mingħalina ngħollulha l-moral, imma mill-ewwel konna nindunaw, li fil-fatt aħna kellna bżonnha. Hi kienet tgħinna nikbru fil-fidi u fit-tama. Ħajjitha kienet bħal kalamita li kienet tiġbidna lejha!"

Chiara kellha kelma tajba u sabiħa għal kull min kien imur iżurha, tant li kamritha, sew dik tal-isptar kif ukoll dik tad-dar fejn kienet toqgħod, saret kamra ta' appostolat. Lill-ġenituri tagħha u lil ħbiebha kienet tgħidilhom: "Ma rridkomx tibku meta nħallikom, għax jiena sejra niltaqa' mal-għarus tiegħi." Il-funeral tagħha organizzatu hi: għażlet li jlibbsuha libsa tat-tieġ; għażlet il-qari u l-kant tal-quddiesa; ma riedet lil ħadd jilbes l-iswed; xtaqet funeral-festa, kif fil-fatt ġara. Meta bdiet toqrob għall-aħħar, lil ommha bdiet tgħidilha: "Mamma, għid liż-żgħażagħ, għid liż-żgħażagħ li huma l-ġejjieni tas-soċjetà. Jiena ma nistax niġri iżjed, imma ngħaddilhom it-torċa taqbad f'idejhom bħal dik li jiġru biha fil-logħob olimpiku. Iż-żgħażagħ għandhom ħajja waħda... kemm nixtieq li jagħmlu minnha xi ħaġa sabiħa!" L-aħħar kelmiet tagħha kienu: "Ciao, Mamma. Qis li tkun ferħana għax jiena ferħana!"

**1. Kumment qasir biex norbtu dak li se ngħidu llum ma' dak li għedna lbieraħ:** Il-vjaġġ tal-ħajja li terrqet Chiara Luce Badano fuq din l-art ma kienx vjaġġ twil, anzi relattivament qasir... Kellha biss tmintax-il sena meta qalet "ciao" lill-familjari tagħha, lil ħbiebha u kif qalet hi "marret tiltaqa' mal-Għarus tagħha Ġesù!" Però għarfet tagħmel minn dawn it-tmintax-il sena xi ħaġa sabiħa għal Alla (espressjoni li kienet tħobb tuża Madre Tereża) u għall-oħrajn. Biex nuża kliem li nqdejt bih ilbieraħ jien u ngħidilkom li l-ħajja hija dejjem sabiħa, Chiara Luce Badano għodsot fl-esperjenzi kollha tal-ħajja, kemm f'dawk sbieħ kif ukoll f'dawk ta' tbatija. Tgħallmet mis-sabiħ u tgħallmet mill-iebes. Għalhekk nistgħu ngħidu li ħajjitha għexitha fil-milja kollha tagħha. U dan importanti li nżommuh f'moħħna. Kienet ir-rabta tar-rieda tagħha mar-rieda t'Alla, is-sigriet u l-ħbiberija intima tagħha ma' Ġesù Ħaj, li wassalha biex ta' tmintax-il sena tkun tant matura li ssib sens, tifsira u skop għal ħajjitha, anki fl-aktar mumenti diffiċli. Għax, kif jgħidilna Hu stess fil-Vanġelu ta' Ġwanni: "Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja u l-ħajja bil-kotra. Jiena r-ragħaj it-tajjeb. Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu." *(ara 10, 10.11)*

Iżda s-sabiħ ta' din l-esperjenza li għadni kemm qrajtilkom, jinsab fil-fatt li Chiara Luce Badano, mimlija b'Ġesù, **saret xhieda ta' din il-verità** għal dawk kollha li kienu jersqu lejha. Kif sibt jien u naqra l-ħajja tagħha: "Chiara kellha kelma tajba u sabiħa għal kull min kien imur iżurha, tant li kamritha, sew dik tal-isptar kif ukoll dik tad-dar fejn kienet toqgħod, saret kamra ta' appostolat." Kif qalu sħabha, saret għalihom "kalamita". Meta jmorru biex ifarrġuha kienu jispiċċaw imfarrġin huma. Ta' min jixtarru sewwa l-kliem tat-tabib Antonio Delogu: "Bit-tbissima tagħha u b'għajnejja mimlijin dawl, kienet il-ħin kollu twasslilna messaġġ importanti: il-mewt ma teżistix. Teżisti biss il-ħajja!" Fil-fatt, anki kif organizzat il-funeral tagħha, Chiara tat xhieda li mal-mewt, il-ħajja ma tintemmx, imma tinbidel: issir festa ta' ferħ għal dejjem m'Alla. Is-suġġett tal-lejla huwa dan: **Ġesù għandu bżonnkom biex, bħal Chiara Luce Badano, twasslu dil-verità sabiħa lil sħabkom**.

**2. Ħarsu ħarsa madwarkom:** Din l-istedina li tħarsu ħarsa madwarkom jagħmilhielkom il-Papa Benedettu XVI fil-messaġġ tiegħu lilkom iż-żgħażagħ fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tagħkom għal din is-sena, li se jiġi ċċelebrat f'Rio de Janeiro, il-Brażil. B'għafsa ta' qalb jgħidilkom: "Ħbieb tiegħi, ħarsu madwarkom u tindunaw li ħafna żgħażagħ tilfu s-sens tal-ħajja, tilfu s-sens tal-eżistenza tagħhom."

Xi snin ilu, fil-*front page* tat- *"<u>Time Magazine</u>"* (*magazine* imfittex ħafna u għandu ċirkulazzjoni kbira mad-dinja kollha) ġabu *close-ups* ta' xi żgħażagħ wiċċhom bħal imħawwad, mifxul, imbeżża', preokkupat, mimli domandi. Taħt kull ritratt kien hemm mistoqsija drammatika... "Tgħid dal-ġuvni qed jassisti għal xi *hold-up*?" "Tgħid dit-tfajla ltaqgħet ma' xi inċident tat-traffiku?" "Tgħid dit-tfajla ltaqgħet ma' xi ħadd li qed jheddidha?" "Tgħid lil dal-ġuvni ħallietu t-tfajla?" U mistoqsijiet oħra bħal dawn... In-naħa t'isfel tal-*cover*, kien hemm miktub: *"For the answer, please turn over."* Taqleb il-paġna u x'issib? Issib li dawn iż-żgħażagħ la qegħdin jassistu għal xi *hold-up*, la ltaqgħu ma' xi inċident tat-traffiku, la ltaqgħu ma' xi ħadd li qed jheddidhom u lanqas ħalliethom jew ħalliehom il-*partner*... Dawn huma nies f'salib it-toroq jew ħdejn xi *zebra crossing*... it-*traffic* għaddej ġmielu u huma qegħdin jippruvaw jaqsmu għal xi naħa jew oħra. Għandhom dil-bixra mħawda f'wiċċhom għax jinsabu f'din is-sitwazzjoni. X'inhu l-messaġġ moħbi wara dil-*front cover* tat-*Time Magazine*? Il-messaġġ huwa dan: iż-żgħażagħ tal-lum, iktar minn dawk tal-bieraħ, għandhom ħafna toroq miftuħin quddiemhom, iżda minħabba *traffic* dejjem għaddej (issa naraw x'inhu dan it-*traffic*) ma jistgħux jimxu 'l quddiem b'mod liberu, b'mod trankwill, b'mod seren... Dan qed joħloq fihom frustrazzjoni, dwejjaq, nuqqas ta' sens fil-ħajja... Jistaqsu lilhom infushom: "Xi skop fiha l-ħajja? Dal-ġiri kollu għalfejn? Għalxiex qed ngħix?"

Bi '*traffic* dejjem għaddej' nistgħu nifhmu l-**kriżi ta' valuri** li ħakmet lil ħafna żgħażagħ. Il-valuri huma dawk il-ħwejjeġ sbieħ u importanti fil-ħajja, bħal ngħidu aħna: l-imħabba vera, il-libertà li titlob responsabbiltà, il-ħajja spiritwali, is-safa, is-sesswalità kif xtaqha Alla... Meta ngħidu li ż-żgħażagħ inħakmu minn din il-kriżi ta' valuri, nifhmu li dawn iż-żgħażagħ m'għadhomx jaraw is-sabiħ ta' dan kollu li semmejna; kultant ma jafux x'jiġi l-ewwel u x'jiġi l-aħħar. Jitgerfxu. Dokument li ħareġ ftit tas-snin ilu jgħid: "Tal-biki tiltaqa' ma' żgħażagħ intelliġenti, mimlijin talenti, u m'għandhomx rieda li jgħixu, li jemmnu f'xi ħaġa, li jaħdmu għal ideali kbar, li jittamaw f'dinja aħjar bl-isforzi tagħhom... iħossuhom żejda fil-logħba tal-ħajja." Psikologu Taljan jgħid: "Il-bniedem tal-lum huwa bniedem mingħajr vokazzjoni... kapaċi jippjana li jagħmel ħafna affarijiet, iżda m'għadux kapaċi jippjana ħajtu!" (A. Cencini). Bħal tela' fuq *train*, miexi *stage* wara l-ieħor, minn esperjenza għal oħra, però ma jafx dat-*train* fejn se jwasslu. Qisu miexi lejn ix-xejn!

Verament mhux kollox ikrah, għax id-dokument li semmejtilkom jgħid ukoll li żgħażagħ oħrajn, għalkemm mifxulin, jixtiequ jgħixu ħajja tajba, iħossu l-bżonn ta' salvazzjoni, anki jekk forsi ma jafux fejn se jsibuha, għandhom fiduċja fihom infushom u fl-oħrajn, kapaċi jittamaw u jkunu ottimisti, għandhom għal qalhom il-paċi, is-solidarjetà, il-ġustizzja, l-imħabba, il-ġenerożità...

**3. Ġesù għandu bżonnkom!** Insibu fil-Vanġelu ta' San Mark li jum fost l-oħrajn, wieħed resaq jgħaġġel biex ikellem lil Ġesù, u fost l-oħrajn staqsieh: "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" (fi kliem ieħor "biex inkun ferħan, biex nagħti sens lil ħajti...") L-ewwel ħaġa li qallu jagħmel Ġesù kienet li jħares il-kmandamenti t'Alla. Dil-ħaġa kien diġà qed jagħmilha. Kompla jgħidlu Ġesù: "Mela ħaġa waħda tonqsok; teħles minn ġidek, tagħti kollox lill-fqar u timxi warajja." Dil-ħaġa ma kellux il-kuraġġ jagħmilha. Però qed insemmi din il-ġrajja, għax f'ħin minnhom, Ġesù, (din insibuha f'San Mark biss) **xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba**. Ma nafx int qattx kellek esperjenza ta' din il-ħarsa ta' mħabba li jaf jagħti Ġesù! Forsi kont waħdek sieket jew siekta f'kamartek u f'mument ta' talb li kont qed tagħmel qabel tidħol fis-sodda biex torqod, għajnejk iltaqgħu mal-għajnejn ta' Ġesù f'xi xbieha li għandek tiegħu mdendla mal-ħajt, u dak il-ħin ħassejt li verament Ġesù jħobbok b'imħabba kbira. Jew forsi ersaqt għall-qrar wara li kont ilek imbiegħed jew imbiegħda mis-sagramenti, stqarrejt ħtijietek b'ħafna sinċerità, u l-kelmiet tas-saċerdot: "u jien naħfirlek dnubietek..." niżlulek għasel, ħassejt konkretament l-imħabba ta' Ġesù. Żagħżugħ, tfajla, jekk qatt kellek esperjenza jew għad ikollok din l-esperjenza ta' mħabba, tingħalaqx f'qoxortok, iżżommx din l-esperjenza għalik, imma ipprova aqsamha mal-oħrajn! Ġesù għandu bżonnok biex jilħaq lill-oħrajn, speċjalment lil dawk li tbiegħdu minnu, **lill-fqar fis-sens eżistenzjali u spiritwali tal-kelma**, għax min m'għandux skop għal xiex jgħix jew għax tbiegħed minn Ġesù, huwa tassew fqir.

<u>Isimgħu l-ġrajja ta' Christopher</u>. Christopher kien ġuvni mħarbat. Kellu esperjenzi ma' nisa miżżewġin u mhumiex, daq id-droga, kien jixrob ħafna, ġieli seraq... imma qatt ma nqabad. Xi ħbieb bil-għaqal ħajruh jibda jmur magħhom għal laqgħa ta' talb organizzata f'parroċċa partikulari. Għall-ewwel ma ridx imur, imma fl-aħħar tħajjar... beda jattendi regolarment, tbiddel ħafna u wasal biex qal: "Meta dduq daqsxejn lil Ġesù, dan Ġesù ma jħallikx bi kwietek! Jisimni Christopher u Christopher tfisser 'iġġorr lil Kristu'. U dan nixtieq nagħmel u bdejt nagħmel jien. Is-sajf li għadda kont xahrejn l-Albanija ma' missjunarju Malti, mort ngħinu fil-ħidma tiegħu mal-fqar." Kemm kellu raġun Papa Pawlu VI li f'dokument importanti dwar l-Evanġelizzazzjoni jgħid li "l-akbar appostli taż-żgħażagħ għandhom ikunu ż-żgħażagħ infushom." *(ara Evangelii Nuntiandi, n. 72)*

Se nirrakkonta <u>grajja li seħħet f'Mejju tal-1945</u>. It-tagħlima tagħha hija waħda importanti: **Ġesù għandu bżonnok!** Kienet għadha kif spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija. Xi suldati

Amerikani, stazzjonati fil-Ġermanja, iddeċidew li jibnu mill-ġdid daqsxejn ta' knisja meqruda għal kollox bil-bombi. Kienu qegħdin inaddfu l-post, meta wieħed minnhom sab ras ta' kurċifiss antik u impressjonat bis-sbuħija artistika ta' dak il-wiċċ, urieh lil sħabu u qalilhom "Ejjew infittxu l-biċċiet l-oħra ta' dan il-kurċifiss; għandna mnejn ngħaqqduh mill-ġdid!" Ilkoll kemm huma bdew ifittxu qalb dak it-terrapien u l-biċċiet li sabu għaqquhom flimkien b'ħafna paċenzja. Però l-idejn u biċċa mis-saqajn baqgħu ma nstabux. Meta tlestiet il-knisja, il-kurċifiss sabiħ xorta sab postu qrib l-altar. Wieħed mis-suldati ġietu idea jpoġġi kitba taħt il-kurcifiss: "Idejja huma jdejk, saqajja huma saqajk!" Ma' din il-ġrajja għandi xi ħaġa oħra x'ngħidilkom...

Kienet instabet skrizzjoni tas-seklu XIV... Jekk nirriflettu fuqha tajjeb u nifhmu li b'Ġesù u mingħajr Ġesù mhux kollox xorta fid-dinja ta' madwarna, inħossu l-bżonn li nkunu **strumenti f'idejh għall-ġid ta' ħutna l-bnedmin**. L-iskrizzjoni tgħid hekk:

"Ilum Kristu m'għandux idejn,
għandu bżonn idejna biex ikompli l-ħidmiet tiegħu.
Illum Kristu m'għandux saqajn;
għandu bżonn saqajna biex ikompli jterraq fid-dinja.
Illum Kristu m'għandux xofftejn;
għandu bżonn xofftejna biex ikompli jitkellem mal-bnedmin.
Illum Kristu m'għandux mezzi;
għandu bżonn l-għajnuna tagħna biex ikompli jiġbed lill-bnedmin lejh."

**4. Tistaqsuni: x'nistgħu nagħmlu fil-prattika?** Mahatma Gandhi, l-Indjan li ħadem kemm felaħ għall-indipendenza ta' pajjiżu u li kien assassinat fl-1948, darba stqarr ma' wieħed Nisrani: "Hemm bżonn li tkun il-ħajja tagħkom ta' Nsara stess li tkellimna. Il-warda ma tużax kliem, iżda tikkuntenta ruħha billi xxerred madwarha l-fwieħa tagħha. B'dan il-mod, anki nies għomja, avolja ma jistgħux jaraw il-warda, xorta waħda jindunaw bil-fwieħa tagħha. Hemmhekk qiegħed is-sigriet tal-vanġelu tal-warda. Tgħid il-Vanġelu li xandar Ġesù mhuwiex iktar sottili u ma fihx iktar fwieħa mill-vanġelu tal-warda?"

Dan l-eżempju li ġab Gandhi jfakkarni f'espressjoni biblika li nsibuha fit-tieni ittra ta' San Pawl lill-Korintin. Jgħidilna San Pawl: "Aħna nwasslu l-fwieħa ta' Kristu..." Jien tal-fehma li biex tkun xhud ta' Ġesù, m'hemmx għalfejn titla' fuq pulptu u toqgħod tipprietka. M'hemmx għalfejn tagħmel ħwejjeġ straordinarji. L-għemejjel tiegħek, anki żgħar, magħmulin bl-imħabba u skont kif jixtieqhom Ġesù, diġà huma prietka fihom infushom. Sentenza ta'min jaħseb fuha: **"Ħajjitna hija l-unika Bibbja li ċerti nies jistgħu qatt jaqraw!"** (anonimu) Fatt veru: Kienet is-sena 1831. Fredrick Ozanam, student Franċiż imdejjaq u kważi ddisprat, daħal fi knisja jfittex daqsxejn tal-faraġ. Il-knisja kienet vojta, imma għarkupptejh quddiem Ġesù Ewkaristija kien hemm Andrè Marie Ampere qed jitlob f'ġabra kbira. (Għal min ma jafx, Andrè Marie Ampere kien xjenzat, kellu x'jaqsam mal-iskoperta tad-dawl elettriku). L-eżempju ta' Andrè Marie Ampere jitlob quddiem it-tabernaklu, kien biżżejjed għal dan iż-żgħażugħ imdejjaq, kważi iddisprat. Fredrick Ozanam ħareġ minn hemm mimli kuraġġ, deċiż li jagħmel xi ħaġa kbira għal Alla. Fil-fatt taha għall-appostolat u ħadem ħafna b'riżq il-foqra ta' Franza. Fil-Vanġelu ta' San Mattew, Ġesù jgħidilna: "Intom id-dawl tad-dinja... Ma jixegħlux il-musbieħ u jqegħduh taħt il-modd, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar. Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet." *(5, 14-16)*

Ħa nispiċċa b'talba. Madre Tereża serqitha minn kollezzjoni ta' talb li kiteb il-Kardinal Newman u xtaqet li s-sorijiet tagħha jirreċitawha kuljum: "Għażiż Mulej, għinni nxerred il-fwieħa

tiegħek kulfejn inkun... Nitolbok tiddi minn ġo fija u timlieni tant li kull persuna li niltaqa' magħha tkun tista' tħoss il-preżenza tiegħek fija. Ħalli jħarsu lejja u jaraw lilek biss, Mulej, u mhux lili! Ibqa' miegħi u bħalek, jien insir raġġ ta' dawl... għall-oħrajn. Dan id-dawl, Mulej, ikun kollu ġej minnek biss; tkun int li tiddi fuq l-oħrajn permezz tiegħi... xhieda ta' mħabba kbira li qalbi għandha għalik!"

## 3. It-tielet meditazzjoni:

"Un discepolo è una persona che si pone all'ascolto della Parola di Ġesù *(cfr Lc 10, 39)* riconosciuto come il maestro che ci ha amati fino al dono della vita. Si tratta dunque, per ciascuno di voi, di lasciarsi plasmare ogni giorno dalla Parola di Dio: essa vi renderà amici del Signore Ġesù e capaci di far entrare altri giovani in questa amicizia con Lui."

**POĠĠU BIL-QIEGĦDA F'RIĠLEJN ĠESÙ, ISIMGĦUH IKELLIMKOM!**

**Esperjenza:** Cornelia Ten Boom kienet mara Olandiża li għexet iż-żgħożija tagħha fi żmien meta n-Nażiżmu ta' Hitler kien qed jippersegwita u jipprova jeqred ir-razza Lhudija. Cornelia Ten Boom u l-familjari tagħha kienu jaħbu l-Lhud fid-dar tagħhom biex jeħilsuhom mill-mewt. Xi ħadd kixifhom, in-Nażi arrestawhom u ħaduhom priġunieri fil-kamp ta' konċentrament ta' Ravensbruck. Cornelia rnexxielha toħroġ ħajja minn dan il-kamp ta' konċentrament u daret id-dinja kollha tipprietka lil Ġesu' u l-maħfra tal-għedewwa. Mietet f'Californa fl-għomor ta' 91 sena. Ħalliet ħafna kotba ta' natura spiritwali.

F'wieħed mill-kotba tagħha tgħid hekk: "Fil-kamp ta' konċentrament, aħna l-priġunieri konna ngħixu żewġ ħajjiet: il-ħajja tal-ġisem u l-ħajja tal-ispirtu. Fil-ħajja tal-ġisem konna sejrin mill-ħażin għall-agħar għax ftit li xejn kienu jagħtuna x'nieklu, sadanittant kienu jaħqruna ħafna u jħaddmuna bħal annimali... Imma mhux hekk fil-ħajja tal-ispirtu! Fil-ħajja tal-ispirtu konna sejrin mit-tajjeb għall-aħjar u r-raġuni kienet il-**kelma t'Alla**. Fl-għaxijiet, bil-moħbi tal-gwardjani, konna ninġabru naqraw l-Iskrittura, infissruha lil xulxin u nitolbu permezz tagħha... Konna nkunu qisna qabda mirżuħin miġbura madwar ħuġġieġa nar biex nisħnu u l-Kelma t'Alla kienet issaħħanna minn ġewwa. Ħajjitna fil-kamp ta' konċentrament kienet ħajja sewda u mudlama, imma l-Kelma t'Alla kienet iddawwalhielna. Il-kelma t'Alla kienet għal ruħna u għall-ispirtu tagħna ikel sustanzjuż li kien isaħħaħna..."

1. **Kumment ta' introduzzjoni:** Ilbieraħ irriflettejna fuq il-bżonn li nkunu xhieda ta' Ġesù Kristu ma' sħabna, l-akar ma' dawk li sejjaħnielhom "fqar fis-sens eżistenzjali u spiritwali tal-kelma." Għedna li dan jista' u għandu jsir l-aktar bil-mod kif ngħixu ħajjitna. Ħadna l-eżempju meraviljuż ta' Chiara Luce Badano, li m'għamlitx prietki minn fuq l-ambone... sempliċement ħalliet lill-oħrajn jindunaw bl-imħabba kbira li kellha f'qalbha għal Ġesù. Ġesù kellu bżonnha bħalma għandu bżonni u bżonnok u hi qaltlu "iva" kbira. Kienet appostlu tiegħu sa minn meta bdiet tieħu l-ħajja spiritwali tagħha iktar bis-serjetà. <u>Din m'għedthilkomx ilbieraħ</u>. Sħabha indunaw b'din il-bidla spiritwali li kienet qiegħda sseħħ fiha tant li b'nofs ċajta u biex jiġbdulha saqajha, kienu bdew isejħuha "s-soru". Imma x'jimporta? Kienet sabet il-ġawhra prezzjuża, jiġifieri lil Ġesù li kien kollox għaliha. *(ara Mattew 13, 45.46)* U nimmaġinaha tgħid ma' San Pawl li jsejħulu "l-Appostlu tal-Ġnus": "Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, l-għera, it-tiġrib, ix-xabla?" *(Rumani 8, 35)* "Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu u nkun ninsab fih..." *(Filippin 3, 8.9)*

Però qabel tkun appostlu, qabel ma tkun lest jew lesta biex ixxandar lil Ġesù, trid tgħaddi żmien bħala dixxiplu tiegħu... forsi nista' ngħid, l-appostlu ta' Ġesù dejjem irid jibqa' dixxiplu tiegħu, dejjem irid jibqa' student ta' Ġesù, għax jekk ma jibqax f'komunikazzjoni miegħu, jiġrilu bħall-melħ li jitlef it-togħma tiegħu. Ma jkun tajjeb għalxejn iżjed ħlief biex jintrema barra u jintrifes min-nies. *(ara Mattew 5, 13)* Għalhekk fil-meditazzjoni tal-lejla, aħna bħala studenti, lil Ġesù ħa nikkonsidrawh bħala **"l-Imgħallem"**. **"L-Imgħallem"** għax mhux bħal imgħallmin oħra ta' żmienu. Pereżempju, San Mattew jgħidilna li, hekk kif temm id-diskors tal-Muntanja, "in-nies

baqgħu mistagħġa bit-tagħlim tiegħu... kien jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-kittieba tagħhom.” *(7, 28-29)* (Is-segħta li biha kien jgħallem kienet ġejja mill-fatt li kien Alla Magħmul Bniedem.) Hemm xi ħaġa oħra importanti: dan l-**Imgħallem għadu ħaj**, għax miet u qam mill-mewt! Allura anke llum jien u int nistgħu nidħlu fl-iskola tiegħu. Qalilna: “Tgħallmu minni għax jien ta’ qalb ħelwa u umli.” *(Mattew 11, 29)*

**2. Barra l-ġuħ tal-istonku hemm ukoll il-ġuħ tal-Ispirtu:** Madre Tereza tirrakkonta li jum fost l-oħrajn, ġabret tifla mit-triq. Mid-dehra tagħha kienet ilha ħafna ma tiekol, wiċċha kien mixrub. Madre Tereża tatha biċċa ħobż u dit-tifla bdiet tnaqqarha bil-mod il-mod. Staqsietha Madre Tereża: “Int bil-ġuħ ħafna, għaliex qiegħda tiekol daqshekk bil-mod?” Bis-sempliċità u fl-innoċenza tagħha, dit-tifla weġbitha: “Għax nibża’ li xħin tispiċċali l-biċċa tal-ħobż, jerġa’ jaqbadni l-ġuħ” Il-ġuħ tal-istonku huwa bżonn naturali, fiżiku, materjali, li jġegħelna naqbdu nieklu xi ħaġa. Huwa bżonn li jien u int intaffuh xħin irridu u forsi b’ħafna “ħajm” ukoll... Ħobżna maħbuż! Twelidna geddumna fix-xgħir. Mhux hekk ċerti tfal, żgħażagħ u familji li qegħdin jgħixu fil-pajjiżi tat-tielet u tar-raba’ dinja. Għal dawn, l-esperjenza tal-ġuħ hija esperjenza traġika, trawmatika... tirriżulta f’ħafna miżerja, mard u mwiet!

Dawk li bħal Madre Tereża jippruvaw itaffu xi ftit dal-**ġuħ tal-istonku** diġà qegħdin jagħmlu opra ta’ ħniena, imma skont l-istess Madre Tereża, dan mhux biżżejjed. Jeżisti wkoll il-ġuħ tal-qalb li għandha bżonn ftit imħabba, il-ġuħ ta’ persuna nieqsa mid-dinjità tagħha, il-ġuħ tal-ispirtu... trid tkun il-Kelma t’Alla li ttaffi dan il-ġuħ tar-ruħ. Fil-Ktieb tal-Profeta Għamos, Alla jgħid: “Ara, għad jiġi żmien... meta nibgħat il-ġuħ fl-art; mhux il-ġuħ tal-ħobż, lanqas l-għatx għall-ilma, iżda għas-smigħ tal-kelma t’Alla.” *(8, 11)* Insibu sentenza fil-Ktieb tad-Dewteronomju li mbagħad jużaha Ġesù biex jikkumbatti x-xitan li mar jittantah fid-deżert: “Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b’kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.” *(Dewteronomju 8, 3; Mattew 4, 4)* Kumment li kien iħobb jagħmel Patri xiħ fuq din is-sentenza mill-Iskrittura hu: “Mingħajr ħobż, il-bniedem imut bil-ġuħ. Mingħajr il-Kelma t’Alla, il-bnedmin joqtlu lil xulxin!”

U hawnhekk norbot dan li għedt s’issa mal-esperjenza li bdejt biha fil-bidu. Lil Cornelia Ten Boom smajnieha tgħid li fil-kamp ta’ konċentrament ta’ Ravensbruck, hi u l-priġunieri sħabha kienu jgħixu żewġ ħajjiet: il-ħajja tal-ġisem u l-ħajja tal-ispirtu. Għad li fiżikament kienu dgħajfin ħafna, spiritwalment kienu jissaħħu minn jum għal jum, u r-raġuni kienet il-qari tal-Kelma t’Alla. Kienu jaqrawha bil-moħbi tal-gwardjani, ifissruha lil xulxin u jitolbu permezz tagħha.

**3. X’inhi l-Kelma t’Alla? Mela Alla jitkellem?** Iva, Alla tagħna huwa Alla li jitkellem. Ara l-allat foloz li sawru l-bnedmin (allat tal-injam, tal-ġebel, tal-bronż, tal-irħam...) ma jitkellmux għax huma allat mejta. Tgħidilna l-Iskrittura stess: “Għandhom il-fomm u ma jitkellmux” *(Salm 115, 5);* għandhom ilsienhom illimat minn ħaddiema tas-sengħa, imma għax xbihat foloz, ma jistgħux jitkellmu *(ara Baruk 6, 7)*. Imma nerġa’ nirrepeti, għax Ħaj, Alla tagħna jitkellem ħafna. L-Ispirtu tiegħu inqeda bi bnedmin bħalna, jinqeda bil-mod li bih aħna nikkomunikaw bejnietna biex iwasslilna messaġġi ta’ mħabba, biex jgħidilna xi jrid minna, biex jikkoreġina għax mhux l-ewwel darba li noħorġu barra mit-triq, biex ikun dawl għalina aħna u nterrqu l-mixja tal-ħajja. Iħobbu jgħidu li “l-Iskrittura hija ittra ta’ mħabba li Missier imsiefer jibgħat mill-bogħod lil uliedu!” Isimgħu dal-fatt mill-ħajja ta’ San Girgor il-Kbir. Dal-Papa, li mexxa l-Knisja għal kważi erbatax-il sena, jiġifieri mis-sena 590 sas-sena 604, kellu ħabib tal-qalb jismu Teodoru. Dan Teodoru inzerta kien it-tabib tal-Imperatur ta’ dak iż-żmien u Papa San Girgor kitiblu hekk lil Teodoru: “Ħabib, naf li qed tagħmel ħafna ħwejjeġ sbieħ u meħtieġa, imma qaluli li m’intix issib ħin biex taqra l-Kelma t’Alla fl-Iskrittura. Ismagħni sewwa: kieku l-Imperatur kellu jiktiblek ittra, żgur ma kienx ikollok kuraġġ twarrabha għall-ġenb, imma kont taqraha għal darba, darbtejn, tlieta...! Issa Alla nnifsu

kitbilna ittra ta' mħabba biex jekk niskopruha u nippruvaw ngħixuha, inkunu iktar ferħanin f'din id-dinja u ħafna iktar fid-dinja li għad trid tiġi. **Ipprova għalhekk kun af il-qalb ta' Alla mill-istess kliem t'Alla**... Hekk tkompli tixxennaq dejjem iżjed għal ħajja aħjar."

4. **Ġesù Kristu huwa l-isbaħ kelma t'Alla u l-iktar importanti:** Tafu li l-Bibbja hija ġabra ta' tnejn u sebgħin ktieb, uħud minnhom inkitbu fit-Testment il-Qadim, jiġifieri qabel ġie Ġesù Kristu fid-dinja, u oħrajn inkitbu fit-Testment il-Ġdid, allura jinkludu dak li wettaq u għamel Ġesù (il-Vanġeli) u kitbiet oħra li nkitbu wara li Ġesù tela' s-sema. Qed ngħidilkom li **Ġesù Kristu huwa l-isbaħ kelma t'Alla u l-iktar importanti**. Għaliex? Għax ftit iktar minn elfejn sena ilu, seħħet ġrajja kbira ta' mħabba. Il-Kelma t'Alla tlaħħmet fil-Persuna ta' Ġesù Kristu u ġiet tgħammar fostna, tħalltet magħna. Fl-ewwel kapitlu tal-Vanġelu tiegħu, San Ġwann jgħidilna xi ħaġa sabiħa ħafna: "Il-Kelma t'Alla, li biha sar kollox u mingħajrha ma sar xejn, saret ġisem u għammret fostna." (1, 3.14) Jien ngħid li kull kelma li tinsab fl-Iskrittura tista' tkun dawl għalija, jiena u nterraq il-vjaġġ tal-ħajja. Kull kelma li tinsab fl-Iskrittura tista' tfarraġni, tinkuraġġini, isserraħni, tfejjaqni, tqabbadni t-triq tas-sewwa... imma dak li għamel u għallem Ġesù, li nsibuh fil-Vanġelu, **huwa l-Kelma t'Alla pereċċellenza**. Tiftakruha l-ġrajja tat-trasfigurazzjoni, meta fuq muntanja għolja Ġesù tbiddel u deher glorjuż quddiem Pietru, Ġakbu u Ġwanni. Jgħidilna San Mattew, hu u jirrakkonta din il-grajja, "sħaba kollha dawl għattiethom, u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: 'Dan hu Ibni l-għażiż: isimgħu lilu!'" Kien il-leħen tal-Missier li qisu qed jgħidilna: "mil-lum 'il quddiem, il-Kelma t'Ibni ikkonsidrawha bħala l-Kelma tiegħi." *(17, 5)* Għalhekk għedtilkom li fil-meditazzjoni tal-lejla, bħala studenti, aħna se nikkontemplaw lil Ġesù bħala **l-Imgħallem** tagħna.

5. **X'irridu nagħmlu fil-prattika?** Siltiet mill-Vanġelu ta' Ġesù nisimgħuhom kull darba li nieħdu sehem fil-Quddiesa. Il-Konċilju Vatikan II jgħidilna li Ġesù huwa preżenti b'diversi modi waqt li nkunu miġbura għall-Ewkaristija... Preżenza minnhom hi waqt il-qari tal-Vanġelu. Waqt il-qari tal-Iskrittura, "Ikun Hu nnifsu li jitkellem!" *(Sacrosanctum Concilium, n. 7)*. Allura sewwa li nkunu b'widnejna miftuħa u b'qalbna mħejjija, għas-silta li tinqara mis-saċerdot. Min jaf il-Mulej iridx jagħmel miegħek jew miegħi xi ħaġa sabiħa b'kelma li tolqtok jew tolqotni?

Iżda, imbagħad nissuġġerilkom xi ħaġa li ċerti żgħażagħ diġà bdew jagħmluha. Akkwistaw il-Ktieb tal-Iskrittura jew ktieb żgħir li jinkludi l-erba' Vanġeli. Dal-ktieb ma poġġewhx fuq l-ixkaffa ma' kotba oħra, imma f'post fejn jidher u allura faċilment jiftakru fih. Isibu mument kalm fil-ġurnata, forsi filgħaxija qabel jorqdu, jaqbdu dan il-ktieb u jaqraw silta qasira minnu. U skont iċ-ċirkustanzi tal-ħajja li jkunu għaddejjin minnhom, jistaqsu lilhom infushom: "Alla x'irid jgħidli b'din is-silta li qrajt?" Jirriflettu u jitkellmu m'Alla permezz ta' din is-silta. Min jaf kieku tibdew tfittxu dawl għal ħajjitkom fil-Kelma t'Alla miktuba? Fejn ma tifhimx tista' tistaqsi lil xi ħadd li jispjegalek. Tkun qed tagħmel bħalma għamlet darba ċerta Marija minn Betanja. Mela jum fost l-oħrajn, Ġesù daħal jistrieħ għand xi ħbieb tiegħu, Marta, Marija u Lazzru. Marija niżlet bilqiegħda f'riġlejh tisimgħu x'kien qiegħed jgħid. Iżda Marta kienet moħħha fuq il-ħafna xogħol tad-dar. Imbagħad resqet u qaltlu: "Mulej, m'intix tara kif oħti ħalliet ix-xogħol kollu fuqi biss? Mela għidilha taqbad tagħmel xi ħaġa miegħi!" Qabeż il-Mulej u qalilha: "Marta, Marta! Inti taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ; imma waħda hi meħtieġa. U Marija għażlet l-aħjar sehem li ma jitteħdilhiex." *(ara Luqa 10, 38-42)*

Nispiċċa b'fatt li ġara f'ħabs Amerikan xi tletin sena ilu. Mela f'dal-ħabs kien hemm raġel imqareb ħafna. Kienu xeħtuh il-ħabs għax inqabad jisraq kemm-il darba. Kien bniedem imdejjaq, iddisprat, irrabjat miegħu nnifsu u ma' kulħadd. Arah ta' sikwit jiġġieled ma' sħabu l-ħabsin għal kull ħaġa ta' xejn, jirrispondi b'mod selvaġġ lill-gwardjani u jagħmel dak li jfettillu moħħu. Mela darba minnhom, kien għamel waħda minn tiegħu, qafluh għal tliet ġimgħat sħaħ f'ċella għalih waħdu. Diċ-ċella kienu jsejħulha l-"ħofra" għax kienet ċella taħt l-art, mudlama u kiesħa ħafna.

Mela għaddew xi jumejn, dar-raġel kien bil-qiegħda fl-art u taħt is-sodda jilmaħ daqsxejn ta' ktieb, probabilment kien ħallieh warajh xi ħabsi mqareb bħalu. Dal-ktieb ġabru, farfru mit-trab u sab li kien il-ktieb tal-Vanġelu... u minn dak il-ħin 'il quddiem bdew jiġru ħwejjeġ tal-għaġeb. Dar-raġel beda jaqra l-Kelma t'Alla, xi ħaġa li qatt ma kien għamilha f'għomru. Dar-raġel beda jaħseb bejnu u bejn ruħu: "S'issa, l-enerġija tiegħi ħlejtha kollha biex nagħmel il-ħażin; kieku użajtha biex nagħmel it-tajjeb, żgur m'iniex hawn midfun ġo din il-'ħofra'!" Imbagħad ġrat xi ħaġa sabiħa: Hekk kif għall-aħħar tal-Vanġelu, qara li Ġesù kien maqtul iżda qam mill-mewt, allura ħaj, dar-raġel beda jitkellem miegħu kif ħass dak il-ħin (kien ilu ma jitlob snin twal) Qallu: "Ġesù, nixieqek taħfirli, nixtieqek tibdilni, nixtieqek tagħmilni bniedem ġdid." U Ġesù ħaj ħatfu fil-kelma. Dar-raġel beda mixja ta' konverżjoni, ħareġ mill-ħabs u għamel ħafna ġid. Dar-raġel kien jismu **Starr Deily**.

Ara dawn il-ftit kwotazzjonijiet jistgħux ikunu ta' għajnuna għalik.

**a)** "Bħalma x-xita u s-silġ jinżlu mis-smewwiet, u ma jerġgħux lura mnejn ġew bla ma jsaqqu l-art, imma jġegħluha tnissel u tnibbet, u tagħti ż-żerriegħa lil min jiżra' u l-ħobż lil min jiekol, hekk jiġri minn kelmti: hija toħroġ minn fommi u ma terġax lura vojta, imma tagħmel dak li nkun bgħattha tagħmel." *(Isaija 55, 10-11)*

**b)** Kunu intom dawk li jagħmlu l-kelma u mhux tisimgħuha biss, għax inkella tkunu tqarrqu bikom infuskom. *(San Ġakbu, 1, 22)*

**c)** Carlo Carretto, illum mejjet, li ħallielna diversi kotba spiritwali, darba qal: "Il-Bibbja qatt ma ddiżappuntatni. Tatni dejjem dak li kelli bżonn pass wara l-ieħor... Ġarrejtha dejjem miegħi kull fejn mort u nixtieq li meta nkun mejjet fit-tebut, ipoġġuhieli fuq sidri mal-kurċifiss u mal-kuruna tar-rużarju..."

**d)** F'wieħed mill-kotba tiegħu, il-Poeta Polakk, Roman Brandstaetter, ippublika t-testment spiritwali li ħallielu nannuh. Fost l-oħrajn, nannuh ħallielu miktub: "Aqra l-Iskrittura. Ħobbha iktar milli tħobb lill-ġenituri tiegħek... iktar milli tħobb lili...Tinfired qatt minnha. U meta tixjieħ, tipperswadi ruħek li l-kotba kollha li tkun qrajt kienu sempliċement kumment banali meta mqabblin ma' dan il-Ktieb il-Kbir..."

**e)** Mark Twain, kittieb Amerikan kien jgħid: "Ċerti nies jinkwetaw għax jaqraw siltiet mill-Bibbja u ma jifhmuhomx. Jien ninkwieta meta nifhimhom għax jgħabbuni b'responsabiltà."

**f)** Madre Tereża kienet tgħid: "Il-Kelma t'Alla kunu afuha, ħobbuha, għixuha, għadduha lill-oħrajn, hekk tkun qiegħda tqaddiskom."

## 4. Ir-raba’ meditazzjoni:

“Vi invito a radicarvi nella preghiera e nei sacramenti. L’evangelizzazione autentica nasce sempre dalla preghiera ed è sostenuta da essa: dobbiamo prima parlare con Dio per poter parlare di Dio... Chiediamo a Cristo di mettere le parole sulle nostre labbra e di farci segni del suo amore.”

**MA TISTGĦUX TITKELLMU FUQ ALLA JEKK MA TITKELLMUX MIEGĦU!**

**Esperjenza:** Ħa nibda b’esperjenza, jirrakkuntaha l-Kardinal Angelo Comastri. Dan Angelo Comastri kellu x-xorti li għal diversi drabi, kemm bħala saċerdot kif ukoll bħala isqof, jiltaqa’ ma’ Madre Tereża u jkellimha ras imb’ras.

Mela l-ewwel darba li ltaqa’ magħha, kien għadu saċerdot żagħżugħ u Madre Tereża staqsietu: “Padre, kemm-il siegħa titlob kuljum?” Angelo Comastri jgħid li dil-mistoqsija ħasditu. Minn soru medhija f’ħidma kontinwa mal-foqra, iktar stenna domanda dwar kemm hu impenjat f’opri ta’ karità. Ikompli jgħid Angelo Comastri: “Dis-soru qasira ħaditli jdejja, rassithomli f’tagħha, bħal donnha riedet tgħaddili dak li kellha f’qalbha, u qaltli: ‘Ibni, mingħajr Alla aħna nsiru fqar wisq biex nistgħu ngħinu lill-fqar! Żommha f’moħħok: jiena mara fqira li nitlob. Kull meta nitlob, Alla jpoġġili f’qalbi ħafna mħabba u b’din l-imħabba jirnexxili nħobb lill-fqar!’ Dad-diskors,” jispiċċa jgħid Angelo Comastri, “ma nsejtu qatt. Baqa’ stampat ġo moħħi.”

1. **Kumment ġenerali dwar it-talb:** M’iniex se nistaqsikom kemm-il siegħa titolbu kuljum, għax kieku tinħasdu ħafna u ħafna iktar milli nħasad Don Anġelo Comastri. Jekk għadkom fuq il-bankijiet tal-iskola, tgħaddu l-biċċa l-kbira tal-ġurnata tisimgħu l-lezzjonijiet tal-għalliema tagħkom. X’ħin tiġu lura d-dar, ikollkom x’tistudjaw, *homework* u *assigments* x’tagħmlu... imbagħad ma tidħolx ftit fuq il-*computer*? Daqsxejn mistrieħ ma tridux? Irrid ngħid li l-ġurnata tiegħek hija mimlija bħal bajda! U dan jgħodd anki għal min beda jaħdem. Joħroġ filgħodu, jagħmel is-sigħat tiegħu tax-xogħol u jidħol id-dar għajjien. Irid il-mistrieħ u r-rikreazzjoni tiegħu. Iżda l-mistoqsija “jekk titlobx” nagħmilhielek, għax kif semmejt ilbieraħ, barra l-ġuħ tal-istonku jien u int għandna l-ġuħ tal-ispirtu. Dal-ġuħ tal-ispirtu ma jittaffiex biss bis-smigħ u l-għejxien tal-kelma t’Alla, kif spjegajtilkom ilbieraħ, iżda wkoll billi noqgħod fil-preżenza t’Alla u **ngħaddi ċertu ħin fit-talb**.

It-talb huwa esperjenza qadima u attwali fl-istess ħin, anki jekk illum ix-xjenza u t-teknoloġija mlew ħajjitna b’ħafna sigurtà u lussu, anki jekk illum il-mediċina għamlet żviluppi kbar. It-talb huwa wkoll esperjenza universali, jiġifieri kull bniedem li jemmen f’Alla, hu ta’ liema reliġjon hu, iħoss il-bżonn li jitlob. Mahatma Gandhi, diġà semmejtulkom darba oħra, kien induwista, imma araw x’jgħid għalih innifsu: “Jien m’iniex bniedem tal-letteratura u lanqas tax-xjenza, imma umilment nippretendi li jiena bniedem tat-talb. Kien it-talb li salvali ħajti. Li ma kienx għat-talb, kieku ilni li ġġennint u tlift il-paċi... għax għaddejt minn ħafna provi... Ngħid li possibbli tgħix għal diversi ġranet mingħajr ma tiekol, iżda mhux possibbli tgħix jum wieħed mingħajr ma titlob. It-talb ta’ filgħodu huwa l-muftieħ tal-ġurnata u t-talb ta’ filgħaxija huwa l-katnazz ta’ tmiem il-jum. It-talb huwa rabta qaddisa bejn Alla u l-bniedem...”

Biex inkun aktar konkret, ngħidilkom li t-talb huwa diskursata, taħdida jew djalogu m’Alla. Fil-fatt fil-meditazzjoni tal-lejla ħa nirriflettu fuq il-bżonn li nitkellmu m’Alla. Jekk ma nitkellmux m’Alla ma nistgħux inkellmu lill-oħrajn fuq Alla! Tgħiduli: “Mela aħna se nitkellmu fuq Alla?” Ma tiftakrux x’għedtilkom nhar it-Tlieta? Għedtilkom li Ġesù għandu bżonnkom biex jilħaq lill-oħrajn, speċjalment lil dawk li tbiegħdu minnu, lill-**fqar fis-sens eżistenzjali u spiritwali** tal-

kelma, jiġifieri lil dawk li ma jafux għal xiex qegħdin jgħixu u lil dawk li nsew lil Alla. Titkellmu magħhom fuq Alla bix-xhieda ta' ħajjitkom. Imma ħa nergħu nisimgħu t-twissija li Madre Tereża għamlet lil Don Angelo Comastri: **"Ibni, mingħajr Alla, aħna nsiru fqar wisq biex nistgħu ngħinu lill-fqar! Żommha f'moħħok: jiena mara fqira li nitlob. Kull meta nitlob, Alla jpoġġili f'qalbi ħafna mħabba u b'din l-imħabba jirnexxili nħobb lill-fqar!"**

2. **Ħa nipprova nidħol fiż-żarbun tagħkom:** Bħall-biċċa l-kbira ta' Nsara oħra, kontu għadkom żgħar ħafna meta bdejtu titgħallmu kif titolbu. il-ġenituri tagħkom, in-nanniet tagħkom, il-katekisti, is-saċerdoti... kienu l-ewwel għalliema tagħkom. F'dak iż-żmien, naħseb li ma kontux issibuha diffiċli titolbu, anzi kontu regolari ħafna fit-talb. Nimmaġinakom kontu tgħidu t-talba ta' filgħodu, ta' filgħaxija u ta' qabel l-ikel... kontu dduru lejn Alla u lejn il-Madonna fil-bżonnijiet kollha tagħkom... il-quddiesa ta' kuljum ma kontu tfalluha qatt, kontu titqarbnu kuljum u tqerru ta' sikwit... Imma llum, li dħaltu fl-età tal-adoloxxenza jew taż-żgħożija, żgur li warrabtu ħafna minn dak li kien tat-tfulija, forsi warrabtu wkoll il-gost li titolbu... mhux għax ridtu, imma għax il-mod li bih kontu titolbu fit-tfulija m'għadux jiġikom... Fil-fatt ġieli nisma' min jgħid: "Għalfejn nitlob? Inħossni nitlob għal xejn! Qatt ma naqla' dak li nitlob! Lili Alla nsieni... qatt ma jismagħni! Għandi ħafna x'nagħmel... m'għandix ħin għat-talb! Inħoss li aħjar nagħmel xi ħaġa għall-proxxmu milli noqgħod ninħela nitlob! Jgħidu li waqt it-talb tisma' lil Alla jkellmek... jien qatt ma smajtu jkellimni. Għalfejn il-quddiesa tal-Ħadd? Mhux dejjem l-istess kantaliena!" Lil żgħażagħ li bdew jirraġunaw b'dan il-mod ma nċanfarhomx. Ngħidilhom biss li wasal il-mument li jsibu mod ġdid u żagħżugħ ta' kif jitlobu għax it-talb huwa bżonn, huwa esiġenza... mingħajr dan il-kuntatt m'Alla naħseb li titlef anke l-gost li tgħix! Bil-maqlub: meta jkollok kuntatt m'Alla, tibda tieħu gost tgħix!

<u>Isimgħu dan il-fatt</u>. Mela ftit tas-snin ilu, ġewwa bajja fi Franza nstab katavru ta' raġel anzjan. Mill-awtopsja saru jafu li dal-bniedem kien miet b'attakk tal-qalb. Min kien dan ir-raġel? Ħadd ma kien jafu, però xi ġimgħa wara ġie identifikat. Kien isqof Franċiż, ċertu Monsinjur Riobec, li ħalla d-djoċesi tiegħu u mar waħdu f'dil-parti ta' Franza biex jistrieħ mix-xogħol li kellu. Ħafna ġurnalisti kkumentaw u qalu: "Dan l-isqof miet waħdu... 'il bogħod mill-familjari tiegħu, mill-ħbieb tiegħu, mill-Insara tiegħu..." Imma ġurnalist Kattoliku qal: "Monsinjur Riobec ma mietx waħdu, għax ftit qabel ma miet, bagħat ittra lil xi ħadd jiġi minnu u, fost l-oħrajn, kitiblu hekk: 'ninsab kuntent ħafna għax qiegħed nitlob ħafna!' Min jitlob," kompla jgħid dan il-ġurnalist, "qatt mhu waħdu. It-talb idaħħlek f'komunikazzjoni m'Alla u f'komunikazzjoni mal-oħrajn." Tifhimha din il-ħaġa, għax jekk jien u int u oħrajn magħna qegħdin nikkomunikaw mal-istess Alla, allura b'xi mod jew ieħor, aħna lkoll qegħdin nikkomunikaw ma' xulxin.

3. **Insaffu l-idea li għandna t'Alla:** <u>Isimgħu fatt ieħor...</u> Mela fi żmien l-aħħar ġwerra dinjija, f'raħal partikulari n-naħa ta' fuq tal-Italja, raħal ibbumbardjat sewwa mill-Alleati kontra Hitler u Mussolini, in-nies kienet tmur fejn il-kappillan u tistaqsih: "Fejn hu Alla? X'għamilna ħażin biex Alla qed jikkastigana daqshekk?! U l-kappillan kien jismagħhom bil-paċenzja. Darba minnhom, kien fir-rebbiegħa, qalilhom: "Ħuti, ħarsu ftit lejn l-għelieqi ħodor u mimlija ward. Alla għadu jagħmel il-ward! Dil-miżerja fuqna ma ridhiex Alla, imma ġibuha fuqna bnedmin li għamlu lilhom infushom allat!" B'din it-tweġiba, il-kappillan xtaq jikkoreġilhom l-idea li kellhom t'Alla. Alla ma jridx ħsara, Alla ma jridx deni, Alla ma jridx gwerer!

Anki aħna, x'aktarx **għandna bżonn insaffu u nikkoreġu xi ftit l-idea li għandna t'Alla**, għax dawk li pinġewhulna meta konna żgħar, forsi pinġewhulna b'mod żbaljat. Daħħlulna fl-immaġinazzjoni tagħna karikatura t'Alla u mhux ritratt sabiħ t'Alla. Ħa nagħtikom xi eżempji. Ngħidu aħna, għal xi wħud, Alla huwa l-pulizija jew il-*warden* lest biex jaqbdek tagħmel xi żball tat-traffiku u jagħtik it-*ticket*. Għal oħrajn, Alla huwa s-saħħar. Għandu l-bakketta maġika f'idejh

u dak li jitolbuh, iriduh jagħtihulhom dritt. Jekk ma jagħtihulhomx x'ħin iridu u kif iridu, abbli jiksruha miegħu wkoll. Veru li Ġesù qalilna: "Itolbu u jingħatalkom, fittxu u ssibu, ħabbtu u jiftħulkom..." *(Luqa 11, 9)*, imma ma nistgħux nippretendu li l-kalendarju tagħna jkun il-kalendarju t'Alla. Alla għandu l-pjanijiet sbieħ għal kull wieħed u waħda minna. Dejjem jismagħna, imma forsi għall-ġid tagħna, jitlobna nistennew bil-paċenzja, jew jekk ma jagħtinix dak li tlabnieh, abbli jagħtina xi ħaġa aqwa u isbaħ. Għal xi oħrajn, Alla huwa "l-Bambin". Il-kelma "bambin" għandha riħa tal-bambin tal-ġibs jew tax-xemgħa li npoġġuh fil-presepju jew fit-tieqa fi żmien il-Milied. Drawwa sabiħa li tfakkar l-akbar ġrajja fl-istorja tal-bniedem, imma ma ninsewx li dak il-Bambin kiber, miet għalina fuq is-salib u llum huwa ħaj għax qam mill-imwiet. Bħala Iben t'Alla ħaj jitlob minna fidi serja, konvinta u mgħejxa fil-prattika. J Phillips, awtur ta' kotba spiritwali, għandu ktieb jismu: *"Your God is too small!"* Jispjega fil-ktieb: "Verament, Alla tagħna mhux ċkejken. Dan iċ-ċokon t'Alla jinsab fil-qalb tal-bniedem għax aħna nibżgħu nittamaw iżżejjed, nibżgħu nemmnu żżejjed u nibżgħu nħobbu żżejjed!"

Allura x'idea għandu jkollna t'Alla? **L-idea għandha tkun dik tat-Testment il-Ġdid**, tahielna Ġesù Kristu, li f'xi meditazzjoni kkonsidrajnieh bħala "l-Imgħallem". Alla hu Missier li jħobb, Missier li jipprovdi, Missier li jieħu paċenzja bina, Missier ħanin u lest li jaħfer..." Dan l-Imgħallem qalilna pereżempju: "Kunu perfetti bħalma hu perfett il-Missier tagħkom li hu fis-smewwiet"*(Mattew 5, 48)*. "Intom u titolbu, toqogħdux tlabalbu bħall-pagani; dawn mingħalihom li iktar ma jgħidu, iktar jinstemgħu. Tkunux bħalhom, għax Missierkom jaf x'teħtieġu, qabel ma titolbuh intom. Mela itolbu hekk: Missierna, li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek..." *(Mattew 6, 7-9).*

**4. Kieku tafu kemm hu importanti s-silenzju!** Qegħdin ngħixu f'dinja storbjuża (ħsejjes ta' karozzi, ħsejjes ta' magni, ħsejjes ta' *stereos* miftuħin beraħ) Diġà fil-bidu tas-seklu l-ieħor, ċertu Robert Rock kien qal: "Għad jiġi żmien meta d-dinja jkollha bżonn tiġġieled kontra l-istorbju, kif ġieli ġġieldet kontra l-pesta u kontra l-kolera!" U dan iż-żmien ilu ftit li wasal.

Qegħdin nitkellmu dwar it-talb. Mhux possibbli nikkomunikaw m'Alla jekk qabel xejn ma nfittxux u ma nsibux post għall-kwiet. Għandi f'moħħi xi post fil-kampanja jew ħdejn il-baħar, xi kappella żgħira mhix iffrekwentata ħafna, jew aħjar, mhix iffrekwentata minn nies imdorrijin jitolbu jgħajtu... Dan diġà importanti ħafna, imma mbagħad meħtieġ ukoll is-skiet tal-qalb. Mhux l-ewwel darba li, minħabba ċerti ċirkustanzi, qalbna tkun mimlija storbju: ilħna ta' emozzjonijiet, ta' ħsibijiet, ta'preokkupazzjonijiet... kollha jibbumbardjawna minn ġewwa u ċertament la jħalluna niktellmu m'Alla u lanqas nisimgħu lil Alla jkellimna, għax iħobbu jgħidu: "Alla jitkellem minn taħt l-ilsien." Importanti għalhekk li nippruvaw nikkalmaw... Biex niksbu dan is-silenzju tal-qalb, jista' jgħinna Ġesù. Għandi f'moħħi dik il-ġrajja, insibuha fil-Vanġeli sinottiċi... Qamet tempesta kbira waqt li l-appostli kienu fuq id-dgħajsa f'nofs ta' baħar. Il-mewġ beda tiela' għal ġod-dgħajsa, hekk li kienet bdiet timtela bl-ilma. Ġesù kien rieqed fuq imħadda fil-poppa tad-dgħajsa. Qajmuh u qalulu: "Mgħallem, dan qisu mhu xejn għalik li aħna se nintilfu?" Hu qam, ordna lir-riħ u qal lill-baħar: "Iskot! Biżżejjed!" U r-riħ waqaf u waqgħet il-kalma *(ara Mark 4, 35-39)*. Forsi l-ewwel talba tagħna meta nidħlu fil-preżenza t'Alla għandha tkun: "Mulej, sikket il-maltemp li għandna f'qalbna!"

Meta nħossu li qalbna siktet, allura nistgħu **naduraw u nfaħħru lil Alla, nirringrazzjawh, nuruh ix-xewqat u l-bżonnijiet tagħna, noffrulu lilna nfusna, nitolbuh jaħfrilna n-nuqqasijiet tagħna...** Araw kemm hemm fuq xiex niftħu diskursata m'Alla. Donnu bħal jidher li t-talb huwa inizjattiva tagħna, imma fil-fatt mhux hekk. It-talb huwa don, għalhekk meta nħossu l-bżonn li nitolbu, ikun Alla li tefa' din ix-xewqa ġo qalbna. L-ewwel pass ikun għamlu Hu, ikun Hu li lagħab l-ewwel karta.

**5. Żewġ modi ta' talb:** L-ewwel mod huwa **dak privat u personali**, għadna kif tkellimna fuqu. Meta fid-diskors tal-Muntanja jitkellem fuq it-talb, Ġesù jgħid li: "Meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu." *(Mattew 6, 6)*. Iżda mbagħad hemm it-tieni mod: **dak komunitarju**, jiġifieri dak ta' meta ninġabru nitolbu flimkien. Fil-Vanġelu ta' San Mattew Ġesù jgħidilna: "Jekk tnejn minnkom fuq l-art jgħollu leħinhom flimkien biex jitolbu xi ħaġa, Missieri li hu fis-smewwiet, jagħtihielhom. Għax fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi hemm inkun jien f'nofshom." *(18, 19-20)* Interessanti ninnutaw li t-talba tal-"Missierna" li għallimna Ġesù mhix talba fis-singular, imma fil-plural. Hawnhekk ma nistax ma nsemmix il-**Quddiesa**, b'mod speċjali l-**Quddiesa tal-Ħadd**, li ċerti żgħażagħ bdew jgħaddu mingħajrha. Kif jgħidilna l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, "Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija f'Jum il-Ħadd hija l-pedament u t-twettiq tal-ħajja Nisranija kollha..." *(n. 2181)* Għalhekk morru għall-Ewkaristija f'Jum il-Mulej, imma tmorrux għaliha bi drawwa, għax hemm l-obbligu jew biex ma tismax il-ġenituri tiegħek igergrulek... Morru biex tieħdu sehem fiha, allura biex tiltaqgħu ma' Ġesù ħaj fil-kelma tiegħu u fit-tqarbin li mbagħad jibgħatkom għand l-oħrajn.

Dun Mikiel Attard, saċerdot li llum nistgħu nqisuh bħala Qaddej t'Alla, għax ftit tax-xhur ilu nfetħet il-kawża ta' beatifikazzjoni tiegħu, kien iħobb jgħid: *"Real prayer leads you to action!"* It-talb, kemm dak privat kif ukoll dak komunitarju, jibagħtek għand l-oħrajn, jirresponsabbilizzak biex tagħmel xi ħaġa għall-proxxmu tiegħek. Wieħed kittieb Taljan jgħid: "Fit-talb ma nistgħux norbtu jdejna, imma naqbdu jdejn xulxin b'sens ta' solidarjetà. Fit-talb ma nistgħux nagħlqu għajnejna, imma nħarsu madwarna biex naraw il-bżonnijiet tal-proxxmu fil-bżonn!" Minnu nnifsu, talb veru huwa talb altruwista, li qabel xejn jaħseb fl-oħrajn.

Nispiċċa bl-esperjenza ewkaristika tal-Kardinal Francois Van Thuan (Vjetnamiż). Jgħid dan il-Kardinal (illum mejjet) "Ġejt arrestat mir-regim komunista fil-15 t'Awissu 1975, festa tal-Assunta... minn dakinhar 'il quddiem, jiena ma kontx iżjed is-Saċerdot jew l-Isqof Van Thuan, iżda sempliċement 'is-Sur Van Thuan'. Domt maqful il-ħabs għal tlettax-il sena sħaħ, disgħa minnhom f'iżolament... imma nista' ngħid li qatt ma tlift il-fidi u t-tama... L-Ewkaristija kienet is-sigriet tal-qawwa tiegħi...

L-għada li arrestawni ħallewni nikteb lil tad-dar biex ngħidilhom jibagħtuli dak li kelli bżonn. Ktibtilhom, u fost l-oħrajn, tlabthom jibagħtuli l-mediċina għall-uġigħ tal-istonku. Billi tad-dar kienu jafu li qatt ma kont inbati bl-istonku, fehmu li xtaqt l-inbid biex inkun nista' nqaddes; għalhekk bagħtuli flixkun żgħir mimli nbid b'tikketta fuqu 'mediċina kontra l-uġigħ tal-istonku'. Fraħt ħafna u kemm domt iżolat f'ċella għalija waħdi, kont inqaddes kuljum bi tliet taqtiriet inbid fil-pala ta' jdejja. Iċ-ċella kienet il-katidral tiegħi... il-quddies li qaddist fil-ħabs kien l-isbaħ quddies ta' ħajti.

Meta mbagħad ħallewni nitħallat mal-priġinieri l-oħra, għamilt minn kollox biex anki sħabi Nsara jkollhom il-qawwa tal-Ewkaristija. Fid-9.30 ta' bil-lejl kien jintefa d-dawl u dritt wara, mindud fuq is-sodda, kont inqaddes il-quddiesa tiegħi. Il-priġunieri kienu jaħdmu boroż żgħar tal-karti tas-sigaretti u fihom kont inpoġġilhom frak tal-ħobż ikkonsagrat biex jgħadduh lil sħabhom. Matul il-lejl u bil-moħbi, il-priġunieri kienu jibdlu lil xulxin u jagħmlu sigħat ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. Verament, kif tgħid Santa Tereża t'Avila, maqfulin fil-ħabs, Ġesù Ewkaristija kien għalina seħibna u wieħed minna..."

**5. Il-ħames meditazzjoni:**

"Dio ama anche chi si è allontanato da Lui e lo ha dimenticato: ha pazienza e attende; anzi ha donato il suo Figlio, morto e risorto, per liberarci radicalmente dal male. E Cristo ha inviato i suoi discepoli per portare a tutti i popoli questo annuncio gioioso di salvezza e di vita eterna."

**ALLA JIBQA' JĦOBBKOM ANKE JEKK XI DARBA TOFFENDUH!**

**Esperjenza:** Il-ġrajja ta' Bill, żagħżugħ Ingliż. Mela ftit tas-snin ilu, Bill, żagħżugħ Ingliż, kien qed isuq karozza f'waħda mit-toroq ta' Londra, bi flixkun tal-*brandy* ma' ħalqu u b'mara miżżewġa mgħannqa miegħu fis-*seat* ta' maġenbu. Ra xi Nsara Kattoliċi fuq bankina, b'salib żgħir tal-injam imdendel m'għonqhom, qegħdin iwaqqfu xi nies mexjin għall-affari tagħhom u jkellmuhom fuq Ġesù. Xurban kif kien, dan Bill ħareġ rasu mit-tieqa, beda jgħajjarhom u jgħidilhom: "Tafux li intom boloh! Tafux li intom bħanan!" U baqa' sejjer mal-mara li kellu. Ma nafx ngħidilkom x'ġara fil-ġranet ta' wara. Nista' ngħidilkom biss dak li stqarr Bill innifsu.

Qal Bill: "Għaddew ftit tal-ġimgħat, dħalt fi Knisja, inżilt għarkupptejja quddiem it-tabernaklu, u niedem mill-ħajja xxellerata li kont qed ngħix, tlabt lil Ġesù jkun il-Ħellies u s-Salvatur tiegħi." Illum Bill huwa **Father Bill** għax ġie aċċettat fis-seminarju, studja t-teoloġija, sar saċerdot u qed jaħdem biex oħrajn isibu lil Ġesù kif sabu hu.

1. **Kumment li jintroduċina għas-suġġett tal-lejla:** Hawnhekk għandna **ġrajja ta' ndiema u ta' konverżjoni**. Ġrajja li tixbah li dik ta' San Pawl, li minn persekutur ta' Kristu, sar Appostlu kbir tiegħu; ġrajja li tixbah lil dik ta' Santu Wistin, li gerfex ħafna fiż-żgħożija tiegħu, imma għat-talb mimli fidi u ma jaqta' xejn t'ommu Monika, Wistin mhux biss tgħammed, imma ntgħażel bħala isqof u ħallielna minjiera ta' kitbiet spiritwali; ġrajja li tixbah lil dik ta' San Franġisk t'Assisi, żagħżugħ ixxellerat, li ftaqar minn kollox u daħħal nifs ġdid fil-Knisja ta' Ġesù... ħafna ngħaqdu miegħu u qabdu t-triq li qabad hu; ġrajja li tixbah lil dik ta' Santa Tereża Benedetta tas-Salib, li minn Lhudija ma temmen b'xejn, ikkonvertiet għall-Kristjaneżmu, daħlet soru tal-klawsura u spiċċat maqtula bil-gass fil-kamp ta' konċentrament ta' Auschwitz (qed nirreferi għal Edith Stein); ġrajja li tixbah lil dik ta' ħafna nies li m'għandhomx San jew Santa quddiem isimhom, imma li kien hemm mument fil-ħajja tagħhom li fih għamlu *"u-turn"* għax indunaw li mexjin ħażin u qabdu t-triq t'Alla. Inkompli ngħid: ġrajja li tista' tkun tixbah lil tiegħi jew lil tiegħek, għax mis-sema 'l isfel, kulħadd għandu xi ħaġa għal xiex jindem u xi ħaġa fiex jikkonverti. Importanti nżommu quddiem għajnejna li b'**konverżjoni** ma nifhmux biss dawn it-tipi ta' esperjenzi li semmejtilkom (jiġifieri li minn ħażin, wieħed isir tajjeb) imma wkoll mixja dejjem 'il quddiem fit-triq tal-qdusija u tal-perfezzjoni. Niftakar, fis-sena 2000, il-Beatu Ġwanni Pawlu II kien qalilkom: "Għeżież żgħażagħ, jalla jkollkom f'qalbkom l-ambizzjoni li ssiru qaddisin bħalma hu qaddis Dak li sejħilkom. Tibżgħux tkunu l-qaddisin tal-millenju l-ġdid!"

Fil-meditazzjoni tal-lejla se nirriflettu fuq l-**imħabba kbira li Alla għandu għal kulħadd, forsi nista' ngħid, fuq l-imħabba ikbar li għandu għal min insieh, għal min ħareġ barra mit-triq it-tajba, jew għal min offendieh.** Kif għedtilkom nhar it-Tlieta, din is-sena, żgħażagħ mid-dinja kollha se jinġabru f'Rio de Janeiro, il-Brazil, biex jiċċelebraw mal-Papa l-Jum tagħhom. Ma nafx tafux... Tiddomina fuq din il-Belt Brażiljana hemm statwa kbira u famuża ta' Kristu Redentur: idejh miftuħin beraħ ifissru x-xewqa tiegħu li jilqa' lil dawk kollha li jmorru għandu u qalbu tirrappreżenta l-imħabba immensa li biha jħobb lil kulħadd. Tgħiduli: kif mill-imħabba t'Alla għaddejt għall-imħabba ta' Kristu Redentur? Tweġiba faċli: għax l-imħabba ta' Kristu Redentur hija l-Inkarnazzjoni tal-imħabba kbira t'Alla li qegħdin insemmu. Għax l-Iben t'Alla sar bniedem bħalna, din l-imħabba tal-Missier nistgħu nduquha u mmissuha b'idejna. Fl-ewwel ittra tiegħu, San Ġwann (magħruf bħala d-dixxipli l-maħbub u li tkellem ħafna fuq l-imħabba t'Alla) jgħidilna

hekk: "...aħna se nxandrulkom dak li aħna smajna, dak li rajna b'għajnejna, dak li lejh ħarisna u dak li messew idejna, jiġifieri il-Kelma tal-ħajja li kienet mill-bidu u dehret lilna..." *(ara 1, 1-2)*

Jien ħsibt li ma nistgħux nagħlqu dan il-kors ta' eżerċizzi u ma nesperjenzawx din l-imħabba t'Alla, għax aħna bnedmin tad-demm u l-laħam, ilkoll nonqsu f'xi ħin jew ieħor, f'ħaġa jew oħra... Jekk induqu din l-imħabba t'Alla, imbagħad inkunu nistgħu nittrażmettuha u ngħadduha lill-oħrajn.

**2. Ħa jkollna nibdew bin-negattiv, jiġifieri bir-realtà tad-dnub:** X'inhu d-dnub? Nistgħu nagħtu diversi definizzjonijiet tal-kelma "dnub", iżda llejla ħsibt li niddefenixxi d-dnub, li sfortunatament kultant naqa' fih jien u taqa' fih int, bħala **"rifjut tal-imħabba t'Alla."** Dan ir-rifjut jista' jkun f'ħaġa gravi, naf x'jien nagħmel u rrid nagħmlu; għalhekk hawnhekk ikollna nitkellmu dwar dnub **mejjet**, jiġifieri nkun għażilt li ninfired minn Alla u mill-Knisja tiegħu. Meta dan ir-rifjut ma jkunx f'ħaġa gravi, imma fl-istess ħin, naf x'qed nagħmel u rrid nagħmlu, id-dnub jissejjaħ **venjal**. Bi dnub venjal ma nkunx infridt minn Alla u ma nkunx inqtajt mill-Knisja, imma xorta waħda hemm offiża lil Alla jew lill-proxxmu tiegħi. Jekk ma neħux ħsieb li nitbiegħed mid-dnub venjal, il-ħajja Nisranija u spiritwali tiegħi malajr tiddgħajjef. La lbieraħ tkellimt fuq it-tqarbin, sewwa ngħidha issa. Bi dnub venjal nista' nitqarben, imma bi dnub mejjet ma nistax nersaq għat-tqarbin jekk qabel ma nkunx tlabt il-maħfra t'Alla fis-sagrament tal-qrar.

Ħa nkompli nfisser id-dnub bħala "rifjut' tal-imħabba t'Alla u nibda b'<u>fatt veru</u>, bil-kemm jitwemmen. Mela Elisabeth Barret ħadet grazzja mal-Poeta Robert Browning u żżewġitu kontra r-rieda tal-ġenituri tagħha. Tant kienu kontra dan iż-żwieġ ta' binthom ma' dal-poeta li keċċewha mid-dar u ma ridux ikollhom x'jaqsmu iktar magħha. Minkejja dil-weġgħa kbira li sofriet minn għand il-ġenituri tagħha, Elisabeth xorta baqgħet tiktbilhom regolarment u f'kull ittra kienet ittennilhom li baqgħet tħobbhom. Qatt ma rċeviet risposta lura. Mela wara silenzju ta' għaxar snin, Elisabeth irċeviet bil-posta pakkett-kaxxa minn għand ommha u missierha. Elisabeth fetħet il-pakkett-kaxxa bil-ħeffa, u x'sabet? Sabet l-ittri kollha li kienet bagħtitilhom minn meta żżewġet lil Robert! Ebda waħda minnhom ma kienet miftuħa. B'dispett qatt ma qraw dak li kienet tiktbilhom. L-awtur tal-ktieb li jirrakkonta dal-fatt ta' qsim il-qalb għal Elisabeth u għal żewgha Robert, jikkonkludi u jgħid: **"Kemm hi esperjenza kerha tkun taf li xi ħadd qed jirrifjuta l-imħabba tiegħek!"**

Hi ħaġa kerha meta bniedem jirrifjuta l-imħabba ta' bniedem jew ta' bniedma bħalu. Imma kemm hi xi ħaġa iktar kerha meta nagħlqu qalbna għall-imħabba t'Alla! "Alla huwa mħabba," jgħidilna San Ġwann fl-ewwel ittra tiegħu, *(4, 16)* u għad li l-imħabba ta' bnedmin li aħna għandha mill-imħabba t'Alla, għax Hu ħalaqna xbieha tiegħu, hemm differenza infinita bejn kif iħobb Alla u kif inħobbu aħna. **Alla huwa dejjem fidil lejna**... aħna m'aħniex dejjem fidili lejh... bħalma m'aħniex dejjem fidili lejn xulxin. Għandi f'moħħi, pereżempju, żewġt iħbieb li għal xi raġuni jew oħra, ma jibqgħux jirrispettaw lil xulxin, ma jibqgħux jafdaw lil xulxin... Għandi f'moħħu l-adulterju, meta raġel ma jibqax fidil lejn martu u jfittex mara oħra, jew bil-maqlub, meta mara ma tibqax fidila lejn żewġha u tfittex raġel ieħor.

Imma nerġa' ntenni: Alla tagħna mhux hekk! **Alla huwa u jibqa' fidil lejna dejjem, anki jekk aħna nirrifjutaw l-imħabba tiegħu**. Ħa nfakkarkom f'parabbola rrakkuntatha minn Ġesù fil-Vanġeli sinottiċi. Jisimha: "Il-Parabbola tal-Għalqa u l-Bdiewa." Mela wieħed raġel kellu għalqa u ħawwilha dwieli. Issa fiż-żmien li fih inkitbet l-Iskrittura, Lhudi kien ikollu tassew biex jiftaħar jekk jiret jew ikun stinka biex ikollu għalqa dwieli. Għalqa dwieli kienet tfisser teżor, xi ħaġa prezzjuża, xi ħaġa ta' min jieħu ħsiebha u jikkuraha. Fil-fatt, dar-raġel tellgħalha ħajt tas-sejjieħ madwarha u bnielha torri biex jipproteġiha. Peress li kellu jsiefer, qabbel din l-għalqa lil xi bdiewa biex jaħdmuha u jeħdulu ħsiebha. Mela wasal żmien l-għeneb, bagħat xi qaddejja għand

dawn il-bdiewa biex jiġbrulu l-frott li kien imissu. Iżda l-bdiewa qabdu lil dawn il-qaddejja, lil wieħed sawtuh, lil ieħor qatluh u lil ieħor ħaġġruh. Reġa' bagħtilhom qaddejja oħra, iktar minn qabel, u għamlulhom l-istess. Fl-aħħar bagħtilhom lil ibnu, għax qal, "Minn ibni jistħu." Iżda kif raw lil ibnu, il-bdiewa bdew jgħidu bejniethom: "Ara l-werriet! Ejjew noqtluh, biex il-wirt tiegħu neħduh aħna." Qabduh, xeħtuh 'il barra mill-għalqa u qatluh!

Din hi l-istorja ta' kif Alla mexa mal-Poplu Lhudi, l-għalqa tad-dwieli tiegħu mqabbla lil xi bdiewa, u mbagħad kif dal-Poplu mexa m'Alla. Alla ħabbu lil dan il-Poplu. Biżżejjed insemmu li ħelsu mill-jasar tal-Eġittu u mexxieh permezz ta' Mosè lejn l-Art Imwiegħda. Il-Lhud għamlu 40 sena mexjin fid-deżert u matul dawn l-40 sena Hu kien jitmagħhom, jisqihom, jiggwidahom, ħelishom minn ħafna perikli... Hemm sentenza fil-Ktieb tal-Profeta Isaija sabiħa ħafna. Alla jgħid: "X'kien fadalli nagħmel lill-għalqa tiegħi u jien m'għamiltux?" Però dal-poplu qatillu lill-profeti tiegħu... saħansitra qatillu lil Ibnu stess. **Hawn hu r-rifjut tal-imħabba t'Alla**. Nista' napplika dan kollu għar-relazzjoni t'Alla miegħi u miegħek. Nisma' lil Alla jistaqsini u jgħidli: "X'kien fadalli nagħmel għalik u m'għamiltux? Jien ħabbejtek, għadni nħobbok u se nibqa' nħobbok, anki jekk xi drabi tinsa dak li għamilt miegħek, twarrabni jew tibdilni. Ibni sofra passjoni, xerred demmu u miet fuq is-salib għalik ukoll u għal dan is-sagrifiċċju li daħal għalih Ibni, jien nibqa' nistenniek b'ħafna paċenzja u meta terġa' lura għandi jiena naħfirlek!" Araw x'għid San Pawl għal Ġesù li miet għalina: "Bilkemm wieħed imut għal wieħed tajjeb: għad li xi ħadd għandu mnejn jagħmel il-qalb u jmut għal bniedem tajjeb. Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin" *(ara Rumani 5, 7.8*). Iktar: "L-Iben t'Alla... ħabbni u ta ħajtu għalija" *(Galatin 2, 20)*.

**3. Is-sagrament tal-qrar, esperjenza ta' din l-imħabba t'Alla:** Kien it-Tnejn 22 t'Ottubru 2001. <u>Jason Azzopardi minn Bormla</u> nqatel b'diversi tiri ta' pistola għall-ħabta tad-8.45 ta' filgħodu. Kien quddiem id-dar tiegħu ma' *mechanic* li kien qed isewwilu l-karozza. Min kien Jason Azzopardi? Nikkwota minn ġurnal lokali: "Jason Azzopardi, ġuvni ta' tletin sena, diġà missier ta' disgħat itfal minn tliet nisa, kien persunaġġ magħruf sewwa mal-pulizija... partikularment fi ċrieki ta' użura, prostituzzjoni u droga..." Ma tista' tiġġudika lil ħadd, imma milli jidher ma kienx xi ġuvni tajjeb. Teżisti xhieda ta' min jorbot fuqha, li l-Ħadd filgħodu, jiġifieri ġurnata qabel ġie maqtul, dan Jason li qatt ma ried jidħol fi knisja, telaq waħdu minn Bormla, ġie Għawdex, sab knisja partikulari, **resaq iqerr għand saċerdot**, ħa sehem fil-quddiesa u tqarben. Dal-fatt jikkonferma dak li għadni kemm għedtilkom ftit ilu. Anki jekk naslu li nirrifjutaw l-imħabba tiegħu, Alla jibqa' jistenniena b'ħafna paċenzja nerġgħu nirritornaw għandu. Il-parabbola nsejħulha "tal-Iben il-Ħali" (forsi aħjar insejħulha "tal-Missier il-Ħali" għax Alla hu ħali fl-imħabba tiegħu) tistedinna nirriflettu fuq din il-paċenzja t'Alla u fuq festa li jagħmel Alla meta midneb jirritorna għandu.

Ħa ngħid kelma fuq is-**Sagrament tal-Qrar**. Hawn min jgħid li llum il-ġurnata, is-sagrament tal-qrar jinsab fi kriżi, speċjalment fost iż-żgħażagħ. Veru? Jekk veru, għaliex? Fost il-kawzi ta' din il-kriżi nistgħu nsemmu: kuxjenza laxka, naqas is-sens tad-dnub, bdejna nirraġunaw li jekk żbaljajna nistgħu nirranġaw direttament m'Alla jew mal-Kurċifiss... Għalfejn għandna mmorru għand saċerdot, bniedem bħalna u midneb bħalna, nistqarru dnubietna? Amministrazzjoni mekkanika jew ta' suq u mexxi tas-Sagrament tal-Qrar, nuqqas ta' disponibilità min-naħa tas-saċerdoti li jqarru... Insemmu x'insemmu, is-Sagrament tal-Qrar jibqa' s-**sagrament tal-ħniena t'Alla**. Skont il-Vanġelu ta' San Ġwann, dan is-sagrament huwa wieħed mir-rigali ta' Kristu Rxoxt. Dakinhar filgħaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, jgħidilna San Ġwann, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżża' mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom... Fost l-oħrajn, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura..." *(ara 20, 19-22)*. Ċertu G. Danneels jirrakkonta <u>fatt ta' mara li kkommettiet abort</u>. Dil-mara, li fil-ktieb ta' G. Danneels ma tissemmiex b'isimha, tant ħasset

rimors u sens ta' ħtija għal dak li għamlet li rrakkuntat kollox lil xi ħbieb tagħha. Imma xorta baqgħet bil-piż ta' dak li għamlet fuq il-kuxjenza tagħha. Waħda mill-ħbieb tagħha qaltilha: "Taf x'għandek tagħmel? Irrepeti dan l-iżball tiegħek lil Alla u lill-Knisja, għax inti għandek bżonn ta' Omm li terġa' tagħtik twelid ġdid. Jien dan ma nistax nagħmlu. Il-Knisja biss tista' tqajmek mill-mewt. Mur sib saċerdot li jaħfirlek f'isem Ġesù. Bħala penitenza, itolbu jħallik tagħti isem lit-tarbija tiegħek u minn dak il-ħin stess, it-tarbija tibda tidħol għalik quddiem Alla, tibda tikkunslak, tibda tipproteġik... Anke int itlobha u żgur li hi tinterċedi għalik quddiem Alla. Tgħidlu: Missier, aħfrilha, għax ma kinetx taf x'inhi tagħmel!"

Sabiħ ħafna dal-parir ta' din il-ħabiba: "Għandek bżonn Omm li terġa' ttik il-ħajja..." Hekk ried Ġesù: li l-maħfra tad-dnubiet tingħata minn saċerdot li jirrappreżenta lilu u li jirrappreżenta l-bqija tal-komunità Nisranija. Hekk min iqerr b'indiema sinċiera u bi proponiment sod li jekk jista' jkun ma jidnibx iżjed, mhux biss jakkwista l-maħfra t'Alla, imma jerġa' jsib postu fil-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu. Għalhekk mhux biżżejjed tirranġa direttament m'Alla jew mal-Kurċifiss!

**4. Konklużjoni Marjana:** Nixtieq nagħlaq dawn l-eżerċizzi billi nipproponilkom għall-qima tagħkom il-figura tal-Madonna, li fil-litanija nsejħulha "kenn tal-midinbin" u li fit-talba tal-Ave Marija min jaf kemm-il darba tennejnielha:"Itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna."

Ħa nirrakkuntalkom <u>fatt li ġara snin ilu fil-Belt ta' Milan</u>, in-naħa ta' fuq tal-Italja. Mela kien il-Ħadd filgħodu u f'daqsxejn ta' knisja parrokkjali kienet qiegħda tiġi ċċelebrata Quddiesa għat-tfal u għall-ġenituri tagħhom. Naturalment, kienet Quddiesa ħajja: bid-daqq tal-orgni u bil-kant tat-tfal. Mela ftit wara li bdiet il-quddiesa, ittawwal fil-knisja wieħed *"barbone"*. (Meta ngħidu *"barbone"* nkunu nifhmu raġel fqir, jorqod barra mgeżwer ġo xi kutra, jgħix b'dak li jsib fil-laned taż-żibel, maħmuġ, imwarrab minn kulħadd). Dal-*barbone* ntefa' fuq bank, u għajjien kif kien, għajnu marret bih u raqad. Il-Quddiesa spiċċat b'innu sabiħ lill-Madonna. Dal-bniedem stenbaħ u l-laħaq lit-tfal ikantaw l-aħħar versi ta' dan l-innu: *"Maria, nostra Madre, ti preghiamo portaci nel cuore la gioia del tuo Figlio Ġesù"* (Marija, Omm tagħna, nitolbuk ġibilna f'qalbna l-ferħ ta' Ibnek Ġesù) Hekk kif sema' dawn il-kelmiet, il-*barbone* nfaqa' jibki kemm jiflaħ. Xi nies daru miegħu u x'ħin staqsewh xi ġralu, qalilhom: "L-aħħar darba li smajt dan l-innu sabiħ lill-Madonna kien meta kont għadni daqsxejn ta' tifel. Ommi u missieri abbandunawni u spiċċajt niġġerra mat-toroq. Kemm nixtieq insib min iħobbni u jieħu ħsiebi!" Kelma kienet! Nies ġenerużi mill-parroċċa sabulu kenn fejn seta' jgħix ta' bniedem u mhux iktar ta' annimal jiġġerra mat-triqat. Ġrajja vera, nistgħu nqisuha grazzja tal-Madonna għal dan il-*barbone*!

M'għandna xejn x'nitilfu jekk Marija tkun il-mistiedna speċjali fil-qalb tagħna. Anzi nistgħu ngħidu li għandna ħafna x'nirbħu. Għax Marija ma tiġix għandna weħidha, imma magħha ġġib lil Binha Ġesù. Niftakar il-kelmiet li bihom l-Evanġelista San Ġwann jintroduċi l-miraklu tat-tieġ ta' Kana. "Sar tieġ f'Kana tal-Galijia u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu." M'hemmx għalfejn noqgħod nispjega: imnalla kien hemm il-preżenza ta' Marija f'dan it-tieġ, għax magħha kien hemm Ġesù. Allura setgħet tagħmel xi ħaġa biex fejn kien qed jonqos il-ferħ, jitranġa kollox. It-tieġ jista' jkun il-ħajja personali tiegħi jew tiegħek, it-tieġ jista' jkun ir-relazzjonijiet personali tagħna fil-familja, fil-*group* li tiegħu jiena membru... Kemm jagħmlu sens l-aħħar versi ta' dak l-innu bit-Taljan li, għall-*barbone* ta' Milan, kien mument ta' grazzja: *"Marija, nosra Madre, ti preghiamo portaci nel cuore la gioia del tuo Figlio Ġesù"* (Marija, Omm tagħna, nitolbuk ġibilna f'qalbna l-ferħ ta' Ibnek Ġesù).

# 4. KATEKEŻI MAT-TFAL

**Parroċċa Madonna tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir, Ta' Kerċem**

## 1. Ilkoll Ħaġa Waħda

Tema: Fl-Għaqda nuru l-imħabba t'Alla lejn id-Dinja

Oġġett: *Jigsaw Puzzle*

Skrittura: Jiena tajthom il-qawwa li int tajt lili, biex huma jkunu ħaġa waħda bħalma aħna ħaġa waħda: jiena fihom u inti fija. Jalla huma jaslu f'għaqda sħiħa, sabiex juru lid-dinja li int bgħatt lili, u li lilhom ħabbejthom bħalma ħabbejt lili. (Ġwanni 17:22-23)

'Tfal/ħbieb intom tħobbu tagħmlu xi *jigsaw puzzle*? Il-*jigsaw puzzles* huma logħbiet li tista' tgħaddi ħafna ħin magħhom u tieħu pjaċir tagħmilhom. (iftaħ il-kaxxa tal-*jigsaw puzzle* u uri l-biċċiet tagħha). Wow! Kemm huma sbieħ dawn il-biċċiet tal-*puzzle*; hawn minn kull qies, kulur u għamla. Jekk tħares lejn biċċa waħda biss minn din il-*puzzle* ma tantx tara mill-istampa ta' fuq il-kaxxa tal-*puzzle*, hux hekk? Le dawn il-biċċiet ma tantx għandhom importanza jekk ikunu mxerrdin waħda waħda, imma meta jingħaqdu flimkien u jsiru ħaġa waħda, huma juru stampa tassew sabiħa u interessanti. Isiru ta' valur sabiħ.

Din il-*puzzle* tgħallimna ħafna dwar il-Knisja li aħna parti minnha. Il-Knisja hija magħmula minn ħafna persuni differenti. Bħall-biċċiet tal-*puzzle*, il-membri tal-Knisja huma ta' qies, kulur u għamla differenti. Ġesù stess talab biex il-Knisja tkun ħaġa waħda ħalli d-dinja kollha tara fiha l-Imħabba t'Alla għalina. Intom u jien, aħna parti minn din l-istampa importanti (il-Knisja). Ġesù jrid li aħna nħobbu, ngħinu u naqdu lil xulxin. Meta nagħmlu dan aħna nsiru ħaġa/familja waħda, eżattament kif talab Ġesù. Meta aħna nkunu ħaġa waħda, id-dinja tara l-imħabba t'Alla fina.

Sfortunatament, bħalma kultant insibuha diffiċli biex ngħaqqdu l-biċċiet tal-*puzzle* flimkien, il-membri tal Knisja jsibuha diffiċli biex ikunu ħaġa waħda bejniethom. Xi kull tant, fil-Knisja nisimgħu min jgħid "Dan il-kant li nkantaw ma jogħġobnix." Jew "Dan il-qassis idum wisq jippriedka." Meta aħna ngħidu dawn l-affarijiet u naħsbu biss f'dak li jogħġob jew ma jogħġobx lilna, ma nibqgħux ħaġa waħda. Inkunu eżatt bħall-biċċiet tal-*puzzle* meta jkunu waħidhom. Hekk ma nistgħux nuru l-imħabba t'Alla fina.

Jekk xi darba nsibu ruħna naħsbu biss f'dak li jogħġob lilna jew dak biss li nixtiequ aħna, importanti li niftakru li Ġesù talab biex aħna nkunu ħaġa waħda. Meta aħna nkunu ħaġa waħda, magħqudin bl-imħabba ta' Ġesù, id-dinja tara l-imħabba t'Alla permezz tagħna.

Għażiż Missierna tas-Sema, għinna nkunu ħaġa waħda, familja waħda kif tixtieqna int. Naħsbu f'xulxin u ngħinu lil xulxin, u mhux naħsbu dejjem fina nfusna. Ammen.

**Xi Attivitajiet li jsaħħu l-kunċett dwar il-Familja ta' Alla**

**Nilagħbu Noli għall-familja t'Alla**

Agħżel żewġ *team leaders*, u għid lill-bqija tat-tfal biex jistaħbew f'postijiet differenti. Meta wieħed mit-*team leaders* isib lil xi ħadd fil-moħba, dan ix-xi ħadd isir parti minn dik il-Familja. Huma jaqbdu id f'id u jkomplu jfittxu flimkien biex isibu aktar membri tal-familja. Il-membri ta'

kull *team* ma jistgħux jitilqu jdejn xulxin għax huma ħaġa waħda, familja waħda. Meta jinstab kulħadd, iż-żewġ timijiet jingħaqdu wkoll flimkien, għax aħna lkoll familja waħda.

***Membership Cards*** **b'xejn**

Uri lit-tfal xi *membership card*, bħal xi *library card*. Fisser li dik il-*card* turi li inti membru ta' xi grupp. Wara agħti lit-tfal biċċa kartonċina l-qies tal-*membership card*. Għid lit-tfal biex ipinġu jew jiktbu dak li jixtiequ fuq kull naħa tal-card. Jistgħu jiktbu isimhom u xi affarijiet sbieħ li juru li huma parti mill-Knisja bħal, għaqda, paċi, imħabba u affarijiet oħra li jixtiequ. Wara dawn il-*cards* jistgħu jiġu *laminated* jew miksijin bil-*contact paper* biex it-tfal ikunu jistgħu iġorruhom magħhom kull fejn imorru u kull *card* tibqa' sabiħa. Permezz ta' din il-*card* huma jistgħu dejjem jiftakru u juru li huma parti mill-familja t'Alla. Huma lkoll membri tal-familja t'Alla.

**Tpinġija dwar il-Familja t'Alla**



## 2. Nippreparaw għall-Għid il-Kbir

**Aħna Naqsmu**
"Ih kemm hi sabiħa!," qalet Kim. Hi kienet qed tħares lejn qasrija kbira u sabiħa li z-zija Lin kellha tikber fit-tieqa. Il-qasrija kellha weraq ħodor, ħomor u bojod.
"Trid tkabbar waħda bħalha Kim?" staqsietha z-zija.
"Iva nixtieq kieku!"
Iz-zija Lin poġġiet ftit ilma ġo buqar, imbagħad qatgħet biċċa mill-qasrija tagħha u poġġietha fl-ilma fil-buqar. "Issa fi ftit ġimgħat din il-fergħa tagħmel l-għeruq u tkun tista' tħawwilha" qaltilha z-zija.
"*Thank you*" qaltilha Kim.
Inti xi darba rajt lil xi ħadd iħawwel qasrija bħal din?
Il-qsari kollha għandhom bżonn l-ilma? U l-annimali? U n-nies?

**Aħna Nisimgħu**
Il-qsari, l-annimali u n-nies għandhom bżonn l-ilma biex jgħixu. L-ilma jagħti l-ħajja.
Bl-ilma tal-Magħmudija Ġesù ta ħajja ġdida lil kull wieħed u waħda minna. Din hija grazzja kbira – qed ngħixu parti mill-familja t'Alla.

Aħna diġà rċevejna l-Magħmudija, imma xorta waħda kull sena Ġesù jfakkarna kemm hi importanti l-Magħmudija. Dan isir fir-Randan. Nies kbar li jkunu għadhom ma ħadux il-Magħmudija, jippreparaw ruħhom matul ir-Randan biex fl-Għid il-Kbir jirċievu l-Magħmudija.

Fir-Randan aħna nitolbu iżjed. Nippruvaw nersqu aktar qrib lejn Ġesù. Nagħmlu aktar karità, ma nagħmlux ċerti affarijiet li s-soltu nieħdu pjaċir nagħmlu (nagħmlu sagrifiċċju).
Ir-Randan huwa żmien li fih aħna nsiru aktar bħal Ġesù.

Fl-Għid il-Kbir aħna niċċelebraw il-Qawmien mill-mewt ta' Ġesù. Niċċelebraw man-nies li jitgħammdu u ngħinuhom jersqu lejn Ġesù. L-affarijiet tajba li nagħmlu jgħinuna nkunu lkoll aktar qrib ta' Ġesù.

**Aħna nagħżlu**
Mal-familja tiegħek jew waqt il-lezzjoni tad-duttrina tkellem dwar affarijiet tajba li tista' tagħmel matul ir-Randan.

**Aħna nikbru**

Ara jekk hemmx xi ħadd fil-parroċċa tieg#ek li ser jitgħammed din is-sena. Itlob għall-persuna li ser titgħammed. Jekk m'hemm ħadd fil-parroċċa, għid talba għal dawk kollha li ser jitgħammdu dan iż-żmien.

**Noti u attivitajiet dwar il-lezzjoni "Nippreparaw għall-Għid il-Kbir"**

Ibda billi tgħid talba li fiha tirringrazzja lil Ġesù tar-Randan, żmien li fih aħna nikbru spiritwalment.

**Aħna Naqsmu**
Ir-Randan huwa żmien ta' dawl u ħajja ġdida – ir-Rebbiegħa tagħna. Iqajjem fina sejħa biex insiru Nsara aktar tajbin u jipprepara lin-nies biex jidħlu fil-familja ta' Ġesù.

F'din il-lezzjoni z-zija tat il-ħajja lil pjanta ġdida u qed tgħinha tikber billi tagħtiha l-ilma.
Agħmel enfasi fuq l-importanza li għandu l-ilma għall-ħajja billi tieħu qasrija fil-klassi u tagħtiha l-ilma biex tikber.
Iddiskuti l-mistoqsijiet ta' din is-sezzjoni.

Uri lit-tfal l-importanza tal-ilma tal-Magħmudija. L-ilma jnaddafna u jdaħħalna fil-familja ta' Ġesù. Jgħinna nikbru f'Insara tajbin.

Tkellem dwar il-kelmiet **Randan** u **Parroċċa** u fisser lit-tfal xi jfissru, u għid lit-tfal jiktbuhom fil-pitazz tad-duttrina.

*Randan – iż-żmien li fih nippreparaw għall-Għid il-Kbir*
*Parroċċa – membri mill-familja ta' Alla li flimkien ifaħħru lil Alla.*

**<u>Attività</u>**
Agħti lit-tfal, jew agħmel flimkien magħhom fil-klassi, basket/borża tal-karti miżbugħ/a vjola (il-kulur li jfisser is-sagrifiċċju tar-Randan) jew aħdar (kulur il-ħajja).

Agħmel biċċa spaga ma' fuq tal-basket biex ikollu *handle* u agħti lit-tfal *sticker* b'tema Nisranija li se jwaħħluh mal-basket.

Agħti lit-tfal lista ta' suġġerimenti għal matul ir-Randan. Dawn is-suġġerimenti jagħmlu r-Randan żmien speċjali. Għid lit-tfal jaqtgħu dawn is-suġġerimenti wieħed wieħed, jitnuhom u jitfgħuhom fil-basket.

**<u>Suġġerimenti għar-Randan:</u>**

Ma narax televixin wara l-iskola, u minflok naqra ktieb.
Ma narax il-programm favorit fuq it-tv u minflok ngħin fid-dar.
Niekol dak kollu li għandi fil-platt.
Innaddaf il-kamra tiegħi.
Noffri li naħsel il-platti.
Nagħmel il-*H.W.* mingħajr inkejja malli nasal id-dar.
Ma nikolx ħelu.
Ngħid it-talb tiegħi sew.
Nitbissem lil xi ħadd li jidher imdejjaq.
Ngħid bonġu lil xi ħadd mill-klassi li s-soltu ma tantx inkellem
Nieħu paċenzja bil-mamà u l-papà u b'ħuti
Inwarrab xi ħaġa tal-flus biex nagħtiha lill-foqra.

Jekk it-tfal jixtiequ jżidu xi ħaġa, jistgħu.

It-tfal jistgħu jieħdu karta minn ġol-borża kull filgħodu matul ir-Randan u jagħmlu dak is-sagrifiċċju ċkejken li jkun hemm miktub fuqha.

**<u>Attività:</u>**
It-tfal jiktbu talba lil Ġesù fejn jitolbuh jgħinhom jagħmlu dawn is-Sagrifiċċji.

**Aħna nagħżlu**

Għid lit-tfal biex jitkellmu mal-ġenituri tagħhom dwar il-basket li għamiltu fil-klassi u għidilhom jinkoraġġuhom biex huma wkoll jagħmlu xi tip ta' sagrifiċċju.

**Attività:**

Fisser lit-tfal li huma jistgħu jpattu għal meta ma obdewx, ma ħabbewx lill-oħrajn kif suppost, eċċ, billi jagħmlu xi affarijiet tajba għall-oħrajn. Matul ir-Randan, poġġi qoffa fil-klassi u fiha t-tfal jistgħu ipoġġu xi ħelu, bottijiet tal-*preserve* jew affarijiet oħra li huma lesti jagħtu lil min hu fil-bżonn. Imbagħad, fl-Għid il-Kbir agħti dawn l-affarijiet lil xi familja fil-bżonn.

**Attività:**

Għin lit-tfal jagħmlu kartolini lil xi anzjani li m'għandhomx min jieħu ħsiebhom jew lil dawk li jgħixu f'xi *home*. It-tfal jistgħu jużaw xi *pictures* reliġjuzi jew minn xi *cards* qodma tal-Għid. Fuq quddiem ikteb L-Għid it-Tajjeb u ġewwa jiffirmaw it-tfal.

**Aħna Nikbru**

Mad-dinja kollha l-Knisja ser tilqa' lil dawk kollha li ser jitgħammdu u jsiru parti mill-familja ta' Ġesù. Għidu talba għal dawn in-nies u offru s-sagrifiċċji tar-Randan għalihom.

**Talba tal-Aħħar**

Għid lit-tfal jagħmlu xi talb spontanju dwar dan iż-żmien sabiħ.

## 3. Inkunu Dixxipli

**Tema**: Nimxu wara Ġesù

**Oġġett**: Storja jew DVD ta' Peter Pan

**Skrittura**: Hekk kif Ġesù kien miexi ma' xatt il-baħar tal-Galilea, lemaħ lil Pietru u lil ħuh Indrì jsewwu x-xbieki tagħhom, għax huma kienu sajjieda. Ġesù mar fuqhom u qalilhom "Imxu warajja u jien inħallikom tistadu għall-bnedmin." U huma ħallew kollox u telqu warajh. (Mark 1:16-18)

Dan l-aħħar kont qed naqra l-ktieb/nara l-film ta' Peter Pan. Intom ġieli qrajtuh? F'din l-istorja t-tfal ikantaw u jilagħbu logħba jisimha "*Following the Leader*" jiġifieri nobdu lil min qed imexxina. Dawn it-tfal ikantaw:

*Following the leader, the leader, the leader*
*Following the leader, wherever he may go.*

Intom ġieli lgħabtu "*Following the leader*"? Jien lgħabtha kemm-il darba meta kont żgħir. It-tfal madwar id-dinja kollha jilagħbu "*Following the leader*", u tgħidx kemm jieħdu pjaċir.

Ir-regoli ta' din il-logħba huma faċli ħafna. Jintgħażel *leader* u kulħadd jimxi warajh kull fejn imur u jagħmel bħalu f'kollox. Jiġifieri tgħaddi minn xi għadira bl-ilma wara x-xita, tixxabbat ma' xi *fence*, tkanta xi *song*. Insomma kulħadd jagħmel bħal-*leader* biex ħadd ma jitlef (basta ma jkunux affarijiet li jagħmlu ħsara lilna jew lil ħaddieħor eh?).

Mela lkoll naqblu li "*Following the Leader*" hija logħba sabiħa. Fil-ħajja tagħna ta' kuljum nagħmlu ħafna "*Following the leader*". Fl-iskola, fid-dar, fil-Knisja u f'kull attività oħra li nagħmlu dejjem hemm min hu l-*leader*. Kuljum niġu f'sitwazzjoni li rridu nagħżlu jekk nobdux mil-*leader* jew le, jekk il-*leader* hux qed imexxina tajjeb jew le. Għalhekk irridu noqogħdu attenti li nagħżlu *leader* li jmexxina fit-triq it-tajba.

Darba Ġesù kien miexi max-Xatt tal-Galilea u ltaqa' ma' Pietru u Indrì li kienu qed isewwu x-xbieki tagħhom peress li huma kienu sajjieda. Ġesù mar ħdejhom u qalilhom, "Imxu warajja u jien nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin." Il-Bibbja tgħidilna li huma telqu kollox u mxew warajh. Imbagħad Ġesù kompla miexi u ra żewġt irġiel oħra, Ġakbu u Ġwanni, li wkoll kienu sajjieda u kienu jsewwu x-xbieki tagħhom. Huma wkoll ħallew id-dgħajsa u mxew warajh.

Sal-lum Ġesù għadu jsejjaħ in-nies biex ikunu dixxipli tiegħu. Hu sejjaħ lili u lilkom ukoll biex inkunu dixxipli tiegħu. Issa Hu ħalliena liberi biex niddeċiedu jekk irridux inkunu dixxipli u ħbieb veri ta' Ġesù jew le. Biex inkunu dixxipli ta' Ġesù rridu dejjem infittxu li nagħmlu dak li hu tajjeb, kemm għalina u kemm għall-oħrajn. Irridu nżommu l-paċi fejn inkunu, ngħinu lil min hu fil-bżonn, inferrħu lil min narawh imdejjaq, inħajru lill-oħrajn biex huma wkoll ikunu ħbieb ta' Ġesù. (Hawn tista' tistaqsi lit-tfal biex huma wkoll isemmu xi affarijiet li jagħmluna dixxipli veri ta' Ġesù.)

**<u>Talba:</u>** Ġesù, int sejjaħtilna sabiex nimxu warajk. Għinna biex, bħal Pietru u Indrì, Ġakbu u Ġwanni, aħna wkoll ngħidulek "Iva Mulej, aħna ħa nimxu warajk kull fejn tmexxina int."

### <u>X'ifisser li Tkun Dixxiplu?</u>

**<u>Oġġett</u>**: Jew doqq xi biċċa mużika, jew qabbad lil xi ħadd li jdoqq xi ftit fuq pjanu/kitarra/vjolin.

**Skrittura:** "U kull min ma jerfax salibu u jimxi warajja, ma jistax ikun dixxiplu tiegħi. Nissoponu li xi ħadd minnkom irid jibni torri. Ma joqgħodx hu l-ewwel bilqiegħda u jikkalkula kemm ser jonfoq biex jara għandux biżżejjed flus? Għax jekk jibda l-pedament u ma jkomplix jaqa' għaċ-ċajt u kulħadd jgħid 'Il-ħabib tagħna beda jibni imma ma kompliex'." (Luqa 14: 27-30)

Kemm hawn minnkom jixtiequ jafu jdoqqu l-pjanu hekk? Bil-mod, qabel tgħollu jdejkom daqshekk malajr, aħsbu ftit. L-ewwel irridu naraw kemm jiswiena flus biex nitgħallmu l-pjanu.

L-ewwel nett ikollna nixtru pjanu. Tkun taċ-ċajt li ngħidu li rridu nitgħallmu l-pjanu jekk m'aħniex lesti jew ma nistgħux immorru nixtru pjanu. Fil-gazzetta, jien rajt reklam ta' pjanu għall-bejgħ; jiswa xi 700 Ewro u għandu bżonn xi tiswija. Pjanu ġdid jiswa ħafna iżjed minn hekk. Tgħid xorta għadni nixtieq nitgħallem indoqq il-pjanu?

Jekk iva, issa rrid insib *teacher* tajjeb li jgħallimni l-pjanu. Jekk vera rrid nitgħallem indoqq sew, ma nistax ngħallem il-pjanu lili nnifsi. Erġajt fittixt fil-gazzetta u sibt *teacher* li jagħti l-lezzjonijiet. Dawn jiswew 25 Ewro fil-gimgħa, jiġifieri mal-100 Ewro fix-xahar. Tgħid għadni nixtieq l-istess? Issa x'jonqos? Għandi bżonn il-kotba tal-mużika. Mort f'ħanut li jbigħhom u l-irħas ktieb kien xi 20 Ewro, u kopja ta' silta waħda tal-mużika xi 5 Ewro.

Issa, tfal, forsi wħud minnkom qed jgħidu " U iva, dawk li jieħdu ħsiebi żgur li ser jixtruli l-pjanu u l-kotba li għandi bżonn. Żgur iħallsuli l-lezzjonijiet biex nitgħallem. Imma dak għadu mhux kollox. Trid tkun lest li tistudja u tipprattika biex titgħallem iddoqq sew. Ħafna *teachers* jitolbu lill-istudenti tagħhom biex jipprattikaw tal-inqas siegħa kuljum. Dan ifisser li waqt li sħabi jkunu barra jilagħbu, jien irrid nibqa' ġewwa nipprattika u nistudja. Jekk int tixtieq li titgħallem il-pjanu u taf kemm ser jiswiek flus, ħin u sagrifiċċju, trid tkun lest li tħallas għalih.

Tafu li Ġesù qal dawn l-istess affarijiet lil dawk li qalu 'iva' biex ikunu dixxipli tiegħu? Ġesù qalilhom li jekk riedu jimxu warajh kellhom prezz xi jħallsu; riedu jagħmlu sagrifiċċju u jagħtu l-ħin tagħhom. Hu qalilhom li jridu jerfgħu salibhom (hawn tista' titkellem mat-tfal dwar x'jista' jkun ta' salib għalihom eż: ħuthom iżgħar minnhom li jqattgħulhom xi ktieb jew ġugarell li għandhom għal qalbhom, il-ġenituri li jgħajtu magħhom għal affarijiet żgħar għax ġejjin għajjenin mix-xogħol.) u jimxu warajh kuljum. Hu qalilhom li, biex ikunu dixxipli veri, jista' jkun hemm bżonn li jħallu l-familja u l-ħbieb tagħhom. Ġesù qalilhom ukoll li jista' jkun li jkun hemm min jgħajjarhom, jidħaq bihom jew ikun irid iweġġagħhom. Huma riedu jaħsbuha sew, jaraw il-prezz u jkunu ċerti li jridu jħallsu għalih.

Ħafna nies illum ukoll jgħidu li jridu jimxu wara Ġesù. Fil-bidu tarahom kuljum il-Knisja, jgħinu lill-oħrajn, ibatu biex iżommu l-paċi, eċċ. Imma mbagħad maż-żmien jaqgħu lura. Jibdew jgħixu kif jaqbel lilhom u kif ikunu komdi huma. Ma jimpurtahomx jekk ta' ħdejhom jinsabu mdejqin, basta huma sew. Ma jimpurtahomx li biex tkun dixxiplu veru trid tbati u tiċċaħħad minn affarijiet li jistgħu jkunu ta' ħsara għalik jew għal ta' madwarek. Li tkun dixxiplu veru mhux faċli, imma hu ta' sodisfazzjon kbir. M'hemm xejn aqwa milli tkun ħabib veru ta' Ġesù. Meta tkun ħabib veru ta' Ġesù tħoss ferħ u paċi ta' veru f'qalbek.

**Talba:** Ġesù huwa faċli li ngħidu li rridu nkunu dixxipli/ħbieb tiegħek imma mhux dejjem faċli ngħixu dak li ngħidu. Għinna biex inkunu sodi u nimxu warajk.

**Attività: Poster : *Inħallsu l-Prezz - Nimxu Wara Ġesù***

It-*teacher* tad-duttrina tagħmel kartonċina kbira u fuq tikteb dan it-titlu ta' hawn fuq. Fuq il-kartonċina twaħħal ħafna *foot prints* żgħar tal-karti mexjin fid-direzzjoni lejn dan it-*title*. Wara

tgħin lit-tfal biex kull wieħed u waħda jiktbu xi ħaġa li tista' tkun il-prezz li rridu nħallsu biex inkunu veru dixxipli ta' Ġesù, eżempju:

Ma nagħmlux affarijiet ħżiena anke jekk il-ħbieb jagħmluhom.
Immorru ngħixu f'post ieħor u nħallu l-ħbieb.
M'għandniex dar kbira u sabiħa bħal ta' ħdejna.
Il-karozza tagħna mhix komda daqs tal-ħbieb.
Il-ħbieb ma ħallewnix nilgħab magħhom fil-brejk.

# IR-RABA' TAQSIMA: ĊELEBRAZZJONIJIET U LAQGĦAT

## 5. VIA CRUCIS BIBLIKA

**Tiziana Lepre**

***Il-Via Crucis, miktuba minn tfajla Taljana, hi mfassla fuq l-istazzjonijiet tal-Via Sagra tas-Santwarju Ta' Pinu, miġjuba għall-Malti minn Francesco Pio Attard.***

### STAZZJON 1: Ġesù jagħmel l-Aħħar Ikla mal-Appostli

*"Qabel il-festa tal-Għid, billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar" (Ġw 13:1).*

Mulej, int l-aqwa eżempju tal-imħabba li ma tafx b'limiti. Int il-mudell tagħna ta' kif ngħixu l-imħabba. Imma kif tista' tħobb tassew? Liema huma l-imwiet spiritwali tagħna? Fejn hemm bżonn li mmutu aħna biex inħallu lilek taħdem fina? Għallimna ningħataw għal xulxin, Mulej. Għallimna nagħtu lilna nfusna kollna kemm aħna.

### STAZZJON 2: Ġesù jitlob fil-Ġnien tal-Ġetsemani

*"Imbagħad ħareġ u mar bħas-soltu fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, u d-dixxipli wkoll marru miegħu. Kif wasal hemmhekk, qalilhom: 'Itolbu li ma tidħlux fit-tiġrib'. Imbagħad tbiegħed minnhom daqs tefgħa ta' ġebla, u nxteħet għarkubbtejh jitlob u jgħid: 'Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi'. Deherlu anġlu mis-Sema biex jagħmillu l-qalb" (Lq 22:39-43).*

X'inhu li trid minna, Mulej? Liema hi r-rieda tiegħek għal kull wieħed u waħda minna? Ġesù, int ma ħrabtx quddiem il-Passjoni tiegħek, imma bqajt hemm titlob. U jekk ir-rieda tiegħek ma nifhmuhiex? Jekk ma togħġobniex? Jekk inħossuha skomda? Hawn aħna, Mulej, u nitolbuk biex ir-rieda tagħna taqbel ma' tiegħek, anzi tkun rieda waħda u sħiħa, dik li tagħtina l-veru ferħ fil-qalb tagħna.

### STAZZJON 3: Ġuda l-Iskarjota jittradixxi lill-Imgħallem tiegħu

*"Kif kien għadu jitkellem, waslet ġemgħa nies. Quddiem kien hemm dak li jismu Ġuda, wieħed mit-Tnax, u dan resaq lejn Ġesù biex ibusu. Imma Ġesù qallu: 'Bewsa għażilt, Ġuda, biex tittradih lil Bin il-bniedem?'" (Lq 22:47-48).*

Kif qed nittradik jien, Ġesù? Forsi qed nagħżel dejjem li nieqaf pass qabel, biex ma nħammiġx idejja, għax wara kollox sa jkun hemm xi ħadd ieħor li jagħmel hekk floki? Forsi l-messaġġ

tiegħek baqa' xi ħaġa li tapplika biss għall-moħħ, li naqbel magħha imma ma nħallix li tidħol fl-għażliet profondi ta' ħajti? Forsi qiegħed hemm, dejjem nistenna li nirċievi, imma qatt ma nagħti xejn? Mulej, dan inti tafu. Għinna biex ma nittradukx, biex infittxu dejjem il-Verità.

### STAZZJON 4: Ġesù kkundannat għall-mewt tas-salib

*"Mela kif kienu miġbura, Pilatu qalilhom: 'Lil min triduni nitilqilkom, lil Barabba jew lil Ġesù li jgħidulu l-Messija?'. Għax hu kien jaf li kienet l-għira li ġagħlithom jagħtuh lil Ġesù f'idejh. Issa waqt li kien bilqiegħda fuq is-siġġu tat-tribunal, martu bagħtet tgħidlu: 'Qis li ma jkollokx x'taqsam ma' dan ir-raġel ġust, għax illum minħabba fih batejt ħafna fil-ħolm'. Iżda l-qassisin il-kbar u x-xjuħ ġiegħlu l-poplu jitolbuh lil Barabba u jeqirdu 'l Ġesù. Il-Gvernatur, mela, raġa' staqsiehom: 'Lil min triduni nitilqilkom minnhom it-tnejn?'. 'Lil Barabba'. Qalilhom Pilatu: 'U x'nagħmel b'Ġesù li jgħidulu l-Messija?'. Weġbuh ilkoll: 'Sallbu!'. Hu staqsiehom: 'Imma x'għamel ħażin?'. Huma aktar bdew jgħajtu u jgħidu: 'Sallbu!'. Meta mbagħad Pilatu ra li kollox kien għalxejn, anzi li aktarx kienet se tinqala' xi rewwixta, qabad, ħasel idejh fl-ilma quddiem il-poplu u qal: 'Jien m'iniex ħati ta' dan id-demm: dan arawh intom'. U l-poplu kollu qabeż u qal: 'Demmu fuqna u fuq uliedna'. Imbagħad telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh" (Mt 27:17-26).*

Illum sa nsalvawk, Mulej. M'aħniex ħa ngħajtu "Barabba", żgur li le. Sa nsalvaw lit-tnejn li intom! Hu l-ħażen li hemm ġo fina li jġagħilna nagħżlu ħażen ieħor, Barabba ieħor li nixtiequ neħilsu. Kif nagħmlu biex nagħżlu dejjem it-tajjeb? Kif inneħħu minn ġo qalbna dawk is-sentimenti ta' mibegħda, rabja u vendetta li jbejtu ġo fina? Mulej, eħlisna mit-tiġrib u mit-tentazzjoni li nagħmlu l-ħażen.

### STAZZJON 5: Ġesù jiltaqa' ma' Ommu Marija

*"Xmun berikhom, u qal lil ommu Marija: 'Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Israel; se jkun sinjal li jmeruh, u inti wkoll sejf jinfidlek ruħek, biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna'. Kien hemm ukoll waħda profetissa, Anna, bint Fanwel, mit-tribù ta' Aser. Kienet imdaħħla ħafna fiż-żmien; wara xbubitha kienet għamlet seba' snin miżżewġa, u mbagħad romlot. Sa ma kellha erbgħa u tmenin sena ma kienet titwarrab qatt mit-Tempju, lejl u nhar taqdi lil Alla fis-sawm u t-talb. Dak il-ħin stess waslet, u bdiet trodd ħajr lil Alla u titkellem fuq it-tarbija ma' dawk kollha li kienu jistennew il-fidwa ta' Ġerusalemm. Meta temmew kulma kellhom jagħmlu skond il-Liġi tal-Mulej, reġgħu lura lejn il-Galilija fil-belt tagħhom ta' Nazareth. U t-tifel baqa' jikber u jissaħħaħ, mimli bl-għerf. U l-grazzja ta' Alla kienet fuqu. Ta' kull sena l-ġenituri ta' Ġesù kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa tal-Għid. Meta kellu tnax-il sena telgħu wkoll, skond id-drawwa ta' dik il-festa. Wara li għaddew dawk il-ġranet, qabdu t-triq lura, imma t-tfajjel Ġesù baqa' Ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu. Huma ħasbuh qiegħed ma' xi wħud li kienu fit-triq magħhom; iżda meta wara jum mixi fittxewh fost qrabathom u n-nies li kienu jafuhom, ma sabuhx, u għalhekk reġgħu lura Ġerusalemm ifittxuh. Imbagħad niżel magħhom u raġa' mar Nazareth; u kien jobdihom. U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha" (Lq 2:34-45,51).*

Mulej, permezz ta' Marija int tagħtina l-ogħla eżempju ta' Mħabba umana, dik li għandna nfittxu li jkollna, anki jekk m'aħniex ġenituri fis-sens strett tal-kelma. Marija hi dejjem hemm, Mulej, lesta biex b'libertà sħiħa tarak sejjer u bl-istess mod tilqgħek għandha. Mulej, irridu nafdaw f'idejk il-familji kollha tagħna. Ħa tkun l-Imħabba li biha Marija u Ġużeppi rabbewk u aċċettaw

il-missjoni tiegħek, eżempju għal kull wieħed u waħda minna. Agħmel, Mulej, li anki aħna 'l quddiem nagħrfu nibnu familji verament Insara u komunitajiet li dejjem ikunu lesti jagħtuk qalbhom.

**Stazzjon 6: Ġesù jaqa' taħt is-salib**

*"Bħal xitla kiber quddiemna, u bħal għerq minn art niexfa. Ebda sura ma kellu, u ebda ġmiel biex inħarsu lejh, jew xi sura biex nitgħaxxqu bih. Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard, bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu, bniedem imżeblaħ, u aħna xejn ma qisnieh. Iżda hu rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna. Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat, mitluq minn Alla u miġjub fix-xejn. Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna. Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna" (Is 53:2-5).*

Mulej, int erfajt fuqek it-tbatijiet kollha tagħna, il-biżgħat tagħna, id-dubji tagħna, id-diffikultajiet tagħna. U dan kollu sar parti mill-istorja tiegħek, mill-biżgħat tiegħek, mid-dubji tiegħek, mid-diffikultajiet tiegħek. Mulej, la tħalli qatt li dan kollu jaqtgħalna qalbna. Agħmel li kull wieħed u waħda minna joħroġ rebbieħ fuq id-delużjonijiet, id-dwejjaq, l-inċertezzi tiegħu. Għinna biex nirrealizzaw lilna nfusna, dejjem.

**Stazzjon 7: Ġesù jiltaqa' man-nisa ta' Ġerusalemm**

*"Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: 'Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom. Għax, araw, għad jiġi żmien meta jgħidu: "Hienja dik li ma għandhiex tfal, hieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma redda'!". Imbagħad jibdew jgħidu lill-muntanji: "Aqgħu fuqna!", u lill-għoljiet: "Ordmuna!". Għax jekk dan kollu qegħdin jagħmluh liz-zokk meta għadu aħdar, mela xi jsir minnu meta jinxef?'" (Lq 23:26-31).*

Xi drabi, Mulej, ma nafux nagħrfu bejn iz-zokk l-aħdar u z-zokk in-niexef. Nifxlu dak li jagħti l-ħajja ma' dak li m'għadx għandu ħajja x'jagħtina. U bħan-nisa ta' Ġerusalemm, naqgħu fid-disperazzjoni għax jirbaħ fuqna n-niket, u ma nafux x'sa naqbdu nagħmlu iżjed. Mulej, biegħed minna dak kollu li jista' jagħmlilna d-deni. Begħidna mid-dnub, agħtina l-qawwa li nagħżlu dejjem it-tajjeb, li nibqgħu qrib tiegħek, li kull ġurnata li tgħaddi nagħżlu z-zokk l-aħdar, fuq kollox meta dan iġib miegħu tbatija u ċaħdiet.

**Stazzjon 8: Ġesù megħjun minn Xmun minn Ċirene**

*"Huma u sejrin bih, qabdu wieħed, jismu Xmun, minn Ċireni, li kien ġej lura mir-raba', u għabbewh bis-salib biex iġorru wara Ġesù" (Lq 23:26).*

Diffiċli ngħidu li bniedem, persuna bħalna, jista' xi darba jgħin lilek, Mulej. Anzi, aħna li għandna bżonn tiegħek, tal-ħarsa tiegħek, tal-ħniena tiegħek. U safrattant, fil-ġest ta' Xmun hemm il-karba tiegħek għall-għajnuna lil kull wieħed u waħda minna. Aħna nistgħu ngħinuk, Mulej, biex qatt ma tonqos fina t-tama li nistgħu nibnu dinja aħjar fuq il-messaġġ tiegħek ta' Mħabba. Nistgħu ngħinu lil xulxin, nistgħu nkunu jdejk fuq din l-art. Mulej, titlaqniex waħidna. Ibqa'

itlobna ngħinuk, u tieqaf qatt tfakkarna li aħna dejjem hemm, maġenbek, bħal Xmun, biex nagħtu l-kontribut tagħna.

### STAZZJON 9: Ġesù mneżża' minn ħwejġu

*"Wara li sallbu lil Ġesù, is-suldati ħadu l-ilbies tiegħu u qassmuh f'erbgħa, sehem lil kull wieħed minnhom. U ħadu wkoll it-tunika; din kienet libsa bla ħjata, minsuġa biċċa waħda minn fuq s'isfel. Ftiehmu bejniethom u qalu: 'Ma nqattgħuhiex, iżda nitfgħu x-xorti għaliha, u lil min tmiss, jeħodha'. Dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid: 'Qasmu ħwejġi bejniethom u għall-ilbies tiegħi qatgħu x-xorti'. Hekk għamlu s-suldati" (Ġw 19:23-24).*

Kultant, Mulej, nilagħbu miegħek l-istess kif is-suldati lagħbu għal ħwejġek. Inwaqqgħuk għaċ-ċajt kull darba li nagħżlu li ma nimxux skond it-tagħlim tiegħek, il-Kelma tiegħek, u nitbiegħdu minnek. Inneżżgħuk mill-essenza ta' Mħabbtek, nilagħbu bik, u ma nintebħux li qabel kulħadd inkunu qed inweġġgħu lilna nfusna. Hawn aħna, Mulej, nitolbuk biex tkun dejjem il-blata tagħna, it-tama vera tagħna.

### STAZZJON 10: Ġesù msammar mas-salib

*"U wassluh f'post jismu Golgota, li jfisser post il-Qorriegħa. U tawh jixrob inbid imħallat bil-mirra, imma hu ma riedx jieħu minnu. Imbagħad sallbuh, u qassmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti ħalli kull wieħed jieħu li jmissu. Kienet it-tielet siegħa xħin sallbuh. Il-kitba li turi l-ħtija tal-kundanna tiegħu kienet tgħid hekk: 'Is-sultan tal-Lhud'" (Mk 15:22-26).*

Mulej, ftit li xejn niftakru fit-tbatija fiżika li ġarrabt fit-tislib tiegħek. Għax ma tantx aħna mdorrijin naħsbu, u wisq anqas għandna idea diretta ta' fiex kien jikkonsisti dan il-metodu antik ta' tortura. U safrattant, Mulej, it-tbatija seħbitek tul it-triq tas-salib, u minkejja dan kollu, int għażilt mill-ġdid, ma' kull tismira, li tibqa' hemm, fuq is-salib, għalina lkoll, biex turina li t-triq tal-Imħabba vera hi waħda: li nagħtu lilna nfusna għall-oħrajn.

### STAZZJON 11: Ġesù jmut fuq is-salib

*"Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: 'Mara, hawn hu ibnek'. Imbagħad qal lid-dixxiplu: 'Hawn hi ommok'. U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu. Wara dan, Ġesù, billi issa kien jaf li kollox kien mitmum, biex isseħħ l-Iskrittura, qal: 'Għandi l-għatx'. Kien hemm bieqja mimlija bil-ħall; huma xarrbu sponża bil-ħall, waħħluha ma' qasba tal-issopu, u ressquhielu lejn ħalqu. Kif Ġesù ħa l-ħall, qal: 'Kollox hu mitmum'. Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu" (Ġw 19:26-30).*

Quddiem il-misteru tal-mewt tiegħek, nistgħu biss nitolbu li nidħlu fil-profondità tagħna nfusna. Għaliex, Mulej? Għaliex b'dan il-mod? Offrejt l-innoċenza tiegħek lil kull wieħed u waħda minna. L-imħabba tiegħek mimlija ħniena tgħatti d-dnubiet kollha tagħna, u, grazzi għalik, mhemm xejn li qatt ma jista' jinħafer.

**STAZZJON 12: Ġesù mniżżel mis-salib f'dirgħajn Ommu Marija**

*"Xħin sar filgħaxija, ġie raġel għani, minn Arimatija, jismu Ġużeppi, li hu wkoll kien sar dixxiplu ta' Ġesù; mar għand Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù. Imbagħad Pilatu ordna li jingħatalu" (Mt 27:57-58).*

Minħabba fir-rispett profond li kellu għalik, Ġużeppi ta' Arimatija talab li jingħata l-ġisem tiegħek, biex iħarsu u jieħu ħsiebu, għall-aħħar darba. Kemm attenzjoni wara dan il-ġest sempliċi, kemm imħabba moħbija! Nitolbuk, Mulej, li kull wieħed u waħda minna jkun dejjem attent għall-ħtiġijiet ta' ħutu, dawk li jidhru minn barra imma wkoll dawk l-iktar moħbija. Agħmel minna bnedmin iktar sensibbli, dejjem lesti li nħarsu l-Verità tal-persuna l-oħra, dejjem disponibbli, dejjem lesti biex nilqgħu lil xulxin bi mħabba.

**STAZZJON 13: Ġesù midfun f'qabar ġdid**

*"Ġużeppi ħa l-ġisem u keffnu f'liżar nadif, qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu li kien ħaffer fil-blat, gerbeb ġebla kbira fid-daħla tal-qabar, u telaq. Iżda Marija ta' Magdala u Marija l-oħra baqgħu hemm bilqiegħda biswit il-qabar" (Mt 27:59-61).*

Baqa' xi ħadd ħdejk, Mulej: Ġwanni, ommok, in-nisa li mxew warajk. Ftit wisq ħdejn il-folol li kellmuna fuqhom il-Vanġeli. Imma kif nistgħu nagħtu xhieda tiegħek, Mulej, meta nibżgħu wisq li jwaqqgħuna għaċ-ċajt, meta nagħmlu għażliet li jmorru kontra l-kurrent f'din is-soċjetà u nsibu ruħna ftit nies, bħan-nisa quddiem il-qabar? Mulej, agħmilna kapaċi nagħżlu t-tajjeb u nimxu fih anki meta nisfaw waħidna, meta kien ikun aktar faċli u mal-moda li nkunu bħall-oħrajn, meta nħossu li għandna nimxu warajk u fl-istess ħin li qed nitbiegħdu mill-mentalità komuni.

**STAZZJONI 14: Ġesù jqum rebbieħ fuq il-mewt**

*"Kif qalet hekk, daret lura u rat lil Ġesù wieqaf, iżda ma ntebħitx li kien Ġesù. Ġesù qalilha: 'Mara, għalfejn qiegħda tibki? Lil min qiegħda tfittex?'. Hi ħasbet li kien il-ġennien, u qaltlu: 'Sinjur, jekk ħadtu int minn hawn, għidli fejn qegħedtu, u jiena nġibu lura'. Ġesù sejħilha: 'Marjam'. Hi daret u qaltlu bil-Lhudi: 'Rabbuni!', jiġifieri Mgħallem. Ġesù qalilha: 'La tmissnix, għax għadni ma tlajtx għand il-Missier; imma mur għand ħuti u għidilhom li se nitla' għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom'" (Ġw 20:14-17).*

Agħtina, Mulej, il-ferħ l-aktar kbir: iċ-ċertezza tal-ħajja miegħek għal dejjem. Il-Qawmien tiegħek jissupera l-umanità kollha tagħna. Hu t-tama żgura li f'ħajjitna nistgħu nirbħu kull sitwazzjoni, fuq kull mewt fiżika u spiritwali li qatt nistgħu nġarrbu. Dan ikun għalina dejjem motiv ta' faraġ, sostenn, għan aħħari tal-ħajja tagħna.

**Talba**

Xerred, Mulej, il-barka tiegħek fuqna, lilna li bil-mewt ta' Ibnek għamiltna l-poplu ġdid tiegħek; ħa jaslu għandna l-maħfra u l-faraġ tiegħek, tikber fina l-fidi, titqawwa fina ċ-ċertezza tal-fidwa eterna. Bi Kristu Sidna. Ammen.

# 6. ¿ALLA?



## Proposti għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ

**Dun Joseph Curmi**



**PREŻENTAZZJONI**

Ninsabu fis-Sena tal-Fidi. Il-fidi hi esperjenza li kulħadd hu kapaċi għaliha bil-mod tiegħu. Però bħal kull tip ta' fiduċja hemm bżonn li l-bniedem jasal għal deċiżjoni.

Dawn l-iskedi bl-isem **'¿Alla?'** m'għandhomx l-iskop li jagħtu risposti prefabbrikati. Fil-mixja tal-fidi r-risposta li tiġi minn barra jekk ma toħloqx provokazzjoni għal mixja personali hi kważi inutli. L-unika risposta li tista' sserraħ il-qalb hi biss l-esperjenza personali tal-fidi.

> *"The 'door of faith' (Acts 14:27) is always open for us, ushering us into the life of communion with God and offering entry into his Church. It is possible to cross that threshold when the word of God is proclaimed and the heart allows itself to be shaped by transforming grace. To enter through that door is to set out on a journey that lasts a lifetime." (Benedict XVI, "Porta Fidei" n.1)*

Meta nitkellmu minn Alla u mill-fidi, mill-ewwel nidħlu fit-tfittxija, jiġifieri fid-dubju. Però hu propju dan li jista' jwassalna għal għażla iktar vera, iktar radikali u inqas ta' drawwa.

Is-simbolu ta' din il-mixja tista' tkun il-*fingerprint* li turi li kull persuna hi unika u irrepetibbli. Il-*fingerprint* tfakkar fl-idea tal-OK, jiġifieri meta wieħed jagħmel is-sinjal b'idu billi jgħolli is-sebgħa l-kbir b'sinjal ta' approvazzjoni. Ifakkarna ukoll fl-idea tal-imperatur Ruman li permezz ta' dan il-ġest juri d-deċiżjoni tiegħu jekk isalvax jew joqtolx il-kristjani fl-arena. Għalhekk id-deċiżjoni tal-fidi hi waħda personali.

Din il-mixja qasira ta' skoperta mill-ġdid tal-fidi tikkonsisti f'4 skedi u ċelebrazzjoni penitenzjali. Din il-mixja tibda billi l-adolexxenti jistaqsu lilhom infushom dwar min hu Alla għalihom. Imbagħad fit-tieni skeda jittieħdu xi persunaġġi li fil-ħajja sempliċi tagħhom Alla għamel differenza. It-tielet skeda tipprova tasal għal definizjoni ta' min hu dixxiplu permezz tal-kelma t'Alla. Ir-raba' skeda taqbad xi sinjali jew ġesti tal-quddiesa li jesprimu minn barra l-fidi tal-qalb. Din il-mixja tingħalaq permezz ta' ċelebrazzjoni penitenzjali dwar ix-xhieda tal-imgħammdin.

## 1. ¿ALLA?



**Finalità**

Permezz tal-***film 'Bruce Almighty'***, l-adolexxenti jaslu biex jistaqsu dwar alla (dwar l-eżistenza jew le ta' xi divinità, dwar xi ħadd jew xi ħaġa soprannaturali). Jekk qabel ma nitkellmu dwar Alla kristjan ma jkunux affrontati dawn id-domandi jista' jkun li nkunu qed ninjoraw dubji li fuqhom trid tinbena l-fidi.

**Skopijiet**

1. L-adolexxent irid jistaqsi lilu nnifsu b'sinċerità dwar alla mingħajr ma jieħu *fore-granted* il-fidi tiegħu.
2. L-adolexxent irid jasal għal xewqa li jemmen f'xi "realtà" ikbar minnu.

**Materjal**

- Film: Bruce Almighty
- Kartonċin, Markers, biros

**Dinamika**

- ✓ **L-ewwel mument:** (film + 5mins brainstorming) Wara li jintwera il-film Bruce Almighty isir mument qasir ta' brainstorming dwar il-persunaġġ interpretat minn Jim Carey. Hu ferm importanti li l-animatur/katekista ma jippreżentax il-film bħala wieħed b'xi tagħlima lesta imma sempliċiment jgħid it-title, producer, sena u pajjiż fejn ġie maħdum. L-iskop li l-istudenti ma jingħatawx kollox lest hu li jibdew jaħsbu b'moħħhom. Ħafna studenti il-film ikunu ġa rawh. Dan ma jimpurtax għax meta jarawh it-tieni darba jindunaw iktar bid-dettalji. Il-brainstorming qasir jista' jsir fuq għamla ta' chart u jista' jservi bħala materjal għall-laqgħa ta' wara.
- ✓ **It-tieni mument:** (madwar siegħa) Jiġu preparati sett ta' mistoqsijiet li jwasslu biex l-adolexxenti jqabblu l-ħajja tagħhom ma' dik tal-protagonista tal-film. (N.B. Meta l-grupp ikun ta' numru kbir ikun aħjar li jinqasam fi gruppi iżgħar: ta' xi 6-7 adolexxenti segwiti minn adult).

*(N.B. Iż-żewġ mumenti tajjeb isiru f'żewġ laqgħat separati)*

**Riżorsi**

**Film: Bruce Almighty**
**Tip:** Comedy
**Director:** Tom Shadyac
**Atturi:** Jim Carey (Bruce Nolan)
Jennifer Aniston (Grace)
Morgan Freeman (Alla)
**Pajjiż:** Amerka
**Distribuzzjoni:** Buena Vista International
**Sena:** 2003
**Mużika:** John Debney
**Ħin:** 96'

**Storja tal-film**

Bruce hu reporter tat-television li jaħdem f'kumpanija li ma tantx hi magħrufa u jagħmel servizzi mhux daqshekk importanti. Il-film jibda bil-protagonista qed jintervista żewġ anzjani jagħmlu l-ħelu u li xtaqu jagħmlu l-ikbar pasta fil-belt ta' Buffalo. Iż-żewġ anzjani ma tantx huma midħla tal-camera u Bruce isibha diffiċli jagħmel servizz diċenti minħabba l-kliem u l-imġieba tagħhom. Meta jirritorna l-uffiċju sieħbu li jokkupa post importanti jgħaddih biż-żmien. Id-dar ikollu jisma' t-tgergir tal-mara li tixtieq iktar preżenti fil-ħajja tal-familja. Irid jieħu paċenzja bil-kelb li jagħmel il-bżonnijiet tiegħu fid-dar. Fl-istazzjon tat-television fejn jaħdem Bruce ikun hemm possibiltà ta' *promotion* għal post importanti ħafna li Bruce xtaq jieħdu hu. Għalhekk jitlob id-direttur biex jagħtih servizz iktar serju minn tas-soltu biex jurih li kien kapaċi. Id-direttur jagħtih din il-possibiltà li juri t-talenti tiegħu billi jagħtih servizz *live* fejn *waterfall*.

Bruce feraħ immens, imma fl-istess waqt li hu kien qed jippreżenta dan is-servizz sieħbu li kien jgħaddih biż-żmien ġie magħżul għall-post li xtaq Bruce (*anchorman*). Bruce taqbiżlu u jagħmel diżastru kbir tant li id-direttur kien obbligat ikeċċih.

Hawn jiġru sensiela ta' kumbinazzjonijiet sfortunati. Infatti malli joħroġ mix-xogħol, jipprova jaqbeż għal tallab u jlaqqat xebgħa mingħand il-*gang*. Malli jasal id-dar jiġġieled mal-mara, u jkollu jiġġieled mal-kelb li jippreferi jagħmel il-bżonnijiet tiegħu fid-dar. Joħroġ mid-dar, u jitlaq bil-karozza diġa migrufa mill-grupp li tah xebgħa u jaħbat m'arblu u jkisser il-karozza. Hu joħroġ mill-karozza u jibda jitkellem m'Alla u jgerger miegħu u jgħidlu li hu l-uniku li mhux jagħmel xogħlu. Hu propju f'dan il-waqt li Alla jiddeċiedi li jagħti lil Bruce l-omnipotenza tiegħu. Il-*pager* ta' Bruce jibda kontinwament idoqq iżda n-numru ta' min qed iċempel ma jagħrfux u meta jċempel lura jiġi offrut xogħol u jigħata indirizz biex imur għall-interview.

L-għada, filwaqt li kien sejjer ifittex dak l-indirizz x'ħin niżel mill-karozza, jgħaddas siequ f'ħofra mimlija tajn u jsir pesta. Daħal fil-binja u ma sab xejn ħlief il-ħitan u l-art bojod. Hu jiltaqa' m'Alla taħt forma ta' raġel li jisfidah biex jagħmel xogħlu floku. Bruce fil-bidu ma jemminx imma kważi mill-ewwel jikkonvinċi ruħu. Mall-i joħroġ barra dritt jinduna li kapaċi jimxi fuq l-ilma. U hekk jibdew sensiela ta' esperjenzi diverteni bħal pipe tal-ilma li jinfaqa', jibdel il-karrozza imkissra tiegħu f'Ferrari ġdida,jgħallem il-kelb jagħmel fit-toilet u ħafna xeni oħra simpatiċi.

Permezz tal-preżenza tiegħu b' "kumbinazzjoni" fil-postijiet fejn jiġru affarijiet straordinarji bħal kadavri li jinstabu, meteorita li taqa', Bruce jibda jogħla 'l fuq fil-karriera ta' ġurnalista. Sieħbu li kien ħadlu x-xogħol jibda t-triq għan-niżla minħabba żbalji bla sens li hu jibda jieħu.

Imma Bruce ikollu jaħseb ukoll għall-ħajja tal-oħrajn; irid jiddeċiedi jekk jagħmilx jew le dak li l-persuni qed jitolbu. Fi-bidu jidher xogħol sempliċi imma mbagħad Bruce jinduna kemm filfatt hu kumplikat. Hu jiddeċiedi li jwieġeb lil kulħadd iva u joħloq inkwiet kbir.

Is-suċċess tiegħu jiġbed l-ammirazzjoni ta' waħda kollega ħelwa u dan joħloq inkwiet mal-mara ta' Bruce. Bruce jinduna bit-taħwid li qed iġib fil-ħajja tiegħu u tal-oħrajn u wara djalogi sbieħ ma' Alla jitolbu jerġa' jieħu lura x-xogħol u jroddlu l-ħajja ta' qabel. Alla bid-dmugħ f'għajnejh jikkuntentah.

**Mistoqsijiet**

1. Jim Carey jistaqsi jekk alla jeżistix? Meta?
   a. Qatt staqsejt jekk alla jeżistix? Meta?
2. X'inhi r-risposta li jagħti Jim Carey?
   a. Int x'risposta tajt?

3. Fil-bidu tal-film, Jim Carey kif xtaq li jkun alla?
    a. Int kif tixtieq li jkun alla?
4. Skond Jim Carey, x'suppost kellu jagħmel alla?
    a. Skond int, alla x'messu jagħmel?

*Wara li jsiru dawn id-domandi u ssir id-diskussjoni, l-animatur jipprova jwassal il-messaġġ li kollha kemm aħna għandna idea differenti ta' alla u meta il-fatti jew l-esperjenzi igiddbu din l-idea hemm probabiltà li ma nibqgħux nemmnu. Il-fidi f'alla ma tiddependix biss minn dak li jiġri lili jew fid-dinja ta' madwari, imma hi żerriegħa li tikber ġewwa fija.*

*Wara dan il-mument ta' diskussjoni, tintuża kartonċina biex fuqha jinkitbu il-mumenti importanti tal-film Bruce Almighty.*

Dawn jistgħu ikunu:
1. Fil-bidu Bruce jikkritika lil alla dwar il-mod kif jaħdem
2. Alla jagħti lil Bruce il-poteri tiegħu
3. Bruce jinduna li ma jirnexxilux jagħmel aħjar minn Alla

Hawn issir il-mistoqsija:
4. Kif tinbidel ir-relazzjoni ta' Bruce ma' Alla?

**Konklużjoni**
Fl-aħħar issir domanda iktar personali
5. Wara dan il-film kif qed tarah lil alla

## 2. "MISSIERNA"

*(Din il-laqgħa trid issir wara dik bit-titlu **¿Alla?.** Wara li tkellimna mal-adolexxenti dwar 'alla' nibdew nitkellmu dwar Alla ta' Ġesù.)*

**Finalità**

Permezz ta' din il-laqgħa l-adolexxenti jiġu mgħejjuna jersqu lejn Alla.

**Skopijiet**

1. L-adolexxenti jiġu mħejjuna jifmhu li l-mixja tal-fidi mhix risevata biss għall-qaddisin, imma hi mixja ta' kuljum fil-knisja, fid-dar, fl-iskola, fl-isport, mal-ħbieb...
2. L-adolexxenti jiġu mgħejjuna jiftakru u jirrakuntaw il-mumenti li fihom għamlu xi esperjenza ta' Alla.

**Materjal**

- Fotokopja imkabbra tal-istorja
- Kartonċin
- Mqassijiet u kolla
- Markers u biros
- Video minn youtube jekk tkun se tintuża l-istorja ta' Chiara Luce Badano http://www.youtube.com/watch?v=7GxP4z2-MLA

**Dinamika**

Tiġi utilizzata x-xhieda tal-fidi ta' żgħażugħ ta' żmienna. Jista' jintuża per eżempju Orio Chiaramonte jew Chiara Luce Badano u permezz ta' din l-esperjenza issir riflessjoni dwar is-sinjifikat u l-importanza li Alla kellu fil-ħajja tiegħu/tagħha.

***Jekk tintuża l-istorja ta' Orio Chiaramonte*** L-animatur jaqsam il-grupp tal-adolexxenti fi gruppi żgħar ta' 3-4 persuni u jagħti lil kull grupp kopja tal-istorja. Kull grupp wara li jaqra sew l-istorja irid jqassas l-istorja bl-imqass f'diversi partijiet, skont kif jaħseb li jkun l-aħjar biex jirrispondi għad-domandi t'hawn taħt.

1. Minn fejn nafu li Orio fil-ħajja tiegħu jagħmel spazju għal Alla?
2. Kif tiżviluppa il-ħajja tiegħu tal-fidi hu u jikber?

Il-partijiet mqassa jiġu irranġati fuq kartonċina li wara tiġi ippreżentata lill-oħrajn. Din l-attività tkun isbaħ jekk iċ-*chart* tiġi imżejna b'tali mod li joħroġ is-sens tal-istorja, jiġifieri tintwera il-preżenza t'Alla fil-ħajja ta' din il-persuna. Kull grupp jispjega lill-oħrajn id-disinn taċ-*chart* li għamel.
***Jekk tintuża l-istorja ta' Chiara Badano.*** L-istorja ta' Chiara Luce tista' tiġi mqassra mill-animatur li jgħidha fi kliemu. Barra minn hekk hawn taħt hemm l-indirizz ta' video fuq youtube ta' xi 2 mins dwar il-ħajja tagħha. Minħabba li l-istorja hi ftit twila, għad-diskussjoni ta' wara jista' jintuża l-metodu ta' *chart* li fuqha kull grupp jikteb dak li laqtu mill-ħajja ta' Chiara speċjalment 'dak li għandu x'jaqsam mar-relazzjoni tagħha m'Alla u mal-oħrajn.
http://www.youtube.com/watch?v=7GxP4z2-MLA

Issegwi **diskussjoni dwar ix-xhieda ta' żmienna**: Jekk ikun hemm ċans jew lok ikun tajjeb li wieħed iżur il-paġna http://www.fides.org/aree/news/newsdet.php?idnews=32946&lan=eng li fiha jinstabu l-ismijiet u d-dettalji ta' dawk l-operaturi pastorali li ġew maqtula f'din l-aħħar sena. L-iskop hu li l-adolexxenti jagħrfu li anki llum hemm min għadu jemmen f'Alla l-Missier sat-tixrid tad-demm.

**Konklużjoni**

Wara li l-grupp ikun ħa fil-mira persunaġġ li għex bil-fidi, it-tema tingħalaq permezz ta' mument ta' diskussjoni dwar:

- Qatt ħassejt lil Alla qrib tiegħek?
- Qatt xtaqtu jkun qrib tiegħek f'xi mumenti u ma ħassejtux?

*(N.B. Jekk il-katekist jaħseb li jkun għadu mhux il-waqt li l-istudenti jitkellmu dwar esperjenzi personali quddiem l-oħrajn, jistieden lil kulħadd jipprova jiftakar xi esperjenzi u jiktibhom fuq karta. Meta kulħadd ilesti, jitpoġġew f'ċestin f'nofs il-kamra.)*

Fit-**talba tal-aħħar** tajjeb li l-esperjenzi li ntqalu jew inkitbu jiġu offruti lil Alla.

**Riżorsi**

| ORIO CHIARAMONTE |
|---|

Baden Powell, fundatur tal-moviment tal-*iscouts* f'messaġġ minnhom kien qal: "ħabirku biex tħallu din id-dinja ftit aħjar milli sibtuha u meta tasal is-siegħa tal-mewt tagħkom tkunu tistgħu tmutu ferħana għax fil-kuxjenza tagħkom tkunu tafu li ma ħlejtux ħinkom imma tajtu l-aħjar tagħkom". Dawn il-kelmiet jaqblu sew għal Orio Chiaramonte, żgħażugħ li tilef ħajtu ta' 19 –il sena.

Orio twieled fl-1[el] t'Awwissu 1963 f'Villafranca, Verona. It-tfulija tiegħu kienet waħda normali. Huwa kiber fil-parroċċa: hemm irċieva il-magħmudija, l-ewwel tqarbina, u l-griżma tal-isqof. Meta kien żgħir kien imur l-iskola fir-raħal tiegħu, imbagħad mar fil-Liceo Classico f'Verona fejn spiċċa b'suċċess l-eżamijiet biex jidħol l-università. Fl-istess żmien kien jagħmel parti mill-grupp tal-*iscouts* jismu Villafranca 2. Huwa daħal f'dan il-grupp fl-1971 jiġifieri meta kellu 8 snin. Hu miet nhar it-12 ta' Settembru 1982 waqt ħarġa fil-muntanji, eżattament fuq il monte Albano f'Mori di Trento.

"Fil-ħajja jeħtieġ nagħmlu għażliet, għażliet ta' ħajja ...": dawn il-kelmiet ta' Orio huma mera tal-ħajja tiegħu. Fil-ħajja tiegħu hu għażel dak li jferraħ u jagħmel tajjeb lill-proxxmu u lis-soċjetà. Waħda ħabiba tiegħu tgħid: "Sa minn meta konna żgħar u konna nilgħabu flimkien niftakru dejjem bħala ħabib ġeneruż, sinċier, tifel li kapaċi jifmhek u lest li jgħinek. Niftakru bħala sieħbi fl-iskola mimli bl-għerf b'qalb kbira imma li ma titkabbarx biha nfisha". Waħda mill-esperjenzi li turi dan kienet l-esperjenza ta' volontarjat li hu għamel f'Lourdes. Il-ħeġġa li kellu biex jaqdi lill-morda kienet waħda tal-għaġeb. Orio qabel għalih innifsu kien dejjem imdorri jaħseb fl-oħrajn. Hu kien iħobb jitlob b'dan il-mod: "Mulej ibgħatli okkażjonijiet fejn inkun nista' nagħmel ftit tal-ġid".

Il-ġenerożità ta' Orio qatt ma kienet supperva imma hu kien tifel umli. F'wieħed mid-djarji tiegħu kiteb: "Irrid inkun prudenti u ngħallem lill-oħrajn ikunu prudenti u ma nħallix li nintefaħ bija innifsi". Ix-xewqa li kellu għat-tajjeb hu kien jesprimiha f'ħafna modi bħal fl-interess għall-arti, għarfien, reliġjon, soċjetà, natura. Il-ħin kien jgħożżu ħafna u qatt ma kien se joqgħod jitgħażżen. Hu kien jara l-ħin bħala teżor prezzjuż li trid taħlih bil-għaqal għax għad jispiċċa.

Għal Orio Alla kien importanti. Dan jidher mill-fatt li l-ħajja spiritwali tiegħu ma kinitx waħda mejta imma kien jaqra u jimmedita il-Bibbja anke waħdu, kien jirċievi s-sagramenti, ġieli kien ikollu xi dubji dwar il-fidi, u kien iħobb jara u jifli n-natura li tana Alla, l-iktar meta kien jitla' fuq xi muntanja li tant kien iħobb. Lil Alla, Orio poġġieh f'post importanti fil-ħajja tiegħu. Fid-djarju tiegħu hu kiteb: "Alla ħalaqna b'mod li lkoll għandna bżonn tal-oħrajn u l-oħrajn bżonn tagħna, u poġġiena flimkien biex nħobbu lil xulxin u hekk nibnu il-ġustizzja bil-karità".

"...grazzi tal-eżempju li tajtna bl-impenn tiegħek fl-istudju, bis-sempliċità li biha kont tidher quddiemna. Grazzi talli għentna nħobbu n-natura li int tant kont tħobb...." Dawn huma xi kelmiet li sħabu kitbu f'ittra li hu ma qara qatt.

– ***Nisimgħu l-leħen tiegħu...*** *(siltiet mill-ittri jew mid-djarju tiegħu)*
  - Kemm hu sabiħ tippassiġġa fuq is-silġ. Jeħtieġ nirringrazzjaw lil Alla li tagħna tant ħwejjeġ sbieħ...
  - Nixtieq li l-ħajja tiegħi tkun sinjal tal-progress għal ħajja aħjar, kif ukoll skola ta' umiltà u ta' kontroll tiegħi innifsi, sagrifiċċju, tensjoni, ferħ, mixja li tibni s-Saltna t'Alla.
  - Fil-ħajja jeħtieġ nagħmlu għażliet, għażliet ta' ħajja **...** kull *scout* għandu jkun koerenti miegħu innifsu u jwettaq l-għażliet li hu wiegħed li jagħmel.
  - Il-ħajja hi triq iebsa u kull wieħed minna irid jħabbat wiċċu ma' ħafna sagrifiċċji.

– ***Jien bħalu ...***

Ix-xhieda ta' Orio Chiaramonte tgħallimna ngħixu ta' "qaddisin" billi nagħmlu affarijiet sempliċi li kulħadd jagħmel: studju, ħbieb, natura ... imma kif inkun naf li qed inħobb ta' veru? Kif inkun naf jekk hux qed infittex biss dak li jaqbel lili?

Alla qatt ma jiskot u jorqod. Jitkellem dejjem. Filgħodu, filgħaxija (meta kollox jiskot), hu jitkellem bil-vuċi tal-bnedmin u tal-ħolqien. Hu jitkellem b'qalb ta' bniedem. Jitkellem bid-demm li jċarċar mis-salib, bid-demm li jerġa' jkun preżenti f'kull quddiesa sa l-aħħar tad-dinja. Hu jitkellem biex iħobbna u biex jiftħilna għajnejna: mhux min jgħid Mulej Mulej jidħol fis-saltna tal-imħabba. Jidħol min jagħmel ir-rieda tiegħU. Liema rieda? Liema vokazzjoni?

Hekk il-Kelma t'Alla tivvibra fil-knisja permezz tal-ħajjiet ta' nies qaddisin li semgħuha u għexuha. Min verament jaqra l-Kelma t'Alla hekk jiġrilu: issir ħajtu. Anki Marija hekk għamlet. Anki int tista' tagħmlu. L-iskrittura kollha tkellmek dwar Kristu, tgħallmek tħobb u tgħix b'qalb ta' bniedem, b'qalb ta' Alla. Alla dejjem jitkellem f'postijiet ftit strambi. Jitkellem fil-bankijiet tal-iskola, fil-bankijiet tal-knisja fil-quddiesa li tipprova tisma' b'għajnejk nofshom magħluqa. Jitkellem fil-mixjiet fin-natura li Orio tant kien iħobb u kien spiss jiftakar fihom. Il-persuna ta' Orio tgħallimna nkunu persuni li nagħmlu differenza fid-dinja ċjekna tagħna. Hu jgħallimna nfittxu 'l Alla fil-qadi u fix-xogħol tagħna ta' kuljum.

## CHIARA LUCE BADANO

*"Sometimes we'd prefer that our lives be a different story than the one God seems to be writing. In our fragile existence it doesn't take much to turn a romance into a drama, or an adventure into a tragedy. At a glance, the story of Chiara Badano—an only child conceived after 11 years of marriage, who died at 18 after a bout with a painful form of bone cancer—looks like an empty tragedy, but not from the perspective of the Divine Author."*
Christopher Stefanick



**Chiara Luce Badano was born is Sassello, near Savona (Northwest Italy)**, on October 29, 1971, to parents who had been trying to have a child for 11 years. Her childhood and adolescence were serene: she lived in a loving, united family from which she received a solid Christian education.

**Chiara Luce had a generous, extroverted and lively personality**. At four after initially hesitating, she chose carefully which toys to give to poor children ("I certainly can't give broken toys to children who don't have any!"). In first grade she was attentive in all sorts of little ways toward her desk-mate, a girl who had lost her mom; at Christmas she agreed enthusiastically to her mother's proposal that they invite her to celebrate with them. She asked that they use the most beautiful table cloth, "because today Jesus will be with us!" She listened with great attention to the parables of the Gospel and prepared carefully to receive Jesus in the Eucharist. She touched people with her demeanor and great concentration when listening to the Word of God and when attending Mass. She visited the "grandmas" of a retirement home and, later, when they needed assistance, she would offer to spend the night by the bed of her maternal grandparents.

**Her life was full of little acts of love.** One evening she wrote: "One of my classmates has chicken pox and everyone is afraid to go visit her. My parents have agreed that it's okay if I bring her her homework, so she won't feel alone. I think that love is more important than fear."

**At 9 she encountered the Focolare Movement** and embraced the ideal of unity by becoming a Gen (the second generation of the Focolare). From then on she would rise and rise as if part of a rock climbing group in which everyone is tied together: her parents, Focolare founder Chiara Lubich, the young people with whom she shared her choice of life. She was active in her parish and diocese.

**She began a correspondence with Chiara Lubich that got more and more intense**. She confided all of her trials to Chiara until the very end. On June 12, 1983, she participated in her first international Gen convention in Rocca di Papa, near Rome. She wrote to Chiara: "I rediscovered Jesus Forsaken in a special way." She was referring to one of the key point of the spirituality of unity, when Jesus on the cross cried out, "My God, my God, why have you forsaken me?" (Mt 27:46). In November of that year she wrote again: "I discovered that Jesus Forsaken is the key to unity and I want to choose him as my spouse and be ready for when he comes. I want to prefer him! I realized that I can find him in those who are far from him, in all atheists, and that I must love them in a very special way, without expecting anything at all for myself." She will never question this choice.

**From her letters and testimonies a special joy and wonderment at life emerged**. Her vision of life was positive and sunny. Chiara was a girl like all others: joyful and lively, she loved music (she had a beautiful voice), swimming, tennis and hiking. She had a lot of friends. To those who asked her if she talked about Jesus to her friends, she replied: "I must not tell about Jesus, but give Jesus with my behavior."

**At 17 she felt a sharp pain in her shoulder while playing tennis**. The doctors didn't like it and sent her for tests. Soon she received the news that she had bone cancer. In February 1989 she had her first surgery. There was little hope to eradicate the cancer. The other Gen and friends of the Focolare took turns at the hospital to support Chiara and her family. A series of stays at Turin's hospital began, with more and more frequent hospitalizations. The treatment was very painful but Chiara underwent it with great courage. Each time there was a new, painful "surprise," Chiara offered it without hesitation: "It's for you, Jesus; if you want it, I want it, too."

**Soon she lost the use of her legs**. She underwent a new painful surgery but it proved unsuccessful. Her union with Jesus Forsaken, who on the cross did not feel the comforting presence of the Father, supported her in her toughest moments. She said, "If they now asked me if I want to walk I'd say no, because this way I'm closer to Jesus."

**Her doctor, a man who didn't believe in God and was critical of the Church, will say**: "Since I met Chiara something has changed inside me. Here I find consistency. Everything about Christianity I see here makes sense to me.

**In spite of the fact that she was basically paralyzed, Chiara was incredibly active**. She followed by phone a group of Youth for a United World based in Savona, was present at congresses and other activities with messages, postcards, posters, and, eager to have her friends and classmates meet the Gen Movement, she invited many of them to the Genfest of 1990 (a large international gathering of youth that took place in Rome). She herself followed the event live, thanks to a parabolic antenna mounted on the roof of her house.

**Chiara persevered in offering all her pain**: "I care only about the will of God, about doing it well, in the present moment: I want to play ball with God." Or: "At this point I have nothing else (health-wise), but I still have my heart and with that I can always love." She was sustained by the certainty that she was "immensely loved by God." Her trust in this love was unshakable. When her mom told her that she didn't know what she'll do without her, Chiara told her, "Trust in God and you'll have done all you need to do!"

**Her relationship with Chiara Lubich became closer and closer**. She kept her up-to-date on everything. On July 19, 1990, she wrote: "The science of medicine has laid down its arms. Since we stopped the treatment, the pain in my back has increased and I can barely turn on my side. I feel little and the path ahead of me is so hard… often I feel overcome by pain. But it's my Spouse who's coming to see me, right? I, too, repeat with you, 'If you want it, I want it too' … I am with you in the certainty that with him we'll win over the world!"

**Chiara Lubich replied immediately**: "Don't be afraid, Chiara, to tell Him your 'yes' moment by moment. He will give you the strength, be certain of this! I pray for this and I'm always there with you. God loves you immensely and wants to penetrate to the most intimate parts of your soul and allow you to experience drops of heaven. I thought of this name for you: 'Chiara Luce.' Do you like it? It's the light of the Ideal that wins over the world. I send it to you with all my love…"

**With the worsening of the illness the doctors recommended increasing the morphine**, but Chiara refused: "It makes me less lucid and the pain is all I can offer Jesus."

**Chiara Luce went to Heaven on October 7, 1990**. She had thought of everything: the songs for her funeral, the flowers, her hair style, her dress (white, like a bride's)… with a special request: "Mom, while you are preparing me, you will have to repeat all the time: now Chiara Luce is seeing Jesus." When her father asked her if she was still willing to donate her corneas, she replied with a luminous smile. Then she said goodbye to her mother for the last time: "Be happy, because I am." She smiled at her dad. The funeral was celebrated by the bishop of her diocese and attended by hundreds and hundreds of young people and many priests. Members of the Gen Rosso and Gen Verde (Focolare performing arts groups) performed the songs she asked. Her parents received a large bunch of flowers from Chiara Lubich with this note: "Let's thank God for this luminous masterpiece of his."

***"It seemed to me that her testimony was meaningful, especially for young people. We need holiness today, too. We need to help our young people find a direction, a goal, a way of overcoming their insecurity and loneliness, their queries in the face of failures, pain, death, all of their restlessness."*** **Bishop of Acqui.**

**On July 3, 2008 Chiara Luce was proclaimed Venerable,** and on December 10, 2009, the Holy Father Pope Benedict XVI recognized a miracle obtained through her intercession. It is the step that opened the way to her beatification.

## 3. DIXXIPLI ... KIF?



**Finalità**
L-istudenti jindunaw li fil-kelma t'Alla hemm ir-risposta dwar liema huma l-kundizzjonijiet biex timxi wara Kristu.

**Skopijiet**
- L-adolexxenti jsiru aktar midħla tal-Kelma t'Alla u jiskopru li fiha hemm messaġġ għalihom ukoll.
- Il-Kelma t'Alla mhix xi ħaġa tal-antik imma hi utli għad-dinja tal-lum ukoll.
- Huma jaslu biex jindunaw li biex tifhem il-Kelma t'Alla hemm bżonn ta' ftit sforz u impenn.

**Dinamika**
F'din il-laqgħa jistgħu jintużaw żewġ metodi.

**1$^{el}$ metodu:**
Jekk kulħadd ikollu bibbja l-istudenti isibu **Mk 8, 31-38**. Wara l-qari tingħata kopja tas-silta lil kulħadd ħalli ma jimmarkawx fuq il-bibbja.

***Mill-Vanġelu skond San Mark (Mk 8,31-38)***
*"31U beda jgħallimhom fuq li kien meħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna, ikun miċħud mill-anzjani u mill-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u wara tlitt ijiem jerġa' jqum. 32Fuq dan kellimhom ċar. Pietru ġibdu lejh u beda jlumu. 33Iżda hu dar iħares lejn id-dixxipli tiegħu, u ċanfar lil Pietru u qallu: "Itlaq minn quddiemi, ja xitan, għax m'intix taħseb fil-ħwejjeġ ta' Alla, imma f'dawk tal-bnedmin?".*
*34Sejjaħ lejh in-nies flimkien mad-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja. 35Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi u ta' l-Evanġelju, isalvaha. 36Għax x'jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu? 37Xi prezz jista' jagħti l-bniedem biex isalva ħajtu? 38Għax jekk xi ħadd, minn dan in-nisel żieni u midneb ta' llum, għad jisthi minni u minn kliemi, Bin il-bniedem ukoll għad jisthi minnu meta jiġi fil-glorja ta' Missieru flimkien ma' l-anġli mqaddsa."*

Tinqara is-silta flimkien, jekk jista' jkun f'ambjent ta' talb. Imbagħad jingħataw 10 minuti biex l-istudenti jaqraw b'attenzjoni dawn il-vrus filwaqt li jimmarkaw dak li jolqothom (kliem, frażijiet, mġieba ta' xi persuni fl-istorja). Jkun utli jekk jimmarkaw ukoll dak li ma jifmhux.
Huma jiġu mistiedna biex meta jimmarkaw jużaw żewġ kuluri. Dawk il-partijiet li jaqblu magħhom jimmarkawhom b'kulur u dawk li ma jaqblux magħhom b'kulur ieħor. Huma jridu jaħsbu għaliex jaqblu jew ma jaqblux.

Wara dan il-mument, il-katekist/animatur jistaqsihom kif marru u hekk jiġbor l-ewwel impressjonijiet ta' kif mar l-eżerċizzju u dak li huma mmarkaw u għaliex.

Imbagħad wara**, il-grupp jipprova jistudja it-test** permezz ta' **xi mistoqsijiet** li il-katekist/animatur jagħmel lill-istudenti.

1. Tara li dak li jgħid Ġesù jaqbel mal-ħajja tiegħU, jew hu biss paroli?
2. Lejn min iħares Ġesù filwaqt li jċanfar lil Pietru? Għaliex taħseb li jagħmel dan?
3. Id-dixxipli suppost diġà fehmu min hu Ġesù (filfatt Pietru jgħidlu: Int il-Messija). Għaliex isibuha diffiċli jaċċettaw il-Kelma tiegħu?

4. Fil-vers 34 Ġesù jsejjaħ lejh in-nies u lid-dixxipli tiegħu u jgħid: "Jekk xi ħadd...".
   a. Inħoss li din hi stedina għalija ukoll?
   b. Kif nista' JIEN ILLUM ngħix fil-ħajja tiegħi dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li jagħmel Ġesù?

*(N.B. Il-katekisti/animaturi meta jippreparaw din il-laqgħa jistgħu jużaw l-ispjega ta' din is-silta li tinsab hawn taħt. Hekk ikunu jistgħu jgħinu iktar lill-istudenti biex jifmhu l-vanġelu.)*

**Spjegazzjoni**

Għal din il-laqgħa jinteressawna biss il-versi 34-38, imma biex nifmuhom jeħtieġ naraw ftit il-kuntest li fih tinsab din is-silta. L-ewwelnett f'din il-parti tal-vanġelu, Mark jispjega ir-relazzjoni ta' bejn Ġesù u d-dixxipli tiegħu.

Id-dixxipli wara li raw il-mirakli, fejqan u ż-żewġ mirakli tat-tkattir tal-ħobż, suppost ma jsibuhiex diffiċli jemmnu li Ġesù hu Alla, imma dan mhux hekk. Filfatt Ġesù fl-istess kapitlu , ftit versi qabel (8,14-21) jurihom kemm huma magħluqin u tqal biex jemmnu. Wara dan hemm il-fejqan ta' raġel għama (8,22-26). F'dan il-miraklu ta' Ġesù jidher ċar li mingħajr Ġesù ikun diffiċli tara ċar, jiġifieri diffiċli temmen f'Ġesù.

Madanakollu il-mixja tal-fidi mhix waħda qasira. Filfatt, eżatt wara, Pietru jagħraf li Ġesù hu il-Mibgħut, il-Messija, jiġifieri dak li jsalva. Imma hu aktar faċli tagħraf min hu Ġesù milli tagħraf u taċċetta liema triq hu kellu jieħu biex jurina li Alla salvana. U hawn Pietru jiżbalja. Ma jridx jaċċetta li t-triq tas-salib u tat-tbatija (8,31) hi t-triq tal-imħabba u hawn id-dixxiplu jgerger mal-Imgħallem. (8,32). Fi kliem ieħor, Pietru u d-dixxipli jagħrfu l-karta tal-identità ta' Ġesù, imma ma jaċċettawx it-triq tas-salib bħala l-uniku mezz ta' ħelsien.

Quddiem din l-attitudni ta' Pietru, Ġesù jdur lejn id-dixxipli (mhux biss lejn Pietru) u jgħid lil Pietru: "Itlaq minn quddiemi". It-traduzzjoni eżatta ta' din il-frażi trid tkun: "Mur warajja", jiġifieri, "Erġa' mur fil-post tiegħek ta' dixxiplu". Id-dixxiplu ma jistax jimxi qabel l-imgħallem, għax jekk jimxi qablu jsir "xitan" jiġifieri ma jimxix fit-triq tal-vanġelu. Wieħed jista' jsir jaf is-SIGRIET ta' min hu Ġesù, imma qatt ma jista' jneħħi għal kollox il-MISTERU ta' kif Alla jagħti ħajtu u kif permezz tat-tbatija (sinjal tad-dnub) iġib il-ħajja (li tiġi bl-imħabba).

Wara li Ġesù jwiddeb lid-dixxipli, jdur lejn il-folla għax kulħadd jista' jimxi wara Ġesù u mhux biss xi ftit magħżulin: "Jekk xi ħadd ...". Li tkun dixxiplu jfisser tmur wara Ġesù, jiġifieri ma timxix qablu.

Biex timxi wara Ġesù huma meħtieġa **żewġ ingredjenti:**

**a. Tiċħad lilek innifsek**

**b. Terfa' salibek (8,34)**

Forsi meta wieħed jisma' dawn iż-żewġ affarijiet jifhem ftit jew xejn. Għalhekk il-vanġelu jkompli b'żewġ spjegazzjonijiet biex jgħin lill-qarrej jifhem.

(vv. 35-37): Tiċħad lilek innifsek ifisser li fil-ħajja tiegħek, l-imħabba lejk innifsek ma teskludix ir-relazzjoni ma' Alla u r-relazzjoni mal-oħrajn. Dan iwassalna biex ngħixu fi ħbiberija vera ma' Alla li imbagħad iwassalna biex nilqgħu verament lill-oħrajn. Eżempju żgħir mill-ħajja ta' kuljum: jekk ftit irqad lili itellifni milli nagħti ftit ħin lil Alla matul il-ġurnata, dan ifisser li jeħtieġ niċħad lili nnifsi. Dan iwassalni biex nagħraf kemm hu importanti li ma nħobbx biss lili nnifsi imma nagħti ukoll imħabba lil Alla u lill-oħrajn.

Din it-triq mhix bilfors. Ġesù qatt ma jobbliga. Hu jħallina liberi u jirrispetta kull għażla tagħna bil-konsegwenzi kollha tagħha.

**2ni metodu:**

Fil-bidu tal-laqgħa tinqara is-silta tal-Passjoni ta' Ġesù skond San Mark (Mk 14,66-72 u 15,1-41). Wara dan, fuq karta li tinqasam f'żewġ kolonni bl-isem "1. isalva l-ħajja" u "2. titlef il-ħajja" l-istudenti jiġu mistiedna biex jsibu 5 kelmiet jew sentenzi li jaqblu ma kull kolonna. Wara ssir d-diskussjoni li twassal lill-adolexxenti jindunaw li Ġesù fil-ħajja tiegħu għex dak li qal. Il-passjoni ta' Ġesù taqbel mal-kliem li hu qal f'kapitlu 8, 31-38.

**Għeluq**

Il-laqgħa tista tintemm permezz ta' clip qasir jismu "*Faith*" minn fuq youtube: http://www.youtube.com/watch?v=QvFC5K72I1o&list=PLBB436F645A1D68E3

**Riżorsi meħtieġa**

- Jekk possibbli kulħadd iġib Bibbja
- Kopji tas-Silta mill-vanġelu
- Markers
- Kartonċin
- Video clip
  http://www.youtube.com/watch?v=QvFC5K72I1o&list=PLBB436F645A1D68E3

## 4. "IS-SINJALI TAL-QUDDIESA"



**Finalità**

Nagħrfu il-messaġġ moħbi wara ċerti sinjali u ġesti li jsiru waqt iċ-Ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u hekk niskopru min hu l-veru kristjan.

**Skopijiet**

1. L-adolexxenti jiġu mgħejjuna jifhmu it-tifsira *vera* ta' xi sinjali jew ġesti.
2. L-adolexxenti jibdew jifmhu aktar dak li sa issa forsi kinu jagħmlu bi drawwa.
3. Huma jaslu biex jindunaw li is-Sinjali tal-Liturġija għalkemm jistgħu jidhru bla sens huma frott is-sagrifiċċji tal-ewwel martri u huma il-qawwa tal-martri ta' żminijietna.

**Dinamika**

Għal din il-laqgħa jittieħdu tlett sinjali li jsiru waqt il-Liturġija u issir diskussjoni fuqhom. Il-katekisti/animaturi jippruvaw iqanqlu diskussjoni bejn l-istudenti permezz ta' xi domandi ta' provokazzjoni.

Hawn taħt wieħed isib xi mistoqsijiet li jistgħu jsiru kif ukoll idea ta' xi tweġibiet biex permezz tagħhom il-katekista jindirizza d-diskussjoni. Jekk il-grupp ikun kbir ikun aħjar li jinqasmu fi tliet grupp żgħar u kull grupp japprofondixxi wieħed mis-sinjali. Jekk jintuża il-metodu ta' gruppi żgħar, f'kull grupp tintagħżel persuna li tikteb dak li jkun intqal ħalli fl-aħħar kull grupp jippreżenta id-diskussjoni tiegħu lill-oħrajn.

### 1) IS-SINJAL TAS-SALIB

- X'jiġi f'moħħi meta nisma' l-kelma salib? (mewt? ħajja?) Xi jfisser is-sinjal tas-salib?
  - Jiġi spjegat is-sinjifikat tas-Salib kristjan: mill-mewt għall-ħajja permezz ta' Kristu. Wieħed jiftakar li is-salib kien sinjal ta' saħta. Min jiġi msallab hu meqjus misħut minn Alla. Però Ġesù li jiġi ikkundannat għall-mewt tas-salib juri li anke fl-iktar mument krudil u ikrah tal-ħajja, tista' tinżera l-imħabba għax Alla bidel id-dnub fi grazzja.

- Is-sinjal tas-salib jintuża fil-bidu u fl-aħħar tal-quddiesa. Għaliex?
  - Is-sinjal tas-salib juri il-kuntatt tagħna m'Alla. Dak li se nagħmlu nixtiequ li jkun kuntatt m'Alla.
  - Fl-aħħar tal-quddiesa permezz tas-salib nitolbu l-barka t'Alla, jiġifieri li hu jibqa' magħna anki wara din iċ-ċelebrazzjoni. Alla biss jista' jbierek lilna u lid-dinja, imma dan jagħmlu permezz ta' l-idejn tagħna.

- Jiġrilek li kultant is-sinjal tas-salib tagħmlu b'mod mgħaġġel? Għaliex? Ġieli tistħi tagħmlu quddiem l-oħrajn? Meta?
  - Kemm hu sabiħ li is-sinjal tas-salib ikun il-kumpanija tagħna, qisu l-id card li aħna Kristjani. Fl-ewwel żminijiet tal-knisja in-nies li ma kinux kristjani ma setgħux jifmhu kif xi ħadd jista' jimxi wara xi ħadd li miet fuq is-salib. Filfatt waħda mill-ewwel graffiti li fiha jinstab imnaqqax is-salib saret biex tgħaddi biż-żmien lill-krisjani. Fil-fatt hemm imnaqqax salib u ġisem b'ras ta' ħmar. Però minn naħa l-oħra, in-nies ta' madwar il-kristkani ma setgħux jifmhu kif huma jħobbu, jaħfru u jaqsmu kollox mal-oħrajn. Huma jiltaqgħu biex ***jaqsmu il-ħobż*** li jemmnu li hu l-ġisem ta' Kristu.

- Kemm hu importanti li ninduna li s-sinjal tas-salib hu s-sinjal tal-imħabba ta’ Alla dejjem magħna.

- Kemm nies jiġu maqtula għax jemmnu fis-salib ta’ Kristu?
  - Is-sinjal tas-salib jgħaqqadni ma’ dawn in-nies li f’kull angolu tad-dinja jbatu minħabba s-salib, jaħfru minħabba s-salib u jmutu minħabba is-salib. Kuldarba li jien inrodd is-salib ningħaqad magħhom u qisni qed nagħmlilhom kuraġġ. Is-salib hu imħabba ta’ Alla lejn u l-imħabba tagħna lejn Alla (is-sinjal tas-salib fuq il-qalb qabel il-vanġelu).

## 2) Tinżel Għarkopptejk

- Ħafna drabi nipprova nkun dejjem l-ewwel. Dak li jimpurtani hu li nkun l-ewwel u l-aħjar għax quddiem l-oħrajn irrid nidher l-aqwa. Kemm hi vera fil-ħajja tiegħek din il-frażi?
  - Min jinżel għarkopptejh irid jiftakar li quddiem Alla kull bniedem jħossu żgħir.
  - Alla minn naħa tiegħu ma jridx jumiljana, imma jurina li huwa biss min jiċċekken li kapaċi jagħraf x’inhi l-imħabba. Filfatt *“Kristu Ġesù: hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet u żejjnu bl-Isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù - fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art - il-ħlejjaq kollha jinżlu għarrkubbtejhom, u kull ilsien jistqarr: "Ġesù Kristu hu l-Mulej, għall-glorja ta' Alla l-Missier"*. (Fil 2,6-11) Huwa meta l-bniedem jiċċekken li jista’ jiltaqa’ ma’ Alla u jista’ verament jiltaqa’ mal-ħarsa tal-batut u ta’ min hu fil-bżonn. Dak li jgħin mingħajr ma jiċċekken ikun qed jumilja u mhux iqajjem lill-imsejken.

- Għaliex ninżlu għarkupptejna meta nkunu fil-preżenza ta’ Ġesù Ewkaristija? (fil-konsagrazzjoni, adorazzjoni, viżta lil Ġesù)
  - Quddiem Ġesù nindunaw li Hu tagħna l-ħajja, kull don li għandna ġej minnu u kull għajnuna ġejja minnu. Hu jgħallimni naċċetta l-imħabba mingħajr prezz, imħabba b’xejn. Il-bniedem li jħossu maħbub isib il-qawwa jinqala miill-ħama li fiha jkun. Ma fiha xejn ħażin li nħossni żgħir quddiem Alla ... hi l-istess sensazzjoni ta’ tifel fi ħdan ommu ... ma jidħolx f’kompetizzjoni jew għira m’ommu imma hu kuntent fi ħdanha.

## 3) Tqassam u Tirċievi

Fil-quddiesa, Alla jaqsam magħna l-maħfra (l-att penitenzjali), il-kelma tiegħu (liturġija tal-kelma) u l-ewkaristija (tqarbin). Min jipparteċipa fl-Ewkaristija hu mistieden jaqsam dak li rċieva.

- Fil-ħajja aħna kontiwament nirċievu mingħand l-oħrajn. Xi jfisser nagħti lili nnifsi lill-oħrajn?
  - Ġesù, fil-quddiesa jagħti lilu nnifsu lilna fis-sagrifiċċju tal-kalvarju. Aħna wkoll nagħmlu ħafna sinjali li bihom nuru l-għotja tagħna. Sinjali bħal dawn huma l-offerti li jitilgħu minn fost in-nies, l-offerta tal-flus għas-sagrifiċċju, l-għotja tal-paċi u fl-aħħar tal-quddiesa il-kmandament permezz tas-saċerdot: “Morru fil-paċi ta’ Kristu”.

- Fil-ħajja x’inhu dak li tħoss verament li rċevejt? Tħoss li rċevejt xi ħaġa mingħand Alla?

- Xi tħoss li għandek x'tagħti lill-oħrajn?
    - Alla lilna tagħna dak li kellu l-iktar għażiż: lil Ibnu.

**<u>Materjal għall-approfondiment</u>**

**Is-Sinjal tas-Salib**
Aħna il-kristjani nużaw is-sinjal tas-salib biex nitqaddsu u nqaddsu jiġifieri nuru li aħna ta' Alla u Alla hu fina. Dan Alla wera lilu nnifsu permezz ta' Ibnu li miet fuq is-salib.

Aħna nużaw is-salib biex nagħtu l-barka. Hu Alla biss li jbierek. Għalhekk meta s-saċerdot jew xi ħadd ibierek permezz tas-sinjal tas-salib dan ikun qed jitlob lil Alla jitfa' l-barka tiegħu fuq persuna oħra. Wieħed jistaqsi din x'differenza tista' tagħmel fil-ħajja tal-bniedem, jew inkella jekk Alla hux se jagħmel xi ħaġa speċjali li kieku ma tlabniex il-barka ma kienx jagħmel. Il-barka u kull talba li ssir għalina jew għall-oħrajn hi barka, għax hi ftit iżjed imħabba u qdusija (anki jekk kultant moħbija) fid-dinja u bejn il-bnedmin. U Alla li hu mħabba ibierek kull imħabba vera anki jekk moħbija. Hu li hu Alla, jagħti il-paċi fil-qalb ta' min iħobb u ta' min hu maħbub. Allura s-sinjal tas-salib hu sinjal li jara lil Alla bħala l-għajn ta' l-ikbar ġid: l-għajn tal-imħabba. F'dan ir-rigward, drawwa sabiħa li nqagħtet hi li l-ġenitur ibierek lit-tfal qabel joħorġu jew qabel jorqdu.

Meta aħna fil-quddiesa nagħmlu t-tliet sinjali tas-salib, fuq il-moħħ, fuq ix-xofftejn u fuq is-sider irridu niftakru f'żewġ aspetti: minn naħa li din hija invokazzjoni lit-Trinità, u minn naħa l-oħra li Alla permezz tal-Kelma tiegħU iqaddes il-ħsieb tagħna, il-kliem tagħna u l-qalb tagħna. Mela s-sinjal tas-salib qisu s-siġill t'Alla li jimmarka l-persuna kollha. (Ara Ġen 4,10-16; Apok 7,1-8)

**Tinżel Għarkopptejk**
Meta xi ħadd jinżel għarkopptejh dan ifisser li simbolikament mhux fuq l-istess livell bħal dak ta' quddiemu. Forsi dan is-sinjal fil-kultura ta' żmienna qed jitlef ftit is-sens tiegħu għax l-enfasi tintefa' fuq l-ugwaljanza u li kollox irid ikun fuq l-istess livell. Jekk minn naħa dan huwa veru, però dan ma jnaqqasx il-fatt li jistgħu jeżistu diversi livelli. Ċioé, l-ugwaljanza tinsab bejn membri tal-istess grupp bħal p.eż kull bniedem għandu l-istess dinjità. Però li wieħed jagħraf li 'l fuq minnu hemm Alla, u għalhekk jinżel għarkopptejh, dan mhux xi diżunur. Hu l-istess Alla li tah id-dinjità li għandu. Il-bniedem mhix se tiġrilu ħsara jekk jagħraf li hu maħluq u li hemm Ħallieq. Il-verità mhix se tagħmillu ħsara. Hu meta kollox jitpoġġa fuq l-istess livell li issir l-ħsara għax tonqos il-verità dwar kull ħaġa u allura titħalla barra l-ispeċjalità.

1. **Adorazzjoni:** Fit-Testment il-Ġdid dan il-ġest li tinżel għarkopptejk insibuh diversi drabi. Il-kristjani tal-bidu kienu jaraw fih ġest ta' adorazzjoni. Dan jidher ċar fil-lebbruż "li jinxteħet quddiemu" (Mt 8,2) jew li "jinxteħet għarkopptejh" (Mk 1,40) jew li "jinxteħet wiċċu fl-art quddiemu". Barra minn hekk is-suldati jgħaddu lil Ġesù biż-żmien b'dan il-ġest. (Mt 27,29) Dan il-ġest huwa riservat għal Alla biss: "Lil Alla biss tadura u lilu biss taqdi" Mt 4,9). (Ara Iż 45,23) Il-kristjan jaf li fl-Isem ta' Ġesù kull irkoppa tmil (Fil 2,10) biex tistqarr li Ġesù hu l-Mulej.

2. **Talb:** Meta dan il-ġest hu użat fit-talb juri atteġġjament differenti minn meta wieħed ikun wieqaf jew bilqiegħda. Turi iktar talba tal-qalb u tas-skiet milli talba bil-kliem. Fl-Antik Testment insibu 4 eżempji ta' talb ta'dan it-tip. Salamun hekk kif spiċċa r-rit tad-dedikazzjoni tat-Tempju ġdid dar lejn il-poplu li kien bilwieqfa, berikom u għamel diskors qasir (1Sla 8,14-21). Wara dan, reġa' dar lejn l-altar u għamel talba twila (1Sla 8,22-53) li matulha baqa "għarkupptejh b'idejh miftuħa lejn is-sema". (1 Sla 8,54) Elija, wara ir-rebħa fuq il-qassisin ta' Baal ġie mnebbaħ li il-kastig tan-nixfa kien se jintemm. Dan kien

kastig minn Alla għax il-poplu ta’ Iżrael mar wara Baal, alla falz: “U Elija tala’ fuq il-quċċata tal-Karmel, inxteħet fl-art u qiegħed wiċċu bejn irkopptejh” (1Sla 18,42) u bdiet nieżla x-xita. Diversi sekli wara, kif Esdra sema’ bil-Lhud li iżżewġu nisa barranin, baqa’ bilqiegħda inkwetat ħafna sal-ħin tas-sagrifiċċju ta’ filgħaxija. U Esdra jikteb: “Xħin kienu qed joffru s-sagrifiċċju ta’ filgħaxija, jien qomt mill-għajb tiegħi, u bi ħwejġi u l-mantar tiegħi mċarrtin inżilt għarkopptejja, u ftaħt idejja lejn il-Mulej. Alla tiegħi u għidt ...” (Esd 9,4ss.) talba, u miegħi ingħaqad il-poplu bid-dmugħ f’għajnejh.(Esd 10,1) Il-profeta Danjel, wara li s-sultan iffirma d-dokument li jikkundanna lil min jitlob lil xi alla jew bniedem ieħor, baqa’ jagħmel bħas-soltu: “tliet darbiet kuljum kien jinżel għarkopptejh u joqgħod jitlob u jfaħħar lil Alla tiegħu,” waħdu fil-kamra ta’ fuq. (Dan 6,11). Ġesù jinżel għarkopptejh biss biex jitlob fl-Ort tal-Ġetsemani (Lq 22,41), “nxteħet fl-art” (Mk 14,35), “wiċċu fl-art” (Mt 26,39). Dan il-ġest jinsab ukoll f’muemnti solenni bħal: Stiefnu x’ħin jaħfer lill-qattiela (Atti 7,60); Pietru qabel ma jqajjem lil Tabita (At 9,40); Pawlu wara d-diskors twil li fih isellem għal-aħħar darba lill-presbiteri t’Efesu (At 20,35); il-poplu kollu flimkien ma’ Pawlu niżlu għarkopptejhom fuq ix-xatt qabel ma tela’ fuq il-ġifen (At 21,5).

Minn dan naraw li il-ġest li tinxteħet għarkopptejk hi pożizzjoni normali li tesprimi it-talb ta’ adorazzjoni.

*“Jiena ninżel għarkopptejja quddiem il-Missier li minnu tieħu isimha kull familja fis-sema u fl-art biex skond l-għana tal-glorja tiegħu, jagħtikom li bil-qawwa tiegħu permezz ta' l-Ispirtu tiegħu, tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa, u li Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi, biex tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom. B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond' l-imħabba ta' Kristu; tagħrfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla. Lil dak Alla li, bis-setgħa tiegħu li taħdem fina, għandu l-qawwa li jagħmel kollox bil-wisq iżjed milli aħna nistgħu nitolbu jew naħsbu, lilu l-glorja fil-Knisja u permezz ta' Kristu Ġesù, għal kemm itulu ż-żminijiet, għal dejjem ta' dejjem. Amen.” (Ef 3,14-21)*

Mela meta ninżel għarkopptejja niftakar li jien maħluq, u li l-Ħallieq, permezz ta’ Ibnu għamilni qaddis. Hu ma jitlobx minni li jien nidher, li nkun kbir jew li nagħmel xi ħaġa straordinarja. Jien nista’ nħossni fi żgur u rejalizżat fil-ħajja ordinarja ta’ kuljum bil-kapaċitajiet li jien għandi. Alla ma jpoġġinix f’sitwazzjoni ta’ stress. Li tinżel għarkopptjk quddiem Alla jfisser ukoll li tkun kapaċi taċċetta id-dgħufija tiegħek, u tkun kapaċi taċċetta li xi ħadd jagħtik l-għajnuna.

## 5. Ċelebrazzjoni Penitenzjali



**Finalità**

Wara din il-mixja qasira biex nerġgħu niskopru l-Fidi, iċ-ċelebrazzjoni tal-Kredu tagħna hi punt importanti li permezz tiegħu nippruvaw nikkomunikaw ma' Alla Missier. Din iċ-ċelebrazzjoni hi indirizzata biex permezz ta' talb, riflessjoni, flimkien ma' ġest u impenn li jsiru mill-istudenti huma jingħaqdu ma' dawk kollha li jħaddnu l-istess fidi u ma jistħux jgħixuha.

**Skop**

L-adolexxenti jaslu li juru lil Alla x-xewqa u l-impenn tagħhom li jkunu xhieda kuraġġjużi li mingħajr mistħija jgħixu l-fidi mwassla lilna minn Ġesù Kristu.

**Materjal**

1. Mappa tad-dinja jew atlas
2. Backround music
3. Salib (ikun sabiħ jekk jiġi iffurmat minn xemgħa mixgħula)
4. Xemgħa (għal fuq l-atlas jew mappa)
5. Maskri tal-kartun (semplici)
6. Salib żgħir stampat fuq kartonċin u fuq wara stampat il-kredu tal-appostli (għal kull membru)
7. Projector, computer, sound (optional)
8. Videos minn youtube (optional)

N.B. Din iċ-ċelebrazzjoni mhux bilfors issir fil-knisja, imma tista' issir ukoll fis-sala tal-grupp. Dan għaliex il-fidi mhix xi ħaġa marbuta biss mal-knisja bħala tempju imma tkompli f'kull post u ħin.

**Iċ-Ċelebrazzjoni**

*Il-kamra titħejja billi fiċ-ċentru tagħha jitpoġġew:*

- *Is-salib*
- *Il-mappa jew atlas miftuħ b'xemgħa mitfija fuqu*
- *Iċ-ċestin bil-maskri tal-karti*
- *Iċ-ċestin bis-slaleb stampati*

✓ **KANT TAL-BIDU**

*(Waqt dan il-mument jitħalla dawl baxx bi ftit backround music)*

✓ **QARI: MARTRI TA' ŻMIENNA**

Mill-mewt ta' Kristu sallum (2013), fid-dinja ġew maqtula madwar 70 miljun kristjan. Fl-għoxrin seklu li għaddew, 220 pajjiż sabu ruħhom teatru ta' persekuzzjoni kontra il-kristjani. Fis-seklu 20 biss, ġew maqtula 45 miljuni ta' kristjani. Ħafna iżjed huma dawk ippersegwitati, jiġifieri dawk li jbatu minn nuqqas ta' libertà reliġjuża: dawk li ma jistgħux jiftħu knisja, jew ma jistgħux jipparteċipaw għal ċelebrazzjoni pubblika jew jistampaw il-bibbja u l-kotba tal-liturġija.
*"Meta kont qed nagħmel ir-riċerka tiegħi, dak li laqatni u saħansitra qabbiżli d-dmugħ hi l-preżenza kristjana fid-diversi pajjiżi. Jien konvint li illum, anki jekk huma ma jafux, fid-dinja qed jiġri dak li ġara lil Ġesù f'Ġerusalemm: ġie torturat, mgħoddi biż-żmien, maqtul, bil-qawwiet kollha tal-bniedem kotra tiegħu, filwaqt li ħafna baqgħu indifferenti. Hu stess kien qal lid-dixxipli tiegħu: "Qed nibgħatkom bħal ħrief qalb l-ilpup".*
(minn intervista lil Antonio Socci, awtur tal-ktieb "L-ippersegwitati ta' żmienna")

✓ **SALM 103** (jista' isir xi salm jew innu ieħor floku. Eż. Salm 116 – Fiduċja sħiħa fil-Mulej)

Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej!
B'qalbi kollha nbierek l-isem qaddis tiegħu.
Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej,
u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek.

Hu li jaħfer dnubietek kollha;
ifejjaq il-mard tiegħek kollu;
jifdi lil ħajtek mill-qabar;
iħaddnek bit-tjieba u l-ħniena;
ixabba' bil-ġid snin ħajtek,
u bħal ta' l-ajkla tiġġedded żgħożitek.

Il-Mulej jagħmel is-sewwa,
u l-ħaqq mal-maħqurin kollha.
Hu għarraf lil Mosè l-ħsieb tiegħu,
l-għemejjel tiegħu lil ulied Iżrael.

Ħanin u twajjeb il-Mulej,
idum ma jagħdab u kollu mogħdrija.
Ma joqgħodx jitlewwem magħna,
u anqas jinkorla għal dejjem.
Ma mexiex magħna skond ma ħaqqhom ħtijietna;
ma ħallasniex skond ma ħaqqha ħżunitna.

Daqskemm huma s-smewwiet 'il fuq mill-art,
hekk hi kbira tjubitu ma' min jibża' minnu;
daqs kemm hu mbiegħed il-lvant mill-punent,
hekk hu jbiegħed minna ħtijietna.

Bħalma jħenn il-missier għal uliedu,
hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-biża' tiegħu.
Għax hu jaf kif aħna magħġuna,
jiftakar li aħna trab.

Bħall-ħaxix il-ħajja tal-bniedem,
bħall-fjur tar-raba', hekk jikber.
Tgħaddi ż-żiffa minn fuqu, u jispiċċa,
u ħadd aktar ma jagħraf fejn kien.

Imma t-tjieba tal-Mulej minn dejjem,
għal dejjem ma' dawk li għandhom il-biża' tiegħu,
u s-sewwa tiegħu ma' wlied uliedhom;
ma' dawk li jħarsu l-patt tiegħu,
u jiftakru fil-preċetti tiegħu u jħarsuhom.
Waqqaf il-Mulej it-tron tiegħu fis-sema,
u saltnatu fuq kollox taħkem.

Bierku l-Mulej, anġli tiegħu kollha, setgħana u qawwija
li tagħmlu l-ordni tiegħu, malli tisimgħu leħen il-kelma tiegħu.
Bierku l-Mulej, eżerċti tiegħu kollha,
qaddejja tiegħu, li tagħmlu r-rieda tiegħu.
Bierku l-Mulej, għemejjel tiegħu kollha,
kullimkien fis-saltna tiegħu.
Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej!

✓ **MILL-EVANĠELJU MQADDES SKONT SAN MARK (8,34-38)**

*34Sejjaħ lejh in-nies flimkien mad-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja. 35Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi u ta' l-Evanġelju, isalvaha. 36Għax x'jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu? 37Xi prezz jista' jagħti l-bniedem biex isalva ħajtu? 38Għax jekk xi ħadd, minn dan in-nisel żieni u midneb ta' llum, għad jistħi minni u minn kliemi, Bin il-bniedem ukoll għad jistħi minnu meta jiġi fil-glorja ta' Missieru flimkien ma' l-anġli mqaddsa."*

✓ **TQASSIM TAL-MASKRI**



*(Jitqassmu l-maskri tal-karti lil kull student.)*

Il-maskra hija simbolu tal-mistħija li kultant aħna l-kristjani tant insofru minnha. Il-maskra ma turix min jien verament. Kultant fil-ħajja tagħna nistħu nuru wiċċna bħala kristjani u bħala nies li nemmnu.

Għal dan il-mument jista' jituża' ***video clip*** qasir minn *youtube* bl-isem *'Identity'* http://www.youtube.com/watch?v=ikGVWEvUzNM Dan il-clip huwa ftit riflessiv għalhekk aħjar jintuża ma' studenti kbar : 16+. Dan il-clip juri b'mod simboliku il-biża' li nuri jien min jien. Permezz tal-allegorija tal-għar ta' Platun juri li l-maskra sabiħa kemm hi sabiħa tagħlaq lill-persuna u titfilha il-personalità u l-individwalità tagħha.

Il-katekist f'dan il-mument jagħmel ħsieb żgħir biex iqajjem xi domandi fil-qalb ta' kull student dwar ix-xhieda.

Hu importanti li joħorġu żewġ punti :

1. **Jekk inħobb verament lil xi ħadd ma nistħix nurih lil-oħrajn**. Għal ħafna Kristjani Ġesù u l-imħabba tiegħu huma magħluqin wara l-bibien tal-knisja. Huma jistħu juruh fl-ambjent tax-xogħol. Jistħu jgħidu li meta xi ħadd jidgħi qed iweġġa' lilhom għax qed iwaqqa' għaċ-ċajt lil dak li huma jħobbu u jemmnu fih. Jibżgħu jimxu skond il-valuri ta' Ġesù għax illum, jekk taħfer int baħnan u tirriskja li jidħku bik. Allura imbagħad jiġri li wara ftit l-imħabba u l-fidi jibdew jonqsu għax nħossni kontinwament traditur ta' din l-imħabba.

   Min jilbes il-maskra jistħi ukoll minnu nnifsu. Jara lilu nnifsu kif inhu bħala "mhux ta' quddiem in-nies". Għalhekk hu jonqos ukoll lilu nnifsu għax jiċħad l-identità tiegħu u lill-oħrajn għax jonqos milli jkun sinċier.

2. **Liema huma l-biżgħat li jġiegħluni nilbes il-maskra.** Tista' ssir speċi ta' diskussjoni qasira dwar il-biża' li nuri dak li nemmen. Il-katekist bħal dejjem irid ikun ftit preparat għar-

risposti li jistgħu joħorġu mingħajr ma jiġġudika. Dawn huma espressjonijiet tal-qalb li ħafna minnhom juru stat ta' tfittxija u għalhekk jistgħu jpoġġu fid-dubju kollox.

✓ **EŻAMI TAL-KUXJENZA, ATT PENITENZJALI, RIFLESSJONI FIS-SKIET**

*(Tinxtegħel l-backround music fil-baxx u l-istudenti jiġu mistiedna jaħsbu d-dnubiet tagħhom marbuta mal-maskri tal-ħajja.)*

Wara ftit mumenti, jingħad bil-mod l-att penitenzjali: *Nistqarr 'l Alla li jista' kollox ...*

*(Wara dan, jista' jibda l-qrar filwaqt li jitkompla l-mument ta' riflessjoni. Jekk ikun hemm lok, tista' tinqara kultant xi silta mis-salm 51.)*

**Salm 51**
Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.
Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;
naddafni mid-dnub tiegħi.

Għax jien nagħrafhom ħtijieti;
id-dnub tiegħi dejjem quddiemi.
Kontrik biss jiena dnibt,
u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt.

Hekk jingħaraf is-sewwa tal-kelma tiegħek,
u bla tebgħa jidher il-ħaqq tiegħek.
Ara, jiena ssawwart fil-ħtija,
u fid-dnub nisslitni ommi.

Int li tħobb il-qalb sinċiera,
għallimni l-għerf fil-fond ta' qalbi.
Roxxni bl-ilma, u nissaffa;
aħsilni, u aktar mis-silġ nibjad.

Agħmel li nisma' l-ferħ u l-hena,
biex għadmi, li int sħaqt, jithenna.
Dawwar wiċċek minn ħtijieti;
ħassar ħżuniti kollha.

Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija.
La twarrabnix minn quddiemek;
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek.
Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek,
u bi spirtu qalbieni wettaqni.
Lill-midinbin ngħallem triqatek,
u l-ħatjin lejk jerġgħu lura.

Eħlisni mill-piena tal-mewt, o Alla,
Alla tas-salvazzjoni tiegħi;

u lsieni jfaħħar il-ġustizzja tiegħek.
Iftaħli xufftejja, Sidi,
u fommi jxandar it-tifħir tiegħek.
Għax lilek ma jogħġbokx is-sagrifiċċju;
noffrilek vittmi maħruqa, u ma tilqagħhomx.
Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb niedma;
qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla.

Agħmel il-ġid lil Sijon fi tjubitek;
erġa' ibni l-ħitan ta' Ġerusalemm.
Mbagħad tilqa' bil-qalb vittmi xierqa,
sagrifiċċji ta' vittmi maħruqa u mitmuma;
mbagħad joffrulek għoġiela fuq l-artal tiegħek.

Jista' jintwera ukoll bħala riflessjoni il-video clip: **"The Cross":**
http://www.youtube.com/watch?v=qQ-9llA0rw8

- ✓ **GĦELUQ**

Bħala ġest finali, wara li jispiċċa l-qrar, min jixtieq, ipoġġi l-maskra lura fiċ-ċestin filwaqt li jieħu miegħu salib bil-kredu stampat wara. Is-salib huwa l-impenn li l-istudent jieħu biex ma jistħix ifittex li jsir jaf iżjed dwar il-fidi tiegħu u ma jistħix mill-fidi tiegħu. L-istudenti jistgħu jiġu mistiedna jaħsbu f'sitwazzjoni konkreta fejn jixtiequ ma jistħux iżjed mill-fidi tagħhom u għalhekk jimpenjaw ruħhom fiha.

Wara dan, il-katekist jixgħel x-xemgħa ta' fuq l-atlas, b'sinjal li fid-dinja il-grupp tagħna se jkun dawl permezz tax-xhieda ta' kull membru li Alla jeżisti u jħobb lil kull bniedem.

Bħala għeluq jista jsir xi innu adattat bħal ***"Għal għonq it-triq"*** jew tista' tintuża d-diska ***"Make me a channel of your peace"*** fuq:
http://www.youtube.com/watch?v=sE9std-lwXQ

**Talba tal-Missierna.**

**Jekk ikun hemm saċerdot, tingħata l-barka.**

## WERREJ

Daħla ........ 1

TĦABBIRA TAR-RANDAN
1. Messaġġ tal-Q.T. Benedittu XVI għar-Randan 2013 ........ 2
2. Kif ngħixu r-Randan ........ 5

L-EWWEL TAQSIMA: TEOLOĠIJA BIBLIKA
3. Il-fidi f'Ġesù Rxoxt fl-Ittri ta' San Pawl ........ 10
4. Il-Qsim tal-Ħobż – *In fractione panis* ........ 13
5. Il-Knisja ġemgħa ta' fidi ........ 15
6. It-trażmissjoni tal-fidi fiż-żmien apostoliku ........ 20

IT-TIENI TAQSIMA: GĦAJNUNA GĦAT-TALB PERSONALI JEW FI GRUPP
7. Meditazzjonijiet fuq il-Qari tal-Ħdud tar-Randan (Sena Ċ) ........ 30
    1. L-Ewwel Ħadd ........ 30
    2. It-Tieni Ħadd ........ 34
    3. It-Tielet Ħadd ........ 35
    4. Ir-Raba' Ħadd ........ 38
    5. Il-Ħames Ħadd ........ 41

IT-TIELET TAQSIMA: GĦAJNUNA GĦALL-KATEKEŻI
8. Aħna nxandru 'l Kristu Msallab ........ 43
    1. Kap 1 - Kull ilsien jistqarr Ġesù Kristu hu l-Mulej! ........ 43
    2. Kap 2 - Alla hekk ħabb id-dinja ........ 48
    3. Kap 3 - Intom qtiltu lil Ġesù ta' Nazaret ........ 52
    4. Kap 4 - Mgħammdin fil-mewt tiegħu ........ 56
    5. Kap 5 - Mislub fid-dgħufija, Kristu jgħix fil-qawwa t'Alla ........ 59

9. Eżerċizzi tar-Randan għaż-Żgħażagħ ........ 62
    1. L-Ewwel Meditazzjoni ........ 62
    2. It-Tieni Meditazzjoni ........ 66
    3. It-Tielet Meditazzjoni ........ 71
    4. Ir-Raba' Meditazzjoni ........ 75
    5. Il-Ħames Meditazzjoni ........ 79

10. Katekeżi mat-Tfal ........ 83
    1. Ilkoll Ħaġa Waħda ........ 83
    2. Nippreparaw għall-Għid il-Kbir ........ 85
    3. Inkunu Dixxipli ........ 88

IR-RABA' TAQSIMA: ĊELEBRAZZJONIJIET U LAQGĦAT
11. Via Crucis Biblika ........ 91

12. ¿ALLA? (Proposti għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ) ................................ 96
1. ¿Alla? ........................................................................................ 98
2. “Missierna” ................................................................................ 101
3. Dixxipli ... kif? ........................................................................... 107
4. “Is-Sinjali tal-Quddiesa” .............................................................. 110
5. Ċelebrazzjoni Penitenzjali ............................................................ 114